# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 90

Volum 65

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

18 ta' Marzu 2022


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/439 tal-20 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu meta jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni** ([1]) ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/440 tas-16 ta' Marzu 2022 li jemenda l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer** ([1]) ..... 67

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/441 tas-17 ta' Marzu 2022 li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa** ([1]) ..... 105


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/442 tal-21 ta' Frar 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri** ..... 116

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/443 tat-3 ta' Marzu 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emendar tal-Anness IV (L-Enerġija) għall-Ftehim ŻEE (Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija)** ([1]) ..... 118


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/444 tat-28 ta' Ġunju 2021 dwar l-iskema ta' għajnuniet mill-istat SA.49414 (2020/C) (ex 2019/NN) implimentata minn Franza għall-operaturi tal-infrastrutturi ta' ħażna ta' gass naturali** *(notifikata bid-dokument C(2021) 4494)* ([1]) ........ 122

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/445 tal-15 ta' Marzu 2022 li temenda l-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra** ........ 163

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/446 tal-15 ta' Marzu 2022 li temenda l-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino** ........ 180

★ **Deċiżjoni (UE) 2022/447 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2011/15/UE li tikkonċerna l-ftuħ ta' kontijiet għall-ipproċessar ta' ħlasijiet b'rabta ma' self mill-EFSF lil Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2022/10)** ........ 197

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/439

**tal-20 ta' Ottubru 2021**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu meta jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikulari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 144(2), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 173(3) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 180(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-rekwiżit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ Ibbażat Fuq Klassifikazzjonijiet Interni (IRB) jirrigwarda r-rekwiżiti kollha għall-użu tal-Approċċ IRB, irrispettivament mill-grad ta' materjalità tagħhom, u jikkonċerna l-konformità mar-rekwiżiti f'kull ħin. Bħala riżultat ta' dan, dak ir-rekwiżit ma jirrigwardax biss il-valutazzjoni tal-applikazzjoni inizjali ta' istituzzjoni għall-permess biex tuża s-sistemi ta' klassifikazzjoni għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, iżda wkoll: għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe applikazzjoni addizzjonali ta' istituzzjoni għall-permess biex tuża s-sistemi ta' klassifikazzjoni implimentati skont il-pjan approvat tal-istituzzjoni ta' implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB; għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni għal bidliet materjali fl-approċċi interni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess biex tuża f'konformità mal-Artikolu 143(3) ta' dak ir-Regolament u tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 529/2014 ([2]); għal bidliet fl-Approċċ IRB li jeħtieġu notifika f'konformità mal-Artikolu 143(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 529/2014; għar-rieżami kontinwu tal-Approċċ IRB li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża f'konformità mal-Artikolu 101(1) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]); għall-

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 529/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-ivvalutar tal-materjalità ta' estensjonijiet u ta' bidliet tal-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Interna u l-Approċċ ta' Kejl Avvanzat (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 36).

([3]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-permess biex istituzzjoni terġa' lura għall-użu ta' approċċi inqas sofistikati f'konformità mal-Artikolu 149 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw l-istess kriterji għal dawn l-aspetti partikolari kollha tal-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ IRB. Għalhekk jenħtieġ li r-regoli li jistabbilixxu dik il-metodoloġija ta' valutazzjoni japplikaw għal dawk il-każijiet kollha, sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji ta' valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u jiġi evitat ir-riskju ta' arbitraġġ regolatorju.

(2) Il-metodoloġija ta' valutazzjoni jenħtieġ li tikkonsisti f'metodi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw, kemm b'mod fakultattiv jew inkella b'mod obbligatorju, u tipprevedi kriterji li huma soġġetti għall-verifika mill-awtoritajiet kompetenti.

(3) Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni konsistenti tal-konformità mar-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati għall-użu tal-Approċċ IRB fl-Unjoni kollha, huwa neċessarju li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw l-istess metodi għal dik il-valutazzjoni. Bħala riżultat ta' dan, hemm bżonn li jiġi stabbilit sett ta' metodi li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti kollha. Madankollu, minħabba n-natura tal-valutazzjoni tal-mudell u d-diversità u l-partikolaritajiet tal-mudelli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw ukoll id-diskrezzjoni superviżorja tagħhom fl-applikazzjoni ta' dawk il-metodi fir-rigward tal-mudelli speċifiċi li jkunu qed jiġu eżaminati. Jenħtieġ li l-metodoloġija ta' valutazzjoni f'dan ir-Regolament tispeċifika l-kriterji minimi biex l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ IRB u tistabbilixxi l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw kwalunkwe kriterju rilevanti ieħor meħtieġ għal dak il-għan. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet fejn l-awtorità kompetenti tkun wettqet valutazzjonijiet reċenti ta' sistemi ta' klassifikazzjoni simili fl-istess klassi ta' skoperturi, huwa xieraq li jiġi permess l-użu tar-riżultati ta' tali valutazzjonijiet, minflok ma l-awtorità kompetenti jkollha tirrepetihom, jekk l-awtorità kompetenti, wara li tkun applikat id-diskrezzjoni tagħha, issib li jkunu għadhom sostanzjalment l-istess. Dan għandu jevita l-kumplessità, il-fatturi ta' ponderazzjoni bla bżonn u d-duplikazzjoni tax-xogħol.

(4) Jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ IRB għal skopijiet oħra għajr l-applikazzjoni inizjali għall-awtorizzazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw biss dawk ir-regoli li huma rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni għal dawk l-għanijiet l-oħra u f'kull każ jenħtieġ li jużaw il-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet preċedenti bħala l-punt tat-tluq.

(5) Meta l-valutazzjoni tkun relatata ma' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, japplikaw l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 ta' dak l-Artikolu fir-rigward tal-proċess deċiżjonali konġunt.

(6) L-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jivverifikaw il-konformità tal-istituzzjonijiet mar-rekwiżiti regolatorji speċifiċi għall-użu tal-Approċċ IRB, kif ukoll jivvalutaw il-kwalità ġenerali tas-soluzzjonijiet, tas-sistemi u tal-approċċi implimentati minn istituzzjoni, u jitolbu titjib u adattamenti kostanti għal tibdil fiċ-ċirkostanzi sabiex tinkiseb konformità kontinwa ma' dawk ir-rekwiżiti. Fil-biċċa l-kbira tagħha, tali valutazzjoni teħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom. Ir-regoli għall-metodoloġija ta' valutazzjoni jenħtieġ li, minn naħa waħda, jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom billi jwettqu kontrolli addizzjonali għal dawk speċifikati f'dan ir-Regolament, skont kif ikun meħtieġ, u, min-naħa l-oħra, jenħtieġ li jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-komparabbiltà tal-prattiki superviżorji f'ġurisdizzjonijiet differenti. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-flessibbiltà meħtieġa biex japplikaw l-aktar metodu fakultattiv xieraq jew kwalunkwe metodu neċessarju ieħor biex jivverifikaw rekwiżiti partikolari, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, il-materjalità tat-tipi ta' skoperturi koperti minn kull sistema ta' klassifikazzjoni, il-kumplessità tal-mudelli, il-partikolaritajiet tas-sitwazzjoni, is-soluzzjoni speċifika implimentata mill-istituzzjoni, il-kwalità tal-evidenza pprovduta mill-istituzzjoni kif ukoll ir-riżorsi disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti nfushom. Barra minn hekk, għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu testijiet u verifiki addizzjonali neċessarji f'każ ta' dubji dwar is-sodisfar tar-rekwiżiti tal-Approċċ IRB f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li jqisu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju u tal-istruttura ta' istituzzjoni.

(7) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u l-komprensività tal-valutazzjoni tal-Approċċ IRB kumplessiv, fil-każ ta' talbiet sussegwenti għall-awtorizzazzjoni abbażi tal-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali approvat ta' istituzzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tal-anqas fuq ir-regoli dwar it-test tal-użu u tal-esperjenza, l-assenjazzjoni għal gradi jew aggregazzjonijiet, is-sistemi ta' klassifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tar-riskju, peress li dawn l-aspetti tal-valutazzjoni huma relatati ma' kull sistema ta' klassifikazzjoni individwali tal-Approċċ IRB.

(8) Sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Approċċ IRB, jenħtieġ li s-sistemi ta' klassifikazzjoni u l-proċessi relatati kollha jiġu vverifikati meta istituzzjoni tkun iddelegat il-kompiti, l-attivitajiet jew il-funzjonijiet relatati mad-disinn, mal-implimentazzjoni u mal-validazzjoni ta' sistemi ta' klassifikazzjoni lil parti terza jew tkun kisbet sistema ta' klassifikazzjoni jew *data* aggregata minn bejjiegħ terz. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi vverifikat li ġew implimentati l-kontrolli adegwati fl-istituzzjoni u hemm dokumentazzjoni sħiħa disponibbli. Barra minn hekk, peress li fl-aħħar mill-aħħar il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni huwa responsabbli għall-proċessi delegati u għall-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni miksuba minn bejjiegħ terz, jenħtieġ li jiġi vverifikat li, internament, l-istituzzjoni għandha fehim suffiċjenti tal-proċessi ddelegati u tas-sistemi ta' klassifikazzjoni mixtrija. Għalhekk jenħtieġ li l-kompiti, l-attivitajiet u l-funzjonijiet kollha delegati u s-sistemi ta' klassifikazzjoni miksuba mill-bejjiegħa terzi jiġu vvalutati mill-awtoritajiet kompetenti b'mod simili bħal meta l-Approċċ IRB ikun ġie żviluppat kollu kemm hu permezz tal-proċessi interni tal-istituzzjoni.

(9) Sabiex jiġi evitat li l-istituzzjonijiet jikkompletaw biss parzjalment l-implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB għal perjodu ta' żmien estiż, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw l-adegwatezza tal-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-hekk imsejjaħ "pjan ta' implimentazzjoni", il-konformità ma' din l-iskadenza u l-ħtieġa ta' tibdil fil-pjan ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li jiġi vverifikat li l-iskoperturi kollha koperti mill-pjan ta' implimentazzjoni għandhom perjodu ta' żmien massimu definit u raġonevoli għall-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB.

(10) Huwa importanti li tiġi vvalutata r-robustezza tal-funzjoni ta' validazzjoni u b'hekk l-indipendenza mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, il-kompletezza, il-frekwenza u l-adegwatezza tal-metodi u tal-proċeduri u s-solidità tal-proċess ta' rapportar sabiex jiġi vverifikat li ssir valutazzjoni oġġettiva tas-sistemi ta' klassifikazzjoni u li hemm inċentiv limitat biex jinħbew in-nuqqasijiet u d-dgħufijiet tal-mudell. Meta jkunu qed jivverifikaw jekk hemmx livell adegwat ta' indipendenza tal-funzjoni ta' validazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu d-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni.

(11) Peress li s-sistemi ta' klassifikazzjoni huma fundamentali għall-Approċċ IRB, u l-kwalità tagħhom jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-livell tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, jenħtieġ li l-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tiġi rieżaminata regolarment. Minħabba li l-istimi tal-parametri tar-riskju jridu jkunu soġġetti għal mill-inqas rieżami fis-sena u li jenħtieġ li s-sistemi ta' klassifikazzjoni jiġu vvalutati regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u mill-uffiċċju tal-awditjar intern, u minħabba li, sabiex dan il-kompitu jitwettaq, hemm bżonn ta' input mill-funzjoni ta' validazzjoni, huwa xieraq li jiġi vverifikat li l-validazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni li jkopru l-portafolji materjali u l-ittestjar retrospettiv tas-sistemi l-oħra kollha ta' klassifikazzjoni ssir mill-inqas darba fis-sena.

(12) L-oqsma kollha tal-Approċċ IRB għandhom ikunu effettivament koperti mill-awditjar intern. Madankollu, jenħtieġ li jiġi vverifikat li r-riżorsi tal-awditjar intern jintużaw b'mod effiċjenti b'enfasi fuq l-aktar oqsma riskjużi. Ċerta flessibbiltà hija importanti b'mod partikolari fil-każ ta' istituzzjonijiet li jużaw għadd kbir ta' sistemi ta' klassifikazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li jsiru rieżamijiet annwali sabiex jiġu ddeterminati l-oqsma li jeħtieġu rieżamijiet aktar bir-reqqa matul is-sena.

(13) Sabiex jiġi żgurat livell minimu ta' armonizzazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-kamp ta' applikazzjoni tal-użu tas-sistemi ta' klassifikazzjoni (l-hekk imsejjaħ "test tal-użu"), l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li s-sistemi ta' klassifikazzjoni jiġu inkorporati fil-proċessi rilevanti tal-istituzzjoni fi ħdan il-proċessi usa' tal-ġestjoni tar-riskju, il-proċessi tal-approvazzjoni tal-krediti u dawk deċiżjonali, l-allokazzjoni tal-kapital intern, u l-funzjonijiet ta' governanza korporattiva. Dawn huma oqsma bażiċi fejn il-proċessi interni jeħtieġu l-użu ta' parametri tar-riskju, għalhekk jekk ikun hemm differenzi bejn il-parametri tar-riskju użati f'dawk l-oqsma u dawk użati għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, jenħtieġ li jiġi vverifikat li dawn ikunu ġustifikati.

(14) Fir-rigward tar-rekwiżiti tat-test tal-esperjenza, filwaqt li jivvalutaw jekk is-sistemi ta' klassifikazzjoni użati mill-istituzzjoni qabel l-applikazzjoni għall-użu tal-Approċċ IRB kinux "ġeneralment konformi" mar-rekwiżiti IRB, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw b'mod partikolari li tal-anqas matul it-tliet snin qabel l-użu tal-Approċċ IRB, is-sistema ta' klassifikazzjoni kienet qed tintuża fil-proċessi interni tal-kejl u tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni u kienet soġġetta għal monitoraġġ, validazzjoni interna u awditjar intern. Tali speċifikazzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni hija meħtieġa biex jiġi żgurat livell minimu ta' armonizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li s-sistemi ta' klassifikazzjoni ġew tal-anqas implimentati fl-aktar oqsma bażiċi ta' użu biex jiżguraw li effettivament l-istituzzjoni kienet qed tuża s-sistemi ta' klassifikazzjoni u li kemm il-persunal kif ukoll il-maniġment draw dawk il-parametri u jifhmu sew xi jfissru kif ukoll id-dgħufijiet tagħhom. Fl-aħħar nett, il-monitoraġġ, il-validazzjoni u l-awditjar intern matul il-perjodu ta' esperjenza jenħtieġ li juru li s-sistemi ta' klassifikazzjoni kienu konformi mar-rekwiżiti bażiċi tal-Approċċ IRB u li bil-mod il-mod dawn ġew imtejba matul dak iż-żmien.

(15) L-indipendenza tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-iskoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet hija meħtieġa għal skoperturi mhux fil-livell tal-konsumatur minħabba li ġeneralment il-proċess jeħtieġ l-applikazzjoni tal-ġudizzju uman. Fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, normalment il-proċess ta' assenjazzjoni jkun kompletament awtomatiku, u bbażat fuq informazzjoni oġġettiva dwar id-debitur u t-tranżazzjonijiet tiegħu. Il-korrettezza tal-proċess ta' assenjazzjoni hija żgurata permezz tal-implimentazzjoni xierqa tas-sistema ta' klassifikazzjoni fis-sistemi u fil-proċeduri tal-IT tal-istituzzjoni. Madankollu, jekk ikunu permessi prevalazzjonijiet, il-proċess ta' klassifikazzjoni għandu jinkludi l-applikazzjoni tal-ġudizzju uman. B'riżultat ta' dan, u minħabba li dawk responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid tal-iskoperturi huma tipikament inklinati li jassenjaw klassifikazzjonijiet aħjar sabiex iżidu l-bejgħ u l-volumi ta' krediti, meta jintużaw prevalazzjonijiet, inkluż fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, jenħtieġ li jiġi vverifikat li l-assenjazzjoni tkun ġiet approvata minn individwu jew minn kumitat indipendenti mill-persuni responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid tal-iskoperturi.

(16) Meta l-klassifikazzjonijiet ikunu ilhom aktar minn 12-il xahar li saru jew meta r-rieżami tal-assenjazzjoni ma jkunx twettaq fi żmien debitu skont il-politika tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li jkunu twettqu aġġustamenti konservattivi f'termini tal-kalkolu tal-assi ponderati għar-riskju. Ir-raġunijiet għal dan huma multipli. Jekk il-klassifikazzjoni tkun skaduta jew tkun ibbażata fuq informazzjoni antika, il-valutazzjoni tar-riskju tista' ma tkunx akkurata. B'mod partikolari, jekk is-sitwazzjoni tad-debitur tkun iddeterjorat matul l-aħħar 12-il xahar, dan ma jkunx rifless fil-klassifikazzjoni, u r-riskju jkun sottovalutat. Barra minn hekk, skont ir-regola ġenerali relatata mal-istima tal-parametri tar-riskju, meta l-istima tal-parametri tar-riskju tkun ibbażata fuq *data* jew suppożizzjonijiet insuffiċjenti, jenħtieġ li jiġi adottat marġni usa' ta' konservattiviżmu. Jenħtieġ li tapplika l-istess regola għall-proċess ta' assenjazzjoni ta' skoperturi għal gradi jew għal aggregazzjonijiet, jiġifieri fejn dan il-proċess ta' assenjazzjoni ma jkunx qies biżżejjed informazzjoni, jenħtieġ li fil-kalkolu tal-fatturi ta' ponderazzjoni tar-riskju jiġi adottat konservattiviżmu addizzjonali. Jenħtieġ li ma jiġix speċifikat il-metodu tal-applikazzjoni ta' konservattiviżmu addizzjonali fil-kalkolu tal-fatturi ta' ponderazzjoni tar-riskju peress li l-istituzzjoni tista' jew taġġusta direttament il-klassifikazzjoni, l-istima tal-parametru tar-riskju jew inkella l-fattur ta' ponderazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-aġġustament ikun proporzjonali għat-tul tal-perjodu li matulu l-klassifikazzjoni jew l-informazzjoni sottostanti tal-klassifikazzjoni tkun antika.

(17) L-istituzzjonijiet huma rikjesti jiddokumentaw id-definizzjonijiet speċifiċi ta' inadempjenza u ta' telf użati internament u jiżguraw il-konsistenza mad-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Meta jkunu qed jivvalutaw din il-konsistenza, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li l-istituzzjonijiet għandhom politiki ċari li jispeċifikaw meta debitur jew faċilità tikklassifika bħala inadempjenti. Dawn il-politiki jridu jkunu konsistenti mal-prinċipji ġenerali dwar l-identifikazzjoni ta' inadempjenza. L-EBA adottat Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Jenħtieġ li dawn il-politiki jiġu inkorporati wkoll fil-proċessi u fis-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet peress li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrikjedi b'mod partikolari li l-klassifikazzjonijiet interni, jiġifieri anke l-assenjazzjoni għal grad ta' klassifikazzjoni ta' inadempjenza, ikollhom rwol essenzjali fil-ġestjoni tar-riskju u fil-proċessi interni l-oħra ta' istituzzjoni, li jenħtieġ li anke huma jkunu soġġetti għal verifika mill-awtoritajiet kompetenti.

(18) L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' debitur u dwar l-iskoperturi f'inadempjenza u dawk mhux inadempjenti, hija l-bażi għall-proċessi interni tal-istituzzjoni, għall-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju u għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. Għalhekk, hemm bżonn li kemm l-identifikazzjoni tad-debituri inadempjenti kif ukoll il-proċess ta' riklassifikazzjoni tad-debituri inadempjenti għal status ta' mhux inadempjenti jkunu robusti u effettivi. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li l-proċess ta' riklassifikazzjoni prudenti jiżgura li meta l-istituzzjoni tkun qed tistenna li l-iskopertura x'aktarx se terġa' ssir inadempjenti fi żmien qasir id-debituri ma jiġux riklassifikati għal status ta' mhux inadempjenti.

(19) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jingħataw ħarsa ġenerali konsistenti u akkurata tas-sistemi ta' klassifikazzjoni li l-istituzzjoni kienet u għadha qed tuża kif ukoll it-titjib tas-sistemi ta' klassifikazzjoni maż-żmien, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-kompletezza tar-reġistru tal-verżjonijiet attwali u storiċi tas-sistemi ta' klassifikazzjoni użati mill-istituzzjoni ("reġistru tas-sistemi ta' klassifikazzjoni"). Filwaqt li jitqies il-fatt li r-rekwiżiti tat-test tal-esperjenza jirrigwardaw it-tliet snin qabel il-kunsiderazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' mudell intern, u li l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu rieżami ġenerali tal-mudell intern fuq bażi regolari, u mill-inqas kull tliet snin, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li tali reġistru tas-sistemi ta' klassifikazzjoni jkopri mill-inqas il-verżjonijiet tal-mudelli interni użati mill-istituzzjoni matul it-tliet snin preċedenti.

(20) Il-ġudizzju uman jiġi applikat f'diversi stadji tal-iżvilupp u tal-użu tas-sistemi ta' klassifikazzjoni. L-applikazzjoni raġonevoli tal-ġudizzju uman tista' ttejjeb il-kwalità tal-mudell u l-preċiżjoni tal-previżjonijiet tiegħu. Madankollu, peress li l-ġudizzju uman ibiddel l-istimi bbażati fuq l-esperjenza preċedenti b'mod suġġettiv, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-ġudizzju uman tkun soġġetta għal kontroll. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li l-applikazzjoni tal-ġudizzju uman hija ġġustifikata mill-kontribut pożittiv tagħha għall-akkuratezza tal-previżjonijiet. Għalhekk, għadd kbir ta' prevalazzjonijiet tar-riżultati tal-mudell jista' jindika li xi informazzjoni importanti ma ġietx inkluża fis-sistema ta' klassifikazzjoni. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li l-istituzzjonijiet janalizzaw l-għadd ta' prevalazzjonijiet u l-ġustifikazzjoni tagħhom fuq bażi regolari u li kwalunkwe dgħufija identifikata tal-mudell tiġi indirizzata b'mod adegwat fir-rieżami tal-mudell.

(21) Fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw jekk l-istituzzjoni adottatx marġni suffiċjenti ta' konservattiviżmu fl-istimi tagħha tal-parametri tar-riskju. Dan il-marġni ta' konservattiviżmu jenħtieġ li jqis kwalunkwe nuqqas identifikat fid-*data* jew fil-metodi użati fil-kwantifikazzjoni tar-riskju u kwalunkwe żieda fl-inċertezza li tista' tirriżulta pereżempju mill-bidliet fil-politiki ta' self jew ta' rkupru. Meta istituzzjoni ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti għall-Approċċ IRB, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw jekk tissodisfax ir-rekwiżit li s-sistemi ta' klassifikazzjoni jiġu kkoreġuti fi żmien xieraq. Jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-marġni ta' konservattiviżmu ma tintużax bħala alternattiva għall-korrezzjoni tal-mudelli u biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tagħhom mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(22) Fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tar-riskju, idealment l-istimi tal-PD ikunu relattivament stabbli matul iż-żmien sabiex tiġi evitata ċ-ċikliċità eċċessiva tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li l-istimi tal-PD huma bbażati fuq il-medja fit-tul tar-rati annwali ta' inadempjenza. Barra minn hekk, peress li l-fondi proprji jenħtieġ li jgħinu lill-istituzzjonijiet jissopravivu fi żmien ta' stress, jenħtieġ li l-istimi tar-riskju jqisu d-deterjorament possibbli fil-kundizzjonijiet ekonomiċi anke fi żminijiet ta' prosperità. Fl-aħħar nett, kull meta jkun hemm żieda fl-inċertezza li tirriżulta minn *data* insuffiċjenti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li ġie adottat marġni addizzjonali ta' konservattiviżmu. Jekk it-tul tas-serje ta' żmien disponibbli ma jinkludix il-varjabilità mistennija tar-rati ta' inadempjenza, jenħtieġ li jiġu adottati metodi xierqa biex titqies id-*data* nieqsa.

(23) L-istima tal-LGD hija bbażata fuq l-LGDs medji realizzati ponderati bl-għadd ta' inadempjenzi. Jekk il-valur tal-iskopertura jkun motivatur tar-riskju rilevanti, jenħtieġ li dan jitqies fost motivaturi potenzjali oħra ta' riskju għas-segregazzjoni jew għad-differenzjazzjoni tar-riskju tal-LGD sabiex jiġi żgurat li l-parametru jiġi kkalkulat għal aggregazzjonijiet jew għal gradi ta' faċilità omoġenji. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li dan l-approċċ jiġi applikat b'mod adegwat, peress li jiżgura konsistenza mal-kalkolu tal-parametru tal-PD u applikazzjoni sinifikanti tal-formula tal-fattur ta' ponderazzjoni tar-riskju. Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħmel distinzjoni bejn il-metodu tal-istima tal-LGD għal skoperturi individwali għall-fini tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju u l-medja tal-istimi tal-LGD ikkalkulati fil-livell tal-portafoll. B'mod differenti mill-istima tal-LGD individwali, il-limitu minimu tal-LGD għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti bi proprjetà immobbli, applikat fil-livell tal-portafoll ġenerali, huwa definit bħala LGD medju ponderat skont l-iskopertura. Sabiex jiġu żgurati livelli adegwati ta' parametri tar-riskju għal skoperturi ggarantiti minn proprjetà immobbli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li l-livelli minimi tal-LGD jiġu applikati b'mod korrett.

(24) Skoperturi inadempjenti li, wara li jerġgħu lura għall-istatus ta' mhux inadempjenti, wara perjodu qasir jiġu riklassifikati bħala inadempjenti jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala inadempjenti mill-ewwel mument meta seħħet l-inadempjenza, peress li r-riklassifikazzjoni temporanja għal status ta' mhux inadempjenti x'aktarx tkun saret abbażi ta' informazzjoni mhux kompluta dwar is-sitwazzjoni reali tad-debitur. B'riżultat ta' dan, it-trattament ta' inadempjenzi multipli bħala inadempjenza unika jirrappreżenta aħjar l-esperjenza ta' inadempjenza reali. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li fl-istima tal-parametri tar-riskju, inadempjenzi multipli tal-istess

debitur f'perjodu ta' żmien qasir jiġu ttrattati bħala inadempjenza unika. Barra minn hekk, it-trattament ta' inadempjenzi multipli mill-istess debitur bħal inadempjenzi separati jista' jwassal għal żbalji sinifikanti fl-istimi tal-parametri tar-riskju, minħabba li rati ogħla ta' inadempjenza jwasslu għal stimi ogħla tal-PD. Min-naħa l-oħra, dan iwassal għas-sottovalutar tal-LGD, minħabba li l-ewwel inadempjenzi mid-debitur jiġu ttrattati bħala każijiet ta' kura mingħajr ebda telf relatat magħhom, meta fil-fatt l-istituzzjoni tkun ġarrbet telf. Barra minn hekk, minħabba r-rabta bejn l-istimi tal-PD u l-LGD u sabiex tiġi żgurata stima realistika tat-telf mistenni, jenħtieġ li t-trattament ta' inadempjenzi multipli jkun konsistenti għall-fini tal-istima tal-PD u tal-LGD.

(25) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni disponibbli għall-istituzzjoni fir-rigward tal-iskoperturi inadempjenti huwa sinifikament differenti minn dak li jirrigwarda l-iskoperturi produttivi. B'mod partikolari, hemm żewġ motivaturi tar-riskju addizzjonali disponibbli għall-iskoperturi inadempjenti, jiġifieri ż-żmien f'inadempjenza u l-irkupri realizzati. Għalhekk, l-istima tal-LGD li ssir qabel l-inadempjenza ma hijiex biżżejjed, minħabba li l-istimi tar-riskju jenħtieġ li jqisu l-motivaturi tar-riskju sinifikanti kollha. Barra minn hekk, fil-każ ta' skoperturi inadempjenti huwa diġà magħruf x'kienu l-kundizzjonijiet ekonomiċi fil-mument tal-inadempjenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-LGD għal skoperturi inadempjenti jirrifletti l-ammont tat-telf mistenni fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali u t-telf mhux mistenni possibbli li jista' jseħħ matul il-perjodu ta' rkupru. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li l-LGD għall-iskoperturi inadempjenti ("LGD inadempjenti") jiġi stmat direttament jew bħala total tal-aħjar stima tat-telf mistenni ("$EL_{BE}$") u supplimentazzjoni li tkopri t-telf mhux mistenni li jista' jseħħ matul il-perjodu ta' rkupru. Irrispettivament mill-approċċ applikat, l-istima tal-LGD inadempjenti jenħtieġ li tqis l-informazzjoni dwar iż-żmien fl-inadempjenza u l-irkupri mwettqa sal-ħin tal-istima u tikkunsidra bidla negattiva possibbli fil-kundizzjonijiet ekonomiċi matul it-tul mistenni tal-proċess ta' rkupru.

(26) Fil-każ ta' istituzzjonijiet li jużaw stimi proprji tal-LGD, jenħtieġ li r-rekwiżiti interni għall-immaniġġar tal-kollateral ikunu ġeneralment konsistenti mar-rekwiżiti tat-Taqsima 3, il-Kapitolu 4, it-Titolu II fil-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiffukaw fuq ir-rekwiżiti tal-valwazzjoni tal-kollateral u ċ-ċertezza tad-dritt minħabba li huwa importanti li tiġi żgurata valwazzjoni regolari u affidabbli tal-kollateral, u li l-valwazzjoni tirrifletti l-valur reali tas-suq skont il-kundizzjonijiet attwali tas-suq. Jenħtieġ li l-frekwenza u l-karattru tar-rivalwazzjoni jiġu aġġustati skont it-tip ta' kollateral, peress li evalwazzjoni skaduta jew inakkurata tista' twassal għas-sottovalutazzjoni tar-riskju relatat mal-iskoperturi ta' kreditu. Huwa kruċjali wkoll li jiġi żgurat li l-kollateral ikun legalment effettiv u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha. Fil-każ kuntrarju, jenħtieġ li l-iskopertura tiġi ttrattata bħala mhux garantita; jekk tali kollateral jiġi rikonoxxut fil-kwantifikazzjoni tar-riskju, dan jista' jwassal għas-sottovalutazzjoni tar-riskju.

(27) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li għall-finijiet tal-Approċċ IRB avvanzat, jiġifieri fejn jintużaw stimi proprji tal-LGD, il-garanti huma meqjusa eliġibbli meta jiġu kklassifikati bl-użu ta' sistema ta' klassifikazzjoni approvata skont l-Approċċ IRB; garanti oħrajn jistgħu jkunu eliġibbli wkoll, dment li dawn ikunu kklassifikati bħala istituzzjoni, gvern ċentrali jew bank ċentrali, jew entità korporattiva b'valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI, u l-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 3, il-Kapitolu 4, it-Titolu II fil-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li huma applikabbli wkoll għall-Approċċ Standardizzat.

(28) Fil-valutazzjoni tal-proċess tal-assenjazzjoni tal-iskoperturi għal klassijiet ta' skoperturi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għall-verifika mill-awtoritajiet kompetenti għall-assenjazzjoni ta' skoperturi għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur minħabba t-trattament preferenzjali tagħhom f'termini tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju. Xi klassijiet ta' skoperturi jiġu definiti abbażi tal-karatteristiċi tat-tranżazzjoni u oħrajn abbażi tat-tip ta' debitur; b'riżultat ta' dan, jista' jkun hemm skoperturi li jissodisfaw il-kriterji ta' aktar minn klassi waħda ta' skoperturi. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li l-istituzzjoni tapplika s-sekwenzjar korrett tal-klassifikazzjoni sabiex tiġi żgurata assenjazzjoni konsistenti u inekwivokabbli tal-iskoperturi għall-klassijiet tal-iskoperturi.

(29) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li r-riżultati tat-testijiet tal-istress jitqiesu fil-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kapital, minħabba li l-integrazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-istress fil-proċessi deċiżjonali tiżgura li x-xenarji u l-impatt tagħhom fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jiġu żviluppati u eżegwiti b'mod sinifikanti u li l-aspetti li jħarsu 'l quddiem tar-rekwiżiti ta' fondi proprji jitqiesu fil-ġestjoni tal-istituzzjoni.

(30) Istituzzjonijiet li jużaw stimi proprji tal-LGD u tal-fatturi ta' konverżjoni jenħtieġ li jikkalkulaw il-maturità effettiva tal-iskoperturi skont l-Approċċ IRB għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. Fil-każ ta' skoperturi rotanti, istituzzjoni tkun f'riskju għal perjodu itwal mid-data tat-tifdija tal-prelevament kurrenti, minħabba li l-mutwatarju jista' jerġa' jiġbed ammonti addizzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li l-kalkolu tal-maturità effettiva tal-iskoperturi rotanti jkun ibbażat fuq id-data ta' maturità tal-faċilità.

(31) Il-kalkolu tad-differenza bejn fuq naħa waħda l-ammonti tat-telf mistenni u fuq in-naħa l-oħra l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu, l-aġġustamenti tal-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor tal-fondi proprji ("defiċit skont l-Approċċ IRB") jenħtieġ li jsir fuq livell aggregat separatament għall-portafoll ta' skoperturi inadempjenti u għall-portafoll ta' skoperturi li ma humiex inadempjenti. Is-separazzjoni bejn l-iskoperturi inadempjenti u dawk mhux inadempjenti hija neċessarja sabiex jiġi żgurat li l-ammonti negattivi li jirriżultaw mill-kalkolu mwettaq għall-portafoll inadempjenti ma jintużawx biex ipaċu l-ammonti pożittivi li jirriżultaw mill-kalkolu mwettaq għall-portafoll ta' skoperturi li ma humiex inadempjenti. Minbarra dan, il-kalkolu ġenerali huwa konformi mal-kunċett ġenerali ta' fondi proprji, li skontu jenħtieġ li l-fondi proprji jkunu kollha disponibbli biex ikopru telf mhux mistenni f'każ ta' insolvenza tal-istituzzjoni. Peress li l-ammonti tal-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu, l-aġġustamenti tal-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor tal-fondi proprji inklużi fil-kalkolu tad-defiċit skont l-Approċċ IRB diġà tnaqqsu mill-fondi proprji biex ikopru t-telf mistenni ("EL"), il-parti żejda tagħhom fuq l-EL totali hija kollha disponibbli biex tkopri t-telf identifikat fuq l-iskoperturi inadempjenti kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li l-aġġustamenti għall-fondi proprji bbażati fuq id-defiċit skont l-Approċċ IRB jiġu kkalkulati u applikati korrettament.

(32) *Data* mhux affidabbli, mhux akkurata, mhux kompluta jew skaduta tista' twassal għal żbalji fl-istima tar-riskju u fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. Barra minn hekk, meta tintuża fil-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni, tali *data* tista' anke twassal għal deċiżjonijiet ġestjonali u kreditizji ħżiena. Sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà u l-kwalità għolja tad-*data*, l-infrastruttura u l-proċeduri relatati mal-ġbir u mal-ħżin tad-*data* jenħtieġ li jkunu ddokumentati sew u jkun fihom deskrizzjoni sħiħa tal-karatteristiċi u tas-sorsi tad-*data* sabiex jiġi żgurat l-użu xieraq tagħhom fil-proċessi interni u fil-proċessi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-kwalità u d-dokumentazzjoni tad-*data* użata fil-proċess tal-istima tal-parametri tar-riskju, fl-assenjazzjoni tal-iskoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet u fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

(33) Il-kwalità tad-*data*, l-akkuratezza tal-istima tar-riskju u l-korrettezza tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji jiddependu ferm fuq l-affidabbiltà tas-sistemi tal-IT użati għall-finijiet tal-Approċċ IRB. Barra minn hekk, il-kontinwità u l-konsistenza tal-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji jistgħu jiġu żgurati biss meta s-sistemi tal-IT użati għal dawk l-għanijiet ikunu sikuri, siguri u affidabbli u l-infrastruttura tal-IT tkun robusta biżżejjed. Għalhekk hemm bżonn li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw ukoll l-affidabbiltà tas-sistemi tal-IT tal-istituzzjoni u r-robustezza tal-infrastruttura tal-IT.

(34) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw li kemm jista' jkun jintużaw osservazzjonijiet mhux sovrapposti tar-redditi fuq l-iskoperturi tal-ekwità kemm għall-iżvilupp kif ukoll għall-validazzjoni ta' mudelli interni għall-iskoperturi tal-ekwità. Osservazzjonijiet mhux sovrapposti jiżguraw kwalità ogħla ta' tbassir, minħabba li l-osservazzjonijiet kollha jiġu assenjati l-istess fattur ta' ponderazzjoni u l-osservazzjonijiet ma humiex korrelati mill-qrib ma' xulxin.

(35) L-użu tal-Approċċ IRB jeħtieġ l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, u kwalunkwe bidla materjali għal dak l-approċċ trid tiġi approvata. B'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivverifikaw li l-proċess intern tal-ġestjoni u b'mod partikolari l-proċess intern tal-approvazzjoni ta' tali bidliet jiżguraw li jiġu implimentati biss bidliet li huma f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 529/2014 u, f'dak il-kuntest, li l-klassifikazzjoni tal-bidliet tkun konsistenti sabiex jiġi evitat kwalunkwe arbitraġġ regolatorju.

(36) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, peress li kollha jittrattaw aspetti tal-metodoloġija ta' valutazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw meta jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-Approċċ IRB. Biex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom minn persuni soġġetti għal dawk l-obbligi, ikun tajjeb li l-istandards tekniċi regolatorji kollha li għandhom x'jaqsmu mal-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-Approċċ IRB meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'regolament uniku.

(37) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(38) L-Awtorità Bankarja Ewropea organizzat konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu dan ir-Regolament huwa bbażat, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati mwaqqaf f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IL-METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI

*Artikolu 1*

### Valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ Ibbażat Fuq Klassifikazzjonijiet Interni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw dan ir-Regolament għall-valutazzjoni tal-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ Ibbażat Fuq Klassifikazzjonijiet Interni ("Approċċ IRB") kif ġej:

(a) għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet inizjali għall-awtorizzazzjoni għall-użu tal-Approċċ IRB kif previst fl-Artikolu 144 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament;

(b) għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-permess għall-estensjoni tal-Approċċ IRB f'konformità mal-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali approvat kif previst fl-Artikolu 148 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-Kapitoli 4, 5, 7 u 8 u kwalunkwe parti oħra ta' dan ir-Regolament li hija rilevanti għal dik it-talba;

(c) għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-permess minn qabel biex isiru l-bidliet kif imsemmi fl-Artikolu 143(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-partijiet kollha ta' dan ir-Regolament li huma rilevanti għal dawk il-bidliet;

(d) għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-bidliet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni u fl-approċċi tal-mudelli interni għall-iskoperturi ta' ekwità li ġew innotifikati f'konformità mal-Artikolu 143(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-partijiet kollha ta' dan ir-Regolament li huma rilevanti għal dawk il-bidliet;

(e) għall-finijiet tat-twettiq ta' rieżamijiet regolari tal-użu tal-Approċċ IRB skont l-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-partijiet kollha ta' dan ir-Regolament li huma rilevanti għal dak ir-rieżami;

(f) għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex istituzzjoni terġa' lura għall-użu ta' approċċi inqas sofistikati f'konformità mal-Artikolu 149 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw l-Artikoli 6 sa 8 ta' dan ir-Regolament.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Minbarra l-kriterji stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw kwalunkwe kriterju rilevanti ieħor meħtieġ għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ IRB.

*Artikolu 2*

**Metodi li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti**

1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet inizjali għall-awtorizzazzjoni għall-użu tal-Approċċ IRB, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi obbligatorji kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Huma jistgħu japplikaw ukoll metodi oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 7 u kwalunkwe metodu ieħor f'konformità mal-paragrafu 8.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-estensjoni tal-Approċċ IRB f'konformità ma' pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi obbligatorji kollha stabbiliti fil-Kapitoli 4, 5, 7 u 8. Huma jistgħu japplikaw ukoll metodi oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 7 u kwalunkwe metodu ieħor f'konformità mal-paragrafu 8.

3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni minn qabel għal tibdil fl-Approċċ IRB, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw id-dokumenti li l-istituzzjonijiet huma rikjesti jippreżentaw fir-rigward tat-tibdil f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 529/2014. Huma jistgħu japplikaw ukoll metodi oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 7 u kwalunkwe metodu ieħor f'konformità mal-paragrafu 8.

4. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tat-tibdil fis-sistemi ta' klassifikazzjoni u fl-approċċi tal-mudelli interni għall-iskoperturi ta' ekwità li ġew innotifikati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw id-dokumenti li l-istituzzjonijiet huma rikjesti jippreżentaw fir-rigward tat-tibdil f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 529/2014 u jistgħu japplikaw kwalunkwe metodu stabbilit f'dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 7 u kwalunkwe metodu ieħor f'konformità mal-paragrafu 8.

5. Għall-finijiet tat-twettiq ta' rieżamijiet regolari tal-użu tal-Approċċ IRB, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw kwalunkwe metodu stabbilit f'dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 7 u kwalunkwe metodu ieħor f'konformità mal-paragrafu 8.

6. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet biex istituzzjoni terġa' lura għall-użu ta' approċċi inqas sofistikati, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw kwalunkwe metodu stabbilit fil-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 7 u kwalunkwe metodu ieħor f'konformità mal-paragrafu 8.

7. Fejn dan ir-Regolament jipprevedi l-użu fakultattiv ta' metodi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw kwalunkwe wieħed minn dawk il-metodi li huwa idoneu u adattat għan-natura, għad-daqs u għall-grad ta' kumplessità tal-istruttura organizzazzjonali u operatorja tal-istituzzjoni, filwaqt li jqisu:

(a) il-materjalità tat-tipi ta' skoperturi koperti mis-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(b) il-kumplessità tal-mudelli ta' klassifikazzjoni u tal-parametri tar-riskju u l-implimentazzjoni tagħhom.

8. Minbarra l-metodi stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw metodi oħra, li huma idonei u adattati għan-natura, għad-daqs u għall-grad ta' kumplessità tal-istruttura organizzazzjoni u operatorja tal-istituzzjoni, fejn dan ikun meħtieġ għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ IRB.

9. Meta japplikaw il-metodi stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu r-riżultati minn valutazzjonijiet reċenti li jkunu għamlu huma stess jew minn awtoritajiet kompetenti oħra, jekk dawk il-valutazzjonijiet jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valutazzjoni kienet kompletament jew parzjalment ibbażata fuq il-metodi obbligatorji;

(b) is-suġġett tal-valutazzjoni kien jinkludi l-istess sistema ta' klassifikazzjoni jew sistema ta' klassifikazzjoni simili fl-istess klassi ta' skoperturi.

*Artikolu 3*

**Kwalità tad-dokumentazzjoni**

1. Sabiex jivverifikaw il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżit dwar id-dokumentazzjoni stabbilit fil-punt (e) tal-Artikolu 144(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 142(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ("sistemi ta' klassifikazzjoni"):

(a) tkun dettaljata u akkurata biżżejjed biex tintuża b'mod effiċjenti;

(b) tkun ġiet approvata fil-livell maniġerjali xieraq tal-istituzzjoni;

(c) ikun fiha, għal kull tip ta' dokument, tal-anqas rekord tat-tip ta' dokument, l-awtur, ir-reviżur, l-aġent awtorizzanti, is-sid, id-dati tal-iżvilupp u tal-approvazzjoni, in-numru tal-verżjoni u l-istorja tat-tibdil li sar għad-dokument;

(d) tippermetti lil partijiet terzi jeżaminaw u jikkonfermaw il-funzjonament tas-sistemi ta' klassifikazzjoni u, b'mod partikolari, jeżaminaw u jikkonfermaw li:

(i) id-dokumentazzjoni dwar id-disinn tas-sistema ta' klassifikazzjoni hija dettaljata biżżejjed biex tippermetti lil partijiet terzi jifhmu r-raġunament wara kull aspett tas-sistema ta' klassifikazzjoni, inklużi s-suppożizzjonijiet, il-formuli matematiċi u, fejn ikun hemm il-ġudizzju uman involut, id-deċiżjonijiet, kif ukoll il-proċeduri għall-iżvilupp tas-sistema ta' klassifikazzjoni;

(ii) id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' klassifikazzjoni hija dettaljata biżżejjed biex tippermetti lil partijiet terzi jifhmu l-operat, il-limitazzjonijiet u s-suppożizzjonijiet ewlenin ta' kull mudell ta' klassifikazzjoni u ta' kull parametru tar-riskju u biex jirreplikaw l-iżvilupp tal-mudell;

(iii) id-dokumentazzjoni dwar il-proċess ta' klassifikazzjoni hija dettaljata biżżejjed biex tippermetti lil partijiet terzi jifhmu l-metodu ta' assenjazzjoni tal-iskoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet u l-assenjazzjoni reali tagħhom għal gradi jew aggregazzjonijiet u biex jirreplikaw l-assenjazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-istituzzjoni għandha fis-seħħ politiki li jiddeskrivu standards speċifiċi għad-dokumentazzjoni li jiżguraw:

(a) li d-dokumentazzjoni interna hija dettaljata u preċiża biżżejjed;

(b) li hemm persuni jew unitajiet speċifiċi assenjati bir-responsabbiltà biex jiġi żgurat li d-dokumentazzjoni tkun kompluta, konsistenti, preċiża, aġġornata, approvata b'hala xierqa u sigura;

(c) li l-istituzzjoni tiddokumenta adegwatament il-politiki, il-proċeduri u l-metodoloġiji tagħha relatati mal-applikazzjoni tal-Approċċ IRB.

*Artikolu 4*

**Involviment ta' partijiet terzi**

1. Sabiex tivvaluta l-konformità mar-rekwiżit rigward is-solidità u l-integrità tas-sistemi ta' klassifikazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 144(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta istituzzjoni tkun iddelegat kompiti, attivitajiet jew funzjonijiet relatati mad-disinn, mal-implimentazzjoni u mal-validazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha lil parti terza, jew tkun xtrat sistema ta' klassifikazzjoni jew *data* aggregata minn parti terza, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li dik id-delega jew ix-xiri ma jfixkilx l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tivverifika li:

(a) il-maniġment superjuri tal-istituzzjoni kif definit fil-punt (9) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE ("maniġment superjuri") kif ukoll il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew il-kumitat maħtur minn dak il-korp maniġerjali huma involuti b'mod attiv fis-superviżjoni u fit-teħid ta' deċiżjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompiti, mal-attivitajiet jew mal-funzjonijiet delegati lill-parti terza jew f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi ta' klassifikazzjoni miksuba minn partijiet terzi;

(b) il-persunal tal-istituzzjoni għandu għarfien u fehim suffiċjenti tal-kompiti, tal-attivitajiet jew tal-funzjonijiet delegati lil partijiet terzi u tal-istruttura tas-sistemi ta' *data* u ta' klassifikazzjoni miksuba minn partijiet terzi;

(c) il-kontinwità tal-funzjonijiet jew tal-proċessi esternalizzati hija żgurata, anki permezz ta' ppjanar ta' kontinġenza xieraq;

(d) l-awditjar intern jew kontroll ieħor tal-kompiti, tal-attivitajiet u tal-funzjonijiet delegati lil partijiet terzi ma humiex limitati jew imfixkla minħabba l-involviment tal-parti terza;

(e) l-awtorità kompetenti għandha aċċess sħiħ għall-informazzjoni rilevanti kollha.

2. Meta parti terza tkun involuta fil-kompiti tal-iżvilupp ta' sistema ta' klassifikazzjoni u fl-istima tar-riskju għal istituzzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li:

(a) il-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 1 huma sodisfatti;

(b) l-attivitajiet ta' validazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' dawk is-sistemi ta' klassifikazzjoni u dawk l-istimi tar-riskju ma jsirux minn dik il-parti terza;

(c) il-parti terza tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-istituzzjoni biex jitwettqu dawk l-attivitajiet ta' validazzjoni.

3. Fejn, għall-finijiet tal-iżvilupp ta' sistema ta' klassifikazzjoni u ta' stima tal-parametri tar-riskju, l-istituzzjoni tuża *data* aggregata bejn istituzzjonijiet differenti, u parti terza tiżviluppa s-sistema ta' klassifikazzjoni, il-parti terza tista' tgħin lill-istituzzjoni fl-attivitajiet ta' validazzjoni tagħha billi twettaq dawk il-kompiti ta' validazzjoni li jeħtieġu aċċess għad-*data* aggregata.

4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-ftehimiet mal-parti terza u dokumenti rilevanti oħrajn li jispeċifikaw il-kompiti tal-parti terza;

(b) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub jew jintervistaw lill-persunal rilevanti tal-istituzzjoni jew lill-parti terza li lilha jkun ġie ddelegat il-kompitu, l-attività jew il-funzjoni;

(c) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub jew jintervistaw lill-maniġment superjuri jew lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew lill-parti terza li lilha jkun ġie ddelegat il-kompitu, l-attività jew il-funzjoni, jew lill-kumitat tal-istituzzjoni maħtur mill-korp maniġerjali;

(d) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni jew tal-parti terza, fejn meħtieġ.

*Artikolu 5*

**Nonkonformità temporanja mar-rekwiżiti tal-Approċċ IRB**

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 146(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tirrieżamina jekk il-pjan tal-istituzzjoni għal ritorn propizju għall-konformità huwiex biżżejjed biex jirrimedja n-nonkonformità u jekk l-iskeda ta' żmien hijiex raġonevoli filwaqt li tqis dan kollu li ġej:

   (i) il-materjalità tan-nonkonformità;

   (ii) il-firxa tal-miżuri meħtieġa għar-ritorn għall-konformità;

   (iii) ir-riżorsi disponibbli għall-istituzzjoni;

(b) timmonitorja fuq bażi regolari l-progress fl-eżekuzzjoni tal-pjan tal-istituzzjoni għal ritorn propizju għall-konformità;

(c) tivverifika l-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti rilevanti wara l-implimentazzjoni tal-pjan, billi tapplika l-metodoloġiji ta' valutazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.

KAPITOLU 2

**METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-PJANIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI SEKWENZJALI U GĦALL-UŻU PARZJALI PERMANENTI TAL-APPROĊĊ STANDARDIZZAT**

*Artikolu 6*

**Ġenerali**

1. Sabiex jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mal-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB stabbiliti fl-Artikolu 148 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-kundizzjonijiet għall-użu parzjali permanenti stabbiliti fl-Artikolu 150 ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) li l-kopertura u l-pjan inizjali tal-istituzzjoni għall-implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB huma adegwati, f'konformità mal-Artikolu 7;

(b) li l-klassijiet tal-iskoperturi, it-tipi ta' skoperturi jew l-unitajiet operatorji fejn jiġi applikat l-Approċċ Standardizzat huma eliġibbli għall-eżenzjoni permanenti mill-Approċċ IRB.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-pjan tal-istituzzjoni għall-implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB;

(b) jirrieżaminaw il-politiki u l-proċeduri interni rilevanti tal-istituzzjoni, inklużi l-metodi għall-kalkolu tas-sehem tal-iskoperturi li għandhom jiġu koperti mill-implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB u l-eżenzjoni permanenti mill-Approċċ IRB;

(c) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-unitajiet u tal-korpi ta' ġestjoni involuti fl-assenjazzjoni ta' skoperturi individwali għall-Approċċ IRB jew għall-Approċċ Standardizzat;

(d) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-laqgħat tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(e) jirrieżaminaw is-sejbiet rilevanti tal-uffiċċju tal-awditjar intern jew ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(f) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforz magħmul mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati matul l-awditjar;

(g) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT użati fil-proċess tal-assenjazzjoni ta' skoperturi individwali għall-Approċċ IRB jew għall-Approċċ Standardizzat;

(b) iwettqu testijiet kampjunarji u jirrieżaminaw id-dokumenti relatati mal-karatteristiċi tad-debituri u mal-oriġini u ż-żamma tal-iskoperturi inklużi fil-kampjun;

(c) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 7*

**Implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-kopertura inizjali u l-pjan tal-istituzzjoni għall-implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB f'konformità mal-Artikolu 148 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali jinkludi mill-inqas dan li ġej:

(i) speċifikazzjoni tal-medda ta' applikazzjoni ta' kull sistema ta' klassifikazzjoni, kif ukoll tat-tipi ta' skoperturi li huma kklassifikati bl-użu ta' kull mudell ta' klassifikazzjoni;

(ii) id-dati ppjanati tal-applikazzjoni tal-Approċċ IRB għal kull tip ta' skopertura;

(iii) informazzjoni dwar il-valuri tal-iskopertura totali fiż-żmien tal-valutazzjoni u l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju kkalkulati skont l-approċċ applikat fiż-żmien tal-valutazzjoni għal kull tip ta' skopertura;

(b) il-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali jinkludi l-iskoperturi kollha tal-istituzzjoni, u, fejn applikabbli, tal-impriża omm tagħha, u l-iskoperturi kollha tas-sussidjarji tal-istituzzjoni, sakemm l-iskoperturi ma jiġux ivvalutati f'konformità mal-Artikolu 8;

(c) l-implimentazzjoni hija ppjanata li titwettaq f'konformità mat-tieni u mat-tielet subparagrafi tal-Artikolu 148(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) meta l-istituzzjoni tingħata awtorizzazzjoni biex tuża l-Approċċ IRB għal xi klassi ta' skopertura, li hija tuża l-Approċċ IRB għall-iskoperturi ta' ekwità ħlief fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 148(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) is-sekwenza u l-perjodi ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB huma speċifikati abbażi tal-kapaċitajiet reali tal-istituzzjoni, filwaqt li titqies id-disponibbiltà tad-*data*, is-sistemi ta' klassifikazzjoni u l-perjodi ta' esperjenza kif imsemmi fl-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li dawn ma jintużawx selettivament bil-għan li jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(f) is-sekwenza tal-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB tiżgura li l-implimentazzjoni fir-rigward tal-iskoperturi ta' kreditu relatati man-negozju ewlieni tal-istituzzjoni tingħata prijorità;

(g) ġie stabbilit limitu ta' żmien definit għall-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB għal kull tip ta' skopertura u unità operatorja u li dan huwa raġonevoli abbażi tan-natura u l-iskala tal-attivitajiet tal-istituzzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk il-limitu ta' żmien imsemmi fil-punt (g) tal-paragrafu 1 huwiex raġonevoli abbażi ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) il-kumplessità tal-operazzjonijiet tal-istituzzjoni, inklużi dawk tal-impriża omm u s-sussidjarji tagħha;

(b) l-għadd ta' unitajiet u linji operatorji fl-istituzzjoni, u, fejn applikabbli, fl-impriża omm tagħha u fis-sussidjarji tal-istituzzjoni;

(c) l-għadd u l-kumplessità tas-sistemi ta' klassifikazzjoni li għandhom jiġu implimentati mill-entitajiet kollha koperti mill-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali;

(d) il-pjanijiet għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' klassifikazzjoni f'sussidjarji f'pajjiżi terzi fejn jeżistu diffikultajiet legali jew diffikultajiet oħra sinifikanti għall-approvazzjoni tal-mudelli IRB;

(e) id-disponibbiltà ta' serje kronoloġika preċiża, xierqa u kompluta;

(f) il-kapaċità operazzjonali tal-istituzzjoni biex tiżviluppa u timplimenta s-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(g) l-esperjenza preċedenti tal-istituzzjoni fil-ġestjoni ta' tipi ta' skoperturi speċifiċi.

3. Meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjoni mal-pjan għall-implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB, li jkun ġie soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 148 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw modifiki fis-sekwenza u fil-perjodu ta' żmien xierqa biss jekk tkun sodisfatta kundizzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) bidliet sinifikanti fl-ambjent operatorju u b'mod partikolari bidliet fl-istrateġija, fil-fużjonijiet u fl-akkwiżizzjonijiet;

(b) bidliet sinifikanti fir-rekwiżiti regolatorji rilevanti;

(c) identifikazzjoni ta' nuqqasijiet materjali fis-sistemi ta' klassifikazzjoni mill-awtorità kompetenti, jew mill-awditjar intern jew mill-funzjoni ta' validazzjoni;

(d) tibdil sinifikanti fl-elementi msemmija fil-paragrafu 2, jew nuqqas ta' kunsiderazzjoni adegwata ta' wieħed mill-elementi msemmija fil-paragrafu 2 fil-pjan għall-implimentazzjoni sekwenzjali tal-Approċċ IRB li ġie approvat.

*Artikolu 8*

**Kundizzjonijiet għall-użu parzjali permanenti**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjoni mal-kundizzjonijiet għall-użu parzjali permanenti tal-Approċċ Standardizzat fir-rigward tal-iskoperturi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 150(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) id-disponibbiltà ta' *data* esterna għall-kontropartijiet rappreżentattivi ġiet ivvalutata u kkunsidrata mill-istituzzjoni;

(b) il-kost għall-istituzzjoni għall-iżvilupp ta' sistema ta' klassifikazzjoni għall-kontropartijiet fil-klassi tal-iskoperturi rilevanti ġie vvalutat billi tqies id-daqs tal-istituzzjoni u n-natura u l-iskala tal-attivitajiet tagħha;

(c) il-kapaċità operazzjonali tal-istituzzjoni li tiżviluppa u timplimenta sistema ta' klassifikazzjoni ġiet ivvalutata billi tqieset in-natura u l-iskala tal-attività tal-istituzzjoni.

2. Meta tkun qed tivvaluta l-konformità tal-istituzzjoni mal-kundizzjonijiet għall-użu parzjali permanenti tal-Approċċ Standardizzat fir-rigward tal-iskoperturi msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 150(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni tkun ivverifikat u qieset mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) li l-iskoperturi, inkluż l-għadd ta' portafolji u linji operatorji ġestiti separatament ma humiex omoġenji biżżejjed biex jippermettu l-iżvilupp ta' sistema ta' klassifikazzjoni robusta u affidabbli;

(b) li l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Approċċ Standardizzat huwa ferm ogħla mill-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju mistenni kkalkulat f'konformità mal-Approċċ IRB;

(c) li l-iskoperturi huma relatati ma' unità operatorja jew ma' linja operatorja tal-istituzzjoni li hija ppjanata li titwaqqaf;

(d) li l-iskoperturi jinkludu portafolji soġġetti għal konsolidament proporzjonali ta' sussidjarji parzjalment proprjetà tal-istituzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjoni mal-kundizzjonijiet għall-użu parzjali permanenti tal-Approċċ Standardizzat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 150 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi regolari.

KAPITOLU 3

## METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-FUNZJONI TA' VALIDAZZJONI TAL-ISTIMI INTERNI U TAL-GOVERNANZA INTERNA U TAS-SORVELJANZA TA' ISTITUZZJONI

TAQSIMA 1

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 9*

**Ġenerali**

1. Sabiex jivvalutaw jekk istituzzjoni hijiex konformi mar-rekwiżiti dwar il-governanza interna, inklużi r-rekwiżiti dwar il-korp maniġerjali u maniġerjali superjuri, ir-rapportar intern, il-kontroll tar-riskju ta' kreditu u l-awditjar intern, is-sorveljanza u l-validazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-robustezza tal-arranġamenti, tal-mekkaniżmi u tal-proċessi ta' validazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni ta' istituzzjoni u l-adegwatezza tal-persunal responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-validazzjoni ("funzjoni ta' validazzjoni") kif imsemmi fil-punti (c) u (f) tal-Artikolu 144(1), fil-punt (d) tal-Artikolu 174, fl-Artikolu 185 u fl-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fir-rigward ta':

(i) l-indipendenza tal-funzjoni ta' validazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 10;

(ii) il-kompletezza u l-frekwenza tal-applikazzjoni tal-proċess ta' validazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 11;

(iii) l-adegwatezza tal-metodi u tal-proċeduri tal-funzjoni ta' validazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 12;

(iv) is-solidità tal-proċess ta' rapportar u tal-proċess biex jiġu indirizzati l-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar il-validazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13;

(b) il-governanza interna u s-sorveljanza tal-istituzzjoni, inklużi l-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu u l-awditjar intern tal-istituzzjoni, kif imsemmi fl-Artikoli 189, 190 u 191 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta':

(i) ir-rwol tal-maniġment superjuri u tal-korp maniġerjali, f'konformità mal-Artikolu 14;

(ii) ir-rapportar tal-maniġment, f'konformità mal-Artikolu 15;

(iii) l-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, f'konformità mal-Artikolu 16;

(iv) l-awditjar Intern, f'konformità mal-Artikolu 17.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki u l-proċeduri interni rilevanti tal-istituzzjoni;

(b) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(c) jirrieżaminaw ir-rapporti rilevanti relatati mas-sistemi ta' klassifikazzjoni, kif ukoll kwalunkwe konklużjoni u deċiżjoni meħuda abbażi ta' dawk ir-rapporti;

(d) jirrieżaminaw ir-rapporti rilevanti dwar l-attivitajiet tal-funzjonijiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, ta' awditjar intern, ta' sorveljanza u ta' validazzjoni mħejjija mill-persunal responsabbli għal kull funzjoni jew minn xi funzjoni oħra ta' kontroll tal-istituzzjoni, kif ukoll il-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dawk il-funzjonijiet;

(e) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-valutazzjoni tal-funzjoni ta' validazzjoni, minbarra l-metodi msemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal kollu involut fil-funzjoni ta' validazzjoni;

(b) jirrieżaminaw l-adegwatezza u l-approprjatezza tal-pjan ta' ħidma ta' validazzjoni annwali;

(c) jirrieżaminaw il-manwali ta' validazzjoni użati mill-funzjoni ta' validazzjoni;

(d) jirrieżaminaw il-proċess ta' kategorizzazzjoni tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti f'konformità mal-materjalità tagħhom;

(e) jirrieżaminaw il-konsistenza tal-konklużjonijiet, tas-sejbiet u tar-rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni ta' validazzjoni;

(f) jirrieżaminaw ir-rwol tal-funzjoni ta' validazzjoni fil-proċedura ta' approvazzjoni interna tas-sistemi ta' klassifikazzjoni u l-bidliet relatati kollha;

(g) jirrieżaminaw il-pjan ta' azzjoni ta' kull rakkomandazzjoni rilevanti, anke f'termini tas-segwitu tagħha, kif approvat mil-livell maniġerjali xieraq.

4. Għall-valutazzjoni tal-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 144(1) u fl-Artikolu 190 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, minbarra r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal u tal-maniġment superjuri rilevanti kollu tal-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu;

(b) jirrieżaminaw ir-rapporti rilevanti ppreżentati mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu u mill-maniġment superjuri, lill-korp maniġerjali jew lill-kumitat maħtur tiegħu.

5. Għall-valutazzjoni tal-awditjar intern jew ta' unità tal-awditjar indipendenti komparabbli oħra kif imsemmi fl-Artikolu 191 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 minbarra r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rilevanti tal-persunal rilevanti kollu involut fl-awditjar intern;

(b) jirrieżaminaw l-adegwatezza u l-approprjatezza tal-pjan ta' ħidma annwali tal-awditjar intern;

(c) jirrieżaminaw il-manwali tal-awditjar u l-programmi ta' ħidma rilevanti u s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti tal-awditjar rilevanti;

(d) jirrieżaminaw il-pjan ta' azzjoni ta' kull rakkomandazzjoni rilevanti, anke f'termini tas-segwitu tagħha, kif approvat fil-livell maniġerjali xieraq.

6. Minbarra l-metodi elenkati fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1.

*TAQSIMA 2*

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tal-funzjoni ta' validazzjoni***

*Artikolu 10*

**Indipendenza tal-funzjoni ta' validazzjoni**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-indipendenza tal-funzjoni ta' validazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 144(1)(f), tal-Artikolu 174(d), tal-Artikolu 185 u tal-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-unità responsabbli għall-funzjoni ta' validazzjoni jew, fejn ma jkunx hemm unità separata ddedikata biss għall-funzjoni ta' validazzjoni, il-persunal li jwettaq il-funzjoni ta' validazzjoni jissodisfa dan kollu li ġej:

(a) il-funzjoni ta' validazzjoni hija indipendenti mill-persunal u mill-funzjoni ta' ġestjoni responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid tal-iskoperturi u għad-disinn jew l-iżvilupp tal-mudell;

(b) il-persunal li jwettaq il-funzjoni ta' validazzjoni huwa differenti mill-persunal responsabbli għad-disinn u għall-iżvilupp tas-sistema ta' klassifikazzjoni, u mill-persunal responsabbli għall-funzjoni ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu;

(c) jirrapporta direttament lill-maniġment superjuri.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta l-unità responsabbli għall-funzjoni ta' validazzjoni tkun organizzazzjonalment separata mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu u kull unità tirrapporta lil membri differenti tal-maniġment superjuri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) li l-funzjoni ta' validazzjoni għandha riżorsi adegwati, inkluż persunal bl-esperjenza u kwalifikat biex iwettaq il-kompiti tiegħu;

(b) li r-remunerazzjoni tal-persunal u tal-maniġers superjuri responsabbli għall-funzjoni ta' validazzjoni ma hijiex marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kompiti relatati mal-kontroll tar-riskju ta' kreditu jew mal-oriġini jew mat-tiġdid tal-iskoperturi.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta l-unità responsabbli għall-funzjoni ta' validazzjoni tkun organizzazzjonalment separata mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, u ż-żewġ unitajiet jirrapportaw lill-istess membru tal-maniġment superjuri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) li l-funzjoni ta' validazzjoni għandha riżorsi adegwati, inkluż persunal bl-esperjenza u kwalifikat biex iwettaq il-kompiti tiegħu;

(b) li r-remunerazzjoni tal-persunal u tal-maniġers superjuri responsabbli għall-funzjoni ta' validazzjoni ma hijiex marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kompiti relatati mal-kontroll tar-riskju ta' kreditu jew mal-oriġini jew mat-tiġdid tal-iskoperturi;

(c) li hemm proċess deċiżjonali fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni ta' validazzjoni jitqiesu sew mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni;

(d) li ma tiġi eżerċitata l-ebda influwenza indebita fuq il-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni ta' validazzjoni;

(e) li l-miżuri korrettivi kollha meħtieġa biex jiġu indirizzati l-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni ta' validazzjoni jiġu deċiżi u implimentati fi żmien xieraq;

(f) li l-awditjar intern jivvaluta regolarment is-sodisfar tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e).

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, fejn ma jkunx hemm unità separata responsabbli għall-funzjoni ta' validazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) li l-funzjoni ta' validazzjoni għandha riżorsi adegwati, inkluż persunal bl-esperjenza u kwalifikat biex iwettaq il-kompiti tiegħu;

(b) li r-remunerazzjoni tal-persunal u tal-maniġers superjuri responsabbli għall-funzjoni ta' validazzjoni ma hijiex marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kompiti relatati mal-kontroll tar-riskju ta' kreditu jew mal-oriġini jew mat-tiġdid tal-iskoperturi;

(c) li hemm proċess deċiżjonali fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni ta' validazzjoni jitqiesu sew mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni;

(d) li ma tiġi eżerċitata l-ebda influwenza indebita fuq il-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni ta' validazzjoni;

(e) li l-miżuri korrettivi kollha meħtieġa biex jiġu indirizzati l-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni ta' validazzjoni jiġu deċiżi u implimentati fi żmien xieraq;

(f) li l-awditjar intern jivvaluta regolarment is-sodisfar tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e);

(g) li hemm separazzjoni effettiva bejn il-persunal li jwettaq il-funzjoni ta' validazzjoni u l-persunal li jwettaq il-kompiti l-oħra;

(h) li l-istituzzjoni ma hijiex istituzzjoni globali jew istituzzjoni oħra sistemikament importanti fis-sens tal-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE.

5. Meta jkunu qed jivvalutaw l-indipendenza tal-funzjoni ta' validazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk l-għażla tal-istituzzjoni fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-funzjoni ta' validazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 2, 3 u 4 hijiex adegwata, filwaqt li jqisu n-natura, id-daqs u l-iskala tal-istituzzjoni u l-kumplessità tar-riskji inerenti fil-mudell kummerċjali tagħha.

*Artikolu 11*

**Kompletezza u frekwenza tal-proċess ta' validazzjoni**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-kompletezza tal-funzjoni ta' validazzjoni għall-finijiet tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 144(1)(f), fl-Artikolu 174(d), fl-Artikolu 185 u fl-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni għandha proċess sħiħ ta' validazzjoni definit u dokumentat għas-sistemi ta' klassifikazzjoni kollha;

(b) l-istituzzjoni twettaq il-proċess ta' validazzjoni msemmi fil-punt (a) bi frekwenza adegwata.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw il-kompletezza tal-proċess ta' validazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1(a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-funzjoni ta' validazzjoni:

(a) tirrieżamina b'mod kritiku l-aspetti kollha tal-ispeċifikazzjoni tal-klassifikazzjonijiet interni u tal-parametri tar-riskju, inklużi l-proċeduri għall-ġbir u għat-tindif tad-*data*, l-għażla tal-metodoloġija u tal-istruttura tal-mudell, u l-proċess għall-għażla tal-varjabbli;

(b) tivverifika l-adegwatezza tal-implimentazzjoni tal-klassifikazzjonijiet interni u tal-parametri tar-riskju fis-sistemi tal-IT u li d-definizzjonijiet tal-gradi u tal-aggregazzjonijiet huma applikati b'mod konsistenti fost id-dipartimenti u ż-żoni ġeografiċi tal-istituzzjoni;

(c) tivverifika l-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni filwaqt li tqis tal-anqas id-differenzjazzjoni u l-kwantifikazzjoni tar-riskju u l-istabbiltà tal-klassifikazzjonijiet interni u tal-parametri tar-riskju u l-ispeċifikazzjonijiet tal-mudelli;

(d) tivverifika l-bidliet kollha relatati mal-klassifikazzjonijiet interni u mal-parametri tar-riskju u l-materjalità tagħhom f'konformità mar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 529/2014 u li ssegwi b'mod konsistenti l-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet proprji.

3. Meta jkunu qed jivvalutaw jekk il-frekwenza tal-proċess ta' validazzjoni msemmi fil-paragrafu 1(b) hijiex adegwata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-proċess ta' validazzjoni jsir regolarment għas-sistemi ta' klassifikazzjoni kollha tal-istituzzjoni abbażi ta' pjan ta' ħidma annwali u li:

(a) fil-każ tas-sistemi ta' klassifikazzjoni kollha, il-proċessi meħtieġa mill-Artikolu 185(b) u mill-Artikolu 188(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ("ittestjar retrospettiv") jitwettqu mill-inqas darba fis-sena;

(b) fil-każ tas-sistemi ta' klassifikazzjoni li jkopru tipi ta' skoperturi materjali, il-verifika tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2(c), issir mill-inqas darba fis-sena.

4. Meta istituzzjoni tapplika għall-awtorizzazzjoni biex tuża l-klassifikazzjonijiet interni u l-parametri tar-riskju ta' sistema ta' klassifikazzjoni jew għal xi tibdil materjali fil-klassifikazzjonijiet interni u fil-parametri tar-riskju ta' sistema ta' klassifikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni twettaq il-validazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(a), (b) u (c) qabel ma tintuża s-sistema ta' klassifikazzjoni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji u għall-finijiet tal-immaniġġar tar-riskji interni.

*Artikolu 12*

**Adegwatezza tal-metodi u tal-proċeduri tal-funzjoni ta' validazzjoni**

Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tal-metodi u tal-proċeduri ta' validazzjoni għall-finijiet tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 144(1)(f), fl-Artikolu 174(d), fl-Artikolu 185 u fl-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li dawk il-metodi u l-proċeduri jippermettu valutazzjoni konsistenti u sinifikanti tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni interna u ta' stima tar-riskju, u għandhom jivverifikaw li:

(a) il-metodi u l-proċeduri ta' validazzjoni huma adatti biex tiġi vvalutata l-akkuratezza u l-konsistenza tas-sistema ta' klassifikazzjoni;

(b) il-metodi u l-proċeduri ta' validazzjoni huma adatti għan-natura, għall-grad ta' kumplessità u għall-medda ta' applikazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u d-disponibbiltà tad-*data*;

(c) il-metodi u l-proċeduri ta' validazzjoni jispeċifikaw b'mod ċar l-objettivi, l-istandards u l-limitazzjonijiet ta' validazzjoni, jinkludu deskrizzjoni tat-testijiet kollha ta' validazzjoni, tas-settijiet tad-*data*, u tal-proċessi tat-tindif tad-*data*, jiddefinixxu s-sorsi tad-*data* u l-perjodi ta' referenza u jistabbilixxu l-miri u t-tolleranzi fissi għall-metrika definita, għall-validazzjoni inizjali u regolari rispettivament;

(d) il-metodi ta' validazzjoni użati, u b'mod partikolari t-testijiet imwettqa, is-sett ta' *data* ta' referenza użat għall-validazzjoni u t-tindif tad-*data* rispettiv, jiġu applikati b'mod konsistenti maż-żmien;

(e) il-metodi ta' validazzjoni jinkludu ttestjar retrospettiv, u valutazzjoni komparattiva kif stabbilit fl-Artikolu 185(c) u fl-Artikolu 188(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(f) il-metodi ta' validazzjoni jqisu l-mod kif iċ-ċikli operatorji u l-varjabilità sistematika relatata fl-esperjenza tal-inadempjenza jiġu meqjusa fil-klassifikazzjonijiet interni u fil-parametri tar-riskju, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-istima tal-PD.

*Artikolu 13*

**Solidità tal-proċess ta' rapportar u tal-proċess biex jiġu indirizzati l-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-validazzjoni**

Meta jkunu qed jivvalutaw is-solidità tal-proċess ta' rapportar u tal-proċess biex jiġu indirizzati l-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-validazzjoni, għall-finijiet tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 144(1)(f), fl-Artikolu 174(d), fl-Artikolu 185 u fl-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) ir-rapporti ta' validazzjoni jidentifikaw u jiddeskrivu l-metodi ta' validazzjoni użati, it-testijiet imwettqa, is-sett ta' *data* ta' referenza użat u l-proċessi rispettivi tat-tindif tad-*data* u jinkludu r-riżultati ta' dawk it-testijiet, il-konklużjonijiet tal-validazzjoni, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet rispettivi;

(b) il-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' validazzjoni jiġu kkomunikati direttament lill-maniġment superjuri u lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew lill-kumitat maħtur minnu;

(c) il-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' validazzjoni jiġu riflessi f'bidliet u f'titjib fit-tfassil tal-klassifikazzjonijiet interni u fl-istimi tar-riskju, inkluż fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 185(e) u fl-Artikolu 188(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) il-proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni jseħħ fil-livell maniġerjali xieraq.

TAQSIMA 3

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tal-governanza u tas-sorveljanza interni***

*Artikolu 14*

**Ir-rwol tal-maniġment superjuri u tal-korp maniġerjali**

Meta jkunu qed jivvalutaw il-governanza korporattiva tal-istituzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 189 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni, il-ġerarkija tagħha, il-linji ġerarkiċi u l-livelli ta' responsabbiltà huma stabbiliti b'mod ċar fid-dokumentazzjoni interna tal-istituzzjoni u riflessi b'mod konsistenti fil-minuti tal-korpi interni tagħha;

(b) kemm il-korp maniġerjali kif ukoll il-kumitat maħtur minnu u l-maniġment superjuri japprovaw tal-anqas l-aspetti materjali li ġejjin tas-sistemi ta' klassifikazzjoni:

 (i) il-politiki rilevanti kollha relatati mat-tfassil u mal-implimentazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni u l-applikazzjoni tal-Approċċ IRB, inklużi l-politiki relatati mal-aspetti materjali kollha tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni u tal-proċessi ta' stima u ta' validazzjoni tal-parametri tar-riskju;

 (ii) il-politiki rilevanti kollha tal-ġestjoni tar-riskju, inklużi dawk relatati mal-infrastruttura tal-IT u mal-ippjanar ta' kontinġenza;

 (iii) il-parametri tar-riskju tas-sistemi ta' klassifikazzjoni kollha użati fil-proċessi interni tal-ġestjoni tar-riskju u fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(c) il-korp maniġerjali jew il-kumitat maħtur minnu jistabbilixxi struttura organizzazzjonali xierqa għall-implimentazzjoni robusta tas-sistemi ta' klassifikazzjoni permezz ta' deċiżjoni formali;

(d) il-korp maniġerjali jew il-kumitat maħtur minnu japprova, permezz ta' deċiżjoni formali, l-ispeċifikazzjoni tal-livell ta' riskju aċċettabbli, filwaqt li jqis l-iskema tas-sistema ta' klassifikazzjoni interna tal-istituzzjoni;

(e) il-maniġment superjuri għandu fehim tajjeb ta' kull sistema ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni, tad-disinn u tal-operat tagħhom, tar-rekwiżiti għall-Approċċ IRB u tal-approċċ tal-istituzzjoni biex tissodisfa dawk ir-rekwiżiti;

(f) il-maniġment superjuri jinnotifika lill-korp maniġerjali jew lill-kumitat maħtur minnu dwar bidliet materjali jew eċċezzjonijiet mill-politiki stabbiliti li għandhom effett materjali fuq l-operazzjonijiet tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni;

(g) il-maniġment superjuri huwa f'pożizzjoni li jiżgura l-funzjonament tajjeb u kontinwu tas-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(h) il-maniġment superjuri jieħu miżuri rilevanti meta jiġu identifikati dgħufijiet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni mill-funzjoni ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, ta' validazzjoni, ta' awditjar intern jew minn xi funzjoni oħra ta' kontroll.

*Artikolu 15*

**Rapportar mill-maniġment**

Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tar-rapportar mill-maniġment kif imsemmi fl-Artikolu 189 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) ir-rapportar mill-maniġment jinkludi informazzjoni dwar dawn kollha li ġejjin:

(i) il-profil tar-riskju tad-debituri jew tal-iskoperturi, skont il-grad;

(ii) il-migrazzjoni lejn gradi differenti;

(iii) stima tal-parametri tar-riskju rilevanti għal kull grad;

(iv) tqabbil tar-rati ta' inadempjenza realizzati, u, meta jintużaw stimi proprji, ta' LGDs realizzati u l-fatturi ta' konverżjoni realizzati kontra l-aspettattivi;

(v) is-suppożizzjonijiet u r-riżultati tat-testijiet tal-istress;

(vi) il-prestazzjoni tal-proċess ta' klassifikazzjoni, l-oqsma li jeħtieġu titjib u l-istatus tal-isforzi biex jittejbu n-nuqqasijiet preċedentement identifikati fis-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(vii) ir-rapporti ta' validazzjoni;

(b) il-forma u l-frekwenza tar-rapportar mill-maniġment huma adegwati filwaqt li jqisu s-sinifikat u t-tip tal-informazzjoni u l-livell li r-riċevitur jokkupa fil-ġerarkija, b'kont meħud tal-istruttura organizzazzjonali tal-istituzzjoni;

(c) ir-rapportar mill-maniġment jiffaċilita l-monitoraġġ mill-maniġment superjuri tar-riskju ta' kreditu fil-portafoll ġenerali tal-iskoperturi koperti mill-Approċċ IRB;

(d) ir-rapportar mill-maniġment huwa proporzjonat għan-natura, għad-daqs u għall-grad ta' kumplessità tal-istruttura operatorja u organizzazzjonali tal-istituzzjoni.

*Artikolu 16*

**Unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw is-sorveljanza u l-governanza interna tal-istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 190 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu huma separati u indipendenti mill-funzjonijiet tal-persunal u tal-maniġment responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid tal-iskoperturi;

(b) l-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu huma funzjonali u adegwati għall-kompiti tagħhom.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu huma strutturi organizzazzjonali distinti fl-istituzzjoni;

(b) il-kap tal-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu jew il-kapijiet ta' tali unitajiet huma parti mill-maniġment superjuri;

(c) il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu hija organizzata b'kont meħud tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 76(5) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(d) il-persunal u l-maniġment superjuri responsabbli għall-unità jew għall-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu ma humiex responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid tal-iskoperturi;

(e) il-maniġers superjuri tal-unità jew tal-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu u tal-unitajiet responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid tal-iskoperturi jirrapportaw lil membri differenti tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew tal-kumitat maħtur minnu;

(f) ir-remunerazzjoni tal-persunal u tal-maniġment superjuri responsabbli għall-unità jew għall-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu ma hijiex marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kompiti relatati mal-oriġini jew mat-tiġdid tal-iskoperturi.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu huma proporzjonati għan-natura, għad-daqs u għall-grad ta' kumplessità tal-istruttura operatorja u organizzazzjonali tal-istituzzjoni, u b'mod partikolari għall-kumplessità tas-sistemi ta' klassifikazzjoni u għall-implimentazzjoni tagħhom;

(b) l-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu għandhom riżorsi adegwati, u persunal b'esperjenza u kkwalifikat biex iwettaq l-attivitajiet rilevanti kollha;

(c) l-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu huma responsabbli għat-tfassil jew għall-għażla, għall-implimentazzjoni u għas-sorveljanza u għall-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, kif meħtieġ mit-tieni sentenza tal-Artikolu 190(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u li l-oqsma ta' responsabbiltà ta' dik l-unità jew dawk l-unitajiet jinkludu dawk elenkati fl-Artikolu 190(2) ta' dak ir-Regolament;

(d) l-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu jgħarrfu regolarment lill-maniġment superjuri dwar il-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, dwar oqsma li jeħtieġu titjib, u dwar l-istatus tal-isforzi biex jittejbu n-nuqqasijiet identifikati qabel.

*Artikolu 17*

**Awditjar intern**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw is-sorveljanza u l-governanza interna tal-istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-awditjar intern jew ma' unità tal-awditjar indipendenti komparabbli oħra, kif imsemmi fl-Artikolu 191 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-awditjar intern jew l-unità tal-awditjar indipendenti komparabbli l-oħra tirrieżamina dan li ġej, tal-anqas darba fis-sena:

(i) is-sistemi ta' klassifikazzjoni kollha tal-istituzzjoni;

(ii) l-operazzjonijiet tal-funzjoni ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu;

(iii) l-operazzjonijiet tal-proċess tal-approvazzjoni tal-krediti;

(iv) l-operazzjonijiet tal-funzjoni ta' validazzjoni interna;

(b) ir-rieżami fil-punt (a) jiffaċilita l-ispeċifikazzjoni fil-pjan ta' ħidma annwali ta' oqsma li jeħtieġu rieżami dettaljat tal-konformità ma' kull rekwiżit applikabbli għall-Approċċ IRB kif stabbilit fl-Artikoli 142 sa 191 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) l-awditjar intern jew l-unità tal-awditjar indipendenti komparabbli l-oħra hija funzjonali u adegwata għall-kompiti tagħha.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-awditjar intern jew l-unità tal-awditjar indipendenti komparabbli l-oħra tipprovdi biżżejjed informazzjoni lill-maniġment superjuri u lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni dwar il-konformità tas-sistemi ta' klassifikazzjoni mar-rekwiżiti applikabbli kollha għall-Approċċ IRB;

(b) l-awditjar intern jew l-unità tal-awditjar indipendenti komparabbli l-oħra hija proporzjonata għan-natura, għad-daqs u għall-grad ta' kumplessità tal-istruttura operatorja u organizzazzjonali tal-istituzzjoni, u b'mod partikolari għall-kumplessità tas-sistemi ta' klassifikazzjoni u għall-implimentazzjoni tagħhom;

(c) l-awditjar intern jew l-unità tal-awditjar indipendenti komparabbli l-oħra għandha riżorsi adegwati, u persunal b'esperjenza u kkwalifikat biex iwettaq l-attivitajiet rilevanti kollha;

(d) l-awditjar intern jew l-unità tal-awditjar indipendenti komparabbli l-oħra ma tkun involuta fl-ebda aspett tal-operat tas-sistemi ta' klassifikazzjoni li hija tirrieżamina f'konformità mal-paragrafu 1(a);

(e) l-awditjar intern jew l-unità tal-awditjar indipendenti komparabbli l-oħra hija indipendenti mill-persunal u mill-maniġment responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid ta' skoperturi u tirrapporta direttament lill-maniġment superjuri;

(f) ir-remunerazzjoni tal-persunal u tal-maniġment superjuri responsabbli għall-funzjoni tal-awditjar intern ma hijiex marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kompiti relatati mal-oriġini jew mat-tiġdid tal-iskoperturi.

KAPITOLU 4

## METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦAT-TEST TAL-UŻU U GĦAT-TEST TAL-ESPERJENZA

*Artikolu 18*

### Ġenerali

1. Sabiex jivvalutaw jekk istituzzjoni hijiex konformi mar-rekwiżiti dwar l-użu ta' sistemi ta' klassifikazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 144(1)(b), tal-Artikolu 145, tal-Artikolu 171(1)(c), tal-Artikolu 172(1)(a), tal-Artikolu 172(1)(c), tal-Artikolu 172(2) u 175(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf tas-sistemi ta' klassifikazzjoni użati fil-kalkolu tal-fondi proprji għandhom rwol essenzjali fil-ġestjoni tar-riskju, fl-approvazzjoni tal-krediti u fil-proċess deċiżjonali f'konformità mal-Artikolu 19;

(b) il-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf tas-sistemi ta' klassifikazzjoni użati fil-kalkolu tal-fondi proprji għandhom rwol essenzjali fil-proċess tal-allokazzjoni interna tal-kapital f'konformità mal-Artikolu 20;

(c) il-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf tas-sistemi ta' klassifikazzjoni użati fil-kalkolu tal-fondi proprji għandhom rwol essenzjali fil-funzjonijiet ta' governanza korporattiva f'konformità mal-Artikolu 21;

(d) id-*data* u l-istimi użati mill-istituzzjoni għall-kalkolu tal-fondi proprji u dawk użati għal skopijiet interni huma konsistenti, u fejn jeżistu diskrepanzi, li dawn huma ddokumentati bis-sħiħ u huma raġonevoli;

(e) is-sistemi ta' klassifikazzjoni huma ġeneralment konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 169 sa 191 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u ġew applikati mill-istituzzjoni mill-inqas tliet snin qabel l-użu tal-Approċċ IRB, kif stabbilit fl-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikolu 22.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki u l-proċeduri interni rilevanti tal-istituzzjoni;

(b) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati involuti fil-governanza tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu;

(c) jirrieżaminaw l-allokazzjoni tas-setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' kreditu, il-manwali dwar il-ġestjoni tal-kreditu u l-iskemi tal-kanali kummerċjali;

(d) jirrieżaminaw l-analiżi li l-istituzzjoni tkun għamlet tal-approvazzjonijiet ta' kreditu u d-*data* dwar l-applikazzjonijiet ta' kreditu miċħuda, inklużi dawn kollha li ġejjin:

   (i) deċiżjonijiet ta' kreditu li jiddevjaw mill-politika kreditizja tal-istituzzjoni ("eċċezzjonijiet")

   (ii) il-każijiet fejn il-ġudizzju uman iwassal għal devjazzjoni mill-inputs jew mill-outputs tas-sistemi ta' klassifikazzjoni ("prevalazzjonijiet") u l-ġustifikazzjonijiet għall-prevalazzjonijiet,

(iii) l-iskoperturi mhux ikklassifikati u r-raġunijiet għal klassifikazzjonijiet nieqsa,

(iv) deċiżjonijiet manwali u punti ta' limitu;

(e) janalizzaw il-politiki ta' ristrutturar kreditizju tal-istituzzjoni;

(f) janalizzaw ir-rapportar regolari dokumentat dwar ir-riskju ta' kreditu;

(g) janalizzaw id-dokumentazzjoni dwar il-kalkolu tal-kapital intern tal-istituzzjoni u l-allokazzjoni tal-kapital intern għal tipi ta' riskju, sussidjarji u portafolji;

(h) janalizzaw is-sejbiet rilevanti tal-awditjar intern jew ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(i) janalizzaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforz magħmul mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati waqt l-awditjar rilevanti;

(j) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll wieħed mis-segwenti metodi addizzjonali:

(a) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni tas-sistemi ta' twissija bikrija;

(b) jirrieżaminaw il-metodoloġija tal-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu u l-analiżi dokumentata tal-koerenza tagħha mal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(c) jirrieżaminaw l-analiżi dokumentata tal-profittabbiltà aġġustata għar-riskju tal-istituzzjoni;

(d) jirrieżaminaw il-politiki tal-ipprezzar tal-istituzzjoni;

(e) jirrieżaminaw il-proċeduri għall-ġbir u għall-irkupru tad-djun;

(f) jirrieżaminaw il-manwali tal-ippjanar u r-rapporti dwar l-ibbaġitjar tal-kost tar-riskju;

(g) jirrieżaminaw il-politika ta' remunerazzjoni u l-minuti tal-kumitat ta' remunerazzjoni;

(h) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 19*

**Test tal-użu fil-ġestjoni tar-riskju, fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-proċess tal-approvazzjoni tal-krediti**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw jekk il-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf tas-sistemi ta' klassifikazzjoni użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għandhomx rwol essenzjali fil-ġestjoni tar-riskju u fil-proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni u fl-approvazzjoni tal-krediti tagħha kif meħtieġ mill-Artikolu 144(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fir-rigward tal-assenjazzjoni fi gradi jew aggregazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 171(1), il-punt (c), u (2), ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-assenjazzjoni ta' skoperturi f'konformità mal-Artikolu 172(1), il-punti (a), (b) u (c), ta' dak ir-Regolament u fir-rigward tad-dokumentazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 175(3) ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-għadd ta' skoperturi mhux ikklassifikati u ta' klassifikazzjonijiet qodma huwa immaterjali;

(b) dawk il-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf għandhom rwol importanti, b'mod partikolari, waqt:

(i) it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni, ir-rifjut, ir-ristrutturar u t-tiġdid ta' faċilità ta' kreditu;

(ii) it-tfassil tal-politiki dwar is-self bl-influwenzar tal-limiti massimi tal-iskoperturi, it-tekniki ta' mitigazzjoni u t-titjibiet tal-kreditu meħtieġa jew xi aspett ieħor tal-profil tar-riskju ta' kreditu globali tal-istituzzjoni;

(iii) l-eżekuzzjoni tal-proċess ta' monitoraġġ tad-debituri u tal-iskoperturi;

2. Meta l-istituzzjonijiet jużaw klassifikazzjonijiet interni u stimi tal-inadempjenza u tat-telf f'xi qasam minn dawn li ġejjin, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kif dak l-użu jikkontribwixxi biex dawk il-klassifikazzjonijiet u l-istimi jiżvolġu rwol essenzjali fil-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u dak deċiżjonali tal-istituzzjoni u fl-approvazzjoni tal-krediti tagħha kif imsemmi fil-paragrafu 1:

(a) l-ipprezzar ta' kull faċilità ta' kreditu jew debitur;

(b) is-sistemi ta' twissija bikrija użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu;

(c) id-determinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-proċessi tal-ġbir u tal-irkupru;

(d) il-kalkolu tal-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu fejn dan ikun konformi mal-qafas kontabilistiku applikabbli;

(e) l-allokazzjoni jew id-delega tal-kompetenza għall-approvazzjoni tal-krediti mill-bord maniġerjali lill-kumitati interni, lill-maniġment superjuri u lill-persunal.

*Artikolu 20*

**Test tal-użu fl-allokazzjoni interna tal-kapital**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw jekk il-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf tas-sistemi ta' klassifikazzjoni użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għandhomx rwol essenzjali fl-allokazzjoni interna tal-kapital tal-istituzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 144(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk dawn il-klassifikazzjonijiet u l-istimi għandhomx rwol importanti f'dawn li ġejjin:

(a) il-valutazzjoni tal-ammont ta' kapital intern li l-istituzzjoni tqis adegwat biex ikopri n-natura u l-livell tar-riskju li għalih hija esposta jew li tista' tkun esposta kif imsemmi fl-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE;

(b) l-allokazzjoni tal-kapital intern fost it-tipi ta' riskju, sussidjarji u portafolji.

2. Meta l-istituzzjonijiet iqisu l-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf għall-fini tal-kalkolu tal-kost tar-riskju għall-istituzzjoni għall-finijiet baġitarji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kif il-kunsiderazzjoni ta' dawk l-elementi tikkontribwixxi biex dawk il-klassifikazzjonijiet u l-istimi jiżvolġu rwol essenzjali fl-allokazzjoni interna tal-kapital tal-istituzzjoni.

*Artikolu 21*

**Test tal-użu fil-funzjonijiet ta' governanza korporattiva**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw jekk il-klassifikar intern u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf tas-sistemi ta' klassifikazzjoni użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għandhomx rwol essenzjali fil-funzjonijiet ta' governanza korporattiva tal-istituzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 144(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk dawn il-klassifikazzjonijiet u l-istimi għandhomx rwol importanti f'dawn li ġejjin:

(a) ir-rapportar mill-maniġment;

(b) il-monitoraġġ tar-riskju ta' kreditu fil-livell tal-portafoll.

2. Meta l-istituzzjonijiet iqisu l-klassifikar intern u l-istimi tal-inadempjenza u tat-telf f'wieħed minn dawn l-oqsma, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kif il-kunsiderazzjoni ta' dawk l-elementi tikkontribwixxi biex dawk il-klassifikar u l-istimi jiżvolġu rwol essenzjali fil-funzjonijiet ta' governanza korporattiva msemmija fil-paragrafu 1:

(a) l-ippjanar tal-awditjar intern;

(b) it-tfassil tal-politiki ta' remunerazzjoni.

*Artikolu 22*

## Test tal-esperjenza

1. Meta jkunu qed jivvalutaw jekk is-sistemi ta' klassifikazzjoni humiex ġeneralment konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 169 sa 191 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u ġewx applikati mill-istituzzjoni għal mill-inqas tliet snin qabel l-użu tal-Approċċ IRB għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, kif imsemmi fl-Artikolu 145 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) dawk is-sistemi ta' klassifikazzjoni ġew użati fil-proċessi deċiżjonali u tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni u fil-proċessi tal-approvazzjoni tal-krediti msemmija fl-Artikolu 19(1)(b);

(b) hemm dokumentazzjoni adegwata disponibbli dwar l-operat effettiv tas-sistemi ta' klassifikazzjoni għal dawk it-tliet snin, b'mod partikolari fir-rigward tar-rapporti rispettivi ta' monitoraġġ, ta' validazzjoni u ta' awditjar.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' talba għall-awtorizzazzjoni għall-estensjoni tal-Approċċ IRB f'konformità mal-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali, il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll meta l-estensjoni tikkonċerna skoperturi li huma ferm differenti mill-ambitu tal-kopertura eżistenti, tant li l-esperjenza eżistenti ma tistax tiġi raġonevolment preżunta li hija biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 145(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-iskoperturi addizzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 145(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

KAPITOLU 5

## METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-ASSENJAZZJONI TA' SKOPERTURI FI GRADI JEW AGGREGAZZJONIJIET

*Artikolu 23*

## Ġenerali

1. Sabiex jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti dwar l-assenjazzjoni ta' debituri jew ta' skoperturi għal gradi jew għal aggregazzjonijiet kif stabbilit fl-Artikoli 169, 171, 172 u 173 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) l-adegwatezza tad-definizzjonijiet, tal-proċessi u tal-kriterji użati mill-istituzzjoni għall-assenjazzjoni jew għar-rieżami tal-assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew f'aggregazzjonijiet, inkluż it-trattament ta' prevalazzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 24;

(b) l-integrità tal-proċess ta' assenjazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 173 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluża l-indipendenza tal-proċess ta' assenjazzjoni, kif ukoll ir-rieżamijiet tal-assenjazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 25.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki u l-proċeduri interni rilevanti tal-istituzzjoni;

(b) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-unitajiet responsabbli għall-oriġini u għat-tiġdid ta' skoperturi u tal-unitajiet responsabbli għall-assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet;

(c) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(d) jirrieżaminaw ir-rapporti interni tal-istituzzjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-proċess ta' assenjazzjoni;

(e) janalizzaw is-sejbiet rilevanti tal-awditjar intern jew ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(f) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress dwar l-isforzi magħmula mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet fl-assenjazzjoni jew fil-proċess ta' rieżami u biex ittaffi r-riskji identifikati matul l-awditi;

(g) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom;

(h) jirrieżaminaw il-kriterji użati mill-persunal responsabbli għall-ġudizzju uman fl-assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll wieħed mis-segwenti metodi addizzjonali:

(a) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT rilevanti;

(b) iwettqu testijiet kampjunarji u janalizzaw id-dokumenti relatati mal-karatteristiċi ta' debitur u mal-oriġini u l-manutenzjoni tal-iskoperturi;

(c) iwettqu testijiet proprji fuq id-*data* tal-istituzzjoni jew jirrikjedu li l-istituzzjoni twettaq testijiet speċifiċi;

(d) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 24*

**Definizzjonijiet, proċessi u kriterji tal-assenjazzjoni**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tad-definizzjonijiet, tal-proċessi u tal-kriterji użati mill-istituzzjoni sabiex tassenja jew tirrieżamina l-assenjazzjoni ta' skoperturi għal gradi jew f'aggregazzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 169, 171, 172 u 173 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) hemm proċeduri u mekkaniżmi adegwati fis-seħħ li jiżguraw assenjazzjoni konsistenti ta' debituri jew faċilitajiet għal sistema ta' klassifikazzjoni xierqa;

(b) hemm proċeduri u mekkaniżmi adegwati fis-seħħ biex jiġi żgurat li kull skopertura miżmuma mill-istituzzjoni tiġi assenjata għal grad jew aggregazzjoni f'konformità mas-sistema ta' klassifikazzjoni;

(c) fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, u fil-każ ta' skoperturi ta' ekwità fejn l-istituzzjoni tuża l-approċċ PD/LGD stabbilit fl-Artikolu 155(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, hemm proċeduri u mekkaniżmi adegwati fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-iskoperturi kollha fil-konfront tal-istess debitur jiġu assenjati fl-istess grad ta' debitur, inklużi skoperturi tul linji operatorji, dipartimenti, postijiet ġeografiċi, entitajiet ġuridiċi fi ħdan il-grupp u sistemi tal-IT differenti, u biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-eżenzjoni mir-rekwiżit li jkun hemm skala ta' klassifikazzjoni tad-debituri li tirrifletti esklussivament il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' inadempjenza ta' debituri għall-iskoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self, kif stabbilit fl-Artikolu 170(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u tal-eżenzjoni mill-obbligu li skoperturi separati jiġi assenjati fl-istess grad ta' debituri, kif stabbilit fl-Artikolu 172(1)(e) ta' dak ir-Regolament;

(d) id-definizzjonijiet u l-kriterji użati għall-assenjazzjoni huma dettaljati biżżejjed biex jiżguraw fehim komuni u assenjazzjoni konsistenti għal gradi jew aggregazzjonijiet mill-persunal kollu responsabbli f'kull linja operatorja, dipartiment, post ġeografiku u f'kull entità ġuridika fil-grupp, irrispettivament mis-sistema tal-IT użata;

(e) hemm proċeduri u mekkaniżmi adegwati fis-seħħ biex tinkiseb l-informazzjoni rilevanti kollha dwar id-debituri u l-faċilitajiet;

(f) tittieħed inkunsiderazzjoni l-informazzjoni kollha rilevanti u l-aktar aġġornata attwalment disponibbli;

(g) fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, u fil-każ ta' skoperturi ta' ekwità fejn istituzzjoni tuża l-approċċ PD/LGD, tittieħed inkunsiderazzjoni kemm l-informazzjoni finanzjarja kif ukoll dik mhux finanzjarja;

(h) meta l-informazzjoni meħtieġa għall-assenjazzjoni ta' skoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet tkun nieqsa jew ma tkunx aġġornata, l-istituzzjoni tkun stabbiliet tolleranzi għal metrika definita u adottat regoli sabiex tqis dak il-fatt b'mod adegwat u konservattiv;

(i) rapporti finanzjarji ta' aktar minn 24 xahar jitqiesu bħala skaduti u jiġu ttrattati b'mod konservattiv;

(j) l-assenjazzjoni fi gradi jew aggregazzjonijiet hija parti mill-proċess tal-approvazzjoni tal-krediti, f'konformità mal-Artikolu 19;

(k) il-kriterji għall-assenjazzjoni fi gradi jew aggregazzjonijiet huma konsistenti mal-istandards u mal-politiki ta' self tal-istituzzjoni għall-ġestjoni ta' debituri u ta' faċilitajiet f'diffikultà.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-sitwazzjonijiet fejn il-ġudizzju uman jipprevali fuq l-inputs jew l-outputs tas-sistema ta' klassifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 172(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huma għandhom jivverifikaw li:

(a) hemm politiki dokumentati li jistabbilixxu r-raġunijiet għall-prevalazzjonijiet u l-firxa massima tagħhom u li jispeċifikaw f'liema stadji tal-proċess ta' assenjazzjoni l-prevalazzjonijiet huma permessi;

(b) il-prevalazzjonijiet huma ġġustifikati biżżejjed b'referenza għar-raġunijiet stabbiliti fil-politiki msemmija fil-punt (a) u li din il-ġustifikazzjoni hija dokumentata;

(c) l-istituzzjoni twettaq analiżi fuq bażi regolari tal-prestazzjoni tal-iskoperturi li l-klassifikazzjoni tagħhom tkun ġiet modifikata, inkluża analiżi tal-prevalazzjonijiet imwettqa minn kull membru tal-persunal li japplika l-prevalazzjonijiet, u li r-riżultati ta' din l-analiżi jitqiesu fil-proċess deċiżjonali f'livell maniġerjali xieraq;

(d) l-istituzzjoni tiġbor informazzjoni sħiħa dwar il-prevalazzjonijiet, fosthom informazzjoni kemm qabel kif ukoll wara l-prevalazzjonijiet, timmonitorja l-għadd u l-ġustifikazzjonijiet għall-prevalazzjonijiet fuq bażi regolari, u tanalizza l-effett tal-prevalazzjonijiet fuq il-prestazzjoni tal-mudell;

(e) l-għadd u l-ġustifikazzjonijiet għall-prevalazzjonijiet ma jindikawx dgħufijiet sinifikanti tal-mudell ta' klassifikazzjoni.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li d-definizzjonijiet, il-proċessi u l-kriterji tal-assenjazzjoni jissodisfaw dawn kollha li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni ta' gruppi ta' klijenti konnessi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) l-informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet u l-inadempjenzi ta' entitajiet rilevanti oħra fil-grupp ta' klijenti konnessi titqies fl-assenjazzjoni tal-grad ta' debitur b'tali mod li l-gradi ta' klassifikazzjoni ta' kull entità rilevanti fil-grupp jirriflettu s-sitwazzjoni differenti ta' kull entità rilevanti u r-relazzjonijiet tagħha mal-entitajiet rilevanti l-oħra tal-grupp;

(c) il-każijiet fejn id-debituri jiġu assenjati fi grad aħjar minn dak tal-impriża omm tagħhom huma ddokumentati u ġustifikati.

*Artikolu 25*

**Integrità tal-proċess ta' assenjazzjoni**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-indipendenza tal-proċess ta' assenjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 173 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-persunal u l-maniġment responsabbli għall-approvazzjoni finali tal-assenjazzjoni jew tar-rieżami tal-assenjazzjoni ta' skoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet ma humiex involuti fi jew responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid ta' skoperturi;

(b) il-maniġers superjuri ta' unitajiet responsabbli għall-approvazzjoni finali tal-assenjazzjoni jew tar-rieżami tal-assenjazzjoni ta' skoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet u l-maniġers superjuri ta' unitajiet responsabbli għall-oriġini jew għat-tiġdid ta' skoperturi jirrapportaw lil membri differenti tal-korp maniġerjali jew lill-kumitat maħtur rilevanti tal-istituzzjoni;

(c) ir-remunerazzjoni tal-persunal u tal-maniġment responsabbli għall-approvazzjoni finali tal-assenjazzjoni jew tar-rieżami tal-assenjazzjoni ta' skoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet ma hijiex marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kompiti relatati mal-oriġini jew mat-tiġdid tal-iskoperturi.

(d) fil-każ ta' prevalazzjonijiet fil-klassi tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur japplikaw l-istess prattiki bħal dawk imsemmija fil-punti (a), (b) u (c).

2. Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza u l-frekwenza tal-proċess ta' assenjazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 173 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) hemm politiki adegwati u dettaljati li jispeċifikaw il-frekwenza tar-rieżami, u l-kriterji għall-ħtieġa ta' rieżamijiet aktar frekwenti filwaqt li jitqies ir-riskju ogħla ta' debituri jew ta' skoperturi problematiċi u li dawk il-politiki jiġu applikati b'mod konsistenti maż-żmien;

(b) ir-rieżami tal-assenjazzjoni jsir wara perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar mill-approvazzjoni tal-assenjazzjoni u li kwalunkwe aġġustament, li jiġi identifikat bħala neċessarju waqt ir-rieżami, jitwettaq f'dak it-terminu;

(c) rieżami tal-assenjazzjoni jitwettaq meta jkun hemm informazzjoni materjali ġdida disponibbli dwar id-debitur jew dwar l-iskopertura u li kull aġġustament eventwali li jitqies neċessarju waqt ir-rieżami jitwettaq mingħajr dewmien żejjed;

(d) l-istituzzjoni ddefiniet il-kriterji u l-proċessi għall-valutazzjoni tal-materjalità ta' informazzjoni ġdida u l-ħtieġa sussegwenti għal riassenjazzjoni u li dawn il-kriterji u l-proċessi jiġu applikati b'mod konsistenti;

(e) fir-rieżami tal-assenjazzjoni tintuża l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli;

(f) fejn għal raġunijiet prattiċi l-assenjazzjoni ma tkunx ġiet rieżaminata kif stabbilit fil-punti (a) sa (e), li hemm politiki adegwati fis-seħħ għall-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u r-rimedju tas-sitwazzjoni u li jiġu adottati miżuri biex jiġi żgurat ir-ritorn għall-konformità mal-punti (a) sa (e);

(g) il-maniġment superjuri jiġi mgħarraf regolarment dwar ir-rieżamijiet tal-assenjazzjoni tal-iskoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet u dwar kwalunkwe dewmien fir-rieżamijiet tal-assenjazzjoni msemmija fil-punt (f);

(h) jeżistu politiki adegwati għall-ksib u għall-aġġornament regolari tal-informazzjoni rilevanti, u li dan huwa rifless adegwatament fit-termini tal-kuntratti mad-debituri.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-valur u l-għadd ta' skoperturi li ma ġewx rieżaminati f'konformità mal-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 2, u jivverifikaw li dawk l-iskoperturi jiġu ttrattati b'mod konservattiv meta jiġu kkalkulati l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju. Il-valutazzjoni u l-verifika għandhom jitwettqu separatament għal kull sistema ta' klassifikazzjoni u għal kull parametru tar-riskju.

## KAPITOLU 6

## **METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' INADEMPJENZI**

### *Artikolu 26*

### **Ġenerali**

1. Sabiex jiġi vvalutat jekk l-istituzzjoni tidentifikax is-sitwazzjonijiet kollha li għandhom jitqiesu bħala inadempjenzi f'konformità mal-Artikolu 178(1) sa (5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/171 ([5]) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) l-ispeċifikazzjoni dettaljata u l-applikazzjoni prattika tal-iskattaturi għall-identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur, f'konformità mal-Artikolu 27;

(b) ir-robustezza u l-effettività tal-proċess użat minn istituzzjoni għall-identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur, f'konformità mal-Artikolu 28;

(c) l-iskattaturi u l-proċess użati minn istituzzjoni għar-riklassifikazzjoni ta' debitur inadempjenti għal status ta' mhux inadempjenti, f'konformità mal-Artikolu 29.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-kriterji, il-politiki u l-proċeduri interni tal-istituzzjoni biex jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet inadempjenza ("definizzjoni ta' inadempjenza") u għat-trattament ta' skoperturi inadempjenti;

(b) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-unitajiet u tal-korpi ta' ġestjoni involuti fl-identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur u l-ġestjoni ta' skoperturi inadempjenti;

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/171 tad-19 ta' Ottubru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment għal obbligi ta' kreditu skaduti (ĠU L 32, 6.2.2018, p. 1).

(c) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(d) janalizzaw is-sejbiet rilevanti tal-awditjar intern jew ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(e) janalizzaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforz magħmul mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati waqt l-awditjar rilevanti;

(f) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom;

(g) jirrieżaminaw il-kriterji użati mill-persunal responsabbli għall-assenjazzjoni manwali tal-istatus ta' inadempjenza lil debitur jew lil skopertura u għar-ritorn għall-istatus ta' mhux inadempjenti.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll wieħed mis-segwenti metodi addizzjonali:

(a) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT użati fil-proċess ta' identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur;

(b) iwettqu testijiet kampjunarji u janalizzaw id-dokumenti relatati mal-karatteristiċi ta' debitur u mal-oriġini u l-manutenzjoni tal-iskoperturi;

(c) iwettqu testijiet proprji fuq id-*data* tal-istituzzjoni jew jirrikjedu li l-istituzzjoni twettaq testijiet speċifiċi;

(d) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 27*

**Skattaturi għall-identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-ispeċifikazzjoni dettaljata u l-applikazzjoni prattika tal-iskattaturi għall-identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur applikat mill-istituzzjoni u l-konformità tagħhom mal-Artikolu 178(1) sa (5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/171, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) hemm politika adegwata fis-seħħ fir-rigward tal-għadd ta' jiem wara d-data tal-għeluq, inkluż ir-rimaturazzjoni ta' faċilitajiet, l-għoti ta' estensjonijiet, emendi jew differimenti, tiġdid u nettjar ta' kontijiet eżistenti;

(b) id-definizzjoni ta' inadempjenza applikata mill-istituzzjoni tinkludi tal-anqas l-iskattaturi kollha ta' inadempjenza stabbiliti fl-Artikolu 178(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) meta istituzzjoni tuża aktar minn definizzjoni waħda ta' inadempjenza fl-entitajiet ġuridiċi tagħha, li l-ambitu ta' kull definizzjoni ta' inadempjenza jiġi speċifikat b'mod ċar u li d-differenzi bejn id-definizzjonijiet huma ġustifikati.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk id-definizzjoni ta' inadempjenza hijiex implimentata fil-prattika u hijiex dettaljata biżżejjed biex tiġi konsistentement applikata mill-membri kollha tal-persunal għal kull tip ta' skopertura, u jekk is-segwenti indikaturi potenzjali ta' improbabbiltà li d-debituri jħallsu lura d-dejn tagħhom humiex speċifikati biżżejjed:

(a) l-istatus ta' mhux dovuta;

(b) avvenimenti li jikkostitwixxu aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu li jirriżultaw minn perċezzjoni ta' tnaqqis sinifikanti fil-kwalità tal-kreditu;

(c) bejgħ ta' obbligi ta' kreditu li jikkostitwixxu telf ekonomiku materjali relatat mal-kreditu;

(d) avvenimenti li jikkostitwixxu ristrutturar oneruż;

(e) avvenimenti li jikkostitwixxu protezzjoni simili għal dik ta' falliment;

(f) indikazzjonijiet oħra ta' improbabbiltà li d-debituri jħallsu lura d-dejn tagħhom.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-politiki u l-proċeduri jiżguraw li d-debituri ma jiġux ikklassifikati bħala mhux inadempjenti meta japplika xi wieħed minn dawn l-iskattaturi ta' inadempjenza.

*Artikolu 28*

**Robustezza u effikaċja tal-proċess ta' identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw ir-robustezza u l-effikaċja tal-proċess ta' identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur f'konformità mal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) jeżistu proċeduri u mekkaniżmi adegwati biex jiġi żgurat li l-inadempjenzi kollha jiġu identifikati fi żmien xieraq, b'mod partikolari li l-ġbir u l-aġġornament tal-informazzjoni rilevanti huma effikaċi effettivi u jseħħu bi frekwenza suffiċjenti;

(b) fejn l-identifikazzjoni ta' inadempjenza ta' debitur tkun ibbażata fuq proċessi awtomatiċi, jitwettqu testijiet biex jiġi vverifikat li l-inadempjenzi huma korrettament identifikati mis-sistema tal-IT;

(c) għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-inadempjenza ta' debitur abbażi ta' ġudizzju uman, il-kriterji għall-valutazzjoni tad-debituri u l-iskattaturi ta' inadempjenza huma stabbiliti f'biżżejjed dettall fid-dokumentazzjoni interna biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-identifikazzjoni ta' inadempjenzi mill-membri kollha tal-persunal involut f'tali identifikazzjoni;

(d) meta l-istituzzjoni tapplika d-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tad-debitur, jeżistu proċeduri u mekkaniżmi adegwati biex jiġi żgurat li ladarba tiġi identifikata inadempjenza fil-konfront ta' debitur, l-iskoperturi kollha fil-konfront ta' dak id-debitur jiġu rreġistrati bħala inadempjenti fis-sistemi, fil-linji operatorji u fil-postijiet ġeografiċi rilevanti kollha fl-istituzzjoni u fis-sussidjarji tagħha, u fejn applikabbli, fl-impriża omm tagħha, u fis-sussidjarji tagħha;

(e) jekk l-assenjazzjoni tal-istatus ta' inadempjenza għall-iskoperturi kollha fil-konfront ta' debitur kif imsemmi fil-punt (d) tiġi ttardjata wara l-inadempjenza ta' skopertura waħda jew aktar tad-debitur, dak id-dewmien ma jwassalx għal żbalji jew inkonsistenzi fil-ġestjoni tar-riskju, fir-rapportar tar-riskju, fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji jew fl-użu ta' *data* fil-kwantifikazzjoni tar-riskju.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-applikazzjoni tal-livell limitu ta' materjalità kif definit f'konformità mal-Artikolu 178(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fid-definizzjoni ta' inadempjenza u l-konsistenza ta' dak il-livell limitu ta' materjalità mal-livell limitu ta' materjalità ta' obbligu ta' kreditu wara d-data tal-għeluq stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/171, u għandhom jivverifikaw li:

(a) jeżistu proċeduri u mekkaniżmi adegwati biex jiġi żgurat li l-istatus ta' inadempjenza jiġi assenjat f'konformità mal-Artikolu 178(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fl-Artikolu 178(2)(d) ta' dak ir-Regolament u f'konformità mal-limitu ta' materjalità rilevanti għal obbligu ta' kreditu wara d-data tal-għeluq kif definit mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/171;

(b) il-proċess tal-għadd ta' jiem wara d-data tal-għeluq huwa konsistenti mal-obbligi kuntrattwali jew legali tad-debitur, jirrifletti adegwatament il-pagamenti parzjali u jiġi applikat b'mod konsistenti.

3. Fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, minbarra l-verifika stabbilita fil-paragrafu 1 u l-valutazzjoni stabbilita fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni għandha politika ċara f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur kemm jekk fil-livell tad-debitur jew fil-livell tal-faċilità ta' kreditu individwali;

(b) il-politika msemmija fil-punt (a) hija allinjata mal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni u tiġi applikata b'mod konsistenti;

(c) meta l-istituzzjoni tapplika d-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tal-faċilità ta' kreditu individwali:

  (i) hemm proċeduri u mekkaniżmi adegwati fis-seħħ biex jiġi żgurat li ladarba faċilità ta' kreditu tiġi identifikata bħala inadempjenti, dik il-faċilità ta' kreditu tiġi mmarkata bħala inadempjenti fis-sistemi rilevanti kollha fl-istituzzjoni;

  (ii) fejn ikun hemm dewmien f'dak li għandu x'jaqsam mal-assenjazzjoni tal-istatus ta' inadempjenza ta' faċilità ta' kreditu fis-sistemi rilevanti kollha kif imsemmi fil-punt (i), dak id-dewmien ma jwassalx għal żbalji jew inkonsistenzi fil-ġestjoni tar-riskju, fir-rapportar tar-riskju, fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji jew fl-użu ta' *data* fil-kwantifikazzjoni tar-riskju.

*Artikolu 29*

## Riklassifikazzjoni għal status ta' mhux inadempjenti

1. Meta jkunu qed jivvalutaw ir-robustezza tal-iskattaturi u tal-proċess ta' riklassifikazzjoni ta' debitur inadempjenti għal status ta' mhux inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-iskattaturi għar-riklassifikazzjoni huma ddeterminati għal kull skattatur ta' inadempjenza u li l-identifikazzjoni u t-trattament tal-obbligi ta' kreditu soġġetti għal ristrutturazzjoni oneruża huma speċifikati b'mod ċar;

(b) ir-riklassifikazzjoni hija possibbli biss wara li l-iskattaturi kollha ta' inadempjenza ma għadhomx japplikaw u l-kundizzjonijiet rilevanti kollha għar-riklassifikazzjoni huma sodisfatti;

(c) l-iskattaturi u l-proċess tar-riklassifikazzjoni huma ddeterminati b'mod prudenti, b'mod partikolari li jiżguraw li r-riklassifikazzjoni għal status ta' mhux inadempjenti ma ssirx meta l-istituzzjoni tistenna li l-obbligu ta' kreditu ma jitħallasx interament mingħajr rikors min-naħa tal-istituzzjoni għal azzjonijiet bħar-realizzazzjoni tat-titoli.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni ma jippermettux ir-riklassifikazzjoni ta' debitur inadempjenti għal status ta' mhux inadempjenti purament bħala riżultat ta' tibdil fit-termini jew fil-kundizzjonijiet tal-obbligi ta' kreditu, sakemm l-istituzzjoni ma tkunx sabet li dak it-tibdil jippermetti lid-debitur ma jibqax jitqies bħala improbabbli li jħallas.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw l-analiżi li fuqha l-istituzzjoni tkun ibbażat il-kriterji tagħha għar-riklassifikazzjoni. Huma għandhom jivverifikaw li l-analiżi tqis ir-rekord preċedenti ta' inadempjenza tal-istituzzjoni u l-perċentwal tad-debituri inadempjenti li, wara li jkunu ġew riklassifikati għal status ta' mhux inadempjenti, jerġgħu jsiru inadempjenti wara perjodu qasir.

KAPITOLU 7

# METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦAD-DISINN TAS-SISTEMI TA' KLASSIFIKAZZJONI, DETTALJI OPERAZZJONALI U DOKUMENTAZZJONI

*TAQSIMA 1*

***Ġenerali***

*Artikolu 30*

## Ġenerali

1. Sabiex jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti dwar id-disinn, il-ġestjoni u d-dokumentazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 144(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) l-adegwatezza tad-dokumentazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni, id-disinn u d-dettalji operazzjonali tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 175 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikoli 31 u 32;

(b) l-adegwatezza tal-istruttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 170 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikoli 33 sa 36;

(c) l-applikazzjoni mill-istituzzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għall-mudelli statistiċi jew metodi mekkaniċi oħra, kif imsemmi fl-Artikolu 174 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikoli 37 sa 40.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki interni rilevanti tal-istituzzjoni;

(b) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni teknika tal-istituzzjoni dwar il-metodoloġija u l-proċess tal-iżvilupp tas-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(c) jirrieżaminaw il-manwali ta' żvilupp, il-metodoloġiji u l-proċessi li fuqhom huma bbażati s-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(d) jirrieżaminaw il-minuti tal-korpi interni tal-istituzzjoni responsabbli għall-approvazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali jew tal-kumitati maħtura minnu;

(e) jirrieżaminaw ir-rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikar u r-rakkomandazzjonijiet tal-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, tal-funzjoni ta' validazzjoni, tal-uffiċċju tal-awditjar intern jew ta' kwalunkwe funzjoni oħra ta' kontroll tal-istituzzjoni;

(f) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress dwar l-isforzi magħmula mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati matul il-monitoraġġ, il-validazzjonijiet u l-awditjar rilevanti;

(g) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw wieħed mill-metodi addizzjonali segwenti:

(a) jitolbu u janalizzaw id-*data* użata fil-proċess tal-iżvilupp tas-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(b) iwettqu l-istimi proprji jew jirreplikaw dawk tal-istituzzjoni mwettqa matul l-iżvilupp u l-monitoraġġ tas-sistemi ta' klassifikazzjoni bl-użu tad-*data* rilevanti pprovduta mill-istituzzjoni;

(c) jitolbu dokumentazzjoni addizzjonali mill-istituzzjoni jew jitolbuha tipprovdi analiżi relatata mal-għażla tal-metodoloġija għad-disinn tas-sistema ta' klassifikazzjoni u tipprovdi informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba;

(d) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT li huma rilevanti għall-ambitu tal-valutazzjoni tad-disinn tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, id-dettalji operazzjonali u d-dokumentazzjoni;

(e) iwettqu t-testijiet tal-awtorità kompetenti fuq id-*data* tal-istituzzjoni jew jitolbu lill-istituzzjoni twettaq it-testijiet proposti mill-awtorità kompetenti;

(f) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*TAQSIMA 2*

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tad-dokumentazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni, id-disinn u d-dettalji operazzjonali tas-sistemi ta' klassifikazzjoni***

*Artikolu 31*

**Kompletezza tad-dokumentazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-kompletezza tad-dokumentazzjoni dwar id-disinn, id-dettalji operazzjonali u l-ġustifikazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 144(1)(e) u stabbiliti fl-Artikolu 175 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni hija kompluta u tinkludi dan li ġej:

(a) l-adegwatezza tas-sistema ta' klassifikazzjoni u tal-mudelli użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-portafoll;

(b) deskrizzjoni tas-sorsi tad-*data* u tal-prattiki tat-tindif tad-*data*;

(c) definizzjonijiet ta' inadempjenza u ta' telf;

(d) l-għażliet metodoloġiċi;

(e) speċifikazzjoni teknika tal-mudelli;

(f) id-dgħufijiet u l-limitazzjonijiet tal-mudelli u l-fatturi ta' mitigazzjoni possibbli tagħhom;

(g) ir-riżultati tat-testijiet ta' implimentazzjoni tal-mudelli fis-sistemi tal-IT, b'mod partikolari informazzjoni dwar l-eżitu pożittiv u n-nuqqas ta' żbalji fl-implimentazzjoni;

(h) awtovalutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti regolatorji għall-Approċċ Ibbażat Fuq Klassifikazzjonijiet Interni kif imsemmi fl-Artikoli 169 sa 191 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) id-dokumentazzjoni tiddeskrivi b'mod ċar l-iskop tas-sistema ta' klassifikazzjoni u tal-mudelli;

(b) id-dokumentazzjoni tinkludi deskrizzjoni tal-medda ta' applikazzjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni u l-ambitu tal-mudelli użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni, jiġifieri speċifikazzjoni tat-tip ta' skoperturi koperti minn kull mudell fis-sistema ta' klassifikazzjoni, kemm b'mod kwalitattiv kif ukoll b'mod kwantitattiv, it-tip ta' outputs ta' kull mudell u l-użu li jsir mill-outputs;

(c) id-dokumentazzjoni tinkludi spjegazzjoni dwar kif l-informazzjoni miksuba permezz tas-sistema ta' klassifikazzjoni u r-riżultati tal-mudelli jitqiesu għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskju, tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-proċessi tal-approvazzjoni tal-krediti, kif imsemmi fl-Artikolu 19.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni tinkludi:

(a) informazzjoni dettaljata dwar id-*data* kollha użata għall-iżvilupp tal-mudell, fosthom definizzjoni preċiża tal-kontenut tal-mudell, is-sors, il-format u l-kodifikazzjoni tiegħu u, fejn applikabbli, l-esklużjonijiet tad-*data* minnu;

(b) kwalunkwe proċedura ta' tindif tad-*data* inklużi l-proċeduri għall-esklużjonijiet tad-*data*, għad-detezzjoni u t-trattament tad-*data* anomala u għall-adattamenti tad-*data*, kif ukoll ġustifikazzjoni espliċita għall-użu tagħhom u evalwazzjoni tal-impatt tagħhom.

4. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(c), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk id-definizzjonijiet ta' inadempjenza u ta' telf użati fl-iżvilupp tal-mudell humiex adegwatament dokumentati, b'mod partikolari meta jintużaw definizzjonijiet oħra ta' inadempjenza għall-finijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-mudell minn dawk li jintużaw mill-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

5. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni tinkludi:

(a) dettalji dwar id-disinn, it-teorija, is-suppożizzjonijiet u l-loġika sottostanti għall-mudell;

(b) deskrizzjonijiet dettaljati tal-metodoloġiji tal-mudell u l-ġustifikazzjoni, it-tekniki statistiċi u l-approssimazzjonijiet tagħhom u, fejn xieraq, il-ġustifikazzjoni u d-dettalji dwar il-metodi ta' segmentazzjoni, l-outputs tal-proċessi statistiċi u d-dijanjostika u l-miżuri tal-kapaċità predittiva tal-mudelli;

(c) ir-rwol tal-esperti mill-oqsma operatorji pertinenti fl-iżvilupp tas-sistema u tal-mudelli ta' klassifikazzjoni, inkluża deskrizzjoni dettaljata tal-proċess ta' konsultazzjoni mal-esperti mill-oqsma operatorji pertinenti fid-disinn tas-sistema u tal-mudelli ta' klassifikazzjoni kif ukoll l-eżiti u l-ġustifikazzjoni pprovduti minn dawk l-esperti mill-oqsma operatorji pertinenti;

(d) spjegazzjoni dwar kif il-mudell statistiku u l-ġudizzju uman ġew ikkombinati sabiex jinkiseb l-output finali tal-mudell;

(e) spjegazzjoni dwar kif l-istituzzjoni tikkunsidra l-kwalità insodisfaċenti tad-*data*, in-nuqqas ta' aggregazzjonijiet omoġenji ta' skoperturi, il-bidliet fil-proċessi operatorji, l-ambjent ekonomiku jew legali u fatturi oħra relatati mal-kwalità tad-*data* li jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tas-sistema jew tal-mudell ta' klassifikazzjoni;

(f) deskrizzjoni tal-analiżijiet eżegwiti għall-finijiet ta' mudelli statistiċi jew metodi mekkaniċi oħra, skont kif applikabbli:

(i) l-analiżi univarjata tal-varjabbli kkunsidrati u l-kriterji rispettivi għall-għażla tal-varjabbli;

(ii) l-analiżi multivarjata tal-varjabbli magħżula u l-kriterji rispettivi għall-għażla tal-varjabbli;

(iii) il-proċedura għad-disinn tal-mudell finali, fosthom:

— l-għażla finali tal-varjabbli;

— l-aġġustamenti għall-varjabbli bbażati fuq il-ġudizzju uman li jirriżultaw mill-analiżi multivarjata;

— it-trasformazzjonijiet tal-varjabbli;

— l-assenjazzjoni tal-fatturi ta’ ponderazzjoni lill-varjabbli;

— il-metodu ta’ kompożizzjoni tal-komponenti tal-mudell, b’mod partikolari meta l-kontribut tal-komponenti kwalitattivi u kwantitattivi jkun konġunt.

6. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(e), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni tinkludi:

(a) l-ispeċifikazzjoni teknika tal-istruttura tal-mudell finali inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tal-mudell finali, il-komponenti tal-input inkluż it-tip u l-format tal-varjabbli magħżula, il-fatturi ta’ ponderazzjoni applikati għall-varjabbli u l-komponenti tal-output inklużi t-tip u l-format tad-*data* tal-output;

(b) referenzi għall-kodiċijiet tal-kompjuter u għall-istrumenti użati f’termini ta’ lingwi u programmi tal-IT li jippermettu lil parti terza tirriproduċi r-riżultati finali.

Għall-finijiet tal-punt (b), il-parti terza tista’ tkun il-bejjiegħ fil-każ ta’ mudelli mixtrija mingħand bejjiegħa terzi.

7. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(f), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li d-dokumentazzjoni tinkludi deskrizzjoni tad-dgħufijiet u tal-limitazzjonijiet tal-mudell, valutazzjoni ta’ jekk is-suppożizzjonijiet ewlenin tal-mudell intlaħqux u antiċipazzjoni ta’ sitwazzjonijiet fejn il-prestazzjoni tal-mudell tista’ tkun inferjuri għall-aspettattivi jew ma tibqax adegwata, kif ukoll valutazzjoni tas-sinifikanza tad-dgħufijiet tal-mudell u l-fatturi ta’ mitigazzjoni possibbli fir-rigward tagħhom.

8. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(g), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) id-dokumentazzjoni tispeċifika l-proċess li għandu jiġi segwit meta mudell ġdid jew modifikat jiġi implimentat fl-ambjent tal-produzzjoni;

(b) id-dokumentazzjoni tkopri r-riżultati tat-testijiet tal-implimentazzjoni tal-mudelli ta’ klassifikazzjoni fis-sistemi tal-IT, inkluża l-konferma li l-mudell ta’ klassifikazzjoni implimentat fis-sistema ta’ produzzjoni huwa l-istess bħal dak deskritt fid-dokumentazzjoni u qed jaħdem kif intiż.

9. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1(h), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-awtovalutazzjoni min-naħa tal-istituzzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti regolatorji għall-Approċċ IRB issir separatament għal kull sistema ta’ klassifikazzjoni u tiġi rieżaminata mill-awditjar intern jew minn unità tal-awditjar indipendenti komparabbli oħra.

*Artikolu 32*

**Reġistru tas-sistemi ta’ klassifikazzjoni**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw is-sistema ta’ dokumentazzjoni u l-proċeduri għall-ġbir u l-ħżin tal-informazzjoni dwar is-sistemi ta’ klassifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikoli 144(1)(e) u 175 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni implimentat u żżomm reġistru tal-verżjonijiet kurrenti u preċedenti kollhatas-sistema ta’ klassifikazzjoni għal mill-inqas l-aħħar tliet snin (“reġistru tas-sistemi ta’ klassifikazzjoni”).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-proċeduri għaż-żamma tar-reġistru tas-sistemi ta’ klassifikazzjoni jinkludu r-reġistrazzjoni tas-segwenti informazzjoni għal kull verżjoni:

(a) il-medda ta’ applikazzjoni tas-sistema ta’ klassifikazzjoni, li tispeċifika liema tip ta’ skoperturi għandhom jiġu kklassifikati minn kull mudell ta’ klassifikazzjoni;

(b) il-maniġment responsabbli għall-approvazzjoni u d-data tal-approvazzjoni interna, id-data tan-notifika lill-awtoritajiet kompetenti, id-data tal-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, fejn applikabbli, u d-data tal-implimentazzjoni tal-verżjoni;

(c) deskrizzjoni qasira ta' kwalunkwe bidla relatata mal-verżjoni preċedenti li ġiet ikkunsidrata fir-reġistru, inkluża deskrizzjoni tal-aspetti tas-sistema ta' klassifikazzjoni li nbidlu u referenza għad-dokumentazzjoni tal-mudell;

(d) il-kategorija tat-tibdil assenjata f'konformità mar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 529/2014 u referenza għall-kriterji għall-assenjazzjoni għal kategorija ta' tibdil.

*TAQSIMA 3*

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tal-istruttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni***

*Artikolu 33*

**Motivaturi tar-riskju u kriterji ta' klassifikazzjoni**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-motivaturi tar-riskju u l-kriterji ta' klassifikazzjoni użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 170(1), il-punt (a), (c) u (e), (3), il-punt (a), u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) il-proċess tal-għażla tal-motivaturi tar-riskju u l-kriterji ta' klassifikazzjoni rilevanti, inkluża d-definizzjoni tal-motivaturi tar-riskju potenzjali, il-kriterji għall-għażla tal-motivaturi tar-riskju u d-deċiżjonijiet meħuda dwar il-motivaturi tar-riskju rilevanti;

(b) il-konsistenza tal-motivaturi tar-riskju u tal-kriterji ta' klassifikazzjoni magħżula u l-kontribut tagħhom għall-valutazzjoni tar-riskju mal-aspettattivi tal-utenti kummerċjali tas-sistema ta' klassifikazzjoni;

(c) il-konsistenza tal-motivaturi tar-riskju u tal-kriterji ta' klassifikazzjoni magħżula abbażi ta' metodi statistiċi mal-evidenza statistika dwar id-differenzjazzjoni tar-riskju assoċjata ma' kull grad jew aggregazzjoni.

2. Il-motivaturi tar-riskju potenzjali u l-kriterji ta' klassifikazzjoni li għandhom jiġu analizzati f'konformità mal-paragrafu 1(a) għandhom jinkludu dan li ġej, fejn disponibbli għat-tip ta' skoperturi:

(a) il-karatteristiċi tar-riskju tad-debitur, inkluż:

  (i) fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' korporattivi u istituzzjonijiet: rapporti finanzjarji, informazzjoni kwalitattiva, riskju tal-industrija, riskju tal-pajjiż, appoġġ mill-impriża omm;

  (ii) fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur: rapporti finanzjarji jew informazzjoni dwar l-introjtu personali, informazzjoni kwalitattiva, informazzjoni dwar l-imġiba, informazzjoni soċjodemografika.

(b) il-karatteristiċi tar-riskju tat-tranżazzjoni, inkluż it-tip ta' prodott, it-tip ta' kollateral, is-superjorità, il-proporzjon bejn is-self u l-valur;

(c) informazzjoni dwar id-delinkwenza: informazzjoni interna jew informazzjoni miksuba minn sorsi esterni, bħal uffiċċji ta' kreditu.

*Artikolu 34*

**Distribuzzjoni tad-debituri u tal-iskoperturi fil-gradi jew fl-aggregazzjonijiet**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw id-distribuzzjoni tad-debituri u tal-iskoperturi fil-gradi jew l-aggregazzjonijiet ta' kull sistema ta' klassifikazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 170(1), il-punti (b), (d) u (f), (2) u (3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-għadd ta' gradi u ta' aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjonijiet huwa adegwat biex jiżgura differenzjazzjoni tar-riskju sinifikanti u kwantifikazzjoni tal-karatteristiċi tat-telf fil-livell tal-grad jew tal-aggregazzjoni u li:

  (i) fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali u skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self, l-iskala ta' klassifikazzjoni tad-debitur għandha mill-inqas l-għadd ta' gradi stabbiliti fl-Artikolu 170(1)(b) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, rispettivament;

  (ii) fil-każ ta' riċevibbli mixtrija kklassifikati bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur, ir-raggruppament jirrifletti l-prattiki ta' sottoskrizzjoni tal-bejjiegħ u l-eteroġeneità tal-klijenti tiegħu.

(b) il-konċentrazzjoni tal-għadd ta' skoperturi jew ta' debituri ma hijiex eċċessiva fi kwalunkwe grad jew aggregazzjoni, sakemm tali distribuzzjoni ma tkunx sostnuta minn evidenza empirika konvinċenti ta' omoġeneità tar-riskju ta' dawk l-iskoperturi jew debituri;

(c) il-gradi jew l-aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni u ta' faċilità għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur għandhom għadd suffiċjenti ta' skoperturi jew ta' debituri fi grad jew f'aggregazzjoni unika, sakemm tali distribuzzjoni ma tkunx appoġġata minn evidenza empirika konvinċenti li turi li r-raggruppament ta' dawk l-iskoperturi jew debituri huwa adegwat, jew li qed jintużaw stimi diretti tal-parametri tar-riskju għal debituri jew skoperturi individwali kif imsemmi fl-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) il-gradi jew l-aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni u ta' faċilità għal skoperturi fil-konfront ta' korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn ikun hemm *data* suffiċjenti disponibbli, ma għandhomx għadd insuffiċjenti ta' skoperturi jew ta' debituri fi grad jew f'aggregazzjoni unika, sakemm id-distribuzzjoni tal-iskoperturi jew tad-debituri ma tkunx sostnuta minn evidenza empirika konvinċenti li turi li r-raggruppament ta' dawk l-iskoperturi jew tad-debituri jkun adegwat, jew li jintużaw stimi diretti tal-parametri tar-riskju għal debituri jew skoperturi individwali kif imsemmi fl-Artikolu 169(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Minbarra l-verifika stabbilita fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw, fejn xieraq, il-kriterji applikati mill-istituzzjoni fid-determinazzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) l-għadd kumplessiv massimu u minimu ta' gradi jew aggregazzjonijiet;

(b) il-proporzjon ta' skoperturi u ta' debituri assenjati f'kull grad jew aggregazzjoni.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu d-distribuzzjonijiet kurrenti u dawk preċedenti osservati tal-għadd ta' skoperturi u ta' debituri u tal-valuri tal-iskoperturi, inkluża l-migrazzjoni ta' skoperturi u ta' debituri bejn gradi jew aggregazzjonijiet differenti.

*Artikolu 35*

**Differenzjazzjoni tar-riskju**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw id-differenzjazzjoni tar-riskju ta' kull sistema ta' klassifikazzjoni għall-finijiet tal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 170 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) li l-istrumenti użati għall-valutazzjoni tad-differenzjazzjoni tar-riskju huma robusti u adegwati meta wieħed iqis id-*data* disponibbli u li d-differenzjazzjoni adegwata tar-riskju hija evidenzjata permezz ta' rekords ta' serje kronoloġiċi ta' rati ta' inadempjenza jew ta' rati ta' telf realizzati għal gradi jew aggregazzjonijiet f'diversi kundizzjonijiet ekonomiċi;

(b) li l-prestazzjoni mistennija tas-sistema ta' klassifikazzjoni fir-rigward tad-differenzjazzjoni tar-riskju hija definita mill-istituzzjoni permezz ta' miri u tolleranzi fissi stabbiliti b'mod ċar għal metriċi u strumenti definiti kif ukoll azzjonijiet għar-rettifikazzjoni ta' devjazzjonijiet minn dawn il-miri jew tolleranzi; jistgħu jiġu definiti miri u tolleranzi separati għall-iżvilupp inizjali u għall-prestazzjoni kontinwa;

(c) li l-miri u t-tolleranzi għall-metriċi definiti u l-istrumenti u l-mekkaniżmi applikati biex jintlaħqu dawk il-miri u t-tolleranzi jiżguraw differenzjazzjoni tar-riskju suffiċjenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw ukoll il-paragrafu 1 għall-valutazzjoni tad-differenzjazzjoni tar-riskju għal skoperturi għajr skoperturi fil-livell tal-konsumatur skont l-Artikolu 170(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jekk ikun hemm kwantità suffiċjenti ta' *data* disponibbli biex dan ikun possibbli.

*Artikolu 36*

**Omoġeneità**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-omoġeneità ta' debituri jew ta' skoperturi assenjati għall-istess grad jew aggregazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 170(1) u (3)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-similarità tad-debituri u tal-karatteristiċi tat-telf tat-tranżazzjonijiet inklużi f'kull grad jew aggregazzjoni fir-rigward tal-fatturi kollha li ġejjin:

(a) il-klassifikazzjonijiet interni;

(b) l-istimi tal-PD;

(c) fejn applikabbli, l-istimi proprji tal-LGD;

(d) fejn applikabbli, l-istimi proprji tal-fatturi ta’ konverżjoni;

(e) fejn applikabbli, l-istimi proprji tat-telf totali.

Fil-każ ta’ skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw dawk il-fatturi għal kull sistema ta’ klassifikazzjoni. Fil-każ ta’ skoperturi għajr skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutawhom biss għal dawk is-sistemi ta’ klassifikazzjoni li fir-rigward tagħhom hemm ammont suffiċjenti ta’ *data* disponibbli.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-medda ta’ valuri u d-distribuzzjonijiet tal-karatteristiċi tat-telf tad-debitur u tat-tranżazzjonijiet inklużi f’kull grad jew aggregazzjoni.

*TAQSIMA 4*

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għall-mudelli statistiċi jew metodi mekkaniċi oħra***

*Artikolu 37*

**Rekwiżiti tad-data**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-proċess għall-iskrinjar tal-inputs tad-*data* fil-mudell f’konformità mal-Artikolu 174(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) l-affidabbiltà u l-kwalità tas-sorsi interni u esterni tad-*data* u l-medda tad-*data* miksuba minn dawk is-sorsi, kif ukoll il-perjodu ta’ żmien kopert mis-sorsi;

(b) il-proċess tal-fużjoni tad-*data*, fejn il-mudell jiġi fornut b’*data* minn sorsi multipli ta’ *data*;

(c) il-ġustifikazzjoni u l-iskala tal-esklużjonijiet tad-*data* mqassma skont ir-raġuni għall-esklużjoni, bl-użu ta’ statistika dwar is-sehem tad-*data* totali koperta min kull esklużjoni meta ċerta *data* tkun ġiet eskluża mill-kampjun tal-iżvilupp tal-mudell;

(d) il-proċeduri biex tiġi ttrattata *data* żbaljata u nieqsa u t-trattament ta’ valuri anomali u *data* kategorika, u biex jiġi vverifikat li, fejn kien hemm tibdil fit-tip ta’ kategorizzazzjoni, dan ma jwassalx għal *data* ta’ kwalità inferjuri jew għal interruzzjonijiet strutturali fid-*data*;

(e) il-proċessi għat-trasformazzjoni tad-*data*, inkluż standardizzazzjoni u trasformazzjonijiet funzjonali oħra, u l-adegwatezza ta’ dawk it-trasformazzjonijiet filwaqt li jitqies ir-riskju ta’ overfitting tal-mudell.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw ir-rappreżentattività tad-*data* użata għall-bini tal-mudell kif imsemmi fl-Artikolu 174(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) il-komparabbiltà tal-karatteristiċi tar-riskju tad-debituri jew tal-faċilitajiet riflessi fid-*data* użata għall-bini tal-mudell ma’ dawk tal-iskoperturi koperti minn mudell partikolari ta’ klassifikar;

(b) il-komparabbiltà tal-istandards attwali ta’ sottoskrizzjoni u ta’ rkupru ma’ dawk applikati fiż-żmien li għalih jirreferi s-sett ta’ *data* ta’ referenza użat għall-immudellar;

(c) il-konsistenza tad-definizzjoni ta’ inadempjenza maż-żmien fid-*data* użata għall-immudellar u jivverifikaw:

   (i) li ġew effettwati aġġustamenti biex tintlaħaq il-konsistenza mad-definizzjoni attwali ta’ inadempjenza meta d-definizzjoni ta’ inadempjenza tkun inbidlet matul il-perjodu ta’ osservazzjoni;

   (ii) li l-istituzzjoni tkun adottat miżuri adegwati li jiżguraw ir-rappreżentattività tad-*data* meta l-istituzzjoni topera f’diversi ġurisdizzjonijiet li jkollhom definizzjonijiet differenti ta’ inadempjenza;

   (iii) li d-definizzjoni prestabbilita użata għall-finijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-mudell ma għandhiex impatt negattiv fuq l-istruttura u fuq il-prestazzjoni tal-mudell ta’ klassifikazzjoni meta din id-definizzjoni tkun differenti mid-definizzjoni ta’ inadempjenza stabbilita fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) meta tintuża *data* esterna jew *data* aggregata bejn l-istituzzjonijiet għall-iżvilupp tal-mudell, ir-rilevanza u l-adegwatezza ta' tali *data* għall-iskoperturi, għall-prodotti u għal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.

*Artikolu 38*

**Disinn tal-mudell**

Meta jkunu qed jivvalutaw id-disinn tal-mudell ta' klassifikazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 174(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) l-adegwatezza tal-mudell filwaqt li jqisu l-applikazzjoni speċifika tiegħu;

(b) l-analiżi tal-istituzzjoni ta' suppożizzjonijiet alternattivi jew approċċi alternattivi għal dawk magħżula fil-mudell;

(c) il-metodoloġija tal-istituzzjoni għall-iżvilupp tal-mudell;

(d) li l-persunal rilevanti tal-istituzzjoni jifhem bis-sħiħ il-kapaċitajiet u l-limitazzjonijiet tal-mudell, b'mod partikolari li d-dokumentazzjoni tal-mudell tal-istituzzjoni:

(i) tiddeskrivi liema mil-limitazzjonijiet tal-mudell huma relatati mal-inputs tal-mudell, mas-suppożizzjonijiet inċerti, mal-komponent tal-ipproċessar tal-mudell, u jekk l-output tal-mudell huwiex jiġix eżegwit manwalment jew fis-sistema tal-IT;

(ii) tidentifika s-sitwazzjonijiet fejn il-prestazzjoni tal-mudell tista' tkun inferjuri għall-aspettattivi jew ma tibqax adegwata u tinkludi valutazzjoni tal-materjalità tad-dgħufijiet tal-mudell u tal-fatturi possibbli ta' mitigazzjoni tagħhom.

*Artikolu 39*

**Ġudizzju uman**

Meta jkunu qed jivvalutaw jekk il-mudell statistiku jew xi metodu mekkaniku ieħor huwiex ikkumplimentat minn ġudizzju uman f'konformità mal-Artikolu 174(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u jekk il-ġudizzju uman jiġix applikat b'mod proporzjonat u adegwat fl-iżvilupp tal-mudell ta' klassifikazzjoni u fil-proċess tal-assenjazzjoni tal-iskoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-mod li bih jiġi applikat il-ġudizzju uman huwa ġustifikat u dokumentat bis-sħiħ u li l-impatt tal-ġudizzju uman fuq is-sistema ta' klassifikazzjoni jiġi vvalutat, jekk possibbli anke permezz ta' komputazzjoni tal-kontribut marġinali tal-ġudizzju uman għall-prestazzjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni;

(b) jittieħed kont ta' kull informazzjoni rilevanti li ma tiġix ikkunsidrata fil-mudell u jiġi applikat livell adegwat ta' konservattiviżmu;

(c) meta l-proċess ta' assenjazzjoni ta' skoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet f'sistema ta' klassifikazzjoni jkun jeħtieġ l-applikazzjoni ta' ġudizzju uman fil-forma ta' *data* ta' input suġġettiva jew fejn il-politika ta' kreditu tippermetti prevalazzjonijiet ta' inputs jew ta' outputs tal-mudell, japplikaw is-segwenti kollha:

(i) il-manwal għall-utenti tal-mudell jiddefinixxi b'mod ċar id-*data* tal-input u s-sitwazzjonijiet fejn id-*data* tal-input tista' tiġi aġġustata minn ġudizzju uman;

(ii) is-sitwazzjonijiet fejn id-*data* tal-input effettivament tkun ġiet aġġustata huma limitati;

(iii) il-manwal għall-utenti tal-mudell jiddefinixxi b'mod ċar is-sitwazzjonijiet fejn tista' ssir prevalazzjoni tal-input jew tal-output tal-mudelli ta' klassifikazzjoni u l-proċeduri għall-prevalazzjonijiet tal-input jew tal-output tal-mudelli;

(iv) id-*data* kollha dwar l-applikazzjoni tal-ġudizzju uman u s-sitwazzjonijiet fejn dan jipprevali fl-inputs jew fl-outputs tal-mudelli ta' klassifikazzjoni jiġu arkivjati u analizzati perjodikament mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu jew mill-funzjoni ta' validazzjoni sabiex jiġi aċċertat l-impatt tiegħu fuq il-mudell ta' klassifikazzjoni;

(d) l-applikazzjoni tal-ġudizzju uman tiġi debitament ġestita u proporzjonata għat-tip ta' skoperturi għal kull sistema ta' klassifikazzjoni.

*Artikolu 40*

**Prestazzjoni tal-mudell**

Meta jkunu qed jivvalutaw il-kapaċità predittiva tal-mudell kif meħtieġ skont l-Artikolu 174(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istandards interni tal-istituzzjoni:

(a) jipprovdu deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet u tat-teorija sottostanti għall-metriċi magħżula mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-mudell;

(b) jispeċifikaw l-applikazzjoni tal-metrika, jindikaw jekk l-użu ta' kull metrika huwiex obbligatorju jew diskrezzjonali u meta għandha tintuża u jiżguraw li l-metrika tintuża b'mod koerenti;

(c) jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-applikabbiltà u l-livelli limiti aċċettabbli u d-devjazzjonijiet aċċettati għall-metrika u jistabbilixxu jekk u, f'każ affermattiv, il-mod kif l-iżbalji statistiċi li għandhom x'jaqsmu mal-valuri ta' dik il-metrika jitqiesu fil-proċess ta' valutazzjoni, u, jekk tiġi kkalkulata aktar minn metrika waħda, jistabbilixxu l-metodi ta' aggregazzjoni ta' diversi riżultati ta' testijiet f'valutazzjoni unika;

(d) jiddeterminaw il-proċess biex jiġi żgurat li l-avvenimenti ta' deterjorament tal-prestazzjoni tal-mudell li jwasslu biex jinqabżu l-limiti msemmija fil-punt (c) jiġu kkomunikati lill-membri xierqa tal-maniġment superjuri responsabbli għalih u li tiġi pprovduta gwida ċara dwar kif l-eżiti tal-metrika jitqiesu mill-membri tal-maniġment responsabbli għat-teħid tad-deċiżjoni finali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa għall-mudell.

KAPITOLU 8

**METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-KWANTIFIKAZZJONI TAR-RISKJU**

*TAQSIMA 1*

***Ġenerali***

*Artikolu 41*

**Ġenerali**

1. Sabiex jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti dwar il-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju, għall-finijiet tal-Artikolu 144(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti ġenerali għall-istima kif stabbilit fl-Artikolu 179 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikoli 42, 43 u 44;

(b) il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti speċifiċi għall-istima tal-PD kif stabbilit fl-Artikolu 180 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikoli 45 u 46;

(c) il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti speċifiċi għall-istimi proprji tal-LGD kif stabbilit fl-Artikolu 181 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikoli 47 sa 52;

(d) il-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għall-istimi tal-fattur ta' konverżjoni proprji kif stabbilit fl-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikoli 53 sa 56;

(e) il-konformità mar-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-effett tal-garanziji u tad-derivattivi ta' kreditu kif stabbilit fl-Artikolu 183 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikolu 57;

(f) il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti għar-riċevibbli mixtrija stabbiliti fl-Artikolu 184 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'konformità mal-Artikolu 58.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki interni rilevanti tal-istituzzjoni;

(b) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni teknika tal-istituzzjoni dwar il-metodoloġija u l-proċess ta' stima rilevanti;

(c) jirrieżaminaw u jikkontestaw l-istima rilevanti tal-manwali, tal-metodoloġiji u tal-proċessi tal-parametri tar-riskju;

(d) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, tal-kumitat tal-mudell, jew ta' kumitati oħra;

(e) jirrieżaminaw ir-rapporti dwar il-prestazzjoni tal-parametri tar-riskju u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, mill-funzjoni ta' validazzjoni, mill-uffiċċju tal-awditjar intern jew minn kwalunkwe funzjoni oħra ta' kontroll tal-istituzzjoni;

(f) jivvalutaw ir-rapporti ta' progress dwar l-isforzi magħmula mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati waqt l-awditjar, il-validazzjonijiet u l-monitoraġġ rilevanti;

(g) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll wieħed mis-segwenti metodi addizzjonali:

(a) jitolbu li tingħata dokumentazzjoni jew analiżi addizzjonali li tissostanzja l-għażliet metodoloġiċi tal-istituzzjoni u r-riżultati miksuba;

(b) iwettqu l-istimi proprji tal-parametri tar-riskju jew jirreplikaw dawk tal-istituzzjoni, billi jużaw id-*data* rilevanti pprovduta mill-istituzzjoni;

(c) jitolbu u janalizzaw id-*data* użata fil-proċess tal-istima;

(d) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT li huma rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni;

(e) iwettqu t-testijiet proprji fuq id-*data* tal-istituzzjoni jew jitolbu lill-istituzzjoni twettaq it-testijiet proposti mill-awtoritajiet kompetenti;

(f) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*TAQSIMA 2*

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti kumplessivi għall-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju***

*Artikolu 42*

**Rekwiżiti tad-data**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti ġenerali għall-istima kif stabbilit fl-Artikolu 179 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-*data* użata għall-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju u l-kwalità ta' dik id-*data*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) il-kompletezza tad-*data* kwantitattiva u kwalitattiva u informazzjoni oħra fir-rigward tal-metodi użati għall-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju biex jiġi żgurat li tintuża l-esperjenza storika u l-evidenza empirika rilevanti kollha;

(b) id-disponibbiltà ta' *data* kwantitattiva li tipprovdi diżaggregazzjoni tal-esperjenza tat-telf mill-fatturi li jixprunaw il-parametri tar-riskju rispettivi kif imsemmi fl-Artikolu 179(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) ir-rappreżentattività tad-*data* użata għall-istima tal-parametri tar-riskju għal ċerti tipi ta' skoperturi;

(d) l-adegwatezza tal-għadd ta' skoperturi fil-kampjun u t-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika msemmi fl-Artikoli 45, 47 u 53, użati għall-kwantifikazzjoni biex jiġi żgurat li l-istimi tal-istituzzjoni huma akkurati u robusti;

(e) il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni dwar it-tindif kollu tad-*data*, inkluż kwalunkwe esklużjoni ta' osservazzjonijiet mill-istima u konferma li dawn l-esklużjonijiet ma jfixklux il-kwantifikazzjoni tar-riskju; fil-każ tal-istimi tal-PD, b'mod partikolari, il-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-impatt tat-tindif tad-*data* fuq ir-rata medja ta' inadempjenza fit-tul;

(f) il-konsistenza bejn is-settijiet tad-*data* użati għall-istima tal-parametri tar-riskju, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni prestabbilita, it-trattament ta' inadempjenzi, inklużi inadempjenzi multipli kif imsemmi fl-Artikoli 46(1)(b) u 49, u l-kompożizzjoni tal-kampjun.

2. Għall-finijiet tal-verifika skont il-punt (c) tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-rappreżentattività tad-*data* użata għall-istima tal-parametri tar-riskju għal ċerti tipi ta' skoperturi billi jivvalutaw:

(a) l-istruttura tal-iskoperturi koperti minn kull mudell ta' klassifikazzjoni u l-karatteristiċi tar-riskju differenti tad-debituri jew tal-faċilitajiet, u jekk il-portafoll kurrenti huwiex, sa fejn meħtieġ, komparabbli mal-portafolji li jikkostitwixxu s-sett ta' *data* ta' referenza;

(b) il-komparabbiltà tal-istandards kurrenti ta' sottoskrizzjoni u ta' rkupru ma' dawk applikati fiż-żmien tas-sett ta' *data* ta' referenza;

(c) il-konsistenza tad-definizzjoni prestabbilita fil-perjodu ta' osservazzjoni:

   (i) meta d-definizzjoni prestabbilita tkun inbidlet matul il-perjodu ta' osservazzjoni, id-deskrizzjoni tal-aġġustamenti mwettqa sabiex jinkiseb il-livell meħtieġ ta' konsistenza mad-definizzjoni prestabbilita kurrenti;

   (ii) meta d-definizzjonijiet ta' inadempjenza jvarjaw bejn il-ġurisdizzjonijiet li fihom topera l-istituzzjoni, l-adegwatezza tal-miżuri u l-konservattiviżmu adottati mill-istituzzjoni;

(d) meta fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju tintuża *data* esterna u *data* aggregata fost l-istituzzjonijiet, ir-rilevanza u l-adegwatezza ta' din id-*data* għall-iskoperturi, għall-prodotti u għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u d-definizzjoni ta' inadempjenza;

(e) meta d-*data* esterna jew aggregata ma tkunx konsistenti mad-definizzjoni ta' inadempjenza interna tal-istituzzjoni, id-deskrizzjoni tal-aġġustamenti għad-*data* esterna jew aggregata mwettqa mill-istituzzjoni sabiex jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' konsistenza mad-definizzjoni ta' inadempjenza interna.

3. Meta tiġi vvalutata l-kwalità tad-*data* aggregata fost l-istituzzjonijiet li tintuża għall-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodoloġija ta' valutazzjoni stabbilita fil-paragrafi 1 u 2 minbarra li jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 179(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 43*

**Rieżami tal-istimi**

Meta jkunu qed jivvalutaw ir-rieżami tal-istimi tal-parametri tar-riskju mill-istituzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 179(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-proċess u l-pjan annwali għar-rieżami tal-istimi jipprevedu rieżami f'waqtu tal-istimi kollha;

(b) ġew identifikati kriterji għall-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet li jwasslu għal rieżami aktar frekwenti;

(c) il-metodoloġiji u d-*data* użati għall-istima tal-parametri tar-riskju jirriflettu l-bidliet fil-proċess tas-sottoskrizzjoni u fil-kompożizzjoni tal-portafolji;

(d) il-metodoloġiji u d-*data* użati għall-istima tal-LGD jirriflettu l-bidliet fil-proċess ta' rkupru, it-tipi ta' rkupri u d-durata tal-proċess ta' rkupru;

(e) il-metodoloġiji u d-*data* użati għall-istima tal-fattur ta' konverżjoni jirriflettu l-bidliet fil-proċess ta' monitoraġġ tal-ammonti mhux prelevati;

(f) is-sett ta' *data* użat għall-istima tal-parametri tar-riskju jinkludi d-*data* rilevanti mill-aħħar perjodu ta' osservazzjoni, u jiġi aġġornat tal-anqas fuq bażi annwali;

(g) l-avvanzi tekniċi u informazzjoni rilevanti oħra huma riflessi fl-istimi tal-parametri tar-riskju.

*Artikolu 44*

**Marġni ta' konservatiżmu**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk fil-valuri tal-parametri tar-riskju użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital kif imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 179(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ġiex inkluż marġni xieraq ta' konservattiviżmu fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-metodi u d-*data* ma jipprovdux ċertezza suffiċjenti tal-istimi tal-parametri tar-riskju, inkluż meta l-firxa mistennija ta' żbalji tkun kbira;

(b) ġew identifikati nuqqasijiet rilevanti fil-metodi, fl-informazzjoni u fid-*data* mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, mill-funzjoni ta' validazzjoni jew mill-uffiċċju tal-awditjar intern jew minn xi funzjoni oħra tal-istituzzjoni;

(c) il-bidliet rilevanti għall-istandards tal-politiki ta' sottoskrizzjoni jew ta' rkupru jew bidliet fil-predispożizzjoni għar-riskju tal-istituzzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjonijiet jużawx il-marġni ta' konservattiviżmu bħala sostituzzjoni għal xi azzjoni korrettiva applikata mill-istituzzjoni skont l-Artikolu 146 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*TAQSIMA 3*

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għall-istima tal-pd***

*Artikolu 45*

**Tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika**

Meta jkunu qed jivvalutaw it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika msemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 180(1) u fil-punt (e) tal-Artikolu 180(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/72 fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-permessi għall-eżenzjoni tad-*data* [6], u l-kalkolu tar-rati ta' inadempjenza ta' sena abbażi tal-esperjenza ta' inadempjenza interna kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 180(1), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) li t-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika jkopri mill-inqas it-tul minimu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (h) tal-paragrafu 1 u fil-punt (e) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 180 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, fejn applikabbli, fir-Regolament Delegat (UE) 2017/72;

(b) jekk il-perjodu ta' osservazzjoni storika disponibbli għal sors ta' *data* jkun itwal mill-perjodu minimu meħtieġ fil-punt (h) tal-Artikolu 180(1) jew fil-punt (e) tal-Artikolu 180(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u d-*data* miksuba minnu tkun rilevanti, li tintuża l-informazzjoni għal dak il-perjodu itwal sabiex tiġi stmata l-medja fit-tul tar-rati ta' inadempjenza ta' sena;

(c) fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur fejn l-istituzzjoni ma tagħtix l-istess importanza lid-*data* storika kollha użata, li dan huwa ġġustifikat permezz ta' tbassir aħjar tar-rati ta' inadempjenza u li fattur ta' ponderazzjoni żero jew żgħir ħafna applikat għal perjodu speċifiku huwa debitament ġustifikat jew iwassal għal stimi aktar konservattivi;

(d) li hemm konsistenza bejn l-istandards ta' sottoskrizzjoni u s-sistemi ta' klassifikazzjoni fis-seħħ u li waqt il-ġenerazzjoni tad-*data* interna ta' inadempjenza ntużaw standards ta' sottoskrizzjoni komparabbli jew li l-bidliet fl-istandards ta' sottoskrizzjoni u fis-sistemi ta' klassifikazzjoni ġew indirizzati bl-applikazzjoni tal-marġni ta' konservattiviżmu kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 44(1);

[6] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/72 tat-23 ta' Settembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-permessi għall-eżenzjoni tad-data (ĠU L 10, 14.1.2017, p. 1).

(e) fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, li d-definizzjoni ta' debituri b'ingranaġġ għoli u debituri li l-assi tagħhom huma fil-biċċa l-kbira assi nnegozjati kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 180(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll l-identifikazzjoni ta' perjodi ta' volatilitajiet taħt stress għal dawk id-debituri kif imsemmi f'dik id-dispożizzjoni huma adegwati.

*Artikolu 46*

**Metodu ta' stima tal-PD**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-metodu ta' stima tal-PD, kif imsemmi fl-Artikolu 180 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li r-rata ta' inadempjenza ta' sena għal kull grad jew aggregazzjoni tiġi kkalkulata b'mod konsistenti mal-karatteristiċi tar-rata ta' inadempjenza ta' sena kif definit fil-punt 78 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għandhom jivverifikaw li:

(a) id-denominatur tar-rata ta' inadempjenza ta' sena jinkludi d-debituri jew l-iskoperturi li, fil-bidu ta' perjodu ta' sena, ma humiex inadempjenti u ġew assenjati għal dak il-grad jew aggregazzjoni ta' klassifikazzjoni;

(b) in-numeratur tar-rata ta' inadempjenza ta' sena jinkludi dawk id-debituri jew l-iskoperturi msemmija fil-punt (a) li jkunu saru inadempjenti f'dak il-perjodu ta' sena; inadempjenzi multipli fil-konfront tal-istess debitur jew skopertura, osservati matul il-perjodu ta' sena relatati mar-rata ta' inadempjenza, jitqiesu bħala inadempjenza unika kif imsemmi fl-Artikolu 49(b) li tkun seħħet fid-data tal-ewwel waħda minn dawk l-inadempjenzi multipli.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-metodu ta' stima tal-PD skont il-grad jew l-aggregazzjoni tad-debitur huwa bbażat fuq il-medja fit-tul tar-rati ta' inadempjenza ta' sena.

Għal dak il-għan għandhom jivverifikaw li l-perjodu użat mill-istituzzjoni għall-istima tal-medja fit-tul tar-rati ta' inadempjenza ta' sena huwa rappreżentattiv tal-medda probabbli ta' varjabilità tar-rati ta' inadempjenza għal dak it-tip ta' skoperturi.

3. Meta d-*data* osservata użata għall-istima tal-PD ma tkunx rappreżentattiva tal-medda probabbli ta' varjabilità tar-rati ta' inadempjenza għal tip ta' skoperturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) l-istituzzjoni tuża metodu alternattiv xieraq għall-istima tal-medja tar-rati ta' inadempjenza ta' sena fuq perjodu li huwa rappreżentattiv tal-firxa probabbli ta' varjabilità tar-rati ta' inadempjenza għal dak it-tip ta' skoperturi;

(b) jiġi applikat marġni xieraq ta' konservattiviżmu meta, wara l-applikazzjoni ta' metodu xieraq kif imsemmi fil-punt (a), l-istima tal-medji tar-rati ta' inadempjenza tinstab li ma hijiex affidabbli jew li għandha limitazzjonijiet oħra.

4. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li s-segwenti kollha huma adatti għat-tip ta' skoperturi:

(a) il-forma funzjonali u strutturali tal-metodu ta' stima;

(b) is-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat il-metodu ta' stima;

(c) iċ-ċikliċità tal-metodu ta' stima;

(d) it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika użat f'konformità mal-Artikolu 45;

(e) il-marġini ta' konservatiżmu applikat f'konformità mal-Artikolu 44;

(f) il-ġudizzju uman;

(g) fejn applikabbli, l-għażla tal-motivaturi tar-riskju.

5. Fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn id-debituri għandhom livell ta' ingranaġġ għoli jew l-assi tad-debitur huma fil-biċċa l-kbira assi nnegozjati kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 180(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-PD tirrifletti l-prestazzjoni tal-assi sottostanti fil-perjodi ta' volatilità taħt stress kif imsemmi f'dik id-dispożizzjoni.

6. Fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn l-istituzzjoni tagħmel użu minn skala ta' klassifikazzjoni ta' ECAI, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw l-analiżi tal-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (f) tal-Artikolu 180(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u jivverifikaw li dik l-analiżi tindirizza l-kwistjoni ta' jekk it-tipi ta' skoperturi kklassifikati mill-ECAI humiex rappreżentattivi tat-tipi ta' skoperturi tal-istituzzjoni u tal-perjodu ta' żmien għall-klassifikazzjoni tal-kreditu mill-ECAI.

7. Fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, meta l-istituzzjoni tikseb l-istimi tal-PD jew tal-LGD minn stima tat-telf totali u stima xierqa tal-PD jew tal-LGD kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 180(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw l-analiżi tal-konformità tal-istituzzjoni mal-kriterji rilevanti kollha dwar l-istima tal-PD u tal-LGD kif stabbilit fl-Artikoli 178 sa 184 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

8. Fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni tagħmel analiżi regolari u tqis il-bidliet mistennija fil-PD matul il-ħajja tal-iskoperturi ta' kreditu ("effetti ta' maturazzjoni") kif imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 180(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

9. Fil-valutazzjoni tal-mudelli statistiċi għall-istima tal-PD, minbarra l-metodi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 8, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodoloġija għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tal-mudelli statistiċi jew metodi mekkaniċi oħra stabbiliti fl-Artikoli 37 sa 40.

*TAQSIMA 4*

**Metodoloġija għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għall-istimi proprji tal-lgd**

*Artikolu 47*

## Tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika

Meta jkunu qed jivvalutaw it-tul tal-perjodu użat għall-istima tal-LGD għall-fini tal-punt (j) tal-paragrafu 1 u tas-subparagrafu 2 tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 181 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-Regolament Delegat (UE) 2017/72, ("perjodu ta' osservazzjoni storika"), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika jkopri mill-inqas it-tul minimu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1(j) u fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 181 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, fejn applikabbli, fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/72;

(b) meta l-perjodu ta' osservazzjoni storika disponibbli għal sors ta' *data* jkun itwal mill-perjodu minimu skont il-punt (j) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 181 u tas-subparagrafu 2 tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 181 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u d-*data* li tinkiseb minnu hija rilevanti għall-istima tal-LGD, li tintuża l-informazzjoni għal dak il-perjodu itwal;

(c) fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur fejn l-istituzzjoni ma tagħtix l-istess importanza lid-*data* storika kollha użata, li dan huwa ġġustifikat permezz ta' previżjoni aħjar tar-rati ta' telf u li fattur ta' ponderazzjoni żero jew żgħir ħafna applikat għal perjodu speċifiku huwa debitament ġustifikat jew iwassal għal stimi aktar konservattivi.

*Artikolu 48*

## Metodu ta' stima tal-LGD

Meta jkunu qed jivvalutaw il-metodu ta' stima proprja tal-LGD, kif imsemmi fl-Artikolu 181 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni tivvaluta l-LGD skont il-gradi ta' faċilità jew l-aggregazzjoni omoġenji;

(b) l-LGD medju realizzat skont il-grad ta' faċilità jew l-aggregazzjoni jiġi kkalkulat billi tintuża l-medja ponderata ta' inadempjenza;

(c) jiġu użati l-inadempjenzi osservati kollha mis-sorsi tad-*data*, b'mod partikolari li l-proċessi ta' rkupru inkompleti jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod konservattiv għall-finijiet tal-istima tal-LGD, u li l-għażla tal-perjodu tal-workout u l-metodoloġiji biex jiġu stmati l-kostijiet u l-irkupri addizzjonali wara u, fejn meħtieġ, matul dak il-perjodu, huma rilevanti;

(d) l-istimi tal-LGD tal-iskoperturi garantiti ma humiex ibbażati esklussivament fuq il-valur tas-suq stmat tal-kollateral u li jqisu d-dħul realizzat minn likwidazzjonijiet passati u l-inabbiltà potenzjali ta' istituzzjoni li tikseb kontroll tal-kollateral u tillikwidah;

(e) l-istimi tal-LGD tal-iskoperturi garantiti jqisu t-tnaqqis potenzjali fil-valur tal-kollateral mill-mument tal-istima tal-LGD sal-irkupru eventwali;

(f) il-grad ta' dipendenza bejn ir-riskju tad-debitur u dak tal-kollateral kif ukoll il-kost tal-likwidazzjoni tal-kollateral jitqiesu b'mod konservattiv;

(g) kwalunkwe penalità ta' dewmien mhux imħallsa li tkun ġiet kapitalizzata fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-istituzzjoni qabel l-inadempjenza tiġi miżjuda mal-kejl tal-iskopertura u tat-telf tal-istituzzjoni;

(h) jittieħed kont adegwat tal-possibbiltà ta' prelevamenti futuri wara li l-inadempjenza;

(i) l-aspetti kollha li ġejjin huma approprjati għat-tip ta' skoperturi li lilhom jiġu applikati:

(i) il-forma funzjonali u strutturali tal-metodu ta' stima,

(ii) is-suppożizzjonijiet dwar il-metodu ta' stima,

(iii) il-metodu ta' stima għal effett ta' reċessjoni,

(iv) it-tul tas-serje ta' *data* użata,

(v) il-marġni ta' konservattiviżmu,

(vi) l-użu ta' ġudizzju uman,

(vii) fejn applikabbli, l-għażla tal-motivaturi tar-riskju.

*Artikolu 49*

**Trattament ta' inadempjenzi multipli**

Fil-każ tat-trattament ta' debituri li fuq perjodu ta' żmien limitat jaqgħu fl-inadempjenza u jerġgħu jirkupraw diversi drabi kif definit mill-istituzzjoni ("inadempjenzi multipli"), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-metodi użati mill-istituzzjoni u għandhom jivverifikaw li:

(a) ikun hemm kundizzjonijiet espliċiti definiti qabel ma faċilità titqies li tkun reġgħet lura għal status ta' mhux inadempjenti;

(b) inadempjenzi multipli identifikati f'perjodu ta' żmien speċifikat mill-istituzzjoni jitqiesu bħala inadempjenza unika għall-fini tal-istima tal-LGD, billi tintuża d-data ta' inadempjenza tal-ewwel inadempjenza osservata bħala d-data ta' inadempjenza rilevanti u jiġi kkunsidrat il-proċess ta' rkupru minn dik id-data sal-aħħar tal-proċess ta' rkupru wara l-aħħar inadempjenza osservata f'dan il-perjodu;

(c) it-tul tal-perjodu li fih inadempjenzi multipli jiġu rikonoxxuti bħala inadempjenza unika jiġi ddeterminat billi jitqiesu l-politiki interni tal-istituzzjoni u l-analiżi tal-esperjenza ta' inadempjenza;

(d) l-inadempjenzi użati għall-fini tal-istima tal-PD u tal-fatturi ta' konverżjoni jiġu ttrattati b'mod konsistenti mal-inadempjenzi użati għall-fini tal-istima tal-LGD.

*Artikolu 50*

**Użu tal-istimi tal-LGD adatti għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku**

Meta jkunu qed jivvalutaw jekk ir-rekwiżit tal-użu tal-istimi tal-LGD li huma adatti għal fażi ta' reċessjoni ekonomika kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 181(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwiex sodisfatt, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni tuża stimi tal-LGD li huma adatti għal fażi ta' reċessjoni ekonomika jekk dawn ikunu aktar konservattivi mill-medja fuq perjodu twil;

(b) l-istituzzjoni tipprovdi kemm medji fit-tul kif ukoll stimi tal-LGD adatti għal fażi ta' reċessjoni ekonomika għall-ġustifikazzjoni tal-għażliet tagħha;

(c) l-istituzzjoni tapplika proċess rigoruż u ddokumentat sew għall-identifikazzjoni ta' reċessjoni ekonomika u għall-valutazzjoni tal-effetti tagħha fuq ir-rati ta' rkupru u għall-produzzjoni ta' stimi tal-LGD adatti għar-reċessjoni ekonomika;

(d) fl-istimi tal-LGD l-istituzzjoni tinkorpora kwalunkwe dipendenza avversa li tkun ġiet identifikata bejn, min-naħa waħda, indikaturi ekonomiċi magħżula u, min-naħa l-oħra, ir-rati ta' rkupru.

*Artikolu 51*

**Stima tal-LGD, tal-ELBE u tal-UL għall-iskoperturi f'inadempjenza**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw ir-rekwiżiti għall-istimi tal-LGD għall-iskoperturi f'inadempjenza, u għall-aħjar stima tat-telf mistenni ("$EL_{BE}$") kif imsemmi fl-Artikolu 181(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni tuża wieħed mill-approċċi li ġejjin u għandhom jivvalutaw l-approċċ użat mill-istituzzjoni:

(a) stima diretta tal-LGD għal skoperturi inadempjenti ("LGD f'inadempjenza") u stima diretta tal-ELBE;

(b) stima diretta tal-ELBE u stima tal-LGD f'inadempjenza bħala s-somma tal-ELBE u suppliment li jkopri t-telf mhux mistenni relatat mal-iskoperturi f'inadempjenza li jistgħu jseħħu matul il-perjodu ta' rkupru.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw l-approċċ tal-istituzzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-metodi ta' stima tal-LGD f'inadempjenza, kemm jekk bħala stima diretta jew bħala suppliment għall-ELBE, iqisu t-telf mhux mistenni addizzjonali possibbli matul il-perjodu ta' rkupru, u b'mod partikolari jqisu l-bidliet negattivi possibbli fil-kundizzjonijiet ekonomiċi matul it-tul mistenni tal-proċess ta' rkupru;

(b) l-LGD f'inadempjenza, kemm jekk bħala stima diretta jew bħala suppliment għall-ELBE, u l-metodi ta' stima tal-ELBE jqisu l-informazzjoni dwar iż-żmien f'inadempjenza u l-irkupri mwettqa s'issa;

(c) meta l-istituzzjoni tuża stima diretta tal-LGD f'inadempjenza, il-metodi ta' stima huma konsistenti mar-rekwiżiti tal-Artikoli 47, 48 u 49;

(d) l-istima tal-LGD f'inadempjenza hija ogħla mill-ELBE, jew, fejn l-LGD f'inadempjenza jkun daqs l-ELBE, li fil-każ ta' skoperturi individwali tali każijiet ikunu limitati u debitament ġustifikati mill-istituzzjoni;

(e) il-metodi ta' stima tal-ELBE jqisu l-informazzjoni kollha attwalment disponibbli u rilevanti u b'mod partikolari jqisu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi kurrenti;

(f) meta l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu jaqbżu l-istimi tal-ELBE d-differenzi bejn it-tnejn huma analizzati u debitament ġustifikati;

(g) l-LGD f'inadempjenza, kemm jekk bħala stima diretta jew bħala suppliment għall-$EL_{BE}$, u l-metodi ta' stima tal-$EL_{BE}$ huma ddokumentati b'mod ċar.

*Artikolu 52*

**Rekwiżiti dwar l-immaniġġar tal-kollateral, iċ-ċertezza tad-dritt u l-ġestjoni tar-riskju**

Meta jkunu qed jivvalutaw jekk l-istituzzjoni stabbilietx rekwiżiti interni għall-immaniġġar tal-kollateral, għaċ-ċertezza tad-dritt u għall-ġestjoni tar-riskju li huma ġeneralment konsistenti ma' dawk stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif imsemmi fl-Artikolu 181(1)(f) ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li tal-anqas il-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni li għandhom x'jaqsmu mar-rekwiżiti interni għall-valwazzjoni tal-kollateral u maċ-ċertezza tad-dritt huma għalkollox konsistenti mar-rekwiżiti tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II fil-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

TAQSIMA 5

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għall-istimi proprji tal-fatturi ta' konverżjoni***

*Artikolu 53*

**Tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika**

Meta jkunu qed jivvalutaw it-tul tal-perjodu użat għall-istima tal-fatturi ta' konverżjoni msemmija fil-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/72 ("perjodu ta' osservazzjoni storika"), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika jkopri mill-inqas it-tul minimu meħtieġ mill-paragrafu 2 u mill-paragrafu 3 tal-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, fejn applikabbli, mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/72;

(b) meta l-perjodu ta' osservazzjoni disponibbli għal sors ta' *data* jkun itwal mill-perjodu minimu meħtieġ mill-paragrafu 2 u mill-paragrafu 3 tal-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u d-*data* miksuba minnu tkun rilevanti għall-istima tal-fatturi ta' konverżjoni, li tintuża l-informazzjoni għal dak il-perjodu itwal;

(c) fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, fejn l-istituzzjoni ma tagħtix l-istess importanza lid-*data* storika kollha użata, li dan huwa ġġustifikat permezz ta' tbassir aħjar tal-prelevamenti minn impenji u li, jekk jiġi applikat fattur ta' ponderazzjoni żero jew fattur ta' ponderazzjoni żgħir ħafna għal perjodu speċifiku, dan jew ikun debitament ġustifikat jew iwassal għal stimi aktar konservattivi.

*Artikolu 54*

**Metodu ta' stima tal-fatturi ta' konverżjoni**

Meta jkunu qed jivvalutaw il-metodu ta' stima tal-fatturi ta' konverżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni tivvaluta l-istimi tal-fatturi ta' konverżjoni skont il-grad jew l-aggregazzjoni ta' faċilità;

(b) il-fatturi ta' konverżjoni medji realizzati skont il-grad jew l-aggregazzjoni ta' faċilità jiġu kkalkulati bl-użu tal-medja ponderata tal-inadempjenzi;

(c) l-istima tal-fatturi ta' konverżjoni tuża l-inadempjenzi osservati kollha fis-sorsi tad-*data*;

(d) il-possibbiltà ta' prelevamenti addizzjonali titqies b'mod konservattiv, ħlief fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur meta dawn ikunu inklużi fl-istimi tal-LGD;

(e) l-istima tal-fatturi ta' konverżjoni tirrifletti l-politiki u l-istrateġiji tal-istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ tal-kontijiet, inkluż il-monitoraġġ tal-limiti, u l-ipproċessar tal-pagamenti;

(f) dawn kollha li ġejjin huma adegwati għat-tip ta' skoperturi li lilhom jiġu applikati:

   (i) il-forma funzjonali u strutturali tal-metodu ta' stima;

   (ii) is-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat il-metodu ta' stima;

   (iii) fejn applikabbli, il-metodu ta' stima tal-effett ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku;

   (iv) it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika f'konformità mal-Artikolu 53;

   (v) il-marġini ta' konservatiżmu applikat f'konformità mal-Artikolu 44;

   (vi) il-ġudizzju uman,

   (vii) fejn applikabbli, l-għażla tal-motivaturi tar-riskju.

*Artikolu 55*

**Użu ta' stimi tal-fatturi ta' konverżjoni adatti għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku**

Meta jkunu qed jivvalutaw jekk ir-rekwiżit tal-użu ta' stimi tal-fatturi ta' konverżjoni li huma adatti għal fażi ta' reċessjoni ekonomika kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwiex sodisfatt, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni tuża stimi tal-fatturi ta' konverżjoni li huma adatti għal fażi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, jekk dawn ikunu aktar konservattivi mill-medja fit-tul;

(b) l-istituzzjoni tipprovdi kemm il-medji fit-tul kif ukoll l-istimi tal-fatturi ta' konverżjoni adatti għal fażi ta' reċessjoni ekonomika għall-ġustifikazzjoni tal-għażliet tagħha;

(c) l-istituzzjoni tapplika proċess rigoruż u ddokumentat sew għall-identifikazzjoni ta' fażi ta' reċessjoni ekonomika u għall-valutazzjoni tal-effetti tagħha fuq il-prelevament minn limiti ta' kreditu u għall-produzzjoni ta' stimi tal-fattur ta' konverżjoni xierqa għal fażi ta' reċessjoni ekonomika;

(d) fl-istimi tal-fattur ta' konverżjoni l-istituzzjoni tinkorpora kwalunkwe dipendenza avversa li tkun ġiet identifikati bejn, min-naħa waħda, l-indikaturi ekonomiċi magħżula u min-naħa l-oħra l-prelevamenti minn limiti ta' kreditu.

*Artikolu 56*

**Rekwiżiti dwar politiki u strateġiji għall-monitoraġġ tal-kontijiet u għall-ipproċessar tal-pagamenti**

Sabiex jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti dwar l-istima tal-fatturi ta' konverżjoni kif imsemmi fil-punt (d) u (e) tal-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni għandha politiki u strateġiji fis-seħħ f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ tal-kontijiet u mal-ipproċessar tal-pagamenti, u li għandha sistemi u proċeduri adegwati biex timmonitorja l-ammonti tal-faċilità fuq bażi kwotidjana.

TAQSIMA 6

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tal-effett tal-garanziji u tad-derivattivi ta' kreditu***

*Artikolu 57*

**Eliġibbiltà tal-garanti u tal-garanziji**

Meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-effett tal-garanziji u tad-derivattivi ta' kreditu fuq il-parametri tar-riskju kif imsemmi fl-Artikolu 183 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni għandha kriterji speċifikati b'mod ċar għall-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet fejn l-istimi tal-PD jew l-istimi tal-LGD għandhom jiġu aġġustati sabiex jinkorporaw l-effetti ta' mitigazzjoni tal-garanziji, u li dawk il-kriterji jintużaw b'mod konsistenti maż-żmien;

(b) meta l-PD tal-fornitur tal-protezzjoni tkun se tintuża għall-fini tal-aġġustament tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju f'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-effetti ta' mitigazzjoni tal-garanziji ma jiġux inklużi fl-istimi tal-LGD jew tal-PD tad-debitur;

(c) l-istituzzjoni għandha kriterji tar-rikonoxximent speċifikati b'mod ċar tal-garanti u tal-garanziji għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, b'mod partikolari permezz tal-istimi proprji tal-LGD jew tal-PD;

(d) l-istituzzjoni tiddokumenta l-kriterji għall-aġġustament tal-istimi proprji tal-LGD jew tal-PD sabiex jirriflettu l-effetti tal-garanziji;

(e) fl-istimi proprji tal-LGD jew tal-PD, l-istituzzjoni tirrikonoxxi biss il-garanziji li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

 (i) meta l-garanti jkun ikklassifikat internament mill-istituzzjoni permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni li tkun diġà ġiet approvata mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-Approċċ IRB, il-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 183(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

 (ii) meta l-istituzzjoni tkun irċeviet awtorizzazzjoni biex tuża l-Approċċ Standardizzat skont l-Artikoli 148 u 150 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal skoperturi fil-konfront ta' entitajiet bħall-garanti, it-tnejn li ġejjin ikunu sodisfatti:

— il-garanti jkun assenjat fi klassi ta' skopertura f'konformità mal-Artikolu 147 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala istituzzjoni, gvern ċentrali, bank ċentrali jew entità korporattiva li tkun ingħatat klassifikazzjoni tal-kreditu minn ECAI;

— il-garanzija tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 213 sa 216 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(f) l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tal-punti (a) u (e) anke għad-derivattivi ta' kreditu taħt isem wieħed.

*TAQSIMA 7*

***Metodoloġija għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti għal riċevibbli mixtrija***

*Artikolu 58*

**Stimi tal-parametri tar-riskju għal riċevibbli korporattivi mixtrija**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tal-istimi tal-PD u tal-LGD għal riċevibbli korporattivi mixtrija, meta l-istituzzjoni tikseb PD jew LGD għal riċevibbli korporattivi mixtrija minn stima tal-EL f'konformità mal-Artikolu 160(2) u mal-punt (e) u (f) tal-Artikolu 161(1) u stima xierqa tal-PD jew tal-LGD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-EL jiġi stmat mill-medja fit-tul tar-rati tat-telf totali ta' sena jew permezz ta' approċċ xieraq ieħor;

(b) il-proċess tal-istima tat-telf totali huwa konsistenti mal-kunċett tal-LGD kif stabbilit fl-Artikolu 181(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) li l-istituzzjoni hija kapaċi tiddekomponi l-istimi proprji tal-EL f'PDs u f'LGDs b'mod affidabbli;

(d) fil-każ ta' riċevibbli korporattivi mixtrija fejn jiġi applikat l-Artikolu 153(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, tintuża *data* esterna u interna suffiċjenti.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tal-istimi tal-PD u tal-LGD għal riċevibbli korporattivi mixtrija f'każijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jivvalutaw dawk l-istimi f'konformità mal-Artikoli 42 sa 52;

(b) jivverifikaw li r-rekwiżiti tal-Artikolu 184 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huma sodisfatti.

KAPITOLU 9

**METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-ASSENJAZZJONI TA' SKOPERTURI GĦALL-KLASSIJIET TA' SKOPERTURI**

*Artikolu 59*

**Ġenerali**

1. Sabiex jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżit li tassenja kull skopertura għal klassi ta' skopertura unika b'mod konsistenti maż-żmien kif stabbilit fl-Artikolu 147 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw dan li ġej:

(a) assenjazzjoni tal-istituzzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, f'konformità mal-Artikolu 60;il-metodoloġija ta'

(b) is-sekwenza tal-assenjazzjoni tal-iskoperturi għal klassijiet ta' skoperturi, f'konformità mal-Artikolu 61;

(c) jekk l-istituzzjoni qisitx kunsiderazzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-klassi tal-iskopertura fil-livell tal-konsumatur, f'konformità mal-Artikolu 62.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki interni, il-proċeduri u l-metodoloġija ta' assenjazzjoni rilevanti tal-istituzzjoni;

(b) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(c) jirrieżaminaw is-sejbiet rilevanti tal-awditjar intern jew ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(d) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforz magħmul mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati waqt l-awditjar rilevanti;

(e) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom;

(f) jirrieżaminaw il-kriterji użati mill-persunal responsabbli għall-assenjazzjoni manwali ta' skoperturi għall-klassijiet ta' skoperturi.

3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll wieħed mis-segwenti metodi addizzjonali:

(a) iwettqu testijiet kampjunarji u jirrieżaminaw id-dokumenti relatati mal-karatteristiċi ta' debitur u mal-oriġini u l-manutenzjoni tal-iskoperturi;

(b) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT rilevanti;

(c) iqabblu d-*data* tal-istituzzjoni mad-*data* pubblikament disponibbli, inkluża d-*data* rreġistrata fil-bażi tad-*data* miżmuma mill-EBA f'konformità mal-Artikolu 115(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fil-bażijiet tad-*data* miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti;

(d) jivverifikaw il-konformità tal-istituzzjoni mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/908/UE ([7]) dwar l-ekwivalenza ta' rekwiżiti superviżorji u regolatorji ta' ċerti pajjiżi u territorji terzi għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) iwettqu t-testijiet proprji fuq id-*data* tal-istituzzjoni jew jitolbu lill-istituzzjoni twettaq it-testijiet proposti mill-awtoritajiet kompetenti;

(f) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 60*

**Metodoloġija ta' assenjazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-metodoloġija ta' assenjazzjoni tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 147 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-metodoloġija hija dokumentata bis-sħiħ u tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 147 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) il-metodoloġija tirrifletti s-sekwenza ta' assenjazzjoni stabbilita fl-Artikolu 61;

(c) il-metodoloġija tinkludi lista tar-reġimi regolatorji u superviżorji ta' pajjiżi terzi meqjusa ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/908/UE kif imsemmi fl-Artikolu 107(4), fl-Artikolu 114(7), fl-Artikolu 115(4) u fl-Artikolu 116(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta tali ekwivalenza tkun meħtieġa għall-assenjazzjoni ta' skopertura għal klassi speċifika.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-assenjazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-proċeduri li jirregolaw l-input u t-trasformazzjonijiet tad-*data* fis-sistemi tal-IT huma robusti biżżejjed biex jiżguraw l-assenjazzjoni korretta ta' kull skopertura għal klassi ta' skopertura;

(b) hemm biżżejjed kriterji dettaljati disponibbli għall-persunal responsabbli għall-assenjazzjoni tal-iskoperturi sabiex tiġi żgurata assenjazzjoni konsistenti;

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/908/UE tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar l-ekwivalenza ta' rekwiżiti superviżorji u regolatorji ta' ċerti pajjiżi u territorji terzi għall-finijiet tat-trattament ta' skoperturi skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 155).

(c) l-assenjazzjoni għal skoperturi ta' ekwità, entrati li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u skoperturi identifikati bħala skoperturi ta' self speċjalizzat f'konformità mal-Artikolu 147(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 issir minn persunal li konxju mit-termini u l-kundizzjonijiet u mid-dettalji rilevanti tat-tranżazzjoni li jiddeterminaw l-identifikazzjoni ta' dawk l-iskoperturi;

(d) l-assenjazzjoni ssir bl-użu tal-aktar *data* reċenti disponibbli.

3. Fil-każ ta' skoperturi fil-konfront ta' CIU, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjonijiet jagħmlu kull sforz biex jassenjaw l-iskoperturi sottostanti għal klassijiet ta' skoperturi adegwati f'konformità mal-Artikolu 152 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 61*

**Assenjazzjoni tas-sekwenza**

Meta jkunu qed jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tassenjax l-iskoperturi għal klassijiet ta' skoperturi f'konformità mal-Artikolu 147 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-assenjazzjoni ssir skont is-sekwenza li ġejja:

(a) l-ewwel nett, l-iskoperturi eliġibbli li jiġu kklassifikati taħt skoperturi ta' ekwità, l-entrati li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u assi oħrajn b'obbligi mhux ta' kreditu jiġu assenjati lil dawk il-klassijiet f'konformità mal-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) it-tieni nett, l-iskoperturi li ma jkunux ġew assenjati f'konformità mal-punt (a) u li huma eliġibbli li jiġu kklassifikati taħt il-klassijiet għal skoperturi fil-konfront ta' gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, skoperturi fil-konfront ta' istituzzjonijiet, skoperturi fil-konfront ta' korporattivi jew skoperturi fil-livell tal-konsumatur jiġu assenjati lil dawk il-klassijiet f'konformità mal-punti (a), (b), (c) u (d) tal-Artikolu 147(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) it-tielet nett, kull obbligu ta' kreditu li ma jkunx ġie - assenjat f'konformità mal-punt (a) jew (b) jiġi assenjat lill-klassi ta' skoperturi fil-konfront ta' korporattivi f'konformità mal-Artikolu 147(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 62*

**Rekwiżiti speċifiċi għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-assenjazzjoni tal-iskoperturi għall-klassi ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 147(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni tagħmel distinzjoni konsistenti bejn l-iskoperturi fil-konfront ta' persuni fiżiċi u fil-konfront ta' SMEs abbażi ta' kriterji ċari;

(b) għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-konformità mal-limitu stabbilit fl-Artikolu 147(5)(a)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 l-istituzzjoni għandha proċeduri u mekkaniżmi adegwati fis-seħħ għal dawn li ġejjin:

(i) l-identifikazzjoni ta' gruppi ta' klijenti konnessi u l-aggregazzjoni tal-iskoperturi rilevanti li kull istituzzjoni u l-impriża omm jew is-sussidjarji tagħha jżommu fil-konfront ta' dan il-grupp ta' klijenti konnessi;

(ii) il-valutazzjoni ta' każijiet fejn il-limitu jkun inqabeż;

(iii) l-iżgurar li skopertura fil-konfront ta' SME li l-limitu tagħha jkun inqabeż tiġi riassenjata lill-klassi ta' skoperturi korporattivi mingħajr dewmien żejjed.

2. Meta jkunu qed jivverifikaw li l-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur ma jkunux ġestiti sempliċiment fuq bażi individwali bħal skoperturi fil-klassi tal-iskoperturi korporattivi fis-sens tal-Artikolu 147(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu tal-anqas is-segwenti komponenti tal-proċess ta' kreditu:

(a) l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' bejgħ;

(b) it-tip ta' prodott;

(c) il-proċess ta' klassifikazzjoni;

(d) is-sistema ta' klassifikazzjoni;

(e) il-proċess tad-deċiżjoni ta' kreditu;

(f) il-metodi ta' mitigazzjoni tar-riskju;

(g) il-proċessi ta' monitoraġġ;

(h) il-proċess ta' ġbir u ta' rkupru.

3. Meta jkunu qed jiddeterminaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 147(5)(c) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 humiex sodisfatti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw jekk l-assenjazzjoni tal-iskoperturi hijiex konsistenti mal-linji operatorji tal-istituzzjoni u l-mod kif inhuma ġestiti dawk l-iskoperturi.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni tassenja kull skopertura fil-livell tal-konsumatur lil kategorija unika ta' skoperturi li għaliha japplika l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni rilevanti f'konformità mal-paragrafi (1), (3) u (4) tal-Artikolu 154 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013:

(a) għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mal-punti (d) u (e) tal-Artikolu 154(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

   (i) il-volatilità tar-rati ta' telf għall-portafoll ta' skoperturi rotanti kwalifikanti fil-livell tal-konsumatur hija baxxa meta mqabbla mal-livell medju tar-rati ta' telf tagħhom, billi jivvalutaw it-tqabbil li l-istituzzjoni tkun għamlet tal-volatilità tar-rati ta' telf għall-portafoll ta' skoperturi rotanti kwalifikanti fil-livell tal-konsumatur meta mqabbla ma' skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur jew ma' valuri oħra ta' riferiment;

   (ii) il-ġestjoni tar-riskju tal-portafoll ta' skoperturi rotanti kwalifikanti fil-livell tal-konsumatur hija konsistenti mal-karatteristiċi tar-riskju sottostanti, inklużi r-rati ta' telf;

(b) għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mal-Artikolu 154(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li għall-iskoperturi kollha fejn il-kollateral ta' proprjetà immobbli jintuża fl-istimi proprji tal-LGD f'konformità mal-Artikolu 181(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jiġi assenjat il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni stabbilit fl-Artikolu 154(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

KAPITOLU 10

## METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦAT-TEST TAL-ISTRESS UŻAT FIL-VALUTAZZJONI TAL-ADEGWATEZZA TAL-KAPITAL

*Artikolu 63*

### Ġenerali

1. Sabiex jivvalutaw is-solidità tat-test tal-istress ta' istituzzjoni użat fil-valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali tagħha f'konformità mal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dan kollu li ġej:

(a) l-adegwatezza tal-metodi użati fl-ippjanar tat-testijiet tal-istress, f'konformità mal-Artikolu 64;

(b) ir-robustezza tal-organizzazzjoni tal-proċess tal-ittestjar tal-istress, f'konformità mal-Artikolu 65;

(c) l-integrazzjoni tat-testijiet tal-istress fil-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kapital, f'konformità mal-Artikolu 66.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki, il-metodi u l-proċeduri interni tal-istituzzjoni dwar it-tfassil u l-eżekuzzjoni tat-test tal-istress;

(b) jirrieżaminaw l-eżiti tal-istituzzjoni tat-test tal-istress;

(c) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-unitajiet u tal-korpi ta' ġestjoni involuti fit-tfassil, fl-approvazzjoni u fl-eżekuzzjoni tat-test tal-istress;

(d) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(e) jirrieżaminaw is-sejbiet rilevanti tal-awditjar intern jew ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(f) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforz magħmul mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati waqt l-awditjar rilevanti;

(g) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll wieħed mis-segwenti metodi addizzjonali:

(a) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT użati għat-test tal-istress;

(b) jitolbu lill-istituzzjoni twettaq komputazzjoni tat-test tal-istress abbażi ta' suppożizzjonijiet alternattivi;

(c) iwettqu l-kalkoli proprji tat-test tal-istress abbażi tad-*data* tal-istituzzjoni għal ċerti tipi ta' skoperturi;

(d) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 64*

**Adegwatezza tal-metodi użati fit-tfassil tat-testijiet tal-istress**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tal-metodi użati fit-tfassil tat-testijiet tal-istress użati mill-istituzzjoni fil-valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali f'konformità mal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) it-testijiet huma sinifikattivi, raġonevolment konservattivi u kapaċi jidentifikaw l-effetti fuq ir-rekwiżiti kapitali totali tal-istituzzjoni għar-riskju ta' kreditu f'xenarji severi, iżda plawżibbli ta' reċessjoni;

(b) it-testijiet ikopru mill-inqas il-portafolji IRB materjali kollha;

(c) il-metodi huma konsistenti, sa fejn xieraq, mal-metodi użati mill-istituzzjoni għall-finijiet tat-testijiet tal-istress dwar l-allokazzjoni interna tal-kapital;

(d) id-dokumentazzjoni tal-metodoloġija tat-testijiet tal-istress tinkluża d-*data* interna u esterna kif ukoll il-kontribut ta' pariri esperti hija dettaljata biżżejjed biex tippermetti lil partijiet terzi jifhmu r-raġuni għax-xenarji magħżula u biex jirreplikaw it-test tal-istress.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1(a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li t-testijiet tal-istress jinkludu mill-inqas il-passi li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tax-xenarji fosthom ix-xenarji ta' reċessjoni gravi, iżda plawżibbli u, l-aġġustament f'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, tax-xenarju li jipprevedi deterjorament tal-kwalità tal-kreditu tal-fornituri tal-protezzjoni;

(b) valutazzjoni tal-impatt tax-xenarji identifikati fuq il-parametri tar-riskju tal-istituzzjoni, il-migrazzjoni tal-klassifikazzjoni, it-telf mistenni u l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu;

(c) valutazzjoni tal-adegwatezza tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

3. Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tax-xenarji msemmija fil-paragrafu 2(a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw is-solidità tal-metodoloġiji li ġejjin:

(a) il-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' grupp ta' determinanti ekonomiċi;

(b) il-metodoloġija għall-bini ta' xenarji ta' stress, fosthom is-severità, id-durata u l-probabbiltà li dawn iseħħu;

(c) il-metodoloġija għall-projezzjoni tal-impatt ta' kull xenarju fuq il-parametri tar-riskju rilevanti.

*Artikolu 65*

**Organizzazzjoni tal-proċess tat-testijiet tal-istress**

Meta jkunu qed jivvalutaw ir-robustezza tal-organizzazzjoni tal-proċess tat-testijiet tal-istress użat mill-istituzzjoni fil-valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali f'konformità mal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) it-test tal-istress isir fuq bażi regolari u tal-anqas darba fis-sena;

(b) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-unità jew tal-unitajiet responsabbli għat-tfassil u għall-eżekuzzjoni tat-test tal-istress huma definiti b'mod ċar;

(c) ir-riżultati tat-testijiet tal-istress jiġu approvati f'livell maniġerjali adegwat u li l-maniġment superjuri jiġi infurmat bir-riżultati fi żmien xieraq;

(d) l-infrastruttura tal-IT issostni effikaċjament l-eżekuzzjoni tat-testijiet tal-istress.

*Artikolu 66*

**Integrazzjoni tat-testijiet tal-istress fil-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kapital**

Meta jkunu qed jivvalutaw l-integrazzjoni tat-testijiet tal-istress fil-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kapital tal-istituzzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni tqis ir-riżultati tat-testijiet tal-istress fil-proċess deċiżjonali tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kapital;

(b) l-istituzzjoni tqis ir-riżultati tat-testijiet tal-istress fil-proċess tal-ġestjoni tal-kapital u tidentifika avvenimenti possibbli jew bidliet futuri fil-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-finijiet tar-rekwiżiti kapitali.

KAPITOLU 11

**METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-KALKOLU TAR-REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI**

*Artikolu 67*

**Ġenerali**

1. Sabiex jivvalutaw jekk istituzzjoni tikkalkulax ir-rekwiżiti ta' fondi proprji bl-użu tal-parametri tar-riskju proprji għal klassijiet ta' skoperturi differenti f'konformità mal-Artikolu 110(2) u (3), il-punt (g) tal-Artikolu 144(1) u l-Artikoli 151 sa 168 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u hijiex kapaċi twettaq ir-rapportar meħtieġ mill-Artikolu 430 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw dan kollu li ġej:

(a) l-affidabbiltà tas-sistema użata għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, f'konformità mal-Artikolu 68;

(b) il-kwalità tad-*data*, f'konformità mal-Artikolu 69;

(c) il-korrettezza tal-implimentazzjoni tal-metodoloġija u tal-proċeduri għal klassijiet ta' skoperturi differenti, f'konformità mal-Artikolu 70;

(d) l-organizzazzjoni tal-proċess għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, f'konformità mal-Artikolu 71.

2. F'dak li għandu x'jaqsam ma' gruppi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, iqisu l-istruttura tal-grupp bankarju u r-rwoli u r-responsabbiltajiet stabbiliti tal-impriża omm u tas-sussidjarji tagħha.

3. Għall-finijiet tal-verifika skont il-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki u l-proċeduri interni tal-istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċess tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, inklużi s-sorsi tad-*data*, il-metodi ta' kalkolu u l-kontrolli applikati;

(b) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rilevanti tal-unitajiet u tal-korpi interni differenti involuti fil-proċess tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(c) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(d) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni tat-testijiet tas-sistema ta' kalkolu, inklużi x-xenarji koperti fit-testijiet, ir-riżultati u l-approvazzjonijiet tagħhom;

(e) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' kontroll rilevanti, inklużi r-riżultati tar-rikonċiljazzjoni tad-*data* li tkun ġejja minn sorsi differenti;

(f) jirrieżaminaw is-sejbiet rilevanti tal-awditjar intern jew ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(g) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforz magħmul mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati waqt l-awditjar rilevanti;

(h) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

4. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll kwalunkwe wieħed mill-metodi addizzjonali li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT użati għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(b) jitolbu lill-istituzzjoni twettaq komputazzjoni diretta tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal ċerti tipi ta' skoperturi;

(c) jagħmlu testijiet kampjunarji proprji tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq id-*data* tal-istituzzjoni għal ċerti tipi ta' skoperturi;

(d) iwettqu t-testijiet proprji fuq id-*data* tal-istituzzjoni jew jitolbu lill-istituzzjoni twettaq it-testijiet proposti mill-awtoritajiet kompetenti;

(e) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 68*

**Affidabbiltà tas-sistema użata għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji**

Meta jkunu qed jivvalutaw l-affidabbiltà tas-sistema tal-istituzzjoni użata għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kif imsemmi fl-Artikolu 144(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, minbarra r-rekwiżiti tal-Artikolu 72 sa 75 dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni għaż-żamma tad-*data*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) it-testijiet ta' kontroll imwettqa mill-istituzzjoni biex tikkonferma li l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji huwa konformi mal-Artikoli 151 sa 168 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huma kompleti;

(b) tali testijiet ta' kontroll huma affidabbli, u b'mod partikolari li l-kalkoli effettwati fis-sistema użata għar-rekwiżiti ta' fondi proprji huma koerenti mal-kalkoli effettwati fi strument ta' kalkolu alternattiv;

(c) il-frekwenza tat-testijiet ta' kontroll effettwati mill-istituzzjoni hija adegwata u t-testijiet isiru tal-anqas fil-mument tal-implimentazzjoni tal-algoritmi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji u fil-każijiet l-oħra kollha fejn isiru modifiki għas-sistema.

*Artikolu 69*

**Kwalità tad-data**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-kwalità tad-*data* użata għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 144(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, minbarra r-rekwiżiti fl-Artikolu 73, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-mekkaniżmi u l-proċeduri implimentati mill-istituzzjoni għall-identifikazzjoni tal-valuri tal-iskopertura bil-karatteristiċi rilevanti kollha, inkluża d-*data* relatata mal-parametri tar-riskju u t-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-parametri tar-riskju huma kompleti, inkluż f'każijiet fejn il-parametri neqsin jiġu sostitwiti b'valuri prestabbiliti, u li fejn tkun seħħet tali sostituzzjoni, din tkun konservattiva, ġustifikata u dokumentata;

(b) il-medda tal-valuri tal-parametri hija konformi mal-valuri minimi u regolatorji speċifikati fl-Artikoli 160 sa 164 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) id-*data* użata fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji hija konsistenti mad-*data* użata fi proċessi interni oħra;

(d) l-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju hija konformi mal-karatteristiċi tal-iskopertura, u b'mod partikolari li l-LGD assenjat huwa preċiż u konsistenti mat-tip ta' skopertura u mal-kollateral użat bħala garanzija għall-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 164 u l-Artikolu 230(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) il-kalkolu tal-valur tal-iskopertura huwa korrett, u b'mod partikolari l-ftehimiet ta' netting u l-klassifikazzjoni ta' entrati barra l-karta bilanċjali jintużaw f'konformità mal-Artikolu 166 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(f) meta l-metodu PD/LGD jiġi applikat għall-iskoperturi ta' ekwità, il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi u l-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju huma korretti u f'konformità mal-Artikolu 165 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw il-koerenza tad-*data* użata għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji mad-*data* użata għall-finijiet interni f'konformità mal-Artikoli 18 sa 22 dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni għat-test tal-użu u għat-test tal-esperjenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) hemm mekkaniżmi adegwati ta' kontroll u ta' rikonċiljazzjoni fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li l-valuri tal-parametri tar-riskju użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji huma konsistenti mal-valur tal-parametri użati għal skopijiet interni;

(b) hemm mekkaniżmi adegwati ta' kontroll u ta' rikonċiljazzjoni fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li l-valur tal-iskoperturi li għalihom jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji huwa konsistenti mad-*data* kontabilistika;

(c) il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi kollha inklużi fir-reġistru ġenerali tal-istituzzjoni huwa komplet, u li l-qasma bejn l-iskoperturi skont l-Approċċ IRB u l-Approċċ Standardizzat hija konformi mal-Artikoli 148 u 150 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 70*

**Korrettezza tal-implimentazzjoni tal-metodoloġija u tal-proċeduri għal klassijiet ta' skoperturi differenti**

Meta jkunu qed jivvalutaw il-korrettezza tal-implimentazzjoni tal-metodoloġija u tal-proċeduri għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 144(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal klassijiet ta' skoperturi differenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-formula tal-fattur ta' ponderazzjoni tar-riskju hija implimentata korrettament f'konformità mal-Artikoli 153 u 154 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'kont meħud tal-assenjazzjoni tal-iskoperturi għall-klassijiet tal-iskoperturi;

(b) il-kalkolu tal-koeffiċjent ta' korrelazzjoni jsir abbażi tal-karatteristiċi tal-iskoperturi, b'mod partikolari li l-parametru tal-bejgħ totali jiġi applikat abbażi ta' informazzjoni finanzjarja konsolidata;

(c) jekk l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju jiġi aġġustat f'konformità mal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-aġġustament ikun ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-informazzjoni dwar il-PD tal-fornitur tal-protezzjoni tiġi applikata korrettament;

(ii) il-PD tal-fornitur tal-protezzjoni tiġi stmata bl-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni li ġiet approvata mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Approċċ IRB;

(d) il-kalkolu tal-parametru tal-maturità huwa korrett, u b'mod partikolari:

(i) li d-data ta' maturità tal-faċilità tintuża għall-fini tal-kalkolu tal-parametru tal-maturità f'konformità mal-Artikolu 162(2)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) li f'każijiet fejn il-parametru tal-maturità jkun anqas minn sena dan ikun adegwatament ġustifikat u ddokumentat għall-finijiet tal-Artikolu 162(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) il-limiti minimi għal-LGD medju ponderat skont l-iskopertura għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti bi proprjetà residenzjali u bi proprjetà immobbli kummerċjali, li ma jibbenefikawx minn garanziji minn gvernijiet ċentrali kif stabbilit fl-Artikolu 164(4) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jiġu kkalkulati fil-livell aggregat tal-iskoperturi kollha fil-livell tal-konsumatur iggarantiti bi proprjetà residenzjali u bi proprjetà immobbli kummerċjali rispettivament, u li, meta l-LGD medju ponderat skont l-iskopertura fil-livell aggregat ikun taħt il-limiti minimi rispettivi, l-istituzzjoni tapplika l-aġġustamenti rilevanti konsistentement maż-żmien;

(f) l-applikazzjoni ta' approċċi differenti għal portafolji ta' ekwità differenti meta l-istituzzjoni nnifisha tuża approċċi differenti għall-ġestjoni interna tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 155 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, hija korretta, b'mod partikolari li l-għażla tal-approċċ:

(i) ma twassalx għal sottovalutazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(ii) issir b'mod konsistenti, inkluż maż-żmien;

(iii) tkun ġustifikata minn prattiki interni għall-ġestjoni tar-riskju;

(g) meta jintuża l-approċċ sempliċi tal-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 155(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-applikazzjoni tal-fatturi ta' ponderazzjoni tar-riskju hija korretta, b'mod partikolari li l-fattur ta' ponderazzjoni tar-riskju ta' 190 % jintuża biss għal portafolji diversifikati biżżejjed, meta l-istituzzjoni tkun uriet li nkiseb tnaqqis sinifikanti fir-riskju bħala riżultat tad-diversifikazzjoni tal-portafoll meta mqabbel mar-riskju tal-iskoperturi individwali fil-portafoll;

(h) il-kalkolu tad-differenza bejn l-ammonti tat-telf mistennija u l-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu, l-aġġustamenti tal-valur addizzjonali u tnaqqis ieħor tal-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa korrett, u b'mod partikolari:

(i) li l-kalkolu jsir separatament għall-portafoll tal-iskoperturi inadempjenti u għall-portafoll tal-iskoperturi li ma humiex inadempjenti;

(ii) meta l-kalkolu mwettaq għall-portafoll fi stat ta' inadempjenza jirriżulta f'ammont negattiv, li dan l-ammont ma jintużax biex ipaċi l-ammonti pożittivi li jirriżultaw mill-kalkolu mwettaq għall-portafoll tal-iskoperturi li ma humiex inadempjenti;

(iii) li l-kalkolu jsir gross mill-effetti tat-taxxa;

(i) id-diversi approċċi għat-trattament tal-iskoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ta' azzjonijiet f'CIUs jiġu applikati korrettament, u b'mod partikolari:

(i) li l-istituzzjoni tiddistingwi korrettament bejn l-iskoperturi f'CIUs soġġetti għall-approċċ ta' trasparenza kif stabbilit fl-Artikolu 152(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u skoperturi oħrajn f'CIUs;

(ii) li l-iskoperturi f'CIUs trattati f'konformità mal-Artikolu 152(1) jew (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Artikolu 132(3) ta' dak ir-Regolament;

(iii) jekk l-istituzzjoni tuża l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 152(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-kalkolu tal-ammonti medji tal-iskoperturi ponderati għar-riskju, li:

— il-korrettezza tal-kalkolu tkun ikkonfermata minn awditur estern;

— il-fatturi ta' multiplikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 152(2)(b)(i) u (ii) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġu applikati korrettament;

— jekk l-istituzzjoni toqgħod fuq parti terza għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju, li l-parti terza tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 152(4)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 71*

**Organizzazzjoni tal-proċess għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji**

Meta jkunu qed jivvalutaw is-solidità tal-proċess għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kif imsemmi fl-Artikolu 144(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-unità jew tal-unitajiet responsabbli għall-kontroll u għall-ġestjoni tal-proċess tal-kalkolu, b'mod partikolari l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-kontrolli speċifiċi li għandhom jitwettqu f'kull pass tal-proċess tal-kalkolu, hija definita b'mod ċar;

(b) il-proċeduri rilevanti, inklużi l-proċeduri ta' riżerva, jiżguraw li l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 430 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) id-*data* kollha tal-input, inklużi l-valuri tal-parametri tar-riskju u l-verżjonijiet preċedenti tas-sistema, jiġu arkivjati biex jippermettu r-replikazzjoni tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(d) ir-riżultati tal-kalkolu jiġu approvati f'livell maniġerjali xieraq u li l-maniġment superjuri jiġi infurmat dwar żbalji jew inadegwatezzi possibbli tal-kalkolu u dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu.

KAPITOLU 12

**METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦAŻ-ŻAMMA TAD-*DATA***

*Artikolu 72*

**Ġenerali**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti dwar iż-żamma tad-*data* kif stabbilit fl-Artikolu 144(1)(d) u fl-Artikolu 176 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw dawn kollha li ġejjin:

(a) il-kwalità tad-*data* interna, esterna jew aggregata, inkluż il-proċess ta' ġestjoni tal-kwalità tad-*data*, f'konformità mal-Artikolu 73;

(b) id-dokumentazzjoni u r-rapportar tad-*data*, f'konformità mal-Artikolu 74;

(c) l-infrastruttura tal-IT rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 75.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki, il-metodi u l-proċeduri tal-ġestjoni tal-kwalità tad-*data* relatati mad-*data* użata fl-Approċċ IRB;

(b) jirrieżaminaw ir-rapporti rilevanti dwar il-kwalità tad-*data*, kif ukoll il-konklużjonijiet, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

(c) jirrieżaminaw il-politiki tal-infrastruttura tal-IT u l-proċeduri ta' ġestjoni tas-sistemi tal-IT, inklużi l-politiki ta' ppjanar ta' kontinġenza, rilevanti għas-sistemi tal-IT użati għall-finijiet tal-Approċċ IRB;

(d) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(e) jirrieżaminaw is-sejbiet rilevanti tal-awditjar intern jew ta' funzjonijiet ta' kontroll oħra tal-istituzzjoni;

(f) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforz magħmul mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati waqt l-awditjar rilevanti;

(g) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll wieħed mis-segwenti metodi addizzjonali:

(a) iwettqu t-testijiet proprji fuq id-*data* tal-istituzzjoni jew jitolbu lill-istituzzjoni twettaq it-testijiet proposti mill-awtoritajiet kompetenti;

(b) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 73*

**Kwalità tad-data**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-kwalità tad-*data* interna, esterna jew aggregata meħtieġa biex issostni b'mod effikaċi l-proċess tal-kejl u tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 144(1)(d) u l-Artikolu 176 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw:

(a) il-kompletezza tal-valuri fl-attributi li jeħtiġuhom;

(b) l-akkuratezza tad-*data* billi jiżguraw li d-*data* tkun sostanzjalment ħielsa mill-iżbalji;

(c) il-konsistenza tad-*data* billi jiżguraw li sett partikolari ta' *data* jkun jista' jiġi rikonċiljat ma' sorsi differenti ta' *data* tal-istituzzjoni;

(d) it-tempestività tal-valuri tad-*data* billi jiżguraw li l-valuri jkunu aġġornati;

(e) l-uniċità tad-*data* billi jiżguraw li d-*data* aggregata ma jkun fiha ebda duplikazzjoni minħabba xi filtri jew minħabba trasformazzjonijiet oħra tad-*data* tas-sors;

(f) il-validità tad-*data* billi jiżguraw li d-*data* tkun ibbażata fuq sistema adegwata ta' klassifikazzjoni, li hija rigoruża biżżejjed biex tobbliga l-aċċettazzjoni;

(g) it-traċċabbiltà tad-*data* billi jiżguraw li l-istorja, l-ipproċessar u l-lok tad-*data* ikusidrata jkunu jistgħu jiġu traċċati faċilment.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw il-proċess tal-ġestjoni tal-kwalità tad-*data*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) is-segwenti kollha huma fis-seħħ:

(i) standards adegwati ta' kwalità tad-*data* li jistabbilixxu l-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tal-proċess tal-ġestjoni tal-kwalità tad-*data*;

(ii) politiki, standards u proċeduri adegwati għall-ġbir, għall-ħżin, għall-migrazzjoni, għall-attwalizzazzjoni u għall-użu tad-*data*;

(iii) prattika ta' aġġornament u ta' titjib kontinwu tal-proċess ta' ġestjoni tal-kwalità tad-*data*;

(iv) sett ta' kriterji u proċeduri għad-determinazzjoni tal-konformità mal-istandards dwar il-kwalità tad-*data*, u b'mod partikolari l-kriterji ġenerali u l-proċess tar-rikonċiljazzjoni tad-*data* bejn is-sistemi u fihom, anki mad-*data* kontabilistika u dik ibbażata fuq klassifikazzjonijiet interni;

(v) proċessi adegwati għall-valutazzjoni interna u għat-titjib kontinwu tal-kwalità tad-*data*, inkluż il-proċess tal-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet interni biex jiġu indirizzati l-problemi f'oqsma li jeħtieġu titjib u l-proċess tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet bi prijorità abbażi tal-materjalità tagħhom u b'mod partikolari l-proċess għall-indirizzar tad-diskrepanzi materjali li jirriżultaw matul il-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-*data*;

(b) hemm grad suffiċjenti ta’ indipendenza tal-proċess tal-ġbir tad-*data* mill-proċess tal-ġestjoni tal-kwalità tad-*data*, inkluża separazzjoni tal-istruttura organizzazzjonali u tal-persunal, fejn xieraq.

*Artikolu 74*

**Dokumentazzjoni u rapportar tad-data**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw id-dokumentazzjoni tad-*data* meħtieġa biex tappoġġa b’mod effettiv il-proċess tal-kejl u tal-ġestjoni tar-riskju ta’ kreditu f’konformità mal-Artikoli 144(1)(d) u 176 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw dan kollu li ġej:

(a) l-ispeċifikazzjoni tas-sett tal-bażijiet tad-*data* u b’mod partikolari:

(i) il-mappa globali tal-bażijiet tad-*data* involuti fis-sistemi ta’ kalkolu użati għall-finijiet tal-Approċċ IRB;

(ii) is-sorsi rilevanti tad-*data*;

(iii) il-proċessi rilevanti tal-estrazzjoni u tat-trasformazzjoni tad-*data* u l-kriterji użati f’dan ir-rigward;

(iv) l-ispeċifikazzjoni funzjonali rilevanti tal-bażijiet tad-*data*, inkluż id-daqs, id-data meta nbnew, id-dizzjunarji tad-*data* li jispeċifikaw il-kontenut tal-oqsma u tal-valuri differenti mdaħħla fil-kampijiet tad-*data* b’definizzjonijiet ċari tal-entrati tad-*data*;

(v) l-ispeċifikazzjoni teknika rilevanti tal-bażijiet tad-*data*, inkluż it-tip ta’ bażi tad-*data*, it-tabelli, is-sistema ta’ ġestjoni tal-bażi ta’ *data* u l-arkitettura tal-bażi tad-*data*, u l-mudelli tad-*data* mogħtija fi kwalunkwe notazzjoni standard tal-immudellar tad-*data*;

(vi) il-flussi ta’ ħidma u l-proċeduri rilevanti relatati mal-ġbir tad-*data* u mal-ħżin tad-*data*;

(b) il-politika dwar il-ġestjoni tad-*data* u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, inklużi l-profili tal-utenti u tas-sidien tad-*data*;

(c) it-trasparenza, l-aċċessibbiltà u l-konsistenza tal-kontrolli implimentati fil-qafas tal-ġestjoni tad-*data*.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw ir-rapportar tad-*data*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw, b’mod partikolari, li r-rapportar tad-*data*:

(a) jispeċifika l-ambitu tar-rapporti jew tar-rieżamijiet, is-sejbiet u, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet jew in-nuqqasijiet identifikati;

(b) jiġi kkomunikat bi frekwenza adegwata lill-maniġment superjuri u lill-korp maniġerjali u li l-livell tar-riċevitur tar-rapportar tad-*data* jkun konsistenti mal-istruttura organizzazzjonali tal-istituzzjoni, u mat-tip u s-sinifikanza tal-informazzjoni;

(c) isir regolarment u fejn xieraq, anke fuq bażi *ad hoc*;

(d) jipprovdi evidenza adegwata li r-rakkomandazzjonijiet qed jiġu indirizzati adegwatament u qed jiġu implimentati sew mill-istituzzjoni.

*Artikolu 75*

**Infrastruttura tal-IT**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-arkitettura tas-sistemi tal-IT, ta’ rilevanza għas-sistemi ta’ klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u għall-applikazzjoni tal-Approċċ IRB f’konformità mal-Artikolu 144 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw dawn kollha li ġejjin:

(a) l-arkitettura tas-sistemi tal-IT inklużi l-applikazzjonijiet kollha, l-interfaċċi u l-interazzjonijiet tagħhom;

(b) dijagramma tal-fluss tad-*data* li turi mappa tal-applikazzjonijiet ewlenin, tal-bażijiet tad-*data* u tal-komponenti tal-IT involuti fl-applikazzjoni tal-Approċċ IRB u relatati mas-sistemi ta’ klassifikazzjoni;

(c) l-assenjazzjoni tas-sidien tas-sistemi tal-IT;

(d) il-kapaċità, l-iskalabilità u l-effiċjenza tas-sistemi tal-IT;

(e) il-manwali tas-sistemi tal-IT u tal-bażijiet tad-*data*.

2. Meta jkunu qed jivvalutaw is-solidità, is-sikurezza u s-sigurtà tal-infrastruttura tal-IT rilevanti għas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u għall-applikazzjoni tal-Approċċ IRB, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) l-infrastruttura tal-IT tista' ssostni l-proċessi ordinarji u straordinarji ta' istituzzjoni b'mod tempestiv, awtomatiku u flessibbli;

(b) ir-riskju ta' sospensjoni tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura tal-IT ("ħsarat"), ir-riskju ta' telf ta' *data* u r-riskju ta' evalwazzjonijiet skorretti ("difetti") huma indirizzati kif xieraq;

(c) l-infrastruttura tal-IT hija adegwatament protetta kontra serq, frodi, manipulazzjoni jew sabotaġġ tad-*data* jew tas-sistemi minn sorsi malizzjużi interni jew esterni.

3. Meta jkunu qed jivvalutaw ir-robustezza tal-infrastruttura tal-IT rilevanti għas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u għall-applikazzjoni tal-Approċċ IRB, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-proċeduri għall-backup tas-sistemi tal-IT, tad-*data* u tad-dokumentazzjoni ġew implimentati u jiġu ttestjati fuq bażi perjodika;

(b) ġew implimentati pjanijiet ta' azzjoni ta' kontinwità għas-sistemi kritiċi tal-IT;

(c) ġew definiti l-proċeduri ta' rkupru tas-sistemi tal-IT f'każ ta' ħsara u dawn jiġu ttestjati fuq bażi perjodika;

(d) il-ġestjoni tal-utenti tas-sistemi tal-IT hija konformi mal-politiki u mal-proċeduri rilevanti tal-istituzzjoni;

(e) ġew implimentati rekords tal-awditjar għas-sistemi kritiċi tal-IT;

(f) il-ġestjoni tal-bidliet fis-sistemi tal-IT hija adegwata u l-monitoraġġ tal-bidliet ikopri s-sistemi kollha tal-IT.

4. Meta jkunu qed jivvalutaw jekk l-infrastruttura tal-IT rilevanti għas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u għall-applikazzjoni tal-Approċċ IRB tiġix riveduta kemm fuq bażi regolari kif ukoll fuq bażi *ad hoc*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-monitoraġġ regolari u r-rieżamijiet *ad hoc* iwasslu għal rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati d-dgħjufijiet jew in-nuqqasijiet, fejn dawn jiġu identifikati;

(b) is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jiġu kkomunikati lill-maniġment superjuri u lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni;

(c) hemm evidenza adegwata li turi li r-rakkomandazzjonijiet jiġu indirizzati u implimentati kif xieraq mill-istituzzjoni.

## KAPITOLU 13

## METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI TAL-MUDELLI INTERNI GĦALL-ISKOPERTURI TA' EKWITÀ

*Artikolu 76*

### Ġenerali

1. Meta jkunu qed jivvalutaw jekk istituzzjoni hijiex kapaċi tiżviluppa u tivvalida l-mudell intern għall-iskoperturi ta' ekwità u tassenja kull skopertura għall-firxa ta' applikazzjoni ta' approċċ ta' mudelli interni għall-iskoperturi ta' ekwità kif meħtieġ mill-punti (f) u (h) tal-Artikolu 144(1) u l-Artikoli 186, 187 u 188 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw dawn kollha li ġejjin:

(a) l-adegwatezza tad-*data* użata, f'konformità mal-Artikolu 77;

(b) l-adegwatezza tal-mudelli, f'konformità mal-Artikolu 78;

(c) il-komprensività tal-programm tal-ittestjar tal-istress, f'konformità mal-Artikolu 79;

(d) l-integrità tal-mudell u tal-proċess tal-immudellar, f'konformità mal-Artikolu 80;

(e) l-adegwatezza tal-assenjazzjoni tal-iskoperturi għall-approċċ tal-mudelli interni, f'konformità mal-Artikolu 81;

(f) l-adegwatezza tal-funzjoni ta' validazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 82.

2. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politiki u l-proċeduri interni rilevanti tal-istituzzjoni;

(b) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni teknika tal-istituzzjoni dwar il-metodoloġija u l-proċess tal-iżvilupp tal-mudell intern għall-iskoperturi ta' ekwità;

(c) jirrieżaminaw u jikkontestaw il-manwali, il-metodoloġiji u l-proċessi tal-iżvilupp rilevanti;

(d) jirrieżaminaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-unitajiet u tal-korpi interni differenti involuti fit-tfassil, fil-validazzjoni u fl-applikazzjoni tal-mudell intern għall-iskoperturi ta' ekwità;

(e) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, jew tal-kumitati;

(f) jirrieżaminaw ir-rapporti rilevanti dwar il-prestazzjoni tal-mudelli interni għall-iskoperturi ta' ekwità u r-rakkomandazzjonijiet mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, mill-funzjoni ta' validazzjoni, mill-uffiċċju tal-awditjar intern jew minn kwalunkwe funzjoni oħra ta' kontroll tal-istituzzjoni;

(g) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforzi magħmula mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati matul il-monitoraġġ, il-validazzjonijiet u l-awditjar;

(h) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll kwalunkwe wieħed mill-metodi addizzjonali li ġejjin:

(a) jitolbu u janalizzaw id-*data* użata fil-proċess tal-iżvilupp tal-mudelli interni għall-iskoperturi ta' ekwità;

(b) iwettqu l-istimi proprji jew jirreplikaw l-istimi tal-Valur fir-Riskju tal-istituzzjoni billi jużaw id-*data* rilevanti pprovduta mill-istituzzjoni;

(c) jitolbu li jingħataw dokumentazzjoni jew analiżi addizzjonali li tissostanzja l-għażliet metodoloġiċi u r-riżultati miksuba;

(d) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni funzjonali tas-sistemi tal-IT użati għall-kalkolu tal-valur fir-riskju;

(e) jirrieżaminaw dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 77*

**Adegwatezza tad-data**

Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tad-*data* użata biex tirrappreżenta d-distribuzzjonijiet tar-redditu kurrenti fuq l-iskoperturi ta' ekwità f'konformità mal-Artikolu 186 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) id-*data* tirrappreżenta l-profil tar-riskju tal-iskoperturi tal-ekwità speċifiċi tal-istituzzjoni;

(b) id-*data* hija biżżejjed biex tipprovdi stimi tat-telf li huma statistikament affidabbli, jew tkun ġiet adegwatament aġġustata sabiex ir-riżultati tal-mudelli miksuba jkunu realistiċi u konservattivi biżżejjed;

(c) id-*data* użata tinkiseb minn sorsi esterni jew, fejn tintuża *data* interna, din tiġi eżaminata b'mod indipendenti minn funzjoni ta' kontroll rilevanti tal-istituzzjoni;

(d) id-*data* tirrifletti l-itwal perjodu disponibbli sabiex tipprovdi stima konservattiva tat-telf potenzjali f'ċiklu ekonomiku jew ta' terminu twil rilevanti, u b'mod partikolari li tinkludi l-perjodu ta' stress finanzjarju sinifikanti rilevanti għall-portafoll tal-istituzzjoni;

(e) meta tintuża *data* trimestrali kkonvertita minn perjodu ta' żmien iqsar, li l-proċedura ta' konverżjoni tkun sostnuta minn evidenza empirika permezz ta' approċċ żviluppat sew u ddokumentat u tiġi applikata b'mod konservattiv u konsistenti maż-żmien;

(f) tintgħażel l-itwal medda ta' żmien li tippermetti l-istima tad-99 perċentil b'osservazzjonijiet mhux sovrapposti.

*Artikolu 78*

**Adegwatezza tal-mudelli**

Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tal-mudelli użati għall-istima tad-distribuzzjonijiet tar-redditu fuq l-ekwità għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 186 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-mudell huwa adattat għall-profil tar-riskju u għall-kumplessità tal-portafoll tal-ekwità ta' istituzzjoni, u li meta l-istituzzjoni jkollha parteċipazzjonijiet materjali b'valuri ta' natura ferm nonlineari, il-mudell jieħu kont debitu ta' dan;

(b) l-immappjar ta' pożizzjonijiet individwali ma' indikaturi, indiċi tas-suq, u fatturi tar-riskju huwa plawżibbli, intuwittiv u kunċettwalment robust;

(c) il-fatturi tar-riskju magħżula huma adatti u jkopru effikaċjament kemm ir-riskju ġenerali kif ukoll dak speċifiku;

(d) il-mudell jispjega adegwatament il-varjazzjoni storika tal-prezzijiet;

(e) il-mudell ikopri kemm id-daqs tal-konċentrazzjonijiet potenzjali kif ukoll il-bidliet fil-kompożizzjoni tagħhom.

*Artikolu 79*

**Komprensività tal-programm tas-simulazzjoni ta' kriżi**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw il-komprensività tal-programm tas-simulazzjoni ta' kriżi kif meħtieġ skont l-Artikolu 186(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istituzzjoni hija kapaċi tipprovdi stimi tat-telf f'xenarji negattivi alternattivi u li dawk ix-xenarji huma differenti minn dawk użati mill-mudell intern iżda xorta probabbli.

2. Għall-fini tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) ix-xenarji negattivi alternattivi huma rilevanti għall-parteċipazzjonijiet speċifiċi tal-istituzzjoni, jirriflettu telf sinifikanti għall-istituzzjoni u juru l-effetti li ma humiex riflessi fl-eżiti tal-mudell;

(b) l-eżiti tal-mudell taħt ix-xenarji negattivi alternattivi jintużaw fil-ġestjoni tar-riskju reali għall-portafoll tal-ekwità u jiġu rrapportati lill-maniġment superjuri fuq bażi perjodika;

(c) ix-xenarji negattivi alternattivi jiġu riveduti u aġġornati perjodikament.

*Artikolu 80*

**Integrità tal-mudell u tal-proċess ta' immudellar**

1. Meta jkunu qed jivvalutaw l-integrità tal-mudelli u tal-proċess ta' mmudellar kif meħtieġ skont l-Artikolu 187 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-mudell intern huwa integrat bis-sħiħ fil-ġestjoni tal-portafoll tal-ekwità mhux tan-negozjar, fis-sistemi ta' informazzjoni maniġerjali ġenerali tal-istituzzjoni u fl-infrastruttura tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni u jintuża għall-monitoraġġ tal-limiti tal-investiment u r-riskju ta' skoperturi ta' ekwità;

(b) l-unità tal-immudellar hija kompetenti u indipendenti mill-unità responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti individwali.

2. Għall-fini tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1(a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni u l-maniġment superjuri huma involuti b'mod attiv fil-proċess ta' kontroll tar-riskju fis-sens li jkunu approvaw sett ta' limiti ta' investiment ibbażati, fost fatturi oħra, fuq ir-riżultati tal-mudell intern;

(b) ir-rapporti prodotti mill-unità ta' kontroll tar-riskju jiġu eżaminati minn persuni f'livell maniġerjali b'biżżejjed awtorità biex jinfurzaw tnaqqis tal-pożizzjonijiet kif ukoll tnaqqis tal-iskopertura għar-riskju ġenerali tal-istituzzjoni;

(c) hemm pjanijiet ta' azzjoni fis-seħħ għal sitwazzjonijiet ta' kriżi tas-suq li jaffettwaw l-attivitajiet fl-ambitu tal-mudell, li jiddeskrivu l-eventi li jiskattawhom u l-azzjonijiet ippjanati.

3. Għall-fini tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1(b), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li:

(a) il-persunal u l-maniġment superjuri responsabbli għall-unità tal-immudellar ma jwettqux kompiti relatati mal-ġestjoni ta' investimenti individwali;

(b) il-maniġers superjuri tal-unitajiet ta' mmudellar u tal-unitajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti individwali għandhom linji ta' rapportar differenti fil-livell tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew tal-kumitat maħtur minnu;

(c) ir-remunerazzjoni tal-persunal u tal-maniġment superjuri responsabbli għall-unità tal-immudellar ma hijiex marbuta mat-eżekuzzjoni tal-kompiti relatati mal-ġestjoni tal-investimenti individwali.

*Artikolu 81*

**Adegwatezza tal-assenjazzjoni tal-iskoperturi għall-approċċ tal-mudelli interni**

Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tal-assenjazzjoni ta' kull skopertura fil-firxa ta' applikazzjoni ta' approċċ għall-iskoperturi ta' ekwità għall-approċċ ta' mudelli interni f'konformità mal-Artikolu 144(1)(h) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw id-definizzjonijiet, il-proċessi u l-kriterji għall-assenjazzjoni jew għar-rieżami tal-assenjazzjoni.

*Artikolu 82*

**Adegwatezza tal-funzjoni ta' validazzjoni**

Meta jkunu qed jivvalutaw l-adegwatezza tal-funzjoni ta' validazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (f) tal-Artikolu 144(1) u fl-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw l-Artikoli 10 sa 13 u għandhom jivverifikaw li:

(a) l-istituzzjoni tqabbel l-ewwel perċentil tar-redditi ta' ekwità reali mal-istimi mmudellati tal-anqas fuq bażi trimestrali;

(b) it-tqabbil imsemmi fil-punt (a) jagħmel użu minn perjodu ta' osservazzjoni ta' mill-inqas sena u ta' medda ta' żmien li tippermetti l-komputazzjoni tal-ewwel perċentil abbażi ta' osservazzjonijiet mhux sovrapposti;

(c) jekk il-perċentwal ta' osservazzjonijiet taħt l-ewwel perċentil stmat ta' redditi ta' ekwità jkun ogħla minn 1 %, dan ikun adegwatament ġustifikat u l-istituzzjoni tieħu azzjonijiet korrettivi rilevanti.

KAPITOLU 14

**METODOLOĠIJA TA' VALUTAZZJONI GĦALL-ĠESTJONI TAL-BIDLIET FIS-SISTEMI TA' KLASSIFIKAZZJONI**

*Artikolu 83*

**Ġenerali**

1. Sabiex jivvalutaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti rigward il-ġestjoni tat-tibdil, u d-dokumentazzjoni tat-tibdil, mal-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni jew mal-medda ta' applikazzjoni ta' approċċ ta' mudelli interni għall-iskoperturi ta' ekwità, u ta' tibdil fis-sistemi ta' klassifikazzjoni jew fl-approċċ tal-mudelli interni għall-iskoperturi ta' ekwità f'konformità mal-Artikolu 143(3) u (4) u l-Artikolu 175(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-politika tal-istituzzjoni relatata ma' tali tibdil ("politika ta' tibdil") ġiet implimentata kif suppost u tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli 2 sa 5, tal-Artikolu 8 u tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 529/2014.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-metodi kollha li ġejjin:

(a) jirrieżaminaw il-politika ta' tibdil tal-istituzzjoni;

(b) jirrieżaminaw il-minuti rilevanti tal-korpi interni tal-istituzzjoni, inkluż tal-korp maniġerjali, tal-kumitat tal-mudell, jew ta' kumitati oħra;

(c) jirrieżaminaw ir-rapporti rilevanti dwar il-ġestjoni tat-tibdil fis-sistemi ta' klassifikazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet mill-unità ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu, mill-funzjoni ta' validazzjoni, mill-uffiċċju tal-awditjar intern jew minn kwalunkwe funzjoni oħra ta' kontroll tal-istituzzjoni;

(d) jirrieżaminaw ir-rapporti ta' progress rilevanti dwar l-isforzi magħmula mill-istituzzjoni biex tikkoreġi n-nuqqasijiet u ttaffi r-riskji identifikati matul il-monitoraġġ, il-validazzjonijiet u l-awditjar;

(e) jiksbu dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-persunal rilevanti u mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni jew jintervistawhom.

3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrieżaminaw ukoll dokumenti rilevanti oħrajn tal-istituzzjoni.

*Artikolu 84*

**Kontenut tal-politika ta' tibdil**

Meta jkunu qed jivvalutaw il-politika ta' tibdil ta' istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-politika ta' tibdil timplimenta r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 1 sa 5, fl-Artikolu 8 u fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 529/2014 u li tipprevedi l-applikazzjoni prattika ta' dawk ir-rekwiżiti u kriterji filwaqt li tqis dan li ġej:

(a) ir-responsabbiltajiet, il-linji ġerarkiċi u l-proċeduri għall-approvazzjoni interna tat-tibdil, fid-dawl tal-karatteristiċi organizzazzjonali u l-ispeċifiċitajiet fl-approċċ tal-istituzzjoni;

(b) id-definizzjonijiet, il-metodi u, fejn applikabbli, il-metrika għall-klassifikazzjoni tat-tibdil;

(c) il-proċeduri għall-identifikazzjoni, għall-monitoraġġ, għan-notifika u għat-talba tal-awtorizzazzjoni għat-tibdil lill-awtoritajiet kompetenti;

(d) il-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-bidliet, inkluża d-dokumentazzjoni tagħhom.

KAPITOLU 15

**DISPOŻIZZJONI FINALI**

*Artikolu 85*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/440

**tas-16 ta’ Marzu 2022**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/605 li jistabbilixxi miżuri ta’ kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, sabiex jidħlu fl-Unjoni, iridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom, fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk mill-pollam u l-għasafar tal-kaċċa.

(5) Barra minn hekk, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib viċin Redgrave, Mid Suffolk, Suffolk, l-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fl-1 ta' Marzu 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħat ta' marda jinsabu fit-tieni stabbiliment fil-kontea diġà milquta ta' Newcastle, fl-Istat ta' Delaware, l-Istati Uniti, fil-kontea ta' Queen Anne, l-Istat ta' Maryland, l-Istati Uniti u fil-kontea ta' Jasper, l-Istat ta' Missouri, l-Istati Uniti u ġew ikkonfermati fit-8 ta' Marzu 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

---

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(7) Barra minn hekk, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib fil-kontea ta' Lawrence, l-istat ta' Missouri, l-Istati Uniti, u ġiet ikkonfermata fid-9 ta' Marzu 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) L-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilixxew żona ta' kontroll ta' 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti bagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u l-miżuri li ħadu biex jiġi evitat li l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tkompli tinxtered. Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, u sabiex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali fl-Unjoni, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk mill-pollam u għasafar tal-kaċċa miż-żoni taħt ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u l-Istati Uniti minħabba t-tifqigħat reċenti tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, jenħtieġ li ma jibqax jiġi awtorizzat.

(10) Barra minn hekk, ir-Renju Unit ressaq informazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tiegħu rigward it-tifqigħat tal-HPAI kkonfermata fi stabbilimenti tal-pollam fit-8 ta' Novembru 2021 viċin Alcester, Bidford, Warwickshire, l-Ingilterra u fil-21 ta' Novembru 2021, viċin North Fambridge, Maldon, Essex, l-Ingilterra. Ir-Renju Unit ressaq ukoll il-miżuri li ħa sabiex jiġi evitat tixrid ulterjuri ta' dik il-marda. B'mod partikolari, wara dawn it-tifqigħat tal-marda HPAI, ir-Renju Unit implimentat politika ta' qerda sabiex tikkontrolla u tillimita t-tixrid tal-marda. Barra minn hekk, ir-Renju Unit temm il-miżuri rikjesti ta' tindif u d-diżinfettar rikjest wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti ta' pollam infettat fit-territorju tiegħu.

(11) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mir-Renju Unit u kkonkludiet li t-tifqigħat tal-HPAI fi stabbilimenti tal-pollam qrib Alcester, Bidford, Warwickshire, l-Ingilterra u viċin North Fambridge, Maldon, Essex, l-Ingilterra tneħħew u li ma għadx hemm riskju assoċjat mad-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet tal-pollam miż-żoni tar-Renju Unit minn fejn id-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet tal-pollam ġie sospiż minħabba dawk it-tifqigħat.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.

(13) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit u tal-Istati Uniti b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u r-riskju serju tal-introduzzjoni fl-Unjoni, l-emendi li għandhom isiru lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta’ Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.19 hija sostitwita b’li ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “**GB** ir-Renju Unit | GB-2.19 | Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta’ tjur għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ tjur għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Bajd għat-tifqis ta’ ratiti | HER | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta’ tjur għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022”; |

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.28 hija sostitwita b’li ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “**GB** ir-Renju Unit | GB-2.28 | Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022"; |

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żoni GB-2.104 tiddaħħal wara r-ringiela għaż-żona GB-2.103:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB**<br>ir-Renju Unit | GB-2.104 | Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 1.3.2022"; | |

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.17, sa US-2.20 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona US-2.16:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**US**<br>L-Istati Uniti | US-2.17 | Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 8.3.2022 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | US-2.18 | Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 8.3.2022" | |
| | | Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | US-2.19 | Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 8.3.2022 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | US-2.20 | Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Flieles ta' ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti | POU-LT20 | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HEP | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Bajd għat-tifqis ta' ratiti | HER | N, P1 | | 9.3.2022 | |
| | | Inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti | HE-LT20 | N, P1 | | 9.3.2022"; | |

(b) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żoni GB-2.104 tiddaħħal wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.103:

| | | |
|---|---|---|
| "Ir-Renju Unit | GB-2.104 | Near Redgrave, Mid Suffolk, Suffolk, l-Ingilterra:<br>Iż-żona li tinsab fi ħdan ċirku b'raġġ ta' 10 km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84, N52.37 u E0.99."; |

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.17 sa US-2.20 jiddaħħlu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.16:

| | | |
|---|---|---|
| "L-Istati Uniti | US-2.17 | l-Istat ta' Delaware<br>New Castle 02<br>il-Kontea ta' New Castle : Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 75.7430486°W 39.5199819°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ:<br>(a) Tramuntana: 1.1km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' W Creek Ln u Dickerson Ln.<br>(b) Grigal: 0.3 km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' Cuter Way u Nantucket Dr.<br>(c) Lvant: 0.23km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' Denny Lynn Dr u Kelsey Lynn Ct.<br>(d) Xlokk: 0.8km mix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Blackbird Station Rn u Lloyd Guessford Rd.<br>(e) Nofsinhar: 2.2 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Massey Rd u Bradford Johnson Rd.<br>(f) Lbiċ: 1.9 km fil-Punent il-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' Megan Rd u Scott Rd.<br>(g) Punent: 2.7 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Bohemia Church Rd u Augustine Herman Hwy.<br>(h) Majjistral: 0.7 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Court House Point Rd u Augustine Herman Hwy. |
| | US-2.18 | l-Istat ta' Maryland<br>il-Kontea ta' Queen Anne: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 75.8786226°W 39.2489713°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ:<br>(a) Tramuntana: 0.6km Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Herbies Way u Chester River Heights Rd.<br>(b) Grigal: 0.8 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Stulltown Rd u Peters Corner Rd.<br>(c) Lvant: 1.4 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Busic Church Rd u Duhamel Corner Rd. |

| | | |
|---|---|---|
| | | (d) Xlokk: 0.36 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' Trunk Line Rd u Bee Tree Rd.<br>(e) Nofsinhar: 0.63 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Murphy Rd u Price Station Rd 405<br>(f) Lbiċ: 0.1 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' Flat Iron Square Rd u Lieby Rd.<br>(g) Punent: 2.2km fix-Xlokk il-Lvant mill-intersezzjoni ta' Rolphs Wharf Rd u Church Hill Rd.<br>(h) Majjistral: 0.5 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' Deep Landing Rd u Bright Meadow Ln. |
| | US-2.19 | L-Istat ta' Missouri<br>il-Kontea Jasper: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 94.5953717°W 37.4321134°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ:<br>(a) Tramuntana: 0.7 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' SW 50th Rd u SW 160th Ln.<br>(b) Grigal: 0.7 km fil-Punent mill-intersezzjoni ta' W Highway 126 u SW 115th Ln.<br>(c) Lvant: 0.5 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' State Highway 43 u Thistle Rd.<br>(d) Xlokk: 0.5 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' Park Ln u 25B.<br>(f) Lbiċ: 0.3 km fin-Nofsinhar ix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' NE Scammon Rd u NE 85th St.<br>(g) Punent: 0.6 km fil-Majjistral mill-intersezzjoni ta' E 400 Highway u Highway 69.<br>(h) Majjistral: 0.7km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' Highway 126 u N Free King's Highway. |
| | US-2.20 | L-Istat ta' Missouri<br>il-Kontea Lawrence: Iż-żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 93.7354261°W 37.1689086°N) u li testendi b'mod cirkulari favur l-arloġġ:<br>(a) Tramuntana: 1.2km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Farm Rd 2077 u Farm Rd 1170.<br>(b) Grigal: 1.1 km fil-Punent mill-intersezzjoni ta' County Rd 2090 u County Rd 1230.<br>(c) Lvant: 1.0 km fil-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' Farm Rd 2130 u Farm Rd 1245.<br>(d) Xlokk: 0.4 km fil-Grigal mill-intersezzjoni ta' Farm Rd 1220 u Farm Rd 2180.<br>(f) Lbiċ: 0.5 km fil-Grieg il-Lvant mill-intersezzjoni ta' County Rd 1131 u Farm Rd 2181.<br>(g) Punent: 0.7 km fin-Nofsinhar il-Lbiċ mill-intersezzjoni ta' I-44 u Highway H.<br>(h) Majjistral: 1.5 km fil-Grieg it-Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Farm Rd 2100 u Farm Rd 1132 LC."; |

(2) L-Anness XIV huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.19 hija sostitwita b'li ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB** ir-Renju Unit | GB-2.19 | Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022 |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | P1 | | 8.11.2021 | 4.3.2022"; |

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.28 hija sostitwita b'li ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB** ir-Renju Unit | GB-2.28 | Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022 |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | P1 | | 21.11.2021 | 8.3.2022"; |

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żoni GB-2.104 tiddaħħal wara r-ringiela għaż-żona GB-2.103:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**GB** ir-Renju Unit | GB-2.104 | Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 1.3.2022 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | P1 | | 1.3.2022"; | |

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.17, sa US-2.20 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona US-2.16:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**US** L-Istati Uniti | US-2.17 | Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | P1 | | 8.3.2022 | |
| | US-2.18 | Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | P1 | | 8.3.2022 | |
| | US-2.19 | Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 8.3.2022 | |
| | | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | P1 | | 8.3.2022 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| US-2.20 | Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti | POU | N, P1 | | 9.3.2022 | | |
| | Laħam frisk ta' ratiti | RAT | N, P1 | | 9.3.2022 | | |
| | Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa | GBM | P1 | | 9.3.2022"; | | |

(b) Fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli US-2 sa US-2.16 huma sostitwiti b'li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "L-Istati Uniti | US-2 | Iz-zoni tal-Istati Uniti deskritti taħt US-2 fil-Parti 2 tal-Anness V". |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/442

**tal-21 ta' Frar 2022**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 79(2), il-punt (d), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/1148tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), li jistabbilixxi l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi għall-perijodu 2021-2027 ġie adottat fis-7 ta' Lulju 2021.

(2) L-għan tar-Regolament (UE) 2021/1148 huwa li jipprovdi qafas għall-espressjoni ta' solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati Membri u pajjiżi li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni. Huwa jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih jipparteċipaw il-pajjiżi assoċjati.

(3) Ir-Regolament (UE) 2021/1148 jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, u d-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iddeċidiet li timplimenta dak ir-Regolament fil-liġi nazzjonali tagħha. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha..

(4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tieħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([2]). L-Irlanda għalhekk mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(5) Fl-1 ta' Settembru 2021, fis-17 ta' Diċembru 2021, fil-11 ta' Awwissu 2021 u fit-18 ta' Awwissu 2021, l-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein innotifikaw rispettivament id-deċiżjoni tagħhom li jaċċettaw il-kontenut tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1148 u li jimplimentawh fl-ordni legali intern tagħhom.

(6) Fid-dawl tal-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/1148, għalhekk jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplimentari li jikkonċernaw l-implimentazzjoni minn kull wieħed minn dawk il-pajjiżi tar-Regolament (UE) 2021/1148,

([1]) Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati għal ftehimiet mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari li jikkonċernaw l-implimentazzjoni minn dawk il-pajjiżi tar-Regolament (UE) 2021/1148.

2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill stipulati fl-Addendum għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-Kunsilliera għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, li huma l-korp preparatorju b'dan maħtur bħala l-kumitat speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. DENORMANDIE

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/443

**tat-3 ta' Marzu 2022**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emendar tal-Anness IV (L-Enerġija) għall-Ftehim ŻEE (Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IV għall-Ftehim ŻEE li fih dispożizzjonijiet dwar l-enerġija.

(3) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(4) L-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emendar propost għall-Anness IV (L-Enerġija) għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
G. DARMANIN

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

**ABBOZZ DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta' …**

**li temenda l-Anness IV (L-Enerġija) għall-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ([1]) ("l-EPBD") għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Minħabba l-ispeċifiċitajiet tal-istokk tal-bini relattivament reċenti u uniformi tal-Iżlanda, hemm qbil dwar eżenzjoni temporanja u kondizzjonali mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika għad-Direttiva 2010/31/UE kif kienet fis-seħħ qabel l-emendar bid-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018. L-eżenzjoni jenħtieġ li tkun strettament limitata fiż-żmien u jenħtieġ li tapplika biss sakemm jintlaħaq qbil dwar l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 fil-Ftehim ŻEE.

(3) F'konformità mad-daqs żgħir ħafna tal-istokk tal-bini fil-Liechtenstein u t-tipoloġija klimatika u tal-bini tiegħu, il-Liechtenstein huwa eżentat mill-obbligu taħt l-Artikolu 5 tal-EPBD li jwettaq il-kalkoli tiegħu stess għall-istabbiliment ta' livelli kostottimali ta' rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini.

(4) Skont il-kondizzjonijiet ta' adattament (c), in-Norveġja u l-Liechtenstein jistgħu jistipulaw regolamenti dwar ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku bl-użu ta' limitu tas-sistema differenti mill-użu tal-enerġija primarja li huwa dak meħtieġ skont l-EPBD, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-adattament (c).

(5) L-adattament (d) jiżgura li s-sistema taċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija operata mill-utenti fin-Norveġja tipproduċi riżultati ekwivalenti għaċ-ċertifikati maħruġin minn esperti indipendenti kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tal-EPBD.

(6) Għalhekk l-Anness IV għall-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 17 (id-Direttiva (KE) Nru 2002/91 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002) tal-Anness IV għall-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**32010 L 0031**: Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija ("EPBD") (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda.

(b) Dan li ġej għandu jinżdied mal-Artikolu 5(2):

'Għall-fini li jiġu stabbiliti livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku, il-Liechtenstein jista' juża l-kalkoli ta' Parti Kontraenti oħra li jkollha parametri komparattivi.'

([1]) ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

(c) Għall-fini tal-Artikolu 9(3)(a) u l-Anness I tal-EPBD, il-Liechtenstein u n-Norveġja jistgħu jibbażaw ir-rekwiżiti tagħhom għall-użu tal-enerġija fuq l-enerġija netta, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet u s-salvagwardji li ġejjin:

(i) Ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku jkunu stabbiliti f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tal-EPBD, skont il-prinċipji bażiċi tal-qafas tal-metodoloġija, li ġie stabbilit għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku ([2]).

(ii) Jiġi ippubblikat indikatur numeriku tal-użu tal-enerġija primarja li jikkorrispondi għar-rekwiżiti tar-rendiment enerġetiku stabbiliti fil-kodiċi tal-bini.

(iii) Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tirrevedi dan l-adattament speċifiku fil-kuntest tan-negozjati futuri dwar l-EPBD kif emendati bid-Direttiva (UE) 2018/844.

(d) Dan li ġej għandu jinżdied mal-Artikolu 17:

'L-Istati tal-EFTA jistgħu jistabbilixxu sistema simplifikata ta' ċertifikazzjoni tar-rendiment enerġetiku mħaddma mill-utenti għall-bini residenzjali li tista' tintuża bħala alternattiva għall-użu ta' esperti jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Ikun hemm għarfien profond u *data* ta' kwalità tajba disponibbli dwar l-istokk tal-bini residenzjali kollu, inklużi t-tipoloġiji tal-bini u l-faxex tal-età kollha, u l-karatteristiċi tal-involukru tal-bini u s-sistemi tekniċi tal-bini li qed jintużaw għal kull tipoloġija, li jippermetti l-kalkolu tar-rendiment enerġetiku ta' bini individwali u unitajiet ta' bini b'livell għoli ta' ċertezza abbażi ta' inputs mill-utenti,

(ii) Tkun disponibbli informazzjoni dettaljata dwar titjib kostottimali jew kosteffikaċi għal kull tipoloġija tal-bini,

(iii) Ikun hemm fis-seħħ miżuri li jappoġġaw lill-utenti biex iħaddmu s-sistema għall-fini tas-sistema li toħroġ ċertifikati tal-bini. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu helpline jew servizzi ta' konsulenza li jippermettu kuntatt bejn l-utenti minn naħa waħda, u esperti indipendenti u esperti tas-sistema min-naħa l-oħra,

(iv) Biex jiġi żgurat li r-riskju ta' manipulazzjoni tar-riżultati jkun negliġibbli, is-sistema ta' ċertifikazzjoni mħaddma mill-utenti tinkludi mekkaniżmu/i ta' kontroll u verifika tal-kwalità biex tiġi ċċekkjata d-*data* tal-input tal-utenti u li d-*data* tal-input tal-utenti tkun trasparenti,

(v) Ikun hemm fis-seħħ sistemi ta' kontroll indipendenti biex jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment enerġetiku mħaddma mill-utenti tipproduċi riżultati ekwivalenti għal ċertifikati maħruġa minn esperti, f'termini ta' kwalità u affidabbiltà,

(vi) Is-sistema mħaddma mill-utenti toħroġ rakkomandazzjonijiet li jistgħu jagħtu pariri lill-utenti dwar titjib kostottimali jew kosteffikaċi speċifiku għall-bini u l-unitajiet tal-bini tagħhom.".'.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2010/31/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE ([3]).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini ( ĠU L 81, 21.3.2012, p. 18).

([3]) [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Magħmul fi Brussell, […].

| | |
|---|---|
| *Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE* | *Is-Segretarji* |
| *Il-President* | *Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE* |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/444

**tat-28 ta' Ġunju 2021**

**dwar l-iskema ta' għajnuniet mill-istat SA.49414 (2020/C) (ex 2019/NN) implimentata minn Franza għall-operaturi tal-infrastrutturi ta' ħażna ta' gass naturali**

*(notifikata bid-dokument C(2021) 4494)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li stiednet lill-partijiet ikkonċernati jressqu l-kummenti tagħhom f'konformità mal-artikoli msemmija hawn fuq ([1]) u wara li kkunsidrat dawn il-kummenti,

billi:

## 1. PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittra tat-23 ta' Ottubru 2017, l-awtoritajiet Franċiżi infurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-riforma ppjanata tal-qafas legali u regolatorju applikabbli għall-ħażna tal-gass naturali ("ir-riforma"). L-awtoritajiet Franċiżi nnotifikaw minn qabel dan l-abbozz fit-23 ta' Novembru 2017 u, wara l-adozzjoni tar-riforma mill-Parlament Franċiż, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni.

(2) Permezz tal-ittra tat-28 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni infurmat lil Franza li kienet iddeċidiet li tibda ("id-deċiżjoni tal-ftuħ") il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("il-proċedura ta' investigazzjoni formali") fir-rigward ta' din il-miżura.

(3) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet ikkonċernati jressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni.

(4) Fil-qafas tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand il-partijiet ikkonċernati. Hija bagħtithom lill-awtoritajiet Franċiżi, u tathom l-opportunità li jikkummentaw dwarhom. L-awtoritajiet Franċiżi ssottomettew il-kummenti tagħhom permezz ta' ittra tat-3 ta' Awwissu 2020.

(5) L-awtoritajiet Franċiżi ressqu informazzjoni addizzjonali fil-21 ta' Settembru 2020, fis-26 ta' Jannar 2021, fil-15 ta' Marzu 2021 u fl-10 ta' Mejju 2021.

## 2. IL-KUNTEST TAL-MIŻURA

### 2.1. Il-ħażna tal-gass naturali fi Franza

(6) L-infrastrutturi tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art jippermettu li jinbnew ħażniet ta' gass naturali konnessi man-netwerk ta' trażmissjoni. Huma involuti fil-ġestjoni tal-flussi fuq in-netwerk.

([1]) ĠU C 112, 3.4.2020, p. 39.

(7) Minn naħa, il-ħażna tintuża bħala mezz biex jiġi żgurat bilanċ bejn l-ammont ta' gass naturali fin-netwerk u l-ammont ta' gass naturali kkunsmat, pereżempju fil-każ ta' interruzzjoni fil-provvista jew domanda massima marbuta ma' perjodu kiesaħ fix-xitwa. Min-naħa l-oħra, il-ħażna tippermetti, flimkien mal-pipelines tal-gass u l-kompressuri, li jiġu żgurati servizzi ta' trasport fuq in-netwerk ta' trażmissjoni, b'mod partikolari f'każ ta' konġestjoni.

(8) L-operaturi tal-ħażna għandhom joffru kapaċitajiet ta' ħażna lill-fornituri tal-gass naturali fis-swieq bl-imnut u bl-ingrossa kif ukoll lill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni. Il-propensità tal-fornituri tal-gass naturali li jħallsu għall-kapaċitajiet tal-ħażna hija qrib ħafna tad-differenza fil-prezz tal-bejgħ tal-gass naturali bejn is-sajf u x-xitwa ("firxa"). Il-livell tal-produzzjoni tal-gass naturali huwa relattivament stabbli matul is-sena, filwaqt li l-konsum tal-gass naturali jvarja ħafna skont it-temperatura.

(9) Fi Franza hemm erbatax-il faċilità ta' ħażna, li ħdax minnhom huma operattivi ([2]), u hemm tliet operaturi tal-ħażna:

— Storengy, sussidjarja 100 % ta' ENGIE, għandha, u topera, tnax-il sit, li tlieta minnhom jinsabu f'riżerva u disgħa huma operattivi. Dawn tal-aħħar jirrappreżentaw volum utli ta' 102,1 TWh (jiġifieri 74 % tal-kapaċità totali tat-territorju);

— Teréga (li qabel kienet TIGF), proprjetà ta' Snam (40,5 %), GIC (31,5 %), EDF Investissement (18 %) u Prédica (10 %) topera sit operattiv li jirrappreżenta volum utli ta' 33,1 TWh (jiġifieri 24 % tal-kapaċità totali tat-territorju);

— Géométhane, proprjetà ta' Storengy (50 %), CNP (49 %) u Géostock (1 %), għandha sit operattiv b'volum utli ta' 3,3 TWh (jiġifieri 2 % tal-kapaċità totali tat-territorju).

(10) Mill-2009 'l quddiem, il-varjazzjonijiet staġjunali fil-prezzijiet tal-gass naturali naqsu. Sal-2011, il-firxa kienet għolja biżżejjed biex tħeġġeġ lill-fornituri jissottoskrivu għall-kapaċitajiet kollha ta' ħażna tal-gass naturali. Mill-2011 'il quddiem, il-firxa ma baqgħetx biżżejjed biex tkopri l-prezz tal-ħażna offrut mill-operaturi (firxa ta' EUR 1,5 sa2/MWh għal prezz ta' EUR 6 sa 7/MWh). B'riżultat ta' dan, il-kapaċità tal-ħażna ma kinitx ġiet sottoskritta kompletament mill-2010 sal-2011, tliet siti bdew jiġu operati b'rata mnaqqsa ("f'riżerva") fl-2014 u fl-2015, filwaqt li r-rata ta' abbonament tal-infrastrutturi tal-ħażna operattivi laħqet it-63 % bejn l-2017 u l-2018.

### 2.2. **Qafas legali u regolatorju**

(11) Biex tiżgura s-sigurtà tal-forniment, Franza inizjalment introduċiet digriet fl-2014 biex issaħħaħ l-obbligi tal-fornituri tal-gass naturali li jibnu ħażniet ta' gass naturali ([3]). Sussegwentement, Franza qieset li din is-sistema kellha diversi nuqqasijiet u xi fornituri tal-gass naturali ppreżentaw rikors biex jikkontestaw il-legalità tad-Digriet tal-2014. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, Franza ddeċidiet li tintroduċi miżura adattata li hija s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni ("il-miżura inkwistjoni").

(12) Barra minn hekk, l-Artikolu 33 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jipprevedi l-possibbiltà li Stat Membru jimplimenta regolament tal-infrastrutturi tal-ħażna. Il-ħażna tal-gass naturali hija wkoll parti mill-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-regolament, b'mod partikolari l-obbligu li tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment lill-klijenti nazzjonali filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq u kontinwu tas-suq intern tal-gass naturali.

([2]) Hemm tnax-il sit operattivi jekk is-siti ta' Lussagnet u Izaute jiġu kkunsidrati separatament. Dawn is-siti jappartjenu għal Teréga u jikkondividu ċerti faċilitajiet tekniċi. Għal din ir-raġuni, xi kultant jitqiesu bħala infrastruttura waħda (eż. fil-PPE 2019-2028) u xi drabi bħala żewġ infrastrutturi separati (eż. fil-PPE 2016-2023).

([3]) Id-Digriet Nru 2014-328 tat-12 ta' Marzu 2014 li jemenda d-Digriet Nru 2006-1034 tal-21 ta' Awwissu 2006 dwar l-aċċess għall-ħażniet taħt l-art tal-gass naturali.

([4]) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1).

## 3. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURA INKWISTJONI U RAĠUNIJIET SABIEX JINGĦATA BIDU GĦALL-PROĊEDURA

### 3.1. L-għan tal-mekkaniżmu

(13) Il-mekkaniżmu regolatorju għandu l-għan li jiżgura t-tħaddim kontinwu tal-infrastrutturi tal-ħażna meħtieġa biex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali fit-territorju Franċiż fuq perjodu ta' żmien medju u twil.

(14) B'mod partikolari, il-mekkaniżmu regolatorju għandu l-għan li jiżgura l-kapaċità tan-netwerk li jlaħħaq mad-domanda, b'mod partikolari matul l-aktar perjodi kesħin, u li jiżgura s-servizz ta' trażmissjoni fuq in-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass naturali, b'mod partikolari fil-każ ta' konġestjoni.

### 3.2. Bażi legali

(15) Il-mekkaniżmu regolatorju tal-infrastrutturi essenzjali għall-ħażna tal-gass naturali ġie introdott fil-Kodiċi tal-Enerġija permezz tal-Liġi Nru 2017-1839 tat-30 ta' Diċembru 2017 [6] ("*loi Hydrocarbures*", il-Liġi dwar l-Idrokarburi), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

(16) B'mod partikolari, l-Artikolu 12 tal-Liġi dwar l-Idrokarburi jipprevedi li l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju huwa ddeterminat mill-ipprogrammar pluriennali tal-enerġija ("PPE"), imsemmi fl-Artikolu L. 141-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija. Il-PPE jiġi adottat b'digriet wara konsultazzjoni ma' diversi korpi konsultattivi u rivedut mill-inqas kull ħames snin għal żewġ perjodi ta' ħames snin. Għall-perjodu 2019-2028, il-PPE huwa stabbilit bid-Digriet Nru 2020-456 tal-21 ta' April 2020 ("Digriet Nru 2020-456 dwar il-PPE").

(17) Barra minn hekk, l-Artikolu 12 tal-Liġi dwar l-Idrokarburi jipprevedi li l-Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija Franċiża ("CRE") għandha tistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet tal-mekkaniżmu regolatorju, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet tal-irkanti tal-kapaċità tal-ħażna, id-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna u l-kundizzjonijiet tal-ġbir ta' dak id-dħul permezz tal-kummerċjalizzazzjoni tal-kapaċità u t-tariffi għall-użu tan-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass naturali u l-ħlas lura tagħhom lill-operaturi tal-ħażna (ara l-premessi (20) sa (22)).

### 3.3. Funzjonament ġenerali tal-mekkaniżmu

(18) Il-mekkaniżmu regolatorju għall-ħażna tal-gass naturali adottat fi Franza fl-2017 huwa bbażat fuq tliet prinċipji.

(19) L-ewwel nett, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu jikkorrispondi għall-infrastrutturi ta' ħażna taħt l-art meħtieġa biex tiġi garantita s-sigurtà tal-forniment fit-territorju Franċiż fuq perjodu ta' żmien medju u twil [7] ("l-infrastrutturi essenzjali tal-ħażna"). Il-lista ta' dawn l-infrastrutturi essenzjali hija stabbilita fid-Digriet dwar il-PPE. Dawn għandhom jinżammu funzjonanti mill-operaturi li joperawhom [8].

(20) It-tieni nett, il-kapaċità tal-infrastrutturi essenzjali tal-ħażna tiġi rkantata f'konformità mal-ftehimiet stabbiliti mis-CRE [9]. L-irkantijiet għandhom ikunu miftuħa għal kwalunkwe fornitur stabbilit fi Stat Membru tal-Unjoni jew fi Stat ieħor b'awtorizzazzjoni ta' forniment biex jintervjeni fis-suq Franċiż tal-forniment bl-imnut jew bl-ingrossa. Minn Jannar tal-2018, 213-il fornitur Franċiż jew barrani kellhom tali awtorizzazzjoni. Id-dħul mill-irkant jinġabar direttament mill-operaturi tal-ħażna.

[6] Il-Liġi Nru 2017-1839 tat-30 ta' Diċembru 2017 li temmet ir-riċerka u l-isfruttament ta' idrokarburi u introduċiet diversi miżuri dwar l-enerġija u l-ambjent.

[7] L-Artikolu L.421-3-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija.

[8] L-Artikolu L.421-3-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija.

[9] L-Artikolu L.421-5-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija.

(21) It-tielet, l-operaturi tal-infrastrutturi essenzjali tal-ħażna jibbenefikaw minn garanzija li l-ispejjeż tagħhom ikunu koperti sa fejn jikkorrispondu għal dawk ta' "operatur effiċjenti" ([10]). Bħala tali, huma jirċievu dħul irregolat iddefinit mis-CRE (iktar 'il quddiem "dħul awtorizzat"). Jekk id-dħul li jirċievu direttament mill-klijenti tagħhom ikun anqas mill-introjtu awtorizzat tagħhom, l-operaturi tal-ħażna jirċievu kumpens ugwali għad-differenza bejn l-introjtu awtorizzat tagħhom u d-dħul miġbur (ara l-premessa (89)). Dan il-kumpens jiġġarrab mit-trasportaturi tal-gass naturali fuq il-bażi tal-portafoll tagħhom ta' klijenti li ma jistgħux jiġu interrotti u li ma ddikjarawx lilhom infushom ħielsa mir-riskju li huma konnessi man-netwerk pubbliku ta' trażmissjoni tal-gass naturali (ara l-premessi (104) u (105)). Il-kumpens jinġabar mill-operatur tan-netwerk ta' trażmissjoni skont terminu ddedikat fi ħdan it-tariffa għall-użu tan-netwerk ta' trażmissjoni (tariffa "ATRT") u mbagħad jiġi trasferut lill-operaturi tal-ħażna.

(22) Min-naħa l-oħra, jekk id-dħul tal-operaturi tal-ħażna jaqbeż l-introjtu awtorizzat tagħhom, l-operaturi tal-ħażna iridu jħallsu l-eċċess permezz tat-tariffa għall-użu tan-netwerk ta' trażmissjoni (ara l-premessa (90)).

### 3.4. **Kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju**

(23) Skont l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-awtoritajiet Franċiżi, il-metodu ta' identifikazzjoni tal-infrastrutturi essenzjali tal-ħażna jikkonsisti fid-determinazzjoni, minn naħa, tal-infrastrutturi meħtieġa biex tiġi żgurata l-kapaċità tan-netwerk li jissodisfa d-domanda u, min-naħa l-oħra, l-infrastrutturi meħtieġa biex jiġi pprovdut is-servizz ta' trasport fuq in-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass naturali.

#### 3.4.1. *L-infrastrutturi meħtieġa biex tiġi żgurata l-kapaċità tan-netwerk li jissodisfa d-domanda fil-każ ta' perjodi ta' kesħa kbira*

(24) Il-livell ta' sigurtà tal-forniment mistenni mis-sistema tal-gass huwa stabbilit fl-Artikolu R. 121-4 tal-Kodiċi tal-Enerġija. L-għan huwa li jiġi żgurat il-forniment lill-konsumaturi kollha li ma jkunux aċċettaw kuntrattwalment forniment li x'aktarx jiġi interrott f'kundizzjonijiet ta' temp partikolarment kiesaħ bħal dak li statistikament iseħħ darba kull 50 sena.

(25) L-identifikazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa biex tiġi żgurata l-kapaċità tan-netwerk biex tissodisfa d-domanda hija bbażata fuq il-ħidma mwettqa mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, li jqabblu d-domanda għall-gass naturali f'livelli massimi kesħin ta' bejn jum u 30 jum u l-kapaċità tal-forniment tal-gass naturali, b'mod partikolari permezz ta' interkonnetturi u terminali tal-gass naturali likwifikat ("LNG").

##### 3.4.1.1. Stima tad-domanda għall-gass naturali

(26) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Franċiżi eżaminaw ħames xenarji rigward l-evoluzzjoni tal-konsum tal-gass naturali mistenni matul l-10 snin li ġejjin, minbarra l-produzzjoni tal-elettriku. Ir-rati ta' tnaqqis previsti jvarjaw minn -2 % sa -18 % meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2012. L-awtoritajiet Franċiżi finalment assumew tnaqqis ta' 2 % fil-konsum tal-gass naturali, minbarra l-produzzjoni tal-elettriku.

(27) It-tieni nett, il-konsum medju ta' kuljum tal-gass naturali, minbarra l-produzzjoni tal-elettriku, f'perjodu ta' kesħa kbira, kien stmat għal madwar 3 640 GWh/d fl-2025, eskluż il-konsum ta' gass naturali b'valur kalorifiku baxx ("gass B"). Barra minn hekk, il-konsum tal-gass naturali għall-produzzjoni tal-elettriku f'perjodu ta' kesħa kbira ġie stmat għal 310 GWh/d.

(28) L-awtoritajiet Franċiżi kkunsidraw ukoll is-sehem interrompibbli tad-domanda għall-gass naturali, jiġifieri l-konsumaturi li kkonkludew kuntratt ta' interruzzjoni mal-operatur tan-netwerk li miegħu huma konnessi. F'dan ir-rigward, fiż-żmien tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju, il-miżuri ta' interruzzjoni f'każ ta' perjodu ta' kesħa kbira kienu għadhom qed jiġu definiti. L-awtoritajiet Franċiżi żammew potenzjal ta' interruzzjoni ta' 138 GWh/d.

(29) L-awtoritajiet Franċiżi ddikjaraw li t-tnaqqis tat-tagħbija huwa miżura ta' kontinġenza f'każ ta' kriżi fil-forniment u mhux mekkaniżmu ta' flessibbiltà. Għal din ir-raġuni, it-tnaqqis tat-tagħbija ma ġiex ikkunsidrat fl-istima tad-domanda għall-gass naturali matul l-akbar perjodi ta' kesħa.

([10]) L-Artikolu L.452-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija.

(30) Barra minn hekk, ġie kkunsidrat li l-konsum medju f'perjodu qasir ta' kesħa kbira huwa ogħla mill-konsum medju f'perjodu ta' kesħa kbira itwal.

(31) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi ħadu inkunsiderazzjoni t-tnaqqis gradwali fl-użu tal-gass B, fid-dawl ta' programm ta' konverżjoni, favur il-gass naturali b'valur kalorifiku għoli ("gass H"), li bħalissa jirrappreżenta 90 % tal-gass naturali kkunsmat fi Franza. L-operazzjoni ta' konverżjoni bdiet fl-2018 u għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-2028. L-awtoritajiet Franċiżi jistmaw li d-domanda għall-gass B ikkonvertit f'gass H se tkun ta' 180 GWh/d fl-2025.

(32) Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-awtoritajiet Franċiżi stmaw id-domanda globali għall-gass naturali f'perjodu ta' kesħa kbira ta' erbat ijiem fl-2025 għal madwar 4 000 GWh/d.

3.4.1.2. Stima tal-kapaċità ta' forniment tal-gass naturali

(33) Fir-rigward tal-kapaċità ta' forniment tal-gass naturali, l-awtoritajiet Franċiżi wettqu stimi li jqisu l-interkonnetturi, il-forniment tal-LNG permezz tat-terminali tal-metan u l-prestazzjoni tal-ħażniet tal-gass naturali.

(34) L-ewwel nett, għall-interkonnetturi, l-istimi tal-kapaċitajiet kostanti, ibbażati fuq l-ipoteżi ta' użu ta' 100 % tal-kapaċitajiet ta' interkonnettur tal-gass H, jammontaw għal 1 780 GWh/d fid-direzzjoni tal-importazzjonijiet u 425 GWh/d fid-direzzjoni tal-esportazzjonijiet ([11]). L-importazzjonijiet netti ta' gass H permezz ta' pipelines tal-gass huma stmati għal 1 355 GWh/d.

(35) L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li t-tisħiħ tan-netwerk tal-gass u tal-interkonnetturi jaf jirrappreżenta spiża sinifikanti ([12]), b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-infrastrutturi tal-ħażna eżistenti. Fi kwalunkwe każ, dan it-tip ta' infrastruttura ma jkunx disponibbli fuq perjodu ta' żmien medju minħabba ħinijiet twal ta' kostruzzjoni.

(36) It-tieni nett, fil-każ tal-forniment tal-LNG, l-erba' terminali tal-metan ta' Franza għandhom kapaċità totali ta' rilaxx fin-netwerk ta' 1 160 GWh/d ([13]). Madankollu, dawn il-kapaċitajiet jistgħu jiġu mobilizzati biss skont id-disponibbiltà tal-LNG fit-tankijiet tat-terminali tal-metan. L-awtoritajiet Franċiżi qiesu li għal periklu bħal perjodu ta' kesħa kbira ta' inqas minn 10 ijiem, l-istokk tat-tank tal-LNG biss seta' jiġi rilaxxat. Min-naħa l-oħra, għal aktar minn 10 ijiem, merkanziji tal-LNG jistgħu jiġu kkonsenjati u t-terminali tal-metan jistgħu jintużaw sal-massimu tal-kapaċità tagħhom. Intgħażlu żewġ xenarji skont il-livell medju tal-istokk tal-LNG osservat fit-tankijiet: fl-agħar xitwa (xenarju 1) u fl-aħjar kundizzjonijiet fix-xitwa (xenarju 2).

(37) Iż-żewġ xenarji jikkorrispondu għal livell ta' użu tat-terminali tal-metan ogħla mil-livell medju ta' użu matul ix-xtiewi mill-2011 sal-2018. Fl-aħħar nett, Franza kkunsidrat ix-xenarju 1 u stmat li l-potenzjal ta' rilaxx tat-terminali tal-metan kien ta' 330 GWh/d f'punt ta' kesħa kbira ta' erbat ijiem.

(38) L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li t-terminali ta' likwefazzjoni eżistenti joperaw f'livell qrib il-kapaċità massima tagħhom sabiex jikkumpensaw l-ispiża sinifikanti tal-investiment. Barra minn hekk, it-total kważi kollu tal-merkanzija tal-LNG huwa suġġett għal kuntratti fit-tul minħabba l-intensità tal-kapital ta' dawn il-proġetti u għalhekk ikun diġà mibjugħ qabel il-produzzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-ispiża aktar baxxa tal-ħażna tal-gass naturali f'forma ta' gass tispjega l-iżvilupp baxx tal-ħażna tal-LNG madwar id-dinja. Għalhekk, il-kwantitajiet ta' LNG disponibbli għal żmien qasir huma baxxi.

(39) It-tielet nett, fir-rigward tal-prestazzjoni tal-ħażniet ta' gass naturali taħt l-art, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li l-isfruttament tal-akwiferi, li jirrappreżentaw 90 % tal-infrastruttura tal-ħażna fi Franza, jinvolvi l-mili tagħhom f'livell għoli biżżejjed u t-tbattil tagħhom f'livell baxx biżżejjed kull sena. Barra minn hekk, il-volum li jista' jitneħħa mill-infrastruttura tal-ħażna jonqos hekk kif l-istokk jonqos.

([11]) Id-*data* dwar il-kapaċitajiet kostanti ta' interkonnettur tal-gass H tittieħed mir-rapport *Transmission Capacity Map 2017* tal-ENTSOG.

([12]) Pereżempju, Franza stmat li l-ispiża tal-kostruzzjoni tal-pipelines tal-gass Arc Lyonnais, Eridan u Perche bl-għan li jiffaċilitaw it-trasport tal-gass mit-Tramuntana san-Nofsinhar ta' Franza huwa ta' EUR 1,6 biljun.

([13]) Il-kapaċità ta' rilaxx hija għalhekk maqsuma bejn l-erba' terminali: it-terminal ta' Montoir għandu kapaċità ta' rilaxx ta' 400 Gwh/d, it-terminal tal-metan ta' Fos-Cavaou għandu kapaċità ta' 205 GWh/d, it-terminal tal-metan ta' Fos-Tonkin għandu kapaċità ta' rilaxx ta' 205 GWh/d, u t-terminal tal-metan ta' Dunkerque għandu kapaċità ta' rilaxx ta' 520 GWh/d. Meta l-interkonnettur ta' Dunkerque jintuża b'kapaċità sħiħa, il-kapaċità ta' injezzjoni tat-terminal tal-metan ta' Dunkerque fin-netwerk tal-gass naturali ta' Franza hija għaldaqstant limitata għal 350 GWh/d minħabba punt ta' konġestjoni fin-netwerk ta' trażmissjoni.

(40) Sa fejn, minn naħa, matul id-disa' xtiewi li ppreċedew l-analiżi ta' Franza, ir-rata medja ta' tal-infrastrutturi tal-ħażna kien ta' 42 % fl-1 ta' Frar u, min-naħa l-oħra, 85 % tal-perjodi ta' kesħa kbira osservati matul l-aħħar 70 sena bdew qabel il-5 ta' Frar, l-awtoritajiet Franċiżi assumew li rata ta' estrazzjoni flimkien mal-mili ta' 45 % tal-volum utli huma disponibbli fuq kull infrastruttura tal-ħażna fil-bidu ta' perjodu ta' kesħa kbira.

(41) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi qiesu l-istokk ta' emerġenza li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass naturali għandhom jibnu sabiex jiżguraw il-forniment tal-aħħar rikors lis-servizzi soċjali essenzjali f'każ ta' falliment tal-fornitur tagħhom, jiġifieri rata ta' estrazzjoni ta' 124 GWh/d għall-mili sa volum utli ta' 45 %.

(42) Fuq il-bażi ta' dawn l-assunzjonijiet kollha, l-awtoritajiet Franċiżi identifikaw, għall-perjodu bejn l-2019 u l-2025, rekwiżit annwali ta' infrastrutturi tal-ħażna b'volum utli ta' 138,5 TWh u rata ta' estrazzjoni ta' 2 376 GWh/d għall-mili sa 45 % tal-volum utli sabiex tiġi żgurata l-kapaċità tan-netwerk li jissodisfa d-domanda f'perjodu ta' kesħa kbira ([14]).

3.4.2. *L-infrastrutturi meħtieġa biex jiġi żgurat is-servizz ta' trażmissjoni fuq in-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass naturali*

(43) L-awtoritajiet Franċiżi identifikaw ukoll l-infrastrutturi tal-ħażna meħtieġa biex jiġi żgurat il-forniment fit-territorju kollu fid-dawl tal-kapaċitajiet ta' trażmissjoni tan-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass naturali. Għal dan il-għan, huma eżaminaw id-diversi sitwazzjonijiet ta' konġestjoni fin-netwerk ta' trażmissjoni.

(44) L-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni ("TSOs") identifikaw l-aktar xenarju probabbli ta' konġestjoni, li jikkorrispondi għas-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien f'kuntest tas-suq fejn il-fornituri jfittxu li jimmassimizzaw l-importazzjonijiet tal-gass naturali min-Norveġja u r-Russja, skont l-awtoritajiet Franċiżi, li bħalissa huma l-aktar sorsi kompetittivi ta' gass naturali fl-Ewropa, u li jnaqqsu l-importazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat li għalih jistgħu jinkisbu valutazzjonijiet ogħla fl-Asja. F'din is-sitwazzjoni, x'aktarx li jiġu osservati erba' limiti operattivi ewlenin (ara l-istampa 1 hawn taħt).




*Stampa 1: Limitazzjonijiet operattivi ewlenin li jistgħu jiġu osservati fuq in-netwerk ta' trażmissjoni meta l-fornituri jfittxu li jimmassimizzaw l-injezzjonijiet tal-gass naturali mill-Grigal ta' Franza*

([14]) Id-Digriet Nru 2020-456 dwar il-PPE.

(45) Il-metodoloġija tqis il-fatt li l-fornituri tal-gass naturali jeħtieġu ħażniet tal-LNG sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw id-domanda tal-konsumaturi, iżda l-fornituri ma għandhom l-ebda restrizzjoni fuq id-distribuzzjoni tal-post tal-ħażniet tal-LNG bejn l-erba' terminali tal-metan ta' Franza.

(46) Fejn tintlaħaq ir-restrizzjoni, wieħed jassumi li l-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni inizjalment jużaw il-kapaċitajiet interrompibbli tal-interkonnetturi biex jindirizzaw il-problema tal-konġestjoni. Meta l-konġestjoni tippersisti, huwa nnotat l-ammont ta' gass naturali li jeħtieġ li jitneħħa mill-infrastrutturi tal-ħażna taħt l-art li jinsabu 'l isfel mill-front tal-konġestjoni.

(47) Dan ix-xogħol jagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti l-ħażniet taħt l-art tal-gass naturali meħtieġa 'l isfel minn kull front tal-konġestjoni sabiex ikun jista' jiġi garantit is-servizz tat-trasport fuq in-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass naturali.

(48) L-applikazzjoni ta' dan il-metodu għax-xitwa 2018/2019, għall-fronti ewlenin tal-konġestjoni li jistgħu jiġu osservati meta l-fornituri jfittxu li jimmassimizzaw l-injezzjonijiet tal-gass naturali mil-Lvant ta' Franza, twassal għal stima tal-ħtieġa għal ħażna taħt l-art b'volumi utli kumulattivi ta' mill-inqas:

— 16 TWh 'l isfel mill-front tal-konġestjoni NS4 (infrastrutturi tal-ħażna ta' Izaute, Lussagnet u Manosque);

— 54 TWh 'l isfel mill-front tal-konġestjoni NS3 (infrastrutturi tal-ħażna ta' Céré-la-Ronde, Chemery, Izaute, Lussagnet u Manosque);

— 55 TWh 'l isfel mill-front tal-konġestjoni NS2 (infrastrutturi tal-ħażna ta' Céré-la-Ronde, Chemery, Etrez, Izaute, Lussagnet, Manosque u Tersanne);

— 64 TWh 'l isfel mill-front tal-konġestjoni NS1 (infrastrutturi tal-ħażna f'Beynes, Céré-la-Ronde, Chemery, Etrez, Germigny-sous-Coulomb, Gournay-sur-Aronde, Izaute, Lussagnet, Manosque, Saint-Illiers-la-Ville u Tersanne).

3.4.3. *Lista tal-infrastrutturi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament*

(49) L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-ħidma ta' identifikazzjoni tal-infrastrutturi essenzjali ma setgħetx titlesta kmieni biżżejjed fid-dawl tax-xitwa 2018/2019. Għal din ir-raġuni, inizjalment, il-mekkaniżmu regolatorju ġie applikat għas-sena 2018/2019 bħala miżura tranżitorja għall-infrastrutturi kollha tal-ħażna tal-gass naturali fit-territorju Franċiż. Dawn l-infrastrutturi ġew identifikati mill-PPE fl-2016 bħala infrastrutturi meħtieġa għas-sigurtà tal-forniment ([15]).

(50) Id-Digriet tas-26 ta' Diċembru 2018 ([16]) sussegwentement neħħa mil-lista tal-infrastrutturi meħtieġa t-tliet siti li kienu joperaw b'rata mnaqqsa fi Storengy (Soings-en-Sologne, Saint-Clair-sur-Epte u Trois-Fontaines) kif ukoll il-proġetti fil-Fażi 1 ta' Lussagnet (Teréga) u Manosque 2 (Géométhane). Dawn l-infrastrutturi qatt ma ntużaw mill-introduzzjoni tal-aċċess regolat għall-ħażna tal-gass naturali.

(51) Fl-aħħar nett, għall-perjodu bejn l-2019 u l-2023, id-Digriet Nru 2020-456 dwar il-PPE jistabbilixxi l-infrastrutturi għall-ħażna taħt l-art tal-gass naturali li għandha tibqa' topera sabiex tiggarantixxi s-sigurtà tal-forniment fuq perjodu ta' żmien medju u twil. Dawn jirrappreżentaw volum utli ta' 138,5 TWh u kapaċità ta' estrazzjoni ta' 2 376 GWh/d għall-mili li jikkorrispondi għal volum utli ta' 45 %:

| Infrastruttura | Operatur | Sena tal-ikkummissjonar | Tip ta' ħażna |
|---|---|---|---|
| **Beynes** | Storengy | 1956 | Akwifer |
| **Céré-la-Ronde** | Storengy | 1993 | Akwifer |
| **Cerville-Verlaine** | Storengy | 1970 | Akwifer |
| **Chemery** | Storengy | 1968 | Akwifer |
| **Etrez** | Storengy | 1980 | Salina |

([15]) Id-Digriet Nru 2016-1442 tas-27 ta' Ottubru 2016 dwar il-PPE.
([16]) Id-Digriet Nru 2018-1248 tas-26 ta' Diċembru 2018 dwar l-infrastrutturi għall-ħażna tal-gass meħtieġa għas-sigurtà tal-forniment.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Germigny-sous-Coulomb** | Storengy | 1982 | Akwifer |
| **Gournay** | Storengy | 1976 | Akwifer |
| **Lussagnet/Izaute** | Teréga | 1957 | Akwifer |
| **Manosque** | Géométhane | 1993 | Salina |
| **Saint-Illiers-la-Ville** | Storengy | 1965 | Akwifer |
| **Tersanne/Hauterives** | Storengy | 1970 | Salina |

*Tabella 1: Installazzjonijiet tal-ħażna tal-gass naturali li għandhom jibqgħu joperaw sal-2023*

(52) Il-PPE jipprevedi li għall-perjodu bejn l-2024 u l-2028, il-ħtiġijiet tal-ħażna huma mistennija li jonqsu. Il-lista tal-infrastruttura tal-ħażna tista' titnaqqas minn kapaċità ta' estrazzjoni ta' mill-inqas 140 GWh/d għal volum utli ta' 45 % sal-2026. Minħabba l-inċertezzi relatati mal-volumi meħtieġa għas-sigurtà tal-forniment wara l-2026, dawn il-volumi għandhom jiġu kkonfermati fl-2023 u stabbiliti fil-PPE li jmiss.

### 3.5. **Irkant tal-kapaċitajiet ta' ħażna**

(53) Skont l-Artikolu L.421-5-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija, il-kapaċitajiet ta' ħażna rregolati huma rkantati skont it-termini stabbiliti mis-CRE. B'mod partikolari, skont id-deċiżjoni tas-CRE tat-22 ta' Frar 2018, l-irkantijiet isiru bi prezz ta' riżerva żero ([17]).

(54) Ir-riżultati tal-ewwel irkantijiet kienu kif ġej:

| Perjodu ta' ħażna | Dħul (EUR miljun) | Prezz medju tal-offerta (f'EUR/MWh) |
|---|---|---|
| **2018 – 2019** | 68,4 | 0,53 |
| **2019 – 2020** | 233,6 | 1,80 |
| **2020 – 2021** | 504,6 | 3,85 |

*Tabella 2: Riżultati tal-irkantijiet u dħul minn bejgħ addizzjonali matul is-sena*

### 3.6. **Kopertura tad-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna kif definit mis-CRE**

(55) Skont l-Artikolu L.452-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija, "It-tariffi għall-użu tan-networks ta' trażmissjoni […] għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju sabiex ikopru l-ispejjeż kollha mġarrba mill-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni u mill-operaturi tal-infrastrutturi tal-ħażna imsemmija fl-istess Artikolu L. 421-3-1, sa fejn dawn l-ispejjeż jikkorrispondu għal dawk tal-operaturi effiċjenti".

(56) Barra minn hekk, l-istess artikolu jipprovdi li dawn l-ispejjeż "għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi tas-servizz ipprovdut u l-ispejjeż assoċjati ma' dak is-servizz" u li, fil-każ tal-operaturi tal-ħażna, dawn jinkludu b'mod partikolari, "qligħ normali fuq il-kapital investit".

(57) L-Artikolu L.452-2 tal-Kodiċi tal-Enerġija jagħti s-setgħa lis-CRE li tistabbilixxi l-"*metodi użati biex jiġu stabbiliti tariffi għall-użu tan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali*" u li titlob lill-operaturi tal-ħażna biex jipprovdulha l-informazzjoni, b'mod partikolari tal-kontabbiltà u dik finanzjarja, meħtieġa biex tistabbilixxi dawk it-tariffi.

(58) Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-liġi tagħti s-setgħa lis-CRE li tistabbilixxi d-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna b'mod li jkopri l-ispejjeż ta' "operatur effiċjenti" u li jiżgura qligħ normali fuq il-kapital investit.

([17]) Id-Deċiżjoni Nru 2018-039 tat-22 ta' Frar 2018 dwar l-arranġamenti għall-kapaċitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-aċċess regolat minn partijiet terzi għall-ħażniet taħt l-art tal-gass naturali fi Franza.

(59) Inizjalment, is-CRE stabbiliet id-dħul awtorizzat stmat permezz ta' deliberazzjoni għal perjodu regolatorju ta' sentejn. Din l-ewwel tariffa tal-ħażna kienet valida fl-2018 u fl-2019 ("ATS 1") ([18]). Is-CRE mbagħad armonizzat il-qafas regolatorju għall-operaturi tal-ħażna ma' dak tat-tariffi l-oħra tal-infrastruttura. It-tieni tariffa tal-ħażna ("ATS 2") tapplika mill-2020 għal perjodu ta' erba' snin ([19]).

(60) L-approċċ ġenerali għall-istabbiliment tad-dħul awtorizzat stmat jibqa' l-istess għat-tariffi tal-ħażna differenti. Id-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna ġie stabbilit *ex ante* mis-CRE fuq il-bażi ta' previżjonijiet mibgħuta mill-operaturi, li mbagħad ġew aġġustati permezz ta' regolarizzazzjoni fis-sena ta' wara u tal-verifiki *ex post*. L-ispejjeż tal-operaturi tal-ħażna jiġu kkunsidrati mis-CRE sal-punt li jitqiesu effiċjenti.

(61) Madankollu, minħabba l-iskadenzi partikolarment qosra għall-implimentazzjoni tar-riforma, ġie applikat qafas simplifikat għas-snin 2018 u 2019. Għall-ewwel sena finanzjarja, is-CRE adotta qafas ta' tariffi li fih id-differenzi bejn il-previżjoni u r-riżultat għat-tariffi u l-introjtu kollha ġew regolarizzati *a posteriori*. Dan il-mekkaniżmu jiggarantixxi livell tariffarju li fl-aħħar mill-aħħar ikun strettament ugwali għan-nefqa u d-dħul attwali tal-operatur. Għall-perjodu bejn l-2020 u l-2023, is-CRE xtaqet testendi l-prinċipji tar-regolamentazzjoni tal-inċentivi għall-infrastrutturi tal-ħażna u, fi tmiem l-analiżi tagħha, adottat pjan ikkontrollat tal-ispejjeż tal-operaturi, f'kuntest ikkaratterizzat mix-xejra 'l isfel fil-konsum tal-gass naturali.

(62) Skont il-metodu stabbilit mis-CRE, id-dħul awtorizzat stmat huwa ugwali għas-somma tal-ispejjeżoperattivi netti stmati ("CNE"), l-allokazzjonijiet kapitali normattivi stmati ("CCN") u l-likwidazzjoni tal-bilanċ tal-prepagamenti u introjtu dovut għas-sena preċedenti ("CRCP").

*Dħul awtorizzat = CNE + CCN + CRCP*

(63) Għall-kalkolu ta' dawn il-komponenti għandhom jitqiesu biss l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

### 3.6.1. *Spejjeż operattivi netti*

(64) L-ispejjeż operattivi netti jikkorrispondu għall-ispejjeż operattivi grossi (l-ispejjeż tal-enerġija, il-konsum estern, l-infiq tal-persunal, it-taxxi u l-imposti) ta' "operatur effiċjenti" wara t-tnaqqis tad-dħul operattiv tal-operatur (b'mod partikolari, il-produzzjoni kapitalizzata, il-prodotti ekstratariffarji, il-qligħ jew it-telf fix-xiri u l-bejgħ tal-gass naturali maħżun).

(65) Minħabba l-iskadenzi qosra għall-implimentazzjoni tar-riforma, għall-perjodu bejn l-2018 u l-2019, is-CRE ma setgħetx tiddetermina jekk l-ispejjeż tal-operaturi jikkorrispondux għall-ispejjeż ta' "operatur effiċjenti". Konsegwentement, l-ispejjeż ikkunsidrati matul dan il-perjodu jikkorrispondu fl-aħħar mill-aħħar għall-ispejjeż attwali mġarrba mill-operaturi tal-ħażna, ivvalidati mis-CRE. Għat-tariffa ATS 2, is-CRE implimentat mekkaniżmu biex tirregola l-ispejjeż operattivi netti, bl-eċċezzjoni ta' ċerti elementi predefiniti. Għalhekk, bi ftit eċċezzjonijiet, kwalunkwe devjazzjoni fil-pjan tal-kostijiet operattivi stabbiliti għall-perjodu tal-ATS 2 se tiġġarrab mill-operatur jew għall-benefiċċju tiegħu.

### 3.6.2. *Allokazzjonijiet kapitali normattivi*

(66) Is-CCN jinkludu d-deprezzament u r-redditu fuq il-kapital fiss. Għalhekk, is-CCN jikkorrispondu għas-somma tad-deprezzament tal-bażi tal-assi rregolati ("BAR"), ir-redditu fuq il-kapital fiss ikkalkulat fuq il-bażi tal-kost medju ponderat tal-kapital ("WACC") għall-BAR diġà mdaħħal fis-servizz u l-kost tad-dejn għall-assi fissi taħt kostruzzjoni ("IEC").

*CCN = Deprezzament BAR + BAR x WACC + IEC x kost tad-dejn*

(67) Is-CRE kkonfermat li din il-metodoloġija tikkorrispondi għall-prattika regolatorja fir-rigward ta' installazzjonijiet regolati fis-swieq tal-gass naturali u tal-elettriku fi Franza u fil-Punent tal-Ewropa ([20]).

([18]) Id-Deċiżjoni tas-CRE Nru 2018-068 tat-22 ta' Marzu 2018 dwar it-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi tal-ħażna taħt l-art tal-gass naturali ta' Storengy, TIGF u Géométhane mill-2018.

([19]) Id-Deċiżjoni tas-CRE Nru 2020-011 tat-23 ta' Jannar 2020 dwar it-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi tal-ħażna taħt l-art tal-gass naturali ta' Storengy, Teréga u Géométhane.

([20]) Is-CRE tibbaża dan it-tqabbil fuq l-istudju "Methodologies and parameters used to determine the allowed or target revenue of gas transmission system operators (TSOs)", imwettaq mill-Economic Consulting Associates (ECA) għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER).

(68) Sabiex jiġi ddefinit il-livell inizjali tal-BAR fl-1 ta' Jannar 2018 ("BAR inizjali" jew "BAR tal-ftuħ"), is-CRE tuża l-metodu tal-"ispejjeż ekonomiċi attwali" ([21]). Dan jikkonsisti fil-kalkolu tal-valur nett ekonomiku tal-assi (i) abbażi tal-ammont riportat gross tal-assi inklużi fil-kontijiet tal-operaturi (kostijiet tal-kostruzzjoni storiċi), (ii) aġġornati skont l-inflazzjoni, imbagħad (iii) deprezzati matul il-ħajja ekonomika tal-assi.

(69) Kull sena, il-BAR jevolvi skont:

— deprezzament, ibbażat fuq il-ħajja ekonomika tal-assi, imnaqqas mill-BAR;

— investimenti ġodda kkummissjonati li jżidu r-RAB;

— fejn applikabbli, l-assi żmontati qabel id-deprezzament totali tagħhom, li jnaqqsu l-BAR;

— ir-rivalutazzjoni tal-assi tal-inflazzjoni (l-indiċi tal-prezzijiet tal-konsum minbarra t-tabakk).

(70) Is-CRE tqis li l-aktar miżura rappreżentattiva tal-valur inizjali tal-investimenti magħmula mill-operaturi hija l-valur gross tal-assi rreġistrati fil-kontijiet finanzjarji tagħhom. Skont is-CRE, dan il-valur, awditjat mill-awdituri bħala parti mill-awditu annwali tagħhom, huwa dokumentat u oġġettiv. Dan il-metodu huwa identiku għal dak applikat fl-2002 meta l-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass naturali daħlu f'regolamentazzjoni, u jintuża wkoll għat-terminali tal-metan regolati Franċiżi.

(71) Is-CRE ma kkunsidratx il-valur "ġdid" tal-assi, iżda valur deprezzat, konsistenti mad-deprezzament irreġistrat mill-operaturi tal-ħażna qabel l-2018, sabiex il-komunità ma terġax iġġarrab imposta diġà mħallsa fil-passat, jew id-deprezzament tal-assi diġà kkunsidrat.

(72) Għall-biċċa l-kbira tal-assi, il-perjodi ta' deprezzament applikati mill-operaturi fil-kontijiet storiċi tagħhom u l-perjodi ta' deprezzament mitluba mill-operaturi fil-fajls tat-tariffi tagħhom huma simili. Barra minn hekk, dawn jikkorrispondu għal *data* settorjali standard li tista' tiġi osservata f'pajjiżi oħra.

(73) Min-naħa l-oħra, għall-cushion gas ([22]), is-CRE ċaħdet it-talba tal-operaturi biex jiġi kkunsidrat perjodu ta' deprezzament uniformi ta' 250 sena. Fil-fatt, is-CRE ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-cushion gas, għall-kuntrarju tal-assi l-oħra tal-operaturi, ġie amortizzat mill-operaturi fuq perjodi li jvarjaw minn operatur għal ieħor u matul iż-żmien (minn 25 sena għal 250 sena). Konsegwentement, sabiex tistabbilixxi l-BAR inizjali tal-operaturi tal-ħażna, is-CRE użat grad ta' deprezzament tal-cushion gas konsistenti mal-livell ta' deprezzament tal-kontabbiltà rreġistrat f'kull wieħed mit-tliet operaturi. Għall-futur, hija stabbiliet il-perjodu ta' deprezzament tal-cushion gas għal 75 sena, li jikkorrispondi għal tliet tiġdidiet ta' 25 sena għall-konċessjoni biex tiġi operata l-kamra taħt l-art.

(74) Il-perjodi tal-ħajja ekonomika użata mis-CRE għall-klassijiet differenti ta' assi tal-operaturi huma kif ġej:

| Klassijiet ta' assi | Perjodi ta' ħajja preskrittivi |
|---|---|
| **Cushion gas** | 75 sena |
| **Bjar, kmamar, ġbir** | 50 sena |
| **Faċilitajiet ta' trattament, kompressjoni, forniment, kejl** | 20 sa 30 sena |
| **Proprjetà immobbli u binjiet** | 30 sena |
| **Tagħmir mixxellanju** | 10 sa 15-il sena |
| **Software, hardware żgħir** | 5 snin |

*Tabella 3: Perjodu ta' deprezzament riżervat skont il-klassi tal-assi*

([21]) Dan il-metodu jirriżulta mil-Liġi Finanzjarja ta' Emenda tat-28 ta' Diċembru 2001, li waqqfet kumitat speċjali (il-Kummitat Houri) biex jiddetermina l-prezz tat-trasferiment tan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali mill-Istat. Intuża wkoll metodu komparabbli għall-valutazzjoni tal-assi tat-terminali tal-metan u tal-operaturi tad-distribuzzjoni tal-gass naturali.

([22]) "Cushion gas" tfisser il-gass injettat b'mod permanenti fit-tankijiet taħt l-art, li huwa essenzjali għat-tħaddim tal-faċilitajiet tal-ħażna minħabba li huwa meħtieġ li tinżamm pressjoni minima tal-ħażna li tippermetti l-forniment tal-volum utli bil-profil tal-estrazzjoni meħtieġ (deċiżjoni tas-CRE Nru 2018-068 imsemmija hawn fuq).

(75) Barra minn hekk, fl-2017, is-CRE talbet lill-konsulent estern […] biex iwettaq awditu tal-applikazzjoni għall-BAR inizjali tal-operaturi tal-ħażna. Għal Storengy, ir-riżultat tal-kalkolu huwa ta' [EUR 3 sa 5 biljun].

(76) Fil-każ ta' Teréga, studju addizzjonali mwettaq mill-konsulent ta' PwC fuq il-bażi ta' approċċ ta' fluss tal-flus skontat jistima l-BAR bejn [EUR 1 sa 2 biljun].

(77) Għalhekk, għall-implementazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju, is-CRE rrevediet il-BAR inizjali mitluba mill-operaturi tal-ħażna sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-evalwazzjoni ekonomika indipendenti tal-valur tas-suq tal-assi. Is-CRE għalhekk adottat il-BARs inizjali li ġejjin:

| Fl-1 ta' Jannar 2018 | Storengy (f'biljuni ta' EUR) | Teréga (f'biljuni ta' EUR) | Géométhane (f'biljuni ta' EUR) |
|---|---|---|---|
| **Talba tal-operatur** | 4,0 | 1,37 | 0,20 |
| **BAR stabbilita mis-CRE** | 3,5 | 1,15 | 0,19 |

*Tabella 4: Il-BARs inizjali tal-operaturi tal-ħażna fid-dħul fis-seħħ tar-regolament*

(78) Fir-rigward tar-rata ta' qligħ fuq il-kapital, is-CRE użat il-metodu WACC sabiex tippermetti lill-operatur jiffinanzja l-ispejjeż tal-imgħax u jikseb redditu fuq l-ekwità komparabbli ma' dak li setgħet tikseb għal investimenti b'livelli komparabbli ta' riskju. Is-CRE indikat li d-WACC huwa metodu użat b'mod komuni mir-regolaturi Ewropej biex jiddeterminaw ir-rata ta' rimunerazzjoni tal-assi tal-infrastrutturi regolati.

(79) Abbażi tal-istudji ekonomiċi u tax-xogħol tal-konsulenti esterni ([23]), is-CRE stabbilixxa d-WACC għal 5,75 % għas-snin 2018 u 2019. Għall-perjodu 2020-2023, is-CRE għażel WACC ta' 4,75 %. Il-metodu użat biex jiġi stabbilit id-WACC għal ATS 2 huwa l-istess bħal dak użat għat-tariffa ATS 1. Dan huwa ġġustifikat mit-tnaqqis fil-kostijiet tal-kapital, it-tnaqqis ippjanat fit-taxxa korporattiva u żieda fil-beta tal-assi. Din iż-żieda fil-beta tal-assi tirrifletti l-kunsiderazzjoni tar-riskju finanzjarju, b'mod partikolari l-kostijiet mhux rekuperabbli tat-tranżizzjoni tal-enerġija għall-azzjonisti tal-kumpaniji tal-infrastrutturi tal-gass naturali.

(80) Fin-nuqqas ta' operatur tal-ħażna komparabbli elenkat, is-CRE ħadet id-WACC tat-TSOs tal-gass naturali bħala r-rata ta' referenza billi żiditu bi premium ta' riskju speċifiku għall-ħażna. Dan il-primjum huwa stabbilit għal 50 punt bażi, minħabba l-konċentrazzjoni tal-faċilitajiet tal-ħażna, ir-riskju ġeoloġiku tas-sottoswol u r-riskju ta' sostitwibbiltà mat-terminali tal-metan, kif ukoll l-interkonnetturi ma' barra l-pajjiż.

(81) Is-CRE ddikjarat ukoll li din ir-rata ta' rimunerazzjoni hija aktar baxxa minn dik mogħtija lill-operaturi regolati tat-terminali tal-metan (7,25 %, meta l-miżura daħlet fis-seħħ), li l-attività tagħhom hija aktar riskjuża, b'mod partikolari fil-livell kummerċjali, minħabba l-koeżistenza ta' terminali tal-metan regolati u mhux regolati u numru iżgħar ta' klijenti. Barra minn hekk, is-CRE semmiet l-eżempju tar-rata ta' rimunerazzjoni ta' 6,5 % użata mir-regolatur Taljan għall-ħażna tal-gass naturali.

3.6.3. *L-investimenti*

(82) Kull sena, skont l-Artikolu L.421-7-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija, l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art għandhom jissottomettu l-programm ta' investiment annwali tagħhom lis-CRE għall-approvazzjoni. F'dan il-kuntest, is-CRE "*għandha tiżgura li jitwettqu l-investimenti meħtieġa għall-iżvilupp xieraq tal-faċilitajiet ta' ħażna u l-aċċess trasparenti u nondiskriminatorju tagħhom*".

(83) Fit-tieni tariffa tal-ħażna, is-CRE introduċiet inċentiv biex tikkontrolla l-ispejjeż għal kategoriji differenti ta' investimenti.

([23]) B'mod partikolari, ir-rapport tal-kumpanija ta' konsultazzjoni Compass Lexecon tal-20 ta' Marzu 2017 irrakkomanda li d-WACC tiġi stabbilita bejn 4,2 u 5,8 %.

3.6.4. *Prepagamenti u introjtu dovut*

(84) Id-dħul awtorizzat huwa stabbilit mis-CRE fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-operaturi tal-ispejjeż u d-dħul tagħhom għas-sena ta' wara. Is-CRCP ġie introdott sabiex titqies id-differenza bejn il-prepagamenti jew l-introjtu dovut u l-prepagamenti jew l-introjtu attwalment rikonoxxuti għal għadd ta' entrati predefiniti. Is-CRCP għalhekk jipproteġi lill-operaturi mill-varjazzjoni ta' ċerti entrati ta' spejjeż jew introjtu. Is-CRCP jintuża wkoll għall-ħlas ta' inċentivi finanzjarji li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' mekkaniżmi regolatorji ta' inċentiv kif ukoll biex jiġi kkunsidrat kwalunkwe qligħ kapitali jew kostijiet mhux rekuperabbli, ladarba jiġu vvalidati mis-CRE.

(85) Għat-tariffa ATS 1, fl-ewwel sena finanzjarja tal-ħażna rregolata, is-CRE adottat qafas tariffarju li taħtu d-differenzi bejn l-ispejjeż u l-introjtu totali stmati u l-ispejjeż u l-introjtu kollu li saru ġew regolarizzati b'mod retroattiv. It-tariffa għalhekk kienet "100 % CRCP" u l-ebda spiża jew introjtu ma ġew inċentivati.

(86) Għat-tariffa ATS 2, is-CRE japplika perimetru CRCP f'konformità mal-qafas ġenerali tat-tariffi kollha għan-netwerks tal-elettriku u l-infrastrutturi tal-gass naturali. Għalhekk, ċerti partiti predefiniti biss huma koperti b'mod retroattiv permezz tas-CRCP għad-devjazzjonijiet bejn l-istima u r-realizzazzjoni. Dawn il-partiti koperti fis-CRCP huma relatati b'mod partikolari man-nefqa tal-investiment jew mad-dħul tal-kummerċjalizzazzjoni. Min-naħa l-oħra, kważi l-kostijiet operattivi kollha huma suġġetti għal inċentiv, li jista' jkun totali (100 % tad-devjazzjonijiet bejn l-istima u r-realizzazzjoni huma askapitu jew għall-benefiċċju tal-operazzjoni) jew parzjali (pereżempju, għall-ispejjeż tal-enerġija fejn l-inċentiv huwa 20 %, bi 80 % tad-devjazzjonijiet ikunu fis-CRCP).

## 3.7. **Benefiċjarji**

(87) Il-benefiċjarji tal-miżura huma l-operaturi tal-infrastrutturi tal-ħażna tal-gass naturali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju. Mid-dħul fis-seħħ tal-miżura, dawn huma Storengy, Teréga u Géométhane.

## 3.8. **Finanzjament tal-miżura permezz ta' tariffi għall-użu tan-netwerks ta' trażmissjoni**

(88) Il-finanzjament tad-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna ġej, minn naħa waħda, minn introjtu riċevut direttament mill-operaturi tal-ħażna u, min-naħa l-oħra, fejn dan l-introjtu huwa inqas mid-dħul awtorizzat, minn kumpens għall-ħażna ugwali għad-differenza bejn id-dħul awtorizzat u l-introjtu miġbur direttament.

*Kumpens = dħul awtorizzat – introjtu miġbur direttament*

(89) Id-dħul riċevut direttament mill-operaturi jiġi prinċipalment minn irkantijiet, iżda wkoll minn kwalunkwe kuntratt storiku fit-tul u servizzi addizzjonali possibbli.

(90) Il-kumpens għall-ħażna jinġabar mit-TSOs mingħand it-trasportaturi tal-gass naturali permezz ta' miżata ddedikata, l-"ispiża tal-ħażna", fi ħdan it-tariffa tal-użu tan-netwerk tat-trażmissjoni (it-tariffa ATRT) fil-kundizzjonijiet stabbiliti mis-CRE (ara l-premessa (21)).

(91) Preliminarjament, għandu jiġi speċifikat li, fi Franza, hemm żewġ OSTs, jiġifieri żewġ detenturi ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġu operati pipelines ta' trażmissjoni tal-gass naturali skont l-Artikolu L.431-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija: GRTgaz u Teréga (preċedentement TIGF).

(92) GRTgaz hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata, 75 % minnha proprjetà ta' ENGIE u 25 % proprjetà tas-Société d'Infrastructures Gazière. GRTgaz, ikkontrollata direttament minn ENGIE, hija indipendenti minn partijiet oħra tal-impriża integrata vertikalment tagħha (il-Grupp ENGIE) skont il-mudell ta' TSO indipendenti, filwaqt li tiżgura s-separazzjoni effettiva tal-attivitajiet tat-TSOs mill-attivitajiet ta' ġenerazzjoni jew forniment ([24]).

([24]) Id-Deċiżjoni tas-CRE tas-26 ta' Jannar 2012 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-kumpanija GRTgaz; id-Deċiżjoni Nru 2019-135 tas-CRE tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar iż-żamma taċ-ċertifikazzjoni tal-kumpanija Teréga wara tliet akkwisti tal-ishma tal-grupp Crédit Agricole fil-kumpaniji tal-produzzjoni tal-enerġija.

(93) Kif deskritt fil-premessa (9), Teréga hija 40,5 % proprjetà ta’ Snam, 31,5 % ta’ GIC, 18 % ta’ EDF Investissement u 10 % ta’ Predica. Teréga tivverifika wkoll il-kundizzjonijiet ta’ TSO indipendenti ([25]).

### 3.8.1. *L-istabbiliment tal-ispiża tal-ħażna fit-tariffi tal-użu tan-netwerks ta’ trażmissjoni mis-CRE*

(94) Skont is-sitt subparagrafu tal-Artikolu L.452-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija, “It-tariffi għall-użu tan-netwerks ta’ trażmissjoni tal-gass naturali għandhom jinġabru mill-operaturi ta’ dawn in-netwerks. L-operaturi ta’ netwerks ta’ trażmissjoni għandhom iħallsu lill-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art imsemmija fl-Artikolu L. 421-3-1 parti mill-ammont miġbur skont it-termini stabbiliti mill-Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija”.

(95) Skont l-Artikolu L.452-2 tal-Kodiċi tal-Enerġija, “Il-metodi użati sabiex jiġu stabbiliti tariffi għall-użu tan-netwerks ta’ trażmissjoni tal-gass naturali […] għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija”.

(96) Abbażi ta’ dawn id-dispożizzjonijiet, permezz tad-Deċiżjoni Nru 2018-069, tat-22 ta’ Marzu 2018 ([26]), is-CRE stabbiliet it-termini għall-kalkolu tal-ispiża tal-ħażna, applikabbli mill-1 ta’ April 2018.

(97) L-ispiża tal-ħażna mħallsa minn kull trasportatur għandha, skont is-CRE, tirrifletti l-valur tas-“sigurtà tal-forniment”, jiġifieri r-rimunerazzjoni għall-ħażna li tagħti prijorità lill-forniment tal-gass naturali lill-klijenti li l-forniment tagħhom ma jistax jiġi interrott, b’mod partikolari l-klijenti domestiċi.

### 3.8.2. *Ħlas ta’ spiża ta’ ħażna minn trasportaturi u fatturazzjoni mill-ġdid lill-klijenti finali*

(98) Fir-rigward tal-obbligu ta’ ħlas tal-ispiża tal-ħażna mit-trasportaturi, permezz tad-Deċiżjoni tagħha tat-22 ta’ Marzu 2018, is-CRE introduċiet l-ispiża tal-ħażna fit-tariffi ATRT billi introduċiet dispożizzjonijiet ġodda fid-Deċiżjoni Nru 2018-022 tas-7 ta’ Frar 2018 dwar l-evoluzzjoni tat-tariffa għall-użu tan-netwerks ta’ trażmissjoni tal-gass naturali ta’ GRTgaz u TIGF fl-1 ta’ April 2018.

(99) Minn din l-emenda jirriżulta li “kwalunkwe trasportatur li jiġi assenjat il-kapaċità ta’ konsenja kostanti lil mill-inqas Punt ta’ Interfaċċa għad-Distribuzzjoni u t-Trasport (PITD) wieħed għandu jkun suġġett għal spiża tal-ħażna bbażata fuq il-modulazzjoni tax-xitwa tal-klijenti tiegħu, konnessi man-netwerks pubbliċi ta’ trażmissjoni tal-gass, fil-portafoll tiegħu fl-ewwel jum ta’ kull xahar”.

(100) It-“trasportatur” jirreferi għal kwalunkwe “persuna fiżika jew ġuridika li tidħol f’kuntratt ma’ TSO għall-forniment fuq in-netwerk ta’ trażmissjoni tal-gass. It-trasportatur huwa, skont il-każ, il-klijent eliġibbli, il-fornitur jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom”. PITD huwa definit bħala “punt ta’ interfaċċa fiżiku jew nozzjonali bejn netwerk ta’ trażmissjoni u netwerk pubbliku ta’ distribuzzjoni”.

(101) Barra minn hekk, mill-kliem tas-sitt subparagrafu tal-Artikolu L.452-1 tal-Kodiċi tal-Enerġija jirriżulta li l-OSTs għandhom jiġbru t-tariffi ATRT (ara l-premessa (94) “*għandhom jinġabru*”).

(102) Fir-rigward tat-trasferiment tal-ispiża tal-ħażna lill-utenti finali, is-CRE indikat li t-trasportaturi se jittrasferixxu l-ispiża tal-ħażna lill-klijenti finali tagħhom li jdaħħlu l-bażi tal-kumpens fil-parti “Trasport” tal-fattura tagħhom. Is-CRE ma għandhiex il-lista tal-klijenti kkonċernati.

([25]) Id-Deċiżjoni tas-CRE tas-26 ta’ Jannar 2012 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-kumpanija TIGF; id-Deċiżjoni tas-CRE tal-4 ta’ Frar 2016 dwar iż-żamma taċ-ċertifikazzjoni tal-kumpanija TIFG wara d-dħul tal-kumpanija Predica fil-kapital ta’ TIGF Holding.

([26]) Id-Deċiżjoni tas-CRE Nru 2018-69 tat-22 ta’ Marzu 2018 dwar l-introduzzjoni ta’ tariffa tal-ħażna fit-tariffa għall-użu tan-netwerks ta’ trażmissjoni ta’ GRTgaz u TIGF.

(103) B'mod aktar speċifiku, dan it-trasferiment huwa obbligatorju biss skont it-tariffi rregolati għall-bejgħ tal-gass naturali skont l-Artikoli L.445-3 u R.445-3 tal-Kodiċi tal-Enerġija ([27]). Għall-offerti tas-suq, dan it-trasferiment huwa għażla diskrezzjonali tal-fornitur.

3.8.3. *Distribuzzjoni ta' fondi miġbura mit-TSOs fost l-operaturi tal-ħażna skont il-modalitajiet stabbiliti mis-CRE*

(104) Skont id-deċiżjoni tas-CRE dwar l-ispiża tal-ħażna, ladarba jinġabar, l-introjtu mill-ispiża tal-ħażna jiġi rritornat mit-TSOs lid-diversi operaturi tal-ħażna fuq bażi *pro rata* għall-kumpens li għandu jiġi riċevut ([28]). Il-proporzjon allokat lil kull operatur jikkorrispondi għall-proporzjon bejn il-kumpens annwali stmat tal-operatur u l-kumpens totali stmat għall-operaturi kollha tal-operaturi regolati tal-ħażna, kif stabbilit mis-CRE. Dawn il-proporzjonijiet huma speċifikati kull sena fid-deċiżjoni tas-CRE li timmodifika l-ispiża tal-ħażna.

(105) Għal dan il-għan, skont id-deċiżjoni tas-CRE, it-TSOs għandhom jikkonkludu kuntratt ma' kull operatur tal-ħażna sabiex jirregolaw il-modalitajiet għall-forniment tal-ġbir u r-rimborż tal-kumpens, li l-ispiża tiegħu hija stabbilita mis-CRE u koperta mid-dħul awtorizzat tal-operaturi. Għas-sena 2018, din l-ispiża għandha tkun ta' EUR 130 000 għal kull TSO għal kull operatur tal-ħażna ([29]).

## 3.9. **Baġit**

(106) Kull sena, l-ammont totali tal-kumpens imħallas lill-operaturi regolati jiddependi fuq l-introjtu mill-irkant u d-dħul awtorizzat stabbilit mis-CRE. Il-kumpens imħallas lit-tliet operaturi tal-ħażna regolati ammonta għal EUR 528 miljun fl-2018, EUR 540 miljun fl-2019 u EUR 251 miljun fl-2020.

| | **2018 (EUR miljun)** | **2019 (EUR miljun)** | **2020 (EUR miljun)** |
|---|---|---|---|
| **Storengy** | 402 | 392 | 199 |
| **Teréga** | 101 | 113 | 25 |
| **Géométhane** | 26 | 36 | 28 |
| **Total** | 528 | 540 | 251 |

*Tabella 5: Bilanċ tal-kumpens għall-ħażna għas-snin 2018, 2019 u 2020*

## 3.10. **It-tul ta' żmien**

(107) Id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Idrokarburi relatati mal-mekkaniżmu regolatorju tal-operaturi tal-ħażna daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018. Is-CRE stabbiliet id-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna mill-1 ta' Jannar 2018. Barra minn hekk, l-ewwel irkantijiet tal-kapaċitajiet tal-ħażna seħħew mill-5 sad-29 ta' Marzu 2018 għall-perjodu 2018-2019 u saru bejn l-2019 u l-2020 u bejn l-2020 u l-2021 (ara t-Tabella 2 fil-premessa (54)).

(108) Barra minn hekk, l-ispiża tal-ħażna ġiet introdotta fit-tariffa ATRT mill-1 ta' April 2018. Inizjalment, is-CRE stabbiliet id-dħul awtorizzat stmat għal perjodu regolatorju ta' sentejn ([30]). Imbagħad hija armonizzat il-qafas regolatorju għall-operaturi tal-ħażna ma' dak tat-tariffi oħra tal-infrastruttura. Din it-tieni tariffa tal-ħażna tapplika għall-perjodu 2020-2023 ([31]).

([27]) L-Artikolu L.445-3 tal-Kodiċi tal-Enerġija: "*It-tariffi regolati għall-bejgħ tal-gass naturali għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-karatteristiċi intrinsiċi tal-provvisti u tal-ispejjeż marbuta ma' dawn il-provvisti. Huma għandhom ikopru dawk l-ispejjeż kollha […].*"
L-Artikolu R.445-3 tal-Kodiċi tal-Enerġija: "*Għandha tiġi ddefinita formula tariffarja għal kull fornitur li tirrifletti l-ispejjeż kollha tal-forniment tal-gass naturali. Il-formula tariffarja u l-ispejjeż minbarra dawk tal-forniment jippermettu li tiġi ddeterminata l-ispiża medja ta' forniment tal-gass naturali, li abbażi tagħha jiġu stabbiliti t-tariffi regolati għall-bejgħ tiegħu, skont il-modalitajiet ta' forniment tas-servizz lill-klijenti kkonċernati.*
*L-ispejjeż, minbarra dawk tal-forniment, jinkludu b'mod partikolari: […] 2. L-ispejjeż għall-użu tal-ħażniet tal-gass naturali, fejn applikabbli*".
([28]) Id-Deċiżjoni Nru 2018-069 imsemmija hawn fuq, pp. 7-8.
([29]) Id-Deċiżjoni Nru 2018-069 imsemmija hawn fuq.
([30]) Id-Deċiżjoni Nru 2018-069 tas-CRE tat-22 ta' Marzu 2018 imsemmija hawn fuq.
([31]) Id-Deċiżjoni Nru 2020-011 tas-CRE tat-23 ta' Jannar 2020 imsemmija hawn fuq.

(109) Bħalissa, l-awtoritajiet Franċiżi ma jipprevedux data għat-tmiem tal-mekkaniżmu. Min-naħa l-oħra, il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ġie definit mill-aħħar PPE ([32]) sar-reviżjoni tiegħu. Din ir-reviżjoni tal-PPE hija ppjanata għall-2023 u se ssir mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2028.

### 3.11. **Impenji**

(110) L-awtoritajiet Franċiżi għamlu żewġ impenji. L-ewwel nett, l-awtoritajiet Franċiżi impenjaw ruħhom li jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni qabel tmiem l-2024. Il-punti li għandhom jiġu koperti f'dan ir-rapport huma li ġejjin:

— informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżura fil-perjodu preċedenti (2018-2023), b'mod partikolari r-riżultati tal-irkantijiet f'termini ta' volumi u prezzijiet u l-ammonti ta' rimunerazzjoni riċevuti għal kull sit;

— ħarsa ġenerali aġġornata lejn il-funzjonament tas-suq tal-gass naturali fi Franza, b'mod partikolari l-elementi li jiġġustifikaw il-kontinwazzjoni tal-miżura għall-perjodu 2023-2028, inkluż il-livell tal-firxa, il-livell tad-domanda, l-investimenti fin-netwerk tal-gass fi Franza u barra mill-pajjiż, u l-investimenti fit-terminali tal-LNG;

— informazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-PPE fl-2023 u l-impatt possibbli tagħha fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura;

— il-metodu tal-kalkolu tar-rimunerazzjoni garantita fil-perjodu regolatorju 2023-2028. Fil-każ ta' bidla fil-metodu ta' kalkolu, il-Kummissjoni tixtieq informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-bidla;

— id-*data* dwar l-impatt tal-miżura fuq il-kompetizzjoni, li tiffoka fuq id-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni identifikati fid-Deċiżjoni, pereżempju l-impatt tal-miżura fuq il-faċilitajiet tal-ħażna tal-gass naturali fi Stati Membri ġirien, fuq l-interkonnetturi u fuq it-terminali tal-metan Franċiżi. Dawk l-elementi għandhom ikunu appoġġati minn *data* storika dwar l-użu ta' dawk l-assi kif ukoll minn bidliet rilevanti fir-reġim regolatorju fir-rigward tal-ħażna tal-gass naturali fil-pajjiżi ġirien ta' Franza. L-impatt tal-miżura fuq il-kummerċ bl-imnut Franċiż għandu jiġi vvalutat u kkwantifikat ukoll.

(111) It-tieni nett, l-awtoritajiet Franċiżi jimpenjaw ruħhom li jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja fuq sit web komprensiv iddedikat għall-għajnuna mill-Istat fi Franza ([33]) u t-*Transparency Award Module* (Modulu ta' Trasparenza tal-Għotjiet): link għat-test sħiħ tal-mekkaniżmu u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tiegħu; l-identità tal-benefiċjarji tal-flussi finanzjarji; il-forma tal-flussi finanzjarji; l-ammont mogħti lil kull benefiċjarju; id-data tal-għoti; it-tip ta' intrapriża (SME/intrapriża kbira), ir-reġjun li fih huwa stabbilit il-benefiċjarju u s-settur ekonomiku ewlieni li fih jopera l-benefiċjarju.

### 3.12. **Deskrizzjoni tar-raġunijiet għall-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali**

(112) Il-Kummissjoni hija tal-fehma preliminari, fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, li l-mekkaniżmu regolatorju jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, li tista' tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE. Madankollu, fl-istadju tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni kienet esprimiet dubji dwar il-proporzjonalità tal-mekkaniżmu regolatorju u l-eżistenza ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(113) B'mod iktar speċifiku, minn naħa waħda, il-Kummissjoni kienet iddikjarat li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dħul awtorizzat tal-operaturi ta' ħażna, is-CRE tippermetti lill-operaturi tal-ħażna jiksbu dħul mill-kapital fiss. Il-kalkolu ta' din ir-rimunerazzjoni jinvolvi l-valutazzjoni tal-valur tal-assi regolati. Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-proċess ta' valutazzjoni ekonomika indipendenti tal-valur tas-suq tal-assi fiż-żmien tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju mis-CRE, li seta' jqajjem dubji dwar il-proporzjonalità tal-miżura.

(114) Min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi l-fatt li l-mekkaniżmu jintroduċi distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Dawn id-distorsjonijiet eċċessivi tal-kompetizzjoni kienu jeżistu (i) bejn il-fornituri tal-gass naturali Franċiżi u dawk ta' Stati Membri oħra, (ii) bejn, minn naħa waħda, l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali u, min-naħa l-oħra, l-operaturi tal-LNG u l-operaturi tal-interkonnetturi u (iii) bejn l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali Franċiżi u dawk ta' Stati Membri oħra.

([32]) Id-Digriet Nru 2020-456 tal-21 ta' April 2020 imsemmi hawn fuq.
([33]) http://www.europe-en-france.gouv.fr/Centre-de-ressources/Aides-d-etat/Regimes-d-aides.

## 4. KUMMENTI MINN FRANZA

(115) Franza bagħtet l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni flimkien mal-kummenti tas-CRE mehmuża magħhom. Il-kummenti tas-CRE huma għalhekk ikkunsidrati bħala parti integrali mill-kummenti ta' Franza.

(116) Franza tqis li d-dubji espressi mill-Kummissjoni dwar ir-riforma tal-ħażna tal-gass naturali huma infondati.

### 4.1. L-eżistenza tal-għajnuna

(117) L-ewwel nett, Franza tikkontesta li l-miżura inkwistjoni tinvolvi riżorsi tal-Istat. Barra minn hekk, skont Franza, ma jistax jitqies li t-tranżizzjoni minn reġim negozjat għal reġim regolat tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-operatur li huwa obbligat jagħmel dan. Hija tikkontesta wkoll il-fatt li l-operaturi tal-interkonnetturi u tat-terminali tal-metan huma kompetituri tal-operaturi tal-ħażna.

(118) Imbagħad, fir-rigward tal-finanzjament minn riżorsi tal-Istat, Franza tikkontesta l-fatt li l-kopertura ta' parti mill-ispejjeż tal-operaturi tal-infrastruttura essenzjali għall-ħażna tal-gass naturali għandha n-natura ta' kontribuzzjoni obbligatorja. It-tariffa għall-użu tan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali għandha titħallas mill-fornituri tal-gass naturali bi skambju għas-servizz tat-trasport, servizz b'livell għoli ta' affidabbiltà u kapaċità fit-tul biex tintlaħaq domanda raġonevoli ([34]).

(119) Franza tinnota wkoll li t-trasferiment tat-tariffa għall-użu tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-fattura tal-konsumatur tal-gass naturali hija obbligatorja biss għall-konsumaturi li jagħżlu li jibbenefikaw mit-tariffi regolati għall-bejgħ tal-gass naturali. Skont Franza, l-offerti bit-tariffa regolata tal-bejgħ jirrappreżentaw minoranza tal-forniment tal-gass naturali fi Franza ([35]), aktar u aktar peress li t-tariffi regolati għall-bejgħ tal-gass naturali għandhom jiġu tterminati f'diversi stadji ([36]).

(120) Barra minn hekk, fir-rigward tal-vantaġġ mogħti, Franza tinnota, l-ewwel nett, li d-determinazzjoni tal-ispiża tal-kapital tqis l-aktar riskju baxx għall-attivitajiet regolati minn redditu fuq il-kapital aktar baxxa meta mqabbel ma' attivitajiet mhux regolati. It-tieni, Franza tikkontesta l-fatt li l-introjtu riċevut minn operatur tal-ħażna taħt is-sistema regolata huwa sistematikament ogħla minn dak riċevut minn dan l-istess operatur fil-kuntest ta' reġim innegozjat ([37]). Barra minn hekk, Franza tfakkar li l-qafas regolatorju implimentat mill-2018 huwa simetriku: il-"kumpens" jista' jitreġġa' lura u jitħallas mill-operaturi tal-ħażna jekk l-introjtu tal-kummerċjalizzazzjoni jaqbeż id-dħul awtorizzat stabbilit mis-CRE. Għalhekk, il-mudell regolat ma jistax jinfired mill-obbligi u t-telf ta' opportunità ekonomika imposti fuq l-operaturi tal-ħażna fil-qafas ta' dan il-mudell regolat.

(121) Id-deprezzament kontabbli ta' EUR 494 miljun, irreġistrat mill-grupp ENGIE fir-rigward tal-attività ta' ħażna regolata tiegħu ftit jiem wara l-pubblikazzjoni tal-parametri użati mis-CRE għat-tariffa tal-ħażna, juri dan it-telf fl-aspettattivi ta' qligħ assoċjat ma' kundizzjonijiet favorevoli tas-suq. Fl-aħħar nett, Franza tinnota li l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju ma wassalx għal żieda fid-dħul tal-operaturi tal-ħażna Franċiżi bejn l-2017 u l-2018, ħlief għall-kumpanija Storengy. Franza tenfasizza wkoll li Storengy, fil-livelli tal-firxiet komparabbli, tirċievi fi ħdan il-qafas regolat, dħul awtorizzat iktar baxx mid-dħul mill-kummerċjalizzazzjoni skont ir-reġim innegozjat.

(122) Franza tqis li mhuwiex xieraq li wieħed jippersisti fuq is-sitwazzjoni tal-operaturi tal-ħażna li jinsabu fi Stati Membri oħra meta tiġi analizzata n-natura selettiva tal-vantaġġ mogħti. Fil-fatt, hija tikkwota l-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja, li ddikjaraw li "*l-kundizzjoni dwar is-selettività […] tista' tiġi evalwata biss fuq livell ta' Stat Membru wieħed*" ([38]). Fi kwalunkwe każ, Franza tinnota li l-operaturi tal-ħażna minn Stati Membri oħra mhumiex f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli fid-dawl tal-għan segwit mill-miżura inkwistjoni, jiġifieri li tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali fi Franza.

([34]) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE.

([35]) Skont ir-rapport "*Observatoire des marchés de détail du 4e trimestre 2019*" ippubblikat mis-CRE, fil-31 ta' Diċembru 2019, 66 % tas-siti residenzjali u mhux residenzjali huma f'offerti tas-suq meta mqabbla ma' 34 % f'offerti bit-tariffa regolata tal-bejgħ, u 91 % tal-konsum tal-gass naturali huwa pprovdut mill-offerti tas-suq meta mqabbel ma' 9 % minn offerti bit-tariffa regolata tal-bejgħ.

([36]) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 63 tal-Liġi Nru 2019-1147 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-enerġija u l-klima.

([37]) Anki jekk, bejn l-2013 u l-2017, l-introjtu tal-kummerċjalizzazzjoni kien baxx, id-dħul awtorizzat totali huwa ferm iktar baxx mill-fatturat miksub minn dawn l-operaturi għas-snin 2008-2012, f'kuntest ta' firxa għolja.

([38]) Is-Sentenzi tas-7 ta' Novembru 2014, Banco Santander, T-399/11, EU:T:2014:938, punt 75; tal-11 ta' Novembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-73/03, EU:C:2004:711, punt 28.

(123) Fir-rigward tal-operaturi tal-interkonnetturi, minn naħa, u l-operaturi tat-terminali tal-metan, min-naħa l-oħra, Franza tfakkar li dawn l-operaturi huma kollha rregolati fi Franza ([39]). Għalhekk huma jibbenefikaw minn mekkaniżmi regolatorji simili ħafna għal dawk użati għall-ħażna, inkluż l-istabbiliment mir-regolatur ta' dħul awtorizzat biex ikopri l-ispejjeż tagħhom. Għalhekk Franza tqis li ma jistax jiġi kkontestat il-fatt li l-miżura inkwistjoni tagħti vantaġġ selettiv lil dawn l-operaturi meta mqabbla mal-operaturi tal-interkonnetturi tal-gass u tat-terminali tal-metan.

(124) Fir-rigward tal-effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri, Franza tqis li l-operaturi tal-interkonnetturi u tat-terminali tal-metan mhumiex f'kompetizzjoni mal-operaturi tal-ħażna (ara wkoll il-premessi (133) *et seq.*).

### 4.2. **Il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq intern**

#### 4.2.1. *Proporzjonalità*

(125) Franza tispjega li r-regolamentazzjoni bbażata fuq l-ispejjeż tal-operaturi hija approċċ mifrux fost ir-regolaturi Ewropej. Dan jiżgura li l-operaturi jkollhom biżżejjed dħul biex iżommu l-attività tagħhom kif ukoll li l-konsumaturi finali ma jħallsux għall-ħażna bi prezz ogħla mill-prezz tas-servizz ipprovdut. Għall-kuntrarju, Franza tispjega li, fil-fehma tagħha, metodu bbażat fuq il-livell ta' firxiet ikun volatili u jista', skont l-iżvilupp tal-prezzijiet tas-suq fi żmien qasir, ma jiżgurax li l-ispejjeż tal-operaturi jkunu koperti jew, għall-kuntrarju, jiġġeneraw profitti indebiti.

(126) Sabiex jiġi stabbilit il-livell tat-tariffa tal-ħażna, is-CRE adottat regolamentazzjoni bbażata fuq il-kopertura tal-ispejjeż li l-operaturi jqisu li huma effiċjenti. Għalhekk, hija tistabbilixxi dħul awtorizzat għal kull operatur b'mod li jkopri l-ispejjeż irrappreżentati mill-ispejjeż operattivi, kif ukoll mid-deprezzament tal-assi u l-ispiża tal-kapital. Sabiex tiddefinixxi l-livell inizjali tal-BAR fl-1 ta' Jannar 2018 għall-operaturi tal-ħażna, is-CRE vvalutat mill-ġdid il-valur kontabilistiku gross tal-assi tal-operaturi fil-31 ta' Diċembru 2016 (ara l-premessi (55) *et seq.* dwar l-istabbiliment tad-dħul awtorizzat).

(127) Alternattivament, Franza tipprovdi evidenza analitika addizzjonali biex turi li metodi oħra jwasslu għal riżultati tal-BAR konsistenti mal-metodu tas-CRE.

(128) Il-valur tal-operaturi tal-ħażna fil-kontijiet tal-azzjonisti tagħhom jiġi ddeterminat skont l-istandards tal-kontabbiltà u abbażi tal-prospett tad-dħul mistenni mill-attività fit-tul. Għal Storengy, is-CRE użat valur tal-BAR inizjali ta' EUR 3,5 biljun għall-valutazzjoni ta' Storengy fil-kontijiet ta' ENGIE fil-31 ta' Diċembru 2016 ta' [EUR 3 sa 5 biljun]. Għal Teréga, is-CRE użat valur tal-BAR inizjali ta' EUR 1 156 miljun għal valutazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ħażna fil-kontijiet tal-kumpanija omm fil-31 ta' Diċembru 2016 ta' madwar [EUR 1 sa 2 biljun].

(129) It-tranżazzjonijiet riċenti jgħinu wkoll biex jiġi kjarifikat il-valur tal-kumpaniji u l-valutazzjoni tal-attivitajiet ta' ħażna fil-kuntest tat-tranżazzjonijiet. Pereżempju, fuq il-bażi tat-tranżazzjonijiet fil-kapital tal-kumpanija Teréga fl-2013 ([40]) u fl-2015 ([41]), il-valur tal-assi fil-perimetru tal-ħażna huwa stmat għal [EUR 1 sa 2 biljun].

(130) Barra minn hekk, Franza ssemmi li konsulenti esterni ħadmu wkoll fuq il-valutazzjoni tal-BAR tal-operaturi. Għal Storengy, ir-riżultat tal-kalkolu mwettaq mill-konsulent […] għas-CRE huwa ta' [EUR 3 sa 5 biljun]. Franza tirreferi wkoll għall-istudju ta' PwC, ikkummissjonat minn Teréga, li jivvalorizza l-BAR fl-2018 bejn [EUR 1 sa 2 biljun].

(131) Fl-aħħar nett, Franza tqis li metodu alternattiv, li jikkonsisti mir-rikostituzzjoni tar-rekord tal-introjtu tal-operatur, sabiex jiġi ddeterminat jekk ġewx koperti l-investimenti passati permezz tiegħu, ma jkunx sod biżżejjed biex jiddetermina l-valur tal-BAR. Effettivament, tali metodu jkun jinvolvi rikostituzzjoni, mid-data ta' kummissjonar inizjali, tal-eqdem assi ta' ħażna (it-tmiem tas-snin 50), tal-flussi tal-kontanti liberi ta' kull operatur li jipproduċi l-likwidità disponibbli tal-operatur wara l-finanzjament tal-ħtieġa tiegħu għal kapital operattiv, tat-taxxi tiegħu u tal-investimenti tiegħu, sabiex iqabbilhom mal-valur gross tal-assi.

([39]) Bl-eċċezzjoni ta' Dunkerque LNG, li hija eżentata.
([40]) Akkwist tal-kumpanija TIGF minn konsorzju magħmul minn GIC, Snam u EDF.
([41]) Akkwist tal-ishma tal-kumpanija Prédica fil-kapital ta' TIGF.

(132) Dan ir-rekord jidher partikolarment kumpless biex jerġa' jinbena, kemm bl-isforz ta' dokumentazzjoni komprensiva meħtieġ kif ukoll bl-iżviluppi organizzattivi u kapitali tal-kumpaniji tal-ħażna attwali: minn naħa waħda, peress li Storengy hija parti minn mudell integrat fi ħdan Gaz de France/GDF Suez, ir-rikostruzzjoni tar-rekord timplika neċessarjament preżunzjonijiet ta' tmiem tal-attività. Min-naħa l-oħra, Teréga kienet suġġetta għal ċessjonijiet suċċessivi.

4.2.2. *L-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ*

(133) Fir-rigward tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri Franċiżi u l-fornituri minn Stati Membri oħra li jissottoskrivu għall-kapaċità tal-ħażna fi Franza, Franza tispjega li n-"nazzjonalità" tal-fornitur ma għandha l-ebda impatt. L-irkantijiet pubbliċi għandhom ikunu miftuħa għall-atturi kollha b'awtorizzazzjoni għall-forniment tal-gass naturali. Din l-awtorizazzjoni għall-forniment mhijiex ristretta għall-fornituri Franċiżi biss u tista' tinkiseb minn kwalunkwe persuna stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni ([42]). It-tieni nett, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li, għall-istess servizz ta' trasport, l-istess tariffa għall-użu tan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali hija applikata għall-fornituri Franċiżi u għall-fornituri minn Stati Membri oħra.

(134) Barra minn hekk, skont Franza, il-ħażniet mhumiex f'kompetizzjoni mal-interkonnetturi u t-terminali tal-metan. Franza tosserva, l-ewwel nett, li l-Kummissjoni qatt ma evalwat l-eżistenza ta' suq uniku li jinkludi l-ħażna tal-gass naturali, l-infrastruttura ta' rigassifikazzjoni u l-interkonnetturi. Barra minn hekk, Franza tinnota li, fl-analiżi tal-kapaċità tas-sistema tal-gass li tissodisfa domanda raġonevoli, l-infrastrutturi essenzjali għall-ħażna tal-gass naturali jikkomplementaw l-użu sħiħ tal-interkonnetturi u l-użu sħiħ tal-kapaċitajiet tat-terminali tal-metan, sal-livell tal-istokkijiet disponibbli ta' gass naturali likwifikat.

(135) Barra minn hekk, Franza tinnota li l-Kummissjoni rrikonoxxiet diversi drabi l-eżistenza ta' suq separat għall-ħażna taħt l-art tal-gass naturali, kemm fi Franza ([43]), kif ukoll fi Stati Membri oħra ([44]). Fid-dawl tar-riżultati ta' investigazzjoni tas-suq li tikkonċerna tranżazzjoni fit-territorju Franċiż, il-Kummissjoni nnutat in-nuqqas ta' sostitwibbiltà bejn il-ħażna u forom oħra ta' flessibbiltà ([45]). Franza tinnota wkoll li f'żewġ deċiżjonijiet, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-suq għall-ħażna tal-gass naturali kien reġjonali jew saħansitra nazzjonali ([46]).

(136) Franza tqis li kull strument ta' flessibbiltà għandu l-funzjonalitajiet u l-karatteristiċi tiegħu stess, li jipprevjenu s-sostituzzjoni mal-istrumenti ta' flessibbiltà l-oħra. L-interkonnetturi jippermettu li t-territorju jiġi fornut bil-gass naturali. Fin-nuqqas ta' ħażna, ikun meħtieġ li d-daqs tal-interkonnetturi jiġi ddisinjat sabiex ikun jista' jiġi ggarantit il-forniment ta' gass naturali fit-territorju Franċiż matul il-konsum massimu. Għalhekk, tali disinn ma jkunx effettiv. Barra minn hekk, l-UE għandha l-għan li tnaqqas il-konsum tal-gass naturali. L-ebda investiment ġdid mhu previst fl-interkonnetturi disponibbli għal Franza fil-preżent. Id-domanda tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni u s-sinjali ta' investiment fit-tul hija għalhekk purament teoretika.

(137) It-terminali tal-metan joffru l-possibbiltà ta' arbitraġġ biex it-territorju jiġi fornut bl-inqas spiża possibbli. Id-disponibbiltà tal-LNG hija inċerta u tiddependi ħafna fuq il-kundizzjonijiet tad-domanda u l-provvista globali li regolarment jiddevjaw il-merkanzija. Barra minn hekk, it-terminali tal-metan għandhom kapaċità ta' ħażna limitata ([47]), li taħt l-aħjar kundizzjonijiet ma setgħetx tiġi mobilizzata għal aktar minn ħamest ijiem. Madankollu, dan il-perjodu huwa iqsar mit-tul ta' żmien medju ta' perjodu kiesaħ, li jdum bejn 5 u 15-il jum, u b'hekk ma jipprovdix biżżejjed żmien biex timmobilizza l-wasla tal-merkanzija malajr biżżejjed biex tiġi evitata interruzzjoni fl-emissjonijiet ([48]).

(138) Għalhekk, il-ħażniet tal-gass naturali jipprovdu servizz ta' flessibbiltà interstaġjonali li ma jista' jiġi pprovdut la minn interkonnetturi f'kundizzjonijiet ekonomiċi komparabbli u lanqas minn terminali tal-metan. Min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' ħażniet fi Franza ma tistax tkun biżżejjed sabiex tiżgura s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali fi Franza. L-interkonnetturi u t-terminali tal-metan għadhom essenzjali biex jiġi fornut it-territorju.

([42]) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu L. 443-4 tal-Kodiċi tal-Enerġija.

([43]) Ara pereżempju, il-Kummissjoni, l-14 ta' Novembru 2006, M. 4180 Gaz de France vs Suez, punt 341.

([44]) Il-Kummissjoni, id-29 ta' Settembru 1999, M. 1383 – Exxon/Mobil, punti 69 u 261; Il-Kummissjoni, il-25 ta' April 2003, M. 3086 – Gaz de France/Preussag Energie, punt 14; Il-Kummissjoni, il-21 ta' Diċembru 2005, M. 3696 EON/MOL, punt 99; Il-Kummissjoni, id-19 ta' Novembru 2013, M.6984 - EPH/Stredoslovenska Energetika, punt 24.

([45]) Il-Kummissjoni, it-8 ta' Ottubru 2004, M. 3410 Total/Gaz de France, punt 19.

([46]) Il-Kummissjoni, il-21 ta' Diċembru 2005, M. 3696 – E.ON/MOL, punt 130; Il-Kummissjoni, id-19 ta' Novembru 2013, M.6984 - EPH/Stredoslovenska Energetika, punt 24.

([47]) 4,2 TWh ta' stokk medju fit-terminali Franċiżi matul ix-xitwa.

([48]) 10 sa 15-il jum skont l-oriġini tal-gass.

(139) Għalhekk, dawn it-tipi differenti ta' infrastrutturi huma komplementari u mhux f'kompetizzjoni biex jiżguraw is-sigurtà tal-forniment ta' Franza.

(140) Anki jekk l-interkonnetturi, it-terminali tal-metan u l-ħażna tal-gass naturali jitqiesu li huma f'kompetizzjoni, Franza tfakkar li l-interkonnetturi Franċiżi u t-terminali tal-metan huma kollha rregolati, bl-eċċezzjoni tat-terminal ta' Dunkirk. B'riżultat ta' dan, il-profittabbiltà ta' dawn l-infrastrutturi tikkorrispondi għar-rata ta' redditu fuq l-assi stabbilita mis-CRE. B'riżultat ta' dan, l-implimentazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-ħażna ma jistax ikollha impatt fuq il-profittabbiltà ta' infrastrutturi regolati oħra.

(141) Barra minn hekk, Franza tfakkar li l-avvenimenti reċenti jikkontradixxu ipoteżi possibbli ta' kompetizzjoni dannuża għall-interkonnetturi jew għat-terminali tal-metan. Sa minn tmiem l-2018, l-użu tat-terminali Franċiżi u Ewropej laħaq livelli partikolarment għoljin meta mqabbel ma' dawn l-aħħar 10 snin. Barra minn hekk, l-operaturi tat-terminali tal-metan reċentement nedew b'suċċess proċeduri biex jikkummerċjalizzaw il-kapaċitajiet tagħhom għal żmien medju. Ir-regolamentazzjoni tal-ħażna, flimkien mal-fużjoni taż-żoni fi Franza implimentata fi tmiem l-2018, ikkontribwew bil-kbir għat-titjib tal-profondità u l-likwidità tas-suq Franċiż u tal-Punent tal-Ewropa.

(142) Franza tikkontesta wkoll li r-regolamentazzjoni tal-ħażna tista' tnaqqas l-inċentivi biex jintużaw it-terminali tal-metan u l-interkonnetturi eżistenti. L-inċentivi għall-użu jiġu minn sinjali tal-prezz mis-swieq differenti tal-gass naturali ([49]). F'dan il-kuntest, il-ħażniet huma mezz addizzjonali biex jiġu ottimizzati l-ispejjeż tal-forniment tal-gass naturali u biex wieħed jibbenefika minn prezzijiet tas-suq kompetittivi.

(143) Franza tinnota wkoll li d-deċiżjonijiet ta' investiment fl-interkonnetturi u fit-terminali tal-metan huma bbażati fuq strateġiji ta' forniment li mhumiex affettwati b'mod negattiv mill-ħażna tal-gass naturali.

(144) Fl-aħħar nett, Franza tqis li s-sitwazzjoni tal-operaturi tal-ħażna fi Stati Membri oħra bl-ebda mod ma hija affettwata mill-miżura inkwistjoni. L-awtoritajiet Franċiżi jinnotaw li d-disinn tas-sistema tal-gass Franċiża, ibbażat b'mod partikolari fuq il-kunsiderazzjoni ta' 100 % tal-kapaċitajiet disponibbli għall-interkonnetturi, jimplika awtomatikament li jitqiesu l-mezzi ta' forniment li jinsabu wara l-interkonnetturi, b'mod partikolari l-infrastrutturi tal-ħażna tal-gass naturali li tinsab fi Stati Membri oħra tal-Unjoni. L-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw ukoll li xi wħud minn dawn l-infrastrutturi huma rregolati wkoll.

(145) Il-bejgħ tal-kapaċitajiet ta' ħażna jsir permezz ta' rkantijiet u bil-prezz tas-suq. Konsegwentement, il-miżura inkwistjoni ma tpoġġix fi żvantaġġ lill-operaturi tal-ħażna fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-miżura inkwistjoni jista' jkollha biss effett minimu fuq il-formazzjoni tal-prezzijiet. Il-ħażniet Franċiżi jippermettu li jinħażen madwar 130 TWh ([50]), li huwa żgħir meta mqabbel mal-kwantitajiet innegozjati fis-swieq. Fl-2018, ġew skambjati 28 220 TWh fuq it-TTF ([51]).

(146) L-operaturi tal-ħażna fid-diversi Stati Membri huma għalhekk kollha suġġetti għal kundizzjonijiet tas-suq li fihom il-ħażniet Franċiżi ftit li xejn għandhom effett, b'tali mod li ma jistax jitqies li l-profittabbiltà tagħhom tista' tonqos minħabba l-implimentazzjoni tal-miżura inkwistjoni.

(147) Franza tinnota, barra minn hekk, li l-fatturi tat-tagħbija għall-ħażna fil-Ġermanja u fil-Belġju laħqu livelli għoljin, li żdiedu bejn l-2018 u l-2019 ([52]). Dawn il-livelli għoljin juru li r-regolamentazzjoni tal-ħażniet Franċiżi ma ċċaħħadx lill-operaturi minn Stati Membri oħra milli jbigħu l-kapaċitajiet tal-ħażna kollha tagħhom f'kuntest favorevoli tas-suq.

## 5. **KUMMENTI MILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI**

(148) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand 18-il parti interessata, inklużi t-tliet benefiċjarji tal-miżura. Il-kummenti tagħhom huma miġbura fil-qosor fil-premessi (149) sa (233).

([49]) Il-prezzijiet tal-postijiet differenti tas-suq Ewropew, tal-LNG globali.
([50]) Ikkummerċjalizzati fuq perjodu ta' erba' xhur.
([51]) Title Transfer Facility (Faċilità ta' Trasferiment ta' Titoli), li tirrappreżenta l-maġġoranza tal-iskambji futuri.
([52]) Minn 88 % għal 99 % u minn 54 % għal 97 % rispettivament.

### 5.1. **Kummenti mill-benefiċjarji tal-miżura**

#### 5.1.1. *Géométhane*

(149) Géométhane tenfasizza l-effetti pożittivi tal-introduzzjoni tal-miżura fir-rigward tal-għan tas-sigurtà tal-enerġija. B'appoġġ għall-argumenti tagħha, Géométhane ppreżentat rapport dettaljat lill-Kummissjoni ([53]).

##### 5.1.1.1. L-eżistenza tal-għajnuna

(150) Il-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, skont Géométhane, għal diversi raġunijiet.

(151) L-ewwel nett, Géométhane tinnota li ma hemm l-ebda finanzjament mir-riżorsi tal-Istat minħabba li l-ispiża tal-ħażna ma tistax tiġi kklassifikata bħala kontribuzzjoni obbligatorja: it-trasferiment tar-riżorsi jseħħ biss bejn operaturi privati (il-fornituri tal-gass naturali u l-operaturi tal-ħażna), il-kontroll mill-Istat fuq il-fondi huwa limitat, il-miżura inkwistjoni ma tnaqqasx il-baġit tal-Istat, u tipprevedi obbligu li tinżamm l-infrastruttura essenzjali tal-ħażna koperta mill-iskema mill-operaturi.

(152) Barra minn hekk, il-miżura inkwistjoni ma tistax titqies bħala vantaġġ selettiv mogħti lill-operaturi tal-ħażna attivi fit-territorju Franċiż meta mqabbla ma' dawk li jinsabu barra mill-pajjiż, peress li dawn ma jinsabux f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli ma' dik tal-operaturi tal-ħażna stabbiliti fit-territorju Franċiż fid-dawl tal-għan imfittex mill-miżura inkwistjoni. Barra minn hekk, l-operaturi ta' strumenti oħra ta' flessibbiltà mhumiex f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli.

(153) Fl-aħħar nett, Géométhane tispjega li l-miżura inkwistjoni ma għandhiex effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

##### 5.1.1.2. Il-kompatibbiltà tal-għajnuna

(154) Jekk il-miżura inkwistjoni kellha tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat, din ikollha titqies kompatibbli mar-regolamentazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, skont Géométhane. Effettivament, il-miżura inkwistjoni tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni tas-sigurtà tal-enerġija. Barra minn hekk, din hija meħtieġa u xierqa biex jintlaħaq dan l-għan, fid-dawl tal-analiżi ta' miżuri alternattivi.

(155) L-introduzzjoni tal-miżura inkwistjoni għandha effett ta' inċentiv peress li, fin-nuqqas ta' tali miżura, il-proporzjonijiet żgħar ta' sottoskrizzjoni għall-kapaċità ta' ħażna u t-tnaqqis fl-introjtu mill-kampanji ta' sottoskrizzjoni b'riżultat ta' tnaqqis fil-firxa kienu jwasslu lill-operaturi tal-ħażna biex jissospendu, jew saħansitra jagħlqu b'mod definittiv, infrastrutturi essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali fi Franza.

(156) Il-kalkolu tad-dħul awtorizzat ibbażat fuq il-metodu ta' valutazzjoni tal-BAR ibbażat fuq il-kostijiet ekonomiċi kurrenti huwa ġġustifikat u proporzjonat, minħabba li:

— il-BAR kien suġġett għal valutazzjoni ekonomika indipendenti matul l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju permezz ta' awditu estern imwettaq mid-ditta ta' konsulenza […];

— il-BAR inizjali propost mill-operaturi ma ġiex ikkunsidrat mis-CRE;

— il-metodoloġija tal-kostijiet ekonomiċi kurrenti hija bbażata fuq il-valur kontabilistiku gross tal-assi għall-valutazzjoni tal-BAR;

— il-metodoloġija tippermetti li jiġu riflessi l-ispejjeż tas-sostituzzjoni tal-assi netti mid-deprezzament;

— il-metodoloġija tiġi applikata għat-tariffi tal-infrastrutturi kollha rregolati fi Franza;

— il-metodoloġija tiġi applikata minn kważi r-regolaturi Ewropej kollha.

---

([53]) *Rapport technico-économique établi consécutivement à l'ouverture par la Commission européenne d'une enquête concernant les conditions de régulation des stockages de gaz naturel en France,* […] it-12 ta' Ġunju 2020.

(157) Alternattivament, valutazzjoni tal-BAR fuq il-bażi tal-valur tas-suq irrappreżentat mill-firxiet ma tkunx rilevanti peress li ma tkoprix l-ispejjeż tal-operaturi, li jmur kontra l-prinċipju tal-kopertura tal-ispejjeż tad-Direttiva 2009/73/KE. Għalhekk, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-valur tas-suq jipperikola l-mekkaniżmu regolatorju mfassal biex jiżgura li l-infrastrutturi tal-ħażna essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' trażmissjoni jinżammu operattivi. Barra minn hekk, hemm riskju ta' rimunerazzjoni żejda fil-każ ta' żieda fil-firxa. Il-valur tal-BAR miksub mis-CRE huwa konsistenti mal-valur tas-suq tal-infrastrutturi għal żmien twil u medju.

(158) Ma kienx ikun rilevanti li jiġi vvalutat jekk id-dħul iġġenerat qabel id-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu regolatorju kienx ippermetta li jiġu koperti l-ispejjeż tal-investiment inizjali tagħhom peress li l-inklużjoni ta' dak id-dħul f'dik il-valutazzjoni tmur kontra l-prattiki tar-regolaturi Ewropej, li kienu kumplessi u mhux affidabbli.

(159) Fl-aħħar nett, għandhom jittieħdu miżuri biex jillimitaw il-prospetti ta' profitt tal-operaturi (jiġifieri l-kost medju ponderat tal-kapital, il-limitazzjoni effiċjenti tal-ispejjeż tal-operaturi tal-infrastrutturi tal-ħażna u regolamentazzjoni tal-inċentivi).

(160) Alternattivament, Géométhane tinnota wkoll li l-valur tal-BAR użat mis-CRE jikkorrispondi għall-valur ta' tranżazzjoni reċenti. Fl-2016, 98 % tal-ishma ta' Géosud, li hija stess għandha 50 % tal-ishma ta' Géométhane, ġew ittrasferiti minn Total, Ineos u Géostock lill-kumpanija CNP Assurances għal ammont ta' […]. Għalhekk huwa possibbli li jiġi kkalkulat il-valur totali ta' Géométhane stmat mill-akkwirent fil-mument ta' dak it-trasferiment, jiġifieri […] ([54]) (flimkien ma' […] flus kontanti disponibbli, jiġifieri total ta' madwar […]). Skont Géométhane, dan il-valur tas-suq huwa konsistenti […] mal-valur tal-BAR meqjus mis-CRE fl-2018, ta' EUR 188,9 miljun, miżjud bl-assi fissi taħt kostruzzjoni […].

(161) Il-miżura inkwistjoni tipprevjeni l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Effettivament:

— ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri tal-gass naturali Franċiżi u l-fornituri tal-gass naturali barranin. Il-metodu ta' rkantar tas-servizzi ta' ħażna jiżgura trattament ugwali għall-fornituri tal-gass naturali Franċiżi u barranin. Barra minn hekk, il-metodu ta' finanzjament tal-kumpens għall-ħażna previst mill-mekkaniżmu regolatorju jiżgura trattament ugwali bejn il-fornituri barranin u l-fornituri Franċiżi. Il-fornituri barranin ma jibbenefikawx minn prezzijiet aktar baxxi meta mqabbla mal-fornituri Franċiżi;

— barra minn hekk, ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni meta mqabbla mal-operaturi tal-ħażna fil-pajjiżi ġirien. Mid-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu regolatorju, ir-rati tat-tagħbija qed jiżdiedu fl-Unjoni kollha u qed jilħqu livelli partikolarment għoljin;

— barra minn hekk, ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-ħażna u t-terminali tal-metan jew l-interkonnetturi minħabba nuqqas ta' sostitwibbiltà tat-terminali tal-metan u tal-interkonnetturi. Fil-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni dwar il-konċentrazzjonijiet, is-suq għall-ħażna tal-gass naturali ġie ddefinit bħala suq separat. Pjuttost, hemm kwistjoni ta' komplementarjetà bejn il-ħażna tal-gass naturali, it-terminali tal-metan u l-interkonnetturi.

5.1.2. *Storengy*

(162) Storengy tenfasizza l-effetti pożittivi tal-introduzzjoni tal-miżura fir-rigward tal-għan tas-sigurtà tal-enerġija. B'appoġġ għall-argumenti tagħha, Storengy ppreżentant rapport dettaljat lill-Kummissjoni ([55]).

5.1.2.1. L-eżistenza tal-għajnuna

(163) Il-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, skont Storengy, għal diversi raġunijiet.

([54]) Jiġifieri prezz tax-xiri (130,6)/(98 % × 50 %).

([55]) *Rapport technico-économique établi consécutivement à l'ouverture par la Commission européenne d'une enquête concernant les conditions de régulation des stockages de gaz naturel en France*, […] it-12 ta' Ġunju 2020.

(164) L-ewwel nett, Storengy tinnota n-nuqqas ta' finanzjament mir-riżorsi tal-Istat minħabba li l-ispiża tal-ħażna ma tistax tiġi kklassifikata bħala kontribuzzjoni obbligatorja, li t-trasferiment tar-riżorsi jseħħ biss bejn operaturi privati (il-fornituri tal-gass naturali u l-operaturi tal-ħażna), li l-kontroll mill-Istat fuq il-fondi huwa limitat, il-miżura inkwistjoni ma tnaqqasx il-baġit tal-Istat, u li din tal-aħħar tipprevedi obbligu li tinżamm l-infrastruttura essenzjali tal-ħażna koperta mill-iskema mill-operaturi.

(165) Barra minn hekk, il-miżura inkwistjoni ma tistax titqies bħala vantaġġ selettiv mogħti lill-operaturi tal-ħażna attivi fit-territorju Franċiż meta mqabbla ma' dawk li jinsabu barra mill-pajjiż, peress li dawn ma jinsabux f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli ma' dik tal-operaturi tal-ħażna stabbiliti fit-territorju Franċiż fid-dawl tal-għan imfittex mill-miżura. Barra minn hekk, l-operaturi ta' strumenti oħra ta' flessibbiltà mhumiex f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli.

(166) Fl-aħħar nett, Storengy tispjega li l-miżura inkwistjoni ma għandhiex effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

#### 5.1.2.2. Il-kompatibbiltà tal-għajnuna

(167) Jekk il-miżura inkwistjoni kellha tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat, din ikollha titqies kompatibbli mar-regolamentazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, skont Storengy. Effettivament, il-miżura tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni tas-sigurtà tal-enerġija. Barra minn hekk, il-miżura inkwistjoni hija meħtieġa u xierqa biex jintlaħaq dan l-għan, fid-dawl tal-analiżi ta' miżuri alternattivi.

(168) L-introduzzjoni tal-miżura inkwistjoni għandha effett ta' inċentiv peress li, fin-nuqqas tagħha, il-proporzjonijiet żgħar ta' sottoskrizzjoni għall-kapaċità ta' ħażna u t-tnaqqis fl-introjtu mill-kampanji ta' sottoskrizzjoni b'riżultat ta' tnaqqis fil-firxa kienu jwasslu lill-operaturi tal-ħażna biex jissospendu, jew saħansitra jagħlqu b'mod definittiv, infrastrutturi essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali fi Franza.

(169) Il-kalkolu tad-dħul awtorizzat ibbażat fuq il-metodu ta' valutazzjoni tal-bażi tal-assi regolati bbażat fuq il-kostijiet ekonomiċi kurrenti huwa ġġustifikat u proporzjonat, minħabba li:

— il-BAR kien suġġett għal valutazzjoni ekonomika indipendenti matul l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju permezz ta' awditu estern imwettaq mid-ditta ta' konsulenza […];

— il-BAR inizjali propost mill-operaturi ma ġiex ikkunsidrat mis-CRE;

— il-metodoloġija tal-kostijiet ekonomiċi kurrenti hija bbażata fuq il-valur kontabilistiku gross tal-assi għall-valutazzjoni tal-BAR;

— il-metodoloġija tippermetti li jiġu riflessi l-ispejjeż tas-sostituzzjoni tal-assi netti mid-deprezzament;

— il-metodoloġija tiġi applikata għat-tariffi tal-infrastrutturi kollha rregolati fi Franza;

— il-metodoloġija tiġi applikata minn kważi r-regolaturi Ewropej kollha.

(170) Alternattivament, valutazzjoni tal-BAR fuq il-bażi tal-valur tas-suq irrappreżentat mill-firxiet ma tkunx rilevanti peress li ma tkoprix l-ispejjeż tal-operaturi, li jmur kontra l-prinċipju tal-kopertura tal-ispejjeż tad-Direttiva 2009/73/KE. Għalhekk, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-valur tas-suq jipperikola l-mekkaniżmu regolatorju mfassal biex jiżgura li l-infrastrutturi tal-ħażna essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' trażmissjoni jinżammu operattivi. Barra minn hekk, hemm riskju ta' rimunerazzjoni żejda fil-każ ta' żieda fil-firxa. Il-valur tal-BAR miksub mis-CRE huwa konsistenti mal-valur tas-suq tal-infrastrutturi għal żmien twil u medju.

(171) Ma kienx ikun rilevanti li jiġi vvalutat jekk id-dħul iġġenerat qabel id-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu regolatorju kienx ippermetta li jiġu koperti l-ispejjeż tal-investiment inizjali tagħhom, peress li l-inklużjoni ta' dak id-dħul f'dik il-valutazzjoni tmur kontra l-prattiki tar-regolaturi Ewropej, li kienu kumplessi u mhux affidabbli.

(172) Fl-aħħar nett, għandhom jittieħdu miżuri biex jillimitaw il-prospetti ta' profitt tal-operaturi (jiġifieri, il-kost medju ponderat tal-kapital, il-limitazzjoni effiċjenti tal-ispejjeż tal-operaturi tal-infrastrutturi tal-ħażna u regolamentazzjoni tal-inċentivi).

(173) Il-miżura inkwistjoni tipprevjeni l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Effettivament:

— ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri tal-gass naturali Franċiżi u l-fornituri tal-gass naturali barranin. Il-metodu ta' rkantar tas-servizzi ta' ħażna jiżgura trattament ugwali għall-fornituri tal-gass naturali Franċiżi u barranin. Barra minn hekk, il-metodu ta' finanzjament tal-kumpens għall-ħażna previst mill-mekkaniżmu regolatorju jiżgura trattament ugwali bejn il-fornituri barranin u l-fornituri Franċiżi. Il-fornituri barranin ma jibbenefikawx minn prezzijiet aktar baxxi meta mqabbla mal-fornituri Franċiżi;

— barra minn hekk, ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-operaturi tal-ħażna fil-pajjiżi ġirien. Mid-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu regolatorju, ir-rati tat-tagħbija qed jiżdiedu fl-Unjoni kollha u qed jilħqu livelli partikolarment għoljin;

— barra minn hekk, ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-ħażna u t-terminali tal-metan jew l-interkonnetturi, minħabba nuqqas ta' sostitwibbiltà tat-terminali tal-metan u tal-interkonnetturi. Fil-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni dwar il-konċentrazzjonijiet, is-suq għall-ħażna tal-gass naturali ġie ddefinit bħala suq separat. Pjuttost, hemm kwistjoni ta' komplementarjetà bejn il-ħażna tal-gass naturali, it-terminali tal-metan u l-interkonnetturi.

5.1.3. *Teréga*

(174) Teréga tenfasizza li l-għan ewlieni tar-riforma tal-ħażna huwa s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali lil Franza, li kienet mhedda qabel ma daħal fis-seħħ il-mekkaniżmu regolatorju.

5.1.3.1. L-eżistenza tal-għajnuna

(175) Teréga tqis li l-miżura ma tikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat. Teréga tosserva li sistemi regolatorji bbażati fuq il-prinċipju ta' kopertura tal-ispejjeż ta' operatur effiċjenti u ta' dħul normali fuq il-kapital investit huma komuni fl-Unjoni, iżda mhumiex meqjusa bħala għajnuna mill-Istat.

(176) L-ewwel nett, Teréga tqis li l-miżura inkwistjoni hija sempliċiment strument ta' regolamentazzjoni tariffarja li ma huwiex iffinanzjat permezz ta' riżorsi tal-Istat. Effettivament, din ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Istat u ma tagħti lok għal ebda spiża żejda li trid tiġi ttrasferita lill-klijenti finali. Barra minn hekk, l-Istat Franċiż ma jeżerċita kontroll pubbliku la fuq il-fondi miġbura mit-TSOs u lanqas fuq it-TSOs infushom, li huma intrapriżi rregolati mid-dritt privat ikkontrollati minn azzjonisti prinċipalment privati.

(177) Sussegwentement, Teréga tqis li l-miżura inkwistjoni ma tagħti ebda vantaġġ selettiv lill-operaturi kkonċernati. Il-mekkaniżmu regolatorju huwa bbażat fuq irkantijiet, li jinkludi wkoll inċentivi ta' effiċjenza u għodda ta' regolarizzazzjoni *ex post* għall-ispejjeż u l-introjtu kollu. Barra minn hekk, in-natura simetrika tal-mekkaniżmu regolatorju tfisser li l-operaturi tal-ħażna mhux neċessarjament jirċievu kumpens iżda jistgħu, għall-kuntrarju, jiġu mġiegħla jħallsu lura l-ħlas żejjed.

(178) Barra minn hekk, fir-rigward tal-kriterju ta' selettività, Teréga tqis li s-sitwazzjoni tal-operaturi barranin ma tikkostitwixxix element ta' evalwazzjoni rilevanti fid-dawl ta' dan il-kriterju. L-operaturi tal-ħażna jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali differenti f'ħafna aspetti minn dik tal-operaturi tat-terminali tal-metan u tal-operaturi tal-interkonnetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-għan tas-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali fi Franza.

(179) Fl-aħħar nett, Teréga tispjega li l-miżura inkwistjoni ma għandhiex effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-kapaċitajiet ta' ħażna għandhom jiġu rkantati skont mekkaniżmu tas-suq li ma jiddiskriminax kontra l-operaturi li jinsabu fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet u tal-prattiki antikompetittivi dejjem iddefinixxiet suq rilevanti għall-ħażna tal-gass naturali ta' livell li ma jmurx lil hinn minn dak nazzjonali, mingħajr qatt ma kkonkludiet li jeżisti suq iktar wiesa', kemm mill-perspettiva tas-servizzi inkwistjoni kif ukoll mill-perspettiva ġeografika. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-infrastrutturi tal-gass huma rregolati ħafna huwa inkompatibbli mal-identifikazzjoni ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-gass naturali.

5.1.3.2. Il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern:

(180) Jekk wieħed jassumi li l-mekkaniżmu regolatorju jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, li mhuwiex il-każ, Teréga ssostni li l-mekkaniżmu regolatorju jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha għall-kompatibbiltà mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(181) Teréga tqis li l-miżura inkwistjoni ssegwi l-għan ta' interess komuni għas-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali lil Franza. Billi jżid il-volumi ta' gass naturali disponibbli fis-siti tal-ħażna, il-mekkaniżmu regolatorju jfittex li jikseb livell preċiż u kwantifikabbli ta' sigurtà tal-forniment. Barra minn hekk, il-miżura inkwistjoni tikkorrispondi għal intervent neċessarju mill-Istat, ibbażat fuq analiżi raġonevoli, li twieġeb għal nuqqasijiet tas-suq identifikati sew, bħan-nuqqas ta' kapaċità tal-klijenti finali li jindikaw il-valur li jassenjaw lis-sigurtà tal-forniment (bħall-valur tal-assigurazzjoni jew il-valur tas-sistema). Barra minn hekk, Teréga tenfasizza li l-miżura inkwistjoni hija strument xieraq għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-forniment fit-territorju Franċiż, mhux biss fir-rigward tal-miżuri l-oħra ta' flessibbiltà disponibbli, iżda wkoll fir-rigward ta' tipi oħra ta' regolamentazzjoni tal-ħażna.

(182) Teréga tikkontesta r-raġunament tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ dwar il-proporzjonalità tal-miżura inkwistjoni. Il-mekkaniżmu regolatorju jillimita l-ammont ta' għajnuna allegata għall-minimu meħtieġ. Il-mekkaniżmu regolatorju huwa effettivament ibbażat fuq il-prinċipju ta' kopertura tal-ispejjeż ta' "operatur effiċjenti", fuq il-limitu massimu tad-dħul tal-operaturi tal-ħażna u fuq inċentivi integrati għall-operaturi biex jiżguraw l-effiċjenza fin-nefqa operattiva tagħhom. Barra minn hekk, is-CRE wettqet valutazzjoni indipendenti tal-ispejjeż. Meta għamlet dan, is-CRE żgurat li kienu koperti biss l-ispejjeż aċċettabbli. Is-CRE straħet ukoll fuq serje ta' studji ekonomiċi oġġettivi, kontemporanji u kredibbli mwettqa minn esperti indipendenti sabiex jivvalutaw l-assi regolati. Il-metodu tal-evalwazzjoni tal-assi użat mis-CRE huwa konsistenti f'dan ir-rigward u huwa konformi mal-prattika ta' regolaturi Ewropej oħra. Għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, Teréga tqis li l-inklużjoni tad-dħul li sar qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolamentazzjoni fil-valur tal-bażi tal-assi regolati ma tkunx neċessarjament kompluta fin-nuqqas ta' *data* disponibbli u, fi kwalunkwe każ, tista' tmur kontra l-prinċipji ġenerali tal-liġi. Barra minn hekk, ix-xogħol tas-CRE jikkonċerna kemm l-ispejjeż operattivi kif ukoll il-valutazzjoni tal-assi tal-operaturi tal-ħażna li saru pubbliċi b'mod sistematiku fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar it-tariffi, biex b'hekk jiġi żgurat li l-miżura tkun trasparenti.

(183) Fl-aħħar nett, Teréga tqis li l-miżura inkwistjoni ma tikkawżax distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri tal-gass naturali li jinsabu fi Franza u dawk barra mill-pajjiż. Il-miżura inkwistjoni mhijiex diskriminatorja. Il-fornituri kollha tal-bejgħ bl-imnut jistgħu jixtru l-kapaċitajiet fis-siti tal-ħażna Franċiżi permezz ta' rkantijiet. Barra minn hekk, il-fornituri kollha tal-bejgħ bl-imnut li jfornu lill-klijenti Franċiżi jħallsu tariffi ATRT, u b'hekk jappoġġaw il-mekkaniżmu ta' kumpens. Il-miżura għandha wkoll effetti pożittivi fuq is-swieq bl-imnut tal-gass naturali billi tillimita l-perjodi ta' stress u r-riskji ta' konġestjoni tan-netwerk. It-tieni nett, il-miżura lanqas ma tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-operaturi tal-LNG u l-operaturi tal-interkonnetturi. Dawn l-atturi, li huma wkoll fil-biċċa l-kbira suġġetti għal mekkaniżmi regolatorji fuq id-dħul tagħhom, ma jitqiegħdux f'relazzjoni kompetittiva mal-operaturi tal-ħażna, iżda pjuttost f'waħda komplementarja mal-għan tas-sigurtà tal-forniment. Il-miżura inkwistjoni ma tiffavorixxix sors wieħed ta' forniment ta' gass naturali minflok ieħor u ma tipprojbixxix jew tiskoraġġixxi l-użu ta' dawn l-istrumenti komplementari bħall-interkonnetturi u t-terminali tal-metan. Pereżempju, ir-rati ta' sottoskrizzjoni tal-kapaċità fit-terminali tal-metan Ewropej f'dawn l-aħħar snin juru din ix-xejra. Fl-aħħar nett, il-miżura inkwistjoni ma tikkawżax distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-operaturi tal-ħażna barranin. Dawn tal-aħħar ma jistgħux jiġu ppenalizzati bl-irkantijiet, li jiddependu fuq mekkaniżmu bbażat fuq is-suq, u, fil-prattika, l-introduzzjoni tal-miżura inkwistjoni ma xekklitx iż-żieda ġenerali fir-rati ta' sottoskrizzjoni fl-istokk fl-Ewropa.

## 5.2. **Kummenti minn partijiet ikkonċernati oħrajn**

### 5.2.1. *Association française indépendante de l'électricité et du gaz ("AFIEG")* [56]

(184) L-AFIEG ikkummentat dwar il-metodu ta' valutazzjoni tal-assi ta' ħażna u l-kamp ta' applikazzjoni tal-assi ta' ħażna meħtieġa f'termini ta' volum u fluss biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment.

(185) L-AFIEG tindika li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li pprevalew qabel ir-riforma minħabba n-nuqqas ta' trasparenza tas-sistema preċedenti ġew eliminati.

[56] L-AFIEG tiġbor flimkien kumpaniji Franċiżi u sussidjarji tal-operaturi Ewropej tal-elettriku u tal-gass: Alpiq Energie France, BKW France, Endesa, Fortum France, Gazprom Energy, Total Direct Energie, Gazel Energie, Vattenfall. Enovos u Primeo Energie huma membri assoċjati.

(186) Fir-rigward tal-metodu ta' valutazzjoni tal-bażi tal-assi regolati, l-AFIEG ma għandhiex ċifri preċiżi biex tivvalida l-valutazzjoni użata mis-CRE, iżda tqis li l-valur ekonomiku tas-suq għandu jkun preferut fuq il-valur kontabilistiku tas-suq. Din l-għażla tippermetti li tiġi rrappreżentata l-ħażna f'mument speċifiku aktar milli perspettiva aktar storika. Barra minn hekk, l-AFIEG tqis li l-valutazzjoni tal-cushion gas jidher li huwa komponent fundamentali tal-valutazzjoni tal-assi tal-ħażna u titlob, konsegwentement, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-impatt finanzjarju tal-għażla tar-regoli ta' deprezzament tal-cushion gas fuq il-valur globali tal-BAR. Fl-aħħar nett, l-AFEIG tenfasizza li l-attività tal-operaturi tal-ħażna ma tesponihomx għal riskji iktar sinifikanti minn dawk tal-operaturi tan-netwerks ta' trażmissjoni. Għalhekk, ir-rata ta' rimunerazzjoni tal-BAR meqjusa għall-operaturi tal-ħażna ma għandhiex tkun ogħla minn dik tat-TSOs.

(187) L-AFIEG tqis li l-kamp ta' applikazzjoni tal-assi tal-ħażna meħtieġa f'termini ta' volum u fluss, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment, għandu jitnaqqas mill-awtoritajiet Franċiżi sabiex jiġi massimizzat il-proporzjon kostijiet-benefiċċji tal-ħażna għall-konsumaturi. Effettivament, l-amministrazzjoni Franċiża stabbiliet l-istokkjiet minimi ta' gass naturali meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment għal 1 990 GWh/d bir-rata ta' estrazzjoni u 64 TWh fil-volum ([57]) filwaqt li l-lista stabbilita mid-Digriet dwar il-PPE matul il-perjodu 2023-2028 tqis 2 376 GWh/d f'rata ta' estrazzjoni u 138,5 TWh f'volum. L-AFIEG tqis li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Digriet dwar il-PPE huwa kbir iżżejjed fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ħażna sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-forniment fi Franza. Il-perimetru għandu għalhekk jiġi vvalutat mill-ġdid 'l isfel sabiex ma jinħolqux spejjeż addizzjonali għall-konsumaturi finali u żvantaġġ għall-kapaċitajiet l-oħra ta' flessibbiltà tal-gass naturali. Barra minn hekk, l-AFIEG jinnota li l-livell tal-kopertura tar-riskju ta' inadempjenza magħżul mill-awtoritajiet pubbliċi Franċiżi huwa eċċessiv, stabbilit għal 2 %, meta mqabbel mal-livell ta' 5 % stabbilit fil-pajjiżi ġirien.

### 5.2.2. *Association française du gaz ("AFG")* ([58])

(188) L-AFG tqis li l-qafas regolatorju għall-ħażna tal-gass naturali introdott mill-awtoritajiet Franċiżi b'effett mill-1 ta' Jannar 2018 huwa virtuż.

(189) L-AFG tqis ukoll li l-miżura inkwistjoni hija bbażata fuq il-prinċipju ta' regolazzjoni skont l-ispejjeż u wasslet għal valutazzjoni effiċjenti u proporzjonata tal-assi. L-AFG issostni li dan il-prinċipju ta' regolazzjoni tal-ispejjeż huwa applikat mill-parti l-kbira tal-awtoritajiet regolatorji u japplika għall-attivitajiet ta' trażmissjoni, distribuzzjoni ta' gass naturali u terminali tal-metan fi Franza.

(190) Skont l-AFG, metodu li juża l-prezzijiet tas-suq aktar milli l-ispejjeż ta' "operaturi effiċjenti" seta' wassal għal qafas regolatorju li jvarja u potenzjalment imbiegħed mill-aħjar kundizzjonijiet ekonomiċi: effettivament, fil-każ ta' firxiet mhux favorevoli, il-metodu ma jiżgurax li l-ispejjeż tal-operaturi li potenzjalment iqegħduhom f'sitwazzjoni kritika jkunu koperti. Min-naħa l-oħra, kieku l-firxiet tas-suq kienu jkunu favorevoli ħafna, id-dħul tal-operaturi kien ikun għoli wisq u mbiegħed mill-aħjar valur għall-klijenti tal-ħażna.

(191) Skont l-AFG, ir-regolamentazzjoni tal-ħażniet Franċiżi ma kinitx toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-infrastrutturi l-oħra tal-gass naturali fi Franza, it-terminali tal-metan fi Franza u fl-Unjoni Ewropea jew l-operaturi tal-ħażna fl-Unjoni Ewropea. Fir-rigward tat-terminali tal-metan, l-AFG tinnota li l-volumi ta' LNG importati fi Franza rduppjaw fi żmien sentejn minn 9,6 $Gm^3$ fl-2017 għal 21,5 $Gm^3$ fl-2019. L-AFG issemmi wkoll li proġetti għall-iżvilupp ta' terminali tal-metan bħalissa qed jiġu studjati fil-Ġermanja. Fir-rigward tal-operaturi tal-ħażna fl-Ewropa, l-AFG tenfasizza li r-rati tat-tagħbija fil-ħażna fil-Ġermanja, fin-Netherlands u fil-Belġju żdiedu bejn l-2018 u l-2019 u laħqu livell ta' mill-inqas 95 % fl-Ewropa tal-Punent sal-1 ta' Novembru 2019.

### 5.2.3. *Association nationale des opérateurs détaillants en énergie ("ANODE")* ([59])

(192) Skont l-ANODE, ir-regolamentazzjoni tal-ħażna Franċiża tippermetti li tiġi rrikonċiljata x-xewqa tal-fornituri li jkollhom regoli tas-suq għall-kummerċjalizzazzjoni tal-kapaċitajiet ta' ħażna ma' mekkaniżmu regolat li jiggarantixxi s-sigurtà tal-forniment.

---

([57]) L-Ordni tat-13 ta' Marzu 2018 dwar il-ħażniet minimi ta' gass naturali biex tiġi garantita s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali mill-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Marzu 2019.

([58]) L-AFG hija t-trejdjunjin professjonali tal-industrija tal-gass Franċiża. Il-membri sħaħ huma EDF, ENGIE, France Gas Liquides, Gazprom, GRDF, GRTgaz, Teréga, Total. Il-membri assoċjati, il-membri msieħba u l-membri korporattivi għandhom jiżdiedu mal-membri sħaħ.

([59]) L-ANODE tirrappreżenta fornituri tal-enerġija alternattiva fi Franza. Il-membri tal-assoċjazzjoni huma EkWateur, Enercoop, Energie d'ici, Eni Gas & Power France, Greenyellow, Gaz Européen, Planète OUI, Plüm Energie, SAVE, Total Direct Energie, Vattenfall u Wekiwi.

(193) Barra minn hekk, l-ANODE tqis li huwa essenzjali li l-għan ta' sottoskrizzjoni u tagħbija tal-ħażna kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-assi kkunsidrati għall-finijiet tas-sigurtà tal-forniment fil-mekkaniżmu ta' kumpens jiġu riveduti regolarment biex jiġi żgurat li jikkorrispondu mal-ħtiġijiet attwali. Dan il-punt huwa aktar u aktar importanti, skont l-ANODE, peress li Franza assumiet tnaqqis ta' 2 % fil-konsum tal-gass naturali, minbarra l-produzzjoni tal-elettriku, […].

(194) Fir-rigward tal-proporzjonalità, l-ANODE tqis li s-CRE għandha tikkunsidra l-ksib tal-esperjenza dwar l-ispejjeż u l-operazzjoni tal-ħażniet u t-tnaqqis tar-riskju fuq l-operaturi tal-ħażna. Hija tqis li r-rimunerazzjoni tal-BAR tal-operaturi tal-ħażna jenħtieġ li tkun allinjata ma' dik tat-TSOs.

5.2.4. *Commission de Régulation de l'Électricité et du Gaz ("CREG")* ([60])

(195) Is-CREG tqis li ma hemmx prova li l-kapaċità kollha tal-ħażna fi Franza hija meħtieġa f'kull ħin biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali. Parti minn dan il-gass naturali, li jista' jkun sinifikanti, jintuża minn noleġġaturi biex jagħmlu qligħ mill-ispekulazzjoni dwar id-differenzi fil-prezzijiet tal-gass naturali bejn is-sajf u x-xitwa. Il-mekkaniżmu ta' kumpens jista' għalhekk ikun ukoll mezz bla ħlas għall-kerrejja biex jagħmlu qligħ kapitali fuq il-gass naturali. Dan jagħti vantaġġ kompetittiv lin-noleġġaturi attivi fi Franza li ma jgawdux minnhom noleġġaturi minn pajjiżi ġirien.

(196) Il-Belġju għandu faċilità waħda biss għall-ħażna tal-gass naturali, is-sit ta' Loenhout, li huwa operat minn Fluxys Belgium ([61]). Is-CREG tqis li dan is-sit huwa f'kompetizzjoni ma' siti oħra ta' ħażna fil-Majjistral tal-Unjoni.

(197) Għalkemm il-firxa bejn il-prezzijiet tal-gass tax-xitwa u tas-sajf għall-gass naturali baqgħet baxxa fl-2017 u l-2018, in-nuqqas ta' disponibbiltà tal-akbar faċilità ta' ħażna fir-Renju Unit wassal għal żieda fil-prenotazzjoni tal-kapaċità tal-ħażna fis-suq tal-Majjistral tal-UE. Dan jispjega r-rata tat-tagħbija ta' 87 % u 84 % ta' Loenhout fl-istaġuni 2016/2017 u 2017/2018.

(198) Madankollu, il-fattur tat-tagħbija għall-istaġun 2018/2019 kien baxx, sa mhux aktar minn 54 %, filwaqt li l-fattur tat-tagħbija għall-EU-28 baqa' pjuttost stabbli. F'dan ir-rigward, is-CREG tinnota li l-fattur tat-tagħbija għall-ħażna fi Franza żdied minn 75 % għall-istaġun 2017/2018 għal 94 % għall-istaġun 2018/2019. Ir-rwol ta' Loenhout bħala sors ta' flessibbiltà ttieħed mill-faċilitajiet ta' ħażna Franċiżi, li setgħu jibbenefikaw minn tariffi baxxi ħafna bis-saħħa ta' qafas regolatorju ta' appoġġ ġdid. Is-CREG iqis li l-impatt tal-introduzzjoni tal-mekkaniżmu Franċiż ta' kumpens fuq Loenhout kien għalhekk sinifikanti ħafna: il-parteċipanti fis-suq b'kuntratti eżistenti fit-tul biss baqgħu attivi f'Loenhout. Is-CREG tqis li l-mekkaniżmu ta' kumpens Franċiż jobbliga lill-operaturi ta' ħażna ġirien ibigħu l-kapaċitajiet ta' ħażna tagħhom bi jew inqas mill-ispiża marġinali tagħhom.

(199) Barra minn hekk, is-CREG tindika li r-rata tat-tagħbija għall-istaġun 2019/2020 hija eċċezzjonali, kemm għall-Belġju (97 %) kif ukoll għall-EU-28 (97 %). Din ir-rata kienet minħabba prezzijiet tal-gass naturali baxxi ħafna fis-sajf tal-2019 u firxa sinifikanti.

(200) Is-CREG tikkonkludi li għalhekk ma jistax jiġi eskluż li l-mekkaniżmu ta' kumpens li japplika fi Franza jwassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-faċilitajiet tal-ħażna fit-territorju Franċiż u dawk tal-Istati Membri ġirien, bejn il-parteċipanti tas-suq attivi fis-suq Franċiż u dawk attivi fl-Istati Membri ġirien u bejn l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali u l-operaturi tal-LNG u l-operaturi tal-interkonnetturi.

([60]) Is-CREG hija r-regolatur tal-elettriku u l-gass fil-Belġju.

([61]) Is-sit għandu kapaċità ta' ħażna ta' 780 miljun metru kubu (li jikkorrispondu għal 9 TWh).

5.2.5. *[…]* ([62])

(201) […] iqis li huwa imperattiv li jinbena stokk ta' gass naturali sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment fi żmien qasir u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni implimentati fl-2018 jidhru li huma rilevanti. Peress li l-volum ta' ħażna meħtieġ għas-sigurtà tal-forniment huwa akbar mill-volum "ekonomiku" li s-suq jenfasizza b'mod spontanju, huwa meħtieġ li jiġi kkomplementat id-dħul tal-operaturi tal-ħażna.

(202) Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni regolat għandu jkun limitat għall-kapaċitajiet ta' ħażna strettament meħtieġa għas-sigurtà tal-forniment. Dan huwa importanti biex jiġi żgurat li l-konsumaturi finali ma jġarrbux spejjeż eċċessivi. Kamp ta' applikazzjoni kbir iżżejjed jista' wkoll ikun ta' żvantaġġ għall-ħażniet fi Stat Membru ieħor u jkollu impatt fuq it-terminali tal-metan u l-interkonnetturi.

(203) […] jaċċetta li huwa kumpless li jiġi ddeterminat b'mod preċiż il-volum tal-ħażna meħtieġ għas-sigurtà tal-forniment. Madankollu, […] iqis li l-integrazzjoni tal-ħażniet kollha taħt l-art fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ħażniet meħtieġa tista' tkun meħtieġa għas-sigurtà tal-forniment. Fid-dawl tal-iżviluppi reċenti, […] iqis li x-xenarji magħżula minn Franza jistgħu jwasslu għal użu akbar tar-riżorsi tal-LNG b'mod partikolari, li jwassal għal tnaqqis fil-volum meħtieġ għas-sigurtà tal-forniment.

(204) […] jiddubita wkoll l-għażla magħmula biex il-kamp ta' applikazzjoni regolat jiġi limitat biss għall-kapaċitajiet ta' ħażna taħt l-art, b'mod partikolari peress li l-leġiżlazzjoni Franċiża tirrikonoxxi l-eżistenza ta' ħażniet fit-terminali tal-metan u tqis li dawk l-istokkijiet jistgħu jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali.

(205) Għal żmien medju u fit-tul, […] jistenna li Franza tiġġestixxi d-dekummissjonar ta' xi wħud mill-infrastrutturi tal-gass tagħha. Għalhekk, anki jekk iż-żieda fil-kapaċitajiet ta' importazzjoni twassal għal tnaqqis fil-volum li għandu jinħażen sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment, din l-alternattiva fl-aħħar mill-aħħar tista' tkun għalja ħafna. Konsegwentement, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment, l-użu tal-ħażniet eżistenti jidher aktar rilevanti mill-bini ta' kapaċità ġdida ta' importazzjoni.

5.2.6. *Federazzjoni Ewropea tan-Negozjanti tal-Enerġija ("EFET")* ([63])

(206) L-EFET tappoġġja r-riforma implimentata mill-awtoritajiet Franċiżi fl-2018, li ppermettiet li jinħoloq suq tal-ħażna tal-gass naturali attraenti u kompetittiv fi Franza.

(207) Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajnuna, l-EFET ma tiddubitax mill-metodoloġija għall-kalkolu tal-valur bażi jew ir-rata ta' dħul mill-kapital, kif definit mis-CRE. Il-valur tal-assi regolati għandu jikkorrispondi għall-bażi tal-assi regolati u għal rata ta' rimunerazzjoni regolata.

(208) L-EFET ma tqisx li l-introduzzjoni tar-riforma setgħet ħolqot distorsjonijiet tal-kompetizzjoni: la bejn l-operaturi Franċiżi tal-ħażna tal-gass naturali u l-operaturi minn Stati Membri oħra, kif muri miż-żieda kostanti fil-parteċipazzjoni tal-operaturi fi Franza u barra l-pajjiż mill-2018, u lanqas bejn l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali u l-operaturi tat-terminal tal-LNG, peress li l-valur tas-suq tat-terminali tal-LNG ilu jiżdied mill-2018.

5.2.7. *Elengy* ([64])

(209) L-introduzzjoni tar-riforma ma naqqsitx b'mod artifiċjali l-inċentivi għall-użu tat-terminali tal-LNG. L-ewwel nett, l-operazzjonijiet tat-terminali ta' Elengy żdiedu minn meta ġiet implimentata l-miżura, u laħqu livelli rekord fl-2019 u l-2020.

(210) It-tieni nett, l-attrazzjoni tat-terminali tal-LNG hija affettwata minn ħafna fatturi: id-distakk bejn is-swieq tal-Unjoni u dawk Asjatiċi, it-tariffi, l-eżistenza ta' kuntratti fit-tul, il-profondità u l-likwidità tas-suq downstream, il-flessibbiltà tat-terminal, kif ukoll ir-regoli kummerċjali. Il-miżura dwar il-ħażna ma għandhiex impatt dirett fuq dawn il-fatturi ta' attrazzjoni, iżda kellha konsegwenzi indiretti u pożittivi. Ir-riforma tabilħaqq ikkontribwiet għall-massimizzazzjoni tal-kapaċità ta' ħażna tal-Unjoni billi żiedet il-profondità tas-suq tal-gass naturali tal-Unjoni għall-ħażna tal-gass naturali u t-tnaqqis tal-ispejjeż għall-konsumaturi meta d-domanda għall-gass naturali tkun għolja, u billi żiedet il-likwidità disponibbli fis-suq Franċiż.

([62]) […].
([63]) L-EFET tiġbor flimkien aktar minn 100 kumpanija ta' negozjar tal-enerġija, li joperaw f'aktar minn 28 pajjiż Ewropew.
([64]) Operatur tat-terminali tal-metan.

5.2.8. *Enovos* ([65])

(211) Enovos tqis li, fejn ikun hemm għadd suffiċjenti ta' atturi fis-sistema, is-suq ikun fl-aħjar pożizzjoni biex jiddefinixxi l-valur ta' assi. Il-mekkaniżmu attwali tal-irkant iwassal għal valutazzjoni ġusta tas-suq. Jekk is-sistema tal-irkant twassal għal rimunerazzjoni aktar baxxa jew għolja għal ċerti atturi, isiru aġġustamenti fl-irkantijiet tas-snin sussegwenti.

5.2.9. *Fluxys* ([66])

(212) Fluxys innotat li l-ħażna tal-gass naturali fl-Unjoni qed tiffaċċja sfidi sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, peress li huwa dejjem aktar diffiċli li jiġu koperti l-ispejjeż operattivi tal-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali. Għalhekk, sabiex ikun hemm reazzjoni għall-iżviluppi rapidi tas-suq, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mudell ekonomiku xieraq li jirrifletti l-valur tal-ħażna tal-gass naturali għas-sistema u l-kontribut tagħha għas-sigurtà tal-forniment. L-istabbiliment unilaterali ta' mekkaniżmi ta' appoġġ jista' joħloq distorsjonijiet tal-kompetizzjoni ma' Stati Membri oħra tal-UE. Għalhekk, għandu jiġi applikat mekkaniżmu ta' kumpens ibbażat fuq kriterji stretti għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

5.2.10. *Fédération nationale des mines et de l'énergie CGT ("FNME-CGT")* ([67])

(213) Skont l-FNME-CGT, ir-riforma tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza laħqet iż-żewġ objettivi li ġejjin: l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija bi spiża tajba għall-konsumatur u l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tan-netwerk ta' trażmissjoni biex jiġi żgurat it-trasport.

(214) L-FNME-CGT tqis li l-miżura inkwistjoni ma tistax tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat. Skont l-FNME-CGT, il-kumpens mhuwiex iffinanzjat minn riżorsi tal-Istat. Barra minn hekk, il-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixxix taxxa imposta b'mod vinkolanti mingħajr ħlas, bħal taxxa. Barra minn hekk, l-FNME-CGT targumenta li t-trasferiment tat-tariffa għall-użu tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-kont tal-konsumatur għall-gass naturali huwa obbligu biss għall-konsumaturi li jagħżlu li jibbenefikaw mit-tariffi rregolati u li la r-riżorsi li jirriżultaw mill-ispiża tal-ħażna u lanqas l-operaturi li jiġbru l-kumpens ma huma taħt il-kontroll tal-Istat.

(215) L-FNME-CGT ma tqisx li l-miżura inkwistjoni tagħti vantaġġ selettiv minħabba l-eżistenza ta' obbligi fuq l-operaturi tal-ħażna għaż-żamma operattiva ta' tali infrastrutturi. Barra minn hekk, ir-regolament jipprevedi li d-dħul żejjed jitħallas lura mill-operatur lill-operaturi tan-netwerks u għalhekk jikkonsisti f'telf ta' opportunità ekonomika.

(216) Jekk il-miżura inkwistjoni kellha tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat, din tkun kompatibbli mas-suq intern.

(217) L-FNME-CGT tqis li l-metodu ta' valutazzjoni tal-assi rregolati huwa proporzjonat mal-għan tas-sigurtà tal-forniment. L-istabbiliment ta' regolamentazzjoni tad-dħul tal-operaturi abbażi tal-ispejjeż ikkontrollati u approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali żgurat li l-konsumatur finali jħallas prezz definit minn qabel b'mod trasparenti.

(218) Barra minn hekk, il-metodu ta' valutazzjoni tal-BAR huwa applikat għat-tariffi tal-infrastrutturi kollha rregolati fi Franza, bl-eċċezzjoni tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Valutazzjoni bbażata fuq il-firxiet tas-sajf/xitwa ma setgħetx tikkoreġi l-fallimenti ta' suq li ma kienx kapaċi jirrifletti l-valur tal-assigurazzjoni tal-assi fil-prezzijiet. Barra minn hekk, il-proposti tal-BAR tal-operaturi kienu suġġetti għal awditu indipendenti b'mandat mis-CRE, li wassal għal tnaqqis fil-BAR inizjali miżmuma. Imbagħad, il-BAR inizjali jqis il-valur deprezzat tal-assi. Xi assi, deprezzati għalkollox, saħansitra ġew inkorporati fil-BAR b'valur żero u għalhekk ma jirċievu l-ebda rimunerazzjoni.

(219) Skont l-FNME-CGT, hemm elementi oħra li jippermettu li jiġi konkluż li l-miżura hija proporzjonata: ir-reviżjoni regolari tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament mill-PPE, il-kopertura tal-ispejjeż imġarrba mill-operaturi tal-infrastrutturi tal-gass sal-punt biss li dawn l-ispejjeż jikkorrispondu għal dawk ta' "operaturi effiċjenti", is-simetrija tal-kumpens li tevita kwalunkwe riskju ta' kumpens żejjed u l-fatt li r-regolament għandu l-għan li jimmassimizza s-sottoskrizzjoni tal-kapaċità ta' ħażna u d-dħul mill-irkant.

([65]) Operatur tas-suq fis-settur tal-enerġija.
([66]) Operatur tal-ħażna tal-gass fil-Belġju.
([67]) Federazzjoni ta' trejdjunjins Franċiżi affiljati ma' Confédération générale du travail (CGT).

(220) L-FNME-CGT tqis li l-miżura ma introduċietx effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. L-ewwel nett, il-kumpens imħallas minn kull fornitur huwa ddeterminat mill-karatteristiċi tal-konsum tiegħu irrispettivament minn jekk il-faċilitajiet tiegħu humiex ibbażati fit-territorju Franċiż jew f'pajjiż ġar, u b'hekk ma joħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri. It-tieni, il-ħażna mhijiex f'kompetizzjoni mal-LNG u l-interkonnetturi, li huma pjuttost komplementari. It-terminali tal-metan għandhom karatteristiċi tekniċi u restrizzjonijiet operattivi speċifiċi fil-katina tal-provvista tal-LNG. Filwaqt li l-ħażniet huma maħsuba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' konsum massimu, it-terminali tal-LNG u l-interkonnetturi tal-gass huma mod kif jiġu importati u diversifikati s-sorsi tal-forniment tal-gass naturali. Il-komplementarjetà tal-ħażniet u tat-terminali tal-metan ippermettew li jinħażen l-LNG importat bi prezz baxx fl-Unjoni għall-benefiċċju tal-utenti tal-gass naturali. It-tielet nett, il-miżura inkwistjoni ma tikkawżax distorsjoni fil-kompetizzjoni vis-à-vis l-operaturi tal-ħażna fi Stati Membri oħra, li jintwera mill-fatt li r-rati ta' sottoskrizzjoni u l-użu tal-ħażniet fl-Unjoni kollha żdiedu u laħqu livelli għoljin.

(221) Għall-kuntrarju tal-PPE, l-FNME-CGT ma tistmax li l-konsum tal-gass naturali se jonqos bi 2 % fis-sena, minħabba l-iżvilupp ta' użi ġodda tal-gass naturali. L-FNME-CGT tindika li ta' spiss jintesew il-kriterji tas-sigurtà tal-forniment fid-disinn tad-daqs tal-infrastrutturi, bħall-għajbien għal sitt xhur tas-sors ewlieni tal-forniment f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi medji.

5.2.11. *GRTgaz* ([68])

(222) Skont GRTgaz, in-netwerk u l-ħażniet ġew iddisinjati flimkien u t-tnejn huma indispensabbli biex ikopru d-domanda tax-xitwa. GRTgaz wettaq simulazzjonijiet fil-bidu tal-2018 li indikaw ħtieġa ta' ħażna minn 115 sa 125 TWh b'kunsiderazzjoni għax-xenarji klimatiċi tax-xitwiet reċenti. GRTgaz jindika wkoll li l-kapaċità massima tal-ħażna ta' 135 TWh mhijiex biżżejjed għal xitwa kiesħa b'quċċata kiesħa u mingħajr l-użu tal-LNG.

(223) Bejn l-2012 u l-2018, GRTgaz avża regolarment dwar il-problemi li jirriżultaw minn livelli ta' sottoskrizzjoni u ta' mili insuffiċjenti tal-ħażniet taħt l-art, u b'mod partikolari r-riskju għas-sigurtà tal-forniment u l-kontinwità tal-forniment. Barra minn hekk, GRTgaz iqis li l-ħolqien taż-żona unika ("TRF") fl-1 ta' Novembru 2018 saħħaħ ir-rwol tal-ħażniet fis-sistema tal-gass Franċiża.

5.2.12. *Hungarian Gas Storage* ([69])

(224) Il-ħażna tal-gass naturali hija garanzija u valur għas-sistema nnifisha, kif muri mill-istudji mwettqa mill-assoċjazzjoni *Gas Infrastructure Europe*. Dawn il-valuri mhumiex riflessi mill-prezz tas-suq ([70]). Għalhekk, hemm bżonn ta' intervent regolatorju ([71]) bħal dak introdott fi Franza. Is-sistema Franċiża bbażata fuq is-suq tiżgura kundizzjonijiet ekwi ma' sorsi oħra ta' flessibbiltà. Il-kumpens żejjed jiġi evitat peress li kull differenza bejn id-dħul regolat u d-dħul mis-suq tiġi rritornata. It-trasparenza tal-kumpens hija żgurata mill-modalitajiet definiti mis-CRE. Permezz tal-implimentazzjoni tal-miżura inkwistjoni, ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-ħażna jew fil-katina tal-valur tal-enerġija. Il-miżura inkwistjoni hija eżempju għall-pajjiżi l-oħra tal-UE.

5.2.13. *Total Direct Énergie* ([72])

(225) Kif previst fid-Digriet dwar il-PPE, il-kamp ta' applikazzjoni tal-assi meħtieġa għas-sigurtà tal-forniment ġie stabbilit għal 138,5 TWh filwaqt li 90 TWh biss kienu jikkorrispondu għall-volum meħtieġ fil-mekkaniżmu ta' ħażna preċedenti.

(226) Total Direct Énergie tistaqsi dwar l-użu preżunt tal-interkonnetturi għal 1 585 GWh/d, filwaqt li l-kapaċitajiet tekniċi huma ta' 1 810 Gwh/d. Din id-differenza ma tidhirx ġustifikata. Il-ħin tal-kunsinna tal-merkanzija, li huwa 10 ijiem, għandu jiġi aġġornat u l-kuntratti ta' kunsinna tal-LNG għandhom jiġu kkunsidrati (u b'hekk jitnaqqas iż-żmien medju tal-kunsinna). Fl-aħħar nett, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' perjodi kesħin ta' bejn 6 u 9 ijiem biss għandu l-effett li jnaqqas il-benefiċċju tal-LNG.

([68]) Operatur tan-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass.
([69]) Operatur tal-ħażna tal-gass.
([70]) Studju mwettaq għal Gas Infrastructure Europe (GIE): Gas Storage Market Failures, Pöyry, Settembru 2017.
([71]) Studju mwettaq għal Gas Infrastructure Europe (GIE): *Measures for a sustainable gas storage market*, FTI-CL Energy, Ottubru 2018.
([72]) Kumpanija li topera fis-settur tal-enerġija.

(227) Kamp ta' applikazzjoni tal-infrastrutturi ta' daqs żejjed awtomatikament tħallas iżżejjed lill-operaturi tal-ħażna. Il-BAR inizjali kellu jqis id-deprezzament li diġà sar. Barra minn hekk, Total Direct Énergie tqis li l-attività ta' operatur tal-ħażna hija mħallsa żżejjed fir-rigward tar-riskji mġarrba. Din l-attività mhijiex esposta għal riskji akbar mill-attività tal-operaturi tan-netwerks ta' trażmissjoni. Għalhekk, ma hemm l-ebda raġuni għal rata ogħla ta' rimunerazzjoni. Għal din ir-raġuni, ir-rata ta' rimunerazzjoni tal-BAR ikkunsidrata ma għandhiex tkun ogħla minn dik tat-TSOs, li bħalissa hija stabbilita mis-CRE għal 5,25 %.

(228) Total Direct Énergie tqis ukoll li d-daqs tal-miżura x'aktarx li jwassal għal distorsjoni tas-sinjali ta' prezzijiet fis-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa u mhux li jħeġġeġ lill-atturi tas-suq biex jissottoskrivu għal strumenti oħra ta' flessibbiltà (b'mod partikolari interkonnetturi u LNG), minkejja li jkunu ugwalment indispensabbli. Total Direct Énergie tinnota li s-sottoskrizzjonijiet fit-tul għall-kapaċitajiet tal-interkonnetturi se jiskadu fis-snin li ġejjin, mingħajr ma s-sinjali tas-suq attwali jinċentivawhom għat-tiġdid.

5.2.14. *Uniper Energy Storage* ([73])

(229) Id-disponibbiltà tal-kapaċitajiet ta' ħażna hija essenzjali biex jiġi żgurat l-operat sikur u ekonomiku tal-infrastrutturi kollha ta' importazzjoni tal-gass naturali. Madankollu, il-fatt li s-suq għandu jinkoraġġixxi l-użu sħiħ tal-kapaċitajiet tal-ħażna mhuwiex rifless fil-kundizzjonijiet tas-suq għall-ħażna taħt l-art tal-gass naturali ([74]). Għal ħafna snin, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna ġew ikkonfrontati bi tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet tas-suq. Is-sitwazzjoni hija aggravata minn sitwazzjonijiet kompetittivi differenti fl-Ewropa, skont id-dispożizzjonijiet regolatorji nazzjonali differenti applikabbli għall-aċċess għall-ħażna u l-flessibbiltà bbażata fuq is-suq jew irregolati. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu standardizzati s-sistemi nazzjonali għar-regolamentazzjoni tal-ħażna tal-gass naturali ([75]).

5.2.15. *Union Professionnelle des Industries Privées du Gaz ("UPRIGAZ")* ([76])

(230) L-UPRIGAZ tfakkar li Franza diġà biddlet il-mekkaniżmu regolatorju tagħha għall-ħażna wara l-appell tagħha ta' abbuż ta' poter quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) kontra l-mekkaniżmu l-antik. Hija tqis li l-mekkaniżmu aġġornat huwa rilevanti u jippermetti l-ħolqien ta' valur tas-suq reali tal-prodotti tal-ħażna fi Franza.

(231) L-UPRIGAZ hija tal-fehma li l-użu tat-terminali tal-metan Franċiżi u dawk li jinsabu fil-pajjiżi ġirien ma jistax jitqies bħala mfixkel mis-sistema regolatorja għall-ħażna tal-gass naturali. It-terminali tal-metan Franċiżi emettew 9,6 $Gm^3$ fl-2017. L-emissjonijiet osservati fl-2018 (11,1 $Gm^3$) u fl-2019 (21,5 $Gm^3$) mingħajr dubju wrew ix-xewqa fis-suq għat-terminali tal-metan Franċiżi matul dan il-perjodu. Dan japplika wkoll għat-terminali tal-metan li jinsabu fil-pajjiżi ġirien, b'żieda enormi fl-emissjonijiet fil-Belġju (minn 1,1 $Gm^3$ fl-2017 għal 6,7 $Gm^3$ fl-2019) u fin-Netherlands (minn 0,8 $Gm^3$ fl-2017 għal 7,9 $Gm^3$ fl-2019).

(232) L-UPRIGAZ tqis ukoll li l-metodoloġija użata mill-awtoritajiet Franċiżi u b'mod partikolari s-suppożizzjoni li 100 % tal-kapaċità ta' dħul kostanti hija disponibbli fil-punti ta' interkonnessjoni ma tagħtix lok għal restrizzjoni tal-kompetizzjoni.

(233) Fl-aħħar nett, l-UPRIGAZ tqis li l-miżura inkwistjoni ma tagħtix vantaġġ indebitu lill-operaturi ta' ħażna Franċiżi fuq il-pari barranin tagħhom.

## 6. **VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA INKWISTJONI**

### 6.1. **Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE**

(234) L-għajnuna tal-Istat hija definita fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE bħala "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri".

([73]) Operatur tal-ħażna tal-gass.
([74]) Studji mwettqa għal Gas Infrastructure Europe (GIE): *Gas Storage Market Failures*, Pöyry, Settembru 2017 u *Value of the gas storage infrastructure for the electricity system*, Artelys, Ottubru 2019.
([75]) Studju mwettaq għal Gas Infrastructure Europe (GIE): *Measures for a sustainable gas storage market*, FTI-CL Energy, Ottubru 2018.
([76]) L-UPRIGAZ tiġbor flimkien kumpaniji attivi fil-katina kollha tal-gass jew f'parti minnha: Dalkia France, Eni, ENGIE, Equinor, ENGIE Cofely, Naturgy, Total Energie Gaz, Teréga, Total Gaz Électricité Holdings France.

(235) Il-klassifikazzjoni ta’ miżura bħala għajnuna mill-Istat tippresupponi li l-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati b’mod kumulattiv: (a) il-miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata permezz ta’ riżorsi tal-Istat; (b) il-miżura tagħti vantaġġ selettiv li x’aktarx jiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta’ ċerti oġġetti; u (c) il-miżura trid tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u tkun tista’ taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.1. *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà*

(236) Biex il-miżuri jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, dawn iridu, minn naħa waħda, jingħataw direttament jew indirettament permezz ta’ riżorsi tal-Istat u, min-naħa l-oħra, ikunu imputabbli lill-Istat ([77]).

(237) L-ewwel nett, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-imputabbiltà tal-miżura, għandu jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi għandhomx jitqiesu li pparteċipaw fl-adozzjoni ta’ din il-miżura ([78]).

(238) F’dan ir-rigward, l-ewwel nett għandu jiġi nnotat li l-mekkaniżmu regolatorju ġie stabbilit minn liġi adottata fl-2017 ([79]), li l-kamp ta’ applikazzjoni tagħha huwa stabbilit b’digriet ([80]) u li d-dettalji tagħha huma ddeterminati mid-deliberazzjonijiet tas-CRE, awtorità amministrattiva indipendenti, fil-qafas tal-kompetenza mogħtija lilha bil-liġi (ara l-premessi (15) sa (17)). B’mod partikolari, is-CRE għandha tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-irkantar tal-kapaċitajiet tal-infrastrutturi essenzjali, tiddetermina d-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna u tiddefinixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispiża tal-ħażna fi ħdan it-tariffi tal-ATRT. Il-mekkaniżmu regolatorju għandu għalhekk jitqies bħala imputabbli lill-Istat.

(239) It-tieni nett, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar il-finanzjament dirett jew indirett permezz tar-riżorsi tal-Istat, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit, fil-każijiet kollha, finanzjament dirett mill-Istat sabiex il-vantaġġ mogħti lil impriża waħda jew iktar jitqies bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE ([81]).

(240) B’mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fondi ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-liġi tal-Istat, ġestiti u mqassma skont dik il-leġiżlazzjoni, jistgħu jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, anki jekk huma ġestiti minn entitajiet distinti mill-awtorità pubblika ([82]). Jekk dawn l-entitajiet humiex entitajiet irregolati mid-dritt pubbliku jew mid-dritt privat ma huwiex fih innifsu deċiżiv ([83]). Il-fattur deċiżiv f’dan ir-rigward huwa l-fatt li tali entitajiet huma awtorizzati mill-Istat sabiex jamministraw riżorsa tal-Istat, u mhux sempliċement marbuta b’obbligu li jixtru permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess ([84]). Fis-sentenza *ENEA S.A.*, il-Qorti sostniet li miżura ma ngħatatx permezz ta’ riżorsi tal-Istat fejn l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn dik il-miżura ma setgħux jiġu mgħoddija kompletament lill-utenti finali ([85]). Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-modalitajiet ta’ kalkolu ta’ dawn il-kontribuzzjonijiet jistgħu jiġu ddeterminati preċiżament permezz ta’ regolament jew ta’ deċiżjoni ta’ korp pubbliku, bħall-awtorità regolatorja nazzjonali, mingħajr, madankollu, ma tiġi eskluża l-klassifikazzjoni ta’ “kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat” ([86]).

([77]) Is-Sentenzi tas-16 ta’ Mejju 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni*, C-482/99, EU:C:2002:294, punt 24; tat-30 ta’ Mejju 2013, *Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE*, C-677/11, EU:C:2013:348, punt 27, u tad-19 ta’ Diċembru 2013, *Association Vent De Colère! et al*, C-262/12, EU:C:2013:851, punt 16.

([78]) Is-Sentenza tad-19 ta’ Diċembru 2013, *Association Vent De Colère! et al*, C-262/12, EU:C:2013:851, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([79]) Il-Liġi Nru 2017-1839 tat-30 ta’ Diċembru 2017 li temmet ir-riċerka u l-isfruttament ta’ idrokarburi u introduċiet diversi miżuri dwar l-enerġija u l-ambjent.

([80]) Id-Digriet Nru 2020-456 dwar il-PPE.

([81]) Is-Sentenzi tas-16 ta’ Mejju 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni*, C-482/99, EU:C:2002:294, punt 36; tat-30 ta’ Mejju 2013, *Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE*, C-677/11, EU:C:2013:348, punt 34; tat-28 ta’ Marzu 2019, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 55; u tal-20 ta’ Settembru 2019, *FVE Holýšov I et al vs Il-Kummissjoni*, T-217/17, EU:T:2019:633, punt 105.

([82]) Is-Sentenzi tat-2 ta’ Lulju 1974, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, 173/73, EU:C:1974:71, punt 35; tad-19 ta’ Diċembru 2013, *Association Vent De Colère! et al*, C-262/12, EU:C:2013:851, punt 25, tat-28 ta’ Marzu 2019, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 58, u tal-20 ta’ Settembru 2019, *FVE Holýšov I et al vs Il-Kummissjoni*, T-217/17, EU:T:2019:633, punt 107.

([83]) Is-Sentenza tal-20 ta’ Settembru 2019, *FVE Holýšov I et al vs Il-Kummissjoni*, T-217/17, EU:T:2019:633, punt 126.

([84]) Is-Sentenza tat-28 ta’ Marzu 2019, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-405/16 P, EU:C:2019:268, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-20 ta’ Settembru 2019, *FVE Holýšov I et al vs Il-Kummissjoni*, T-217/17, EU:T:2019:633, punt 108.

([85]) Is-Sentenza tat-13 ta’ Settembru 2017, *ENEA*, C-329/15, EU:C:2017:671, punt 30.

([86]) Is-Sentenza tal-15 ta’ Mejju 2019, *Achema et al*, C-706/17, EU:C:2019:407, punt 66.

(241) Fis-sentenza *Essent Netwerk Noord* ([87]), il-miżura inkwistjoni ġiet ikklassifikata bħala taxxa u għalhekk miżura li tinvolvi riżorsa tal-Istat peress li l-ħlas addizzjonali kien impost mill-Istat fuq ix-xerrejja tal-enerġija elettrika skont il-kriterju oġġettiv tan-numru ta' sigħat-kilowatt ittrasportati ([88]). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-kwalità ta' debitur tat-taxxa mhijiex rilevanti, sa fejn it-taxxa tirrigwarda l-prodott jew attività neċessarja fir-rigward tal-prodott ([89]).

(242) Barra minn hekk, fis-sentenza *EEG 2012* ([90]), il-Qorti ċċarat li ma kienx biżżejjed li l-impożizzjoni ta' oneru finanzjarju fuq il-fornituri tkun fakultattiva u tgħaddi lill-konsumatur finali biss "fil-prattika" sabiex jiġi konkluż li jeżistu riżorsi tal-Istat.

(243) F'dan il-każ, minn naħa waħda, il-kopertura tal-ispejjeż tal-operaturi tal-ħażna taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju permezz tat-tariffi għall-użu tan-netwerk ta' trażmissjoni kif previst mil-Liġi dwar l-Idrokarburi (ara l-premessi (17) u (104)). Fid-dawl tal-kompetenza tagħha prevista mil-Liġi (ara l-premessa (17)), is-CRE introduċiet tariffa fit-tariffi tal-ATRT, li hija ddedikata għall-finanzjament tal-mekkaniżmu regolatorju inkwistjoni (l-ispiża tal-ħażna) (ara l-premessa (90)). Il-finanzjament ikopri wkoll il-kost tal-forniment tal-ġbir u l-ħlas tal-kumpens tat-TSOs (ara l-premessa (105)).

(244) Skont id-deċiżjoni tas-CRE tas-7 ta' Frar 2018 ([91]), it-trasportaturi kollha li ġew allokati l-kapaċità ta' konsenja kostanti lil mill-inqas PITD wieħed huma meħtieġa jħallsu din l-ispiża tal-ħażna lit-TSO li miegħu jkunu kkonkludew kuntratt ta' trażmissjoni (ara l-premessa (99)). L-ammont tal-ispiża tal-ħażna għal kull trasportatur, skont il-metodoloġija stabbilita mis-CRE, huwa ddeterminat abbażi tal-modulazzjoni tax-xitwa tal-klijenti tiegħu li ma jistgħux jiġu mgħobbija u li ma jistgħux jiġu interrotti konnessi man-netwerks pubbliċi ta' distribuzzjoni tal-gass naturali (ara l-premessa (21)). Għall-kuntrarju tal-fehma tal-partijiet ikkonċernati, minn dak li ntqal qabel jirriżulta li l-ħażna hija fin-natura ta' kontribuzzjoni obbligatorja imposta mil-liġi fuq it-trasportaturi, u mhux ta' għażla, li l-ammont tagħha huwa kkalkolat skont il-kriterju oġġettiv tal-modulazzjoni tax-xitwa tal-klijenti tagħhom fuq il-bażi tal-metodoloġija stabbilita mis-CRE. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu kkalkulati biex ikopru l-ispejjeż kollha tat-TSOs relatati ma' dan is-servizz.

(245) Din l-analiżi hija kkonfermata mill-fatt li l-ispiża tal-ħażna, imħallsa mit-trasportaturi, għandha tiġi ttrasferita bilfors lill-konsumaturi skont it-tariffi rregolati għall-bejgħ tal-gass naturali (ara l-premessi (98) sa (101)).

(246) Min-naħa l-oħra, skont il-Liġi dwar l-Idrokarburi, it-TSOs iħallsu lill-operaturi tal-ħażna li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju proporzjon tas-somom miġbura skont it-tariffi tal-ATRT skont il-proċeduri stabbiliti mis-CRE, li hija korp pubbliku. F'dan ir-rigward, is-CRE tistabbilixxi l-ammont ta' dan is-sehem u l-ispiża tas-servizz ta' ġbir u ta' ħlas (ara l-premessa (90)). Pereżempju, it-TSOs jinħatru u jingħataw mandat bil-liġi biex jiġbru u jirritornaw fondi mill-ispiża tal-ħażna lill-operaturi tal-ħażna regolati. Il-fondi mhumiex liberament disponibbli għat-TSOs peress li ma għandhom l-ebda setgħa diskrezzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni u d-destinazzjoni ta' dawn il-fondi, li huma suġġetti għal ridistribuzzjoni obbligatorja u li l-ammonti tagħhom huma deċiżi mis-CRE.

(247) Konsegwentement, l-ispiża tal-ħażna tat-tariffi ATRT, li jipprovdi finanzjament għall-mekkaniżmu regolatorju, għandu n-natura ta' kontribuzzjoni obbligatorja imposta bil-liġi kemm fuq it-trasportaturi kif ukoll fuq il-konsumaturi, bħala tariffi regolati, taħt il-kontroll tas-CRE. Barra minn hekk, il-fondi mill-ispiża tal-ħażna għandhom jiġu ġestiti u distribwiti mit-TSOs. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżura tingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

### 6.1.2. *Vantaġġ selettiv*

(248) Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ, skont ġurisprudenza stabbilita, il-miżuri fi kwalunkwe forma li x'aktarx jiffavorixxu impriżi direttament jew indirettament jew jagħtu vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat ([92]).

([87]) Is-Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord BV, C-206/06, EU:C:2008:413.
([88]) Is-Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord BV*, C-206/06, EU:C:2008:413, punti 47 u 66.
([89]) Is-Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord BV*, C-206/06, EU:C:2008:413, punt 49.
([90]) Is-Sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-405/16 P, EU:C:2019:268.
([91]) Id-Deċiżjoni Nru 2018-022 tas-7 ta' Frar 2018 dwar it-tariffa għall-użu tan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali ta' GRTgaz u TIGF mill-1 ta' April 2018.
([92]) Is-Sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord et al*, C-206/06, EU:C:2008:413, punt 79, tas-27 ta' Ġunju 2017, *Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania*, C-74/16, EU:C:2017:496, punt 65, u tal-15 ta' Mejju 2019, *Achema et al*, C-706/17, EU:C:2019:407, punt 74.

(249) F'dan il-każ, il-mekkaniżmu regolatorju jippermetti lill-operaturi tal-ħażna regolati li jibbenefikaw minn dħul garantit, id-"dħul awtorizzat", stabbilit mis-CRE b'tali mod li jiżgura li l-ispejjeż tagħhom ikunu koperti, sa fejn jikkorrispondu għall-ispejjeż ta' "operatur effiċjenti" u redditu normali fuq il-kapital investit (ara l-premessa (21) hawn fuq). Dan id-dħul awtorizzat għandu jiġi żgurat mid-dħul riċevut direttament mill-operaturi u, fejn tali dħul ikun inqas mid-dħul awtorizzat, permezz ta' kumpens għall-ħażna mħallas mit-TSOs. Għalhekk, l-operaturi tal-ħażna regolati, li t-telf potenzjali tagħhom jiġi kkumpensat, ma għadhomx suġġetti għall-periklu inerenti għall-kundizzjonijiet normali tas-suq. Konsegwentement, għall-kuntrarju tal-argumenti mressqa mill-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni tqis li l-operaturi tal-infrastruttura essenzjali tal-ħażna jgawdu minn vantaġġ ekonomiku.

(250) Fir-rigward tas-selettività tal-vantaġġ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tiġi evalwata din il-kundizzjoni, għandu jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, il-miżura nazzjonali inkwistjoni hijiex ta' natura li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew ċerti produtturi" meta mqabbla ma' oħrajn li, fid-dawl tal-għan segwit minn din l-iskema, jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli u li għalhekk huma ttrattati b'mod differenti ([93]).

(251) F'dan il-każ, il-mekkaniżmu regolatorju japplika biss għall-infrastruttura tal-ħażna tal-gass naturali taħt l-art meqjusa meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment fit-territorju Franċiż għal żmien medju u twil. Il-lista restrittiva ta' dawn l-infrastrutturi essenzjali hija definita b'digriet (ara l-premessa (19)).

(252) Għax-xitwa 2018/2019, dik il-lista kienet tinkludi, b'mod temporanju, l-infrastrutturi tal-ħażna kollha fit-territorju Franċiż (ara l-premessa (16)). Kif inhi l-leġiżlazzjoni bħalissa, l-infrastrutturi tal-ħażna essenzjali għall-perjodu 2019-2023 jikkorrispondu għall-infrastrutturi tal-ħażna kollha li qed jitħaddmu fit-territorju Franċiż, u b'hekk teskludi t-tliet infrastrutturi mwarrba u ż-żewġ proġetti għall-ħażna tal-gass naturali (ara l-premessi (49) u (50)). Il-PPE attwali jipprevedi wkoll li l-lista ta' infrastrutturi essenzjali se titnaqqas matul ir-reviżjoni li jmiss tal-PPE (ara l-premessa (52)).

(253) Għalhekk, is-siti tal-ħażna għall-gass naturali mqiegħda fir-riżerva huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju. Barra minn hekk, Franza tipprevedi li s-siti li qed joperaw fil-preżent se jiġu esklużi fil-futur minħabba tnaqqis ippjanat fil-konsum tal-gass naturali fil-PPE. Barra minn hekk, l-operaturi tal-ħażna mill-Istati Membri l-oħra, b'mod partikolari Stati Membri ġirien, huma esklużi wkoll. Barra minn hekk, l-operaturi ta' strumenti oħra ta' flessibbiltà li jikkontribwixxu wkoll għall-iżgurar tas-sigurtà tal-forniment, bħall-operaturi ta' terminali tal-metan jew operaturi tal-interkonnetturi, huma esklużi.

(254) Għalhekk, anke jekk l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv ġiet analizzata fil-livell nazzjonali u kienet tikkonċerna biss l-infrastruttura tal-ħażna tal-gass naturali, u għall-kuntrarju tal-fehmiet ta' partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni tagħti vantaġġ selettiv peress li dan il-vantaġġ huwa riżervat għall-operaturi tal-infrastrutturi essenzjali tal-ħażna inklużi fil-lista attwali tal-PPE.

(255) Konsegwentement, il-miżura inkwistjoni tista' tiffavorixxi ċerti impriżi fuq oħrajn, li, fid-dawl tal-għan segwit minn din l-iskema, jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli.

6.1.3. *L-effett fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(256) Fir-rigward tal-effett potenzjali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li settur ekonomiku, bħal dak tal-gass naturali, ġie liberalizzat fil-livell tal-Unjoni jista' jikkaratterizza effett reali jew potenzjali tal-għajnuna fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri ([94]).

([93]) Is-Sentenzi tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech*, C-518/13, EU:C:2015:9, punti 53 sa 55, u tal-21 ta' Diċembru 2016, *Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group et al*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 54.

([94]) Is-Sentenzi tal-5 ta' Marzu 2015, *Banco Privado Português u Massa Insolvente do Banco Privado Português*, C-667/13, EU:C:2015:151, punt 51, tat-18 ta' Mejju 2017, *Fondul Proprietatea*, C-150/16, EU:C:2017:388, punt 34, u tal-15 ta' Mejju 2019, *Achema et al*, C-706/17, EU:C:2019:407, punt 94.

(257) F'dan il-każ, bis-saħħa tal-introduzzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju, l-operaturi ta' faċilitajiet ta' ħażna essenzjali fi Franza se jiksbu vantaġġ fuq il-kompetituri tagħhom. Dan jikkonċerna l-ewwel nett lill-operaturi kollha tal-ħażna minn Stati Membri oħra, anke meta wieħed iqis li s-suq huwa reġjonali fl-ambitu kif allegat minn xi wħud. Is-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati ma jippermettux lill-Kummissjoni teskludi l-impatt tal-miżura fuq il-ħażna tal-gass naturali fil-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari fil-Belġju fejn ma hemm l-ebda rimunerazzjoni garantita għall-ħażna tal-gass naturali.

(258) Il-Kummissjoni lanqas ma tista' teskludi impatt fuq l-operaturi ta' strumenti oħra ta' flessibbiltà bħall-operaturi tat-terminali tal-metan u l-operaturi tal-interkonnetturi. Anki jekk huma joperaw ukoll fuq il-bażi ta' dħul awtorizzat, kif indikat mill-partijiet ikkonċernati, l-introjtu tagħhom ma jiġix issupplimentat mill-Istat bl-istess mod.

(259) Peress li s-suq tal-gass naturali ġie liberalizzat fil-livell tal-Unjoni, kwalunkwe vantaġġ mogħti lil impriża f'dan is-settur għandu l-potenzjal li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżura tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(260) F'dan il-każ, il-miżura inkwistjoni għandha l-għan li tiggarantixxi ċertu introjtu għall-operaturi ta' ħażna tal-infrastrutturi ta' ħażna essenzjali. Il-Kummissjoni tqis li l-miżura x'aktarx tfixkel il-kompetizzjoni.

#### 6.1.4. *Konklużjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat*

(261) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (234) sa (260), il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE.

### 6.2. **Illegalità tal-għajnuna mill-Istat**

(262) Bl-istabbiliment tad-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna mill-1 ta' Jannar 2018, l-organizzazzjoni tal-irkantijiet u l-introduzzjoni ta' spiża tal-ħażna fit-tariffi tal-ATRT mill-1 ta' April 2018, l-awtoritajiet Franċiżi implimentaw mekkaniżmu regolatorju li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(263) L-awtoritajiet Franċiżi ma nnotifikawx il-miżura lill-Kummissjoni qabel id-data li fiha bdew jimplimentawha. Minħabba dan, Franza aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni ġiet implimentata b'mod illegali.

### 6.3. **Kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq intern**

#### 6.3.1. *Bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni*

(264) Il-mekkaniżmu regolatorju tal-infrastrutturi tal-ħażna tal-gass naturali implimentat minn Franza għandu l-għan li jiffaċilita l-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-ħażna tal-gass naturali sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali għal żmien medju u fit-tul.

(265) Il-Kummissjoni tinnota li din hija l-ewwel darba li ġiet ivvalutata l-kompatibbiltà ta' mekkaniżmu regolatorju tal-ħażna tal-gass naturali mas-suq intern.

(266) Tali miżuri mhumiex previsti fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija [95] jew fi kwalunkwe linja gwida oħra tal-Kummissjoni.

(267) Il-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu regolatorju mas-suq intern għandha tiġi vvalutata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u b'mod partikolari l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li jipprevedi li l-għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi tista' titqies kompatibbli mas-suq intern fejn din ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jmur kontra l-interess komuni.

[95] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1).

(268) Għalhekk, sabiex l-għajnuna tiġi ddikjarata kompatibbli, minn naħa, din għandha tkun intiża sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi u, min-naħa l-oħra, hija ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jmur kontra l-interess komuni ([96]).

(269) Skont l-ewwel kundizzjoni, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk l-iskema ta' għajnuna hijiex intiża sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi. Skont it-tieni kundizzjoni, il-Kummissjoni għandha tibbilanċja l-effetti pożittivi tal-għajnuna prevista għall-iżvilupp tal-attivitajiet li l-għajnuna hija maħsuba li ssostni u l-effetti negattivi li l-għajnuna jista' jkollha fuq is-suq intern, f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u effetti negattivi fuq il-kummerċ ikkawżati mill-għajnuna.

### 6.3.2. *L-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' attività ekonomika*

#### 6.3.2.1. L-attività ekonomika żviluppata

(270) Skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, l-għajnuna għandha tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi ([97]). Hija jrid ikollha effett ta' inċentiv fuq l-impriża jew l-impriżi kkonċernati billi tbiddel l-imġiba tagħha b'tali mod li tiffaċilita l-iżvilupp ta' attività ekonomika, li, mingħajr l-għajnuna, ma ssehhx jew li kieku sseħħ b'mod limitat jew differenti. L-għajnuna ma tridx tintuża biex tissussidja l-kostijiet ta' attività ekonomika li l-impriża kienet iġġarrab fi kwalunkwe każ jew biex tikkumpensa għar-riskju kummerċjali normali inerenti f'attività ekonomika.

(271) F'dan il-każ, l-attività ekonomika żviluppata bl-għajnuna hija l-ħażna tal-gass naturali fi Franza.

(272) Il-mekkaniżmu regolatorju għandu l-għan li jbiddel l-imġiba ekonomika tal-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali. L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li, kieku Franza ma stabbilietx il-mekkaniżmu regolatorju u kienet neħħiet is-sistema preċedenti tal-obbligi tal-ħażna, il-prezz stabbilit mill-operaturi tal-ħażna kien se jkun qrib ħafna tal-firxa tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-gass naturali. Madankollu, il-firxiet ilhom jonqsu mill-2009. B'riżultat ta' dan, il-prezzijiet stabbiliti ma baqgħux jippermettu lill-operaturi tal-ħażna jkopru l-ispejjeż tagħhom qabel ma ġiet implimentata r-riforma. Wara d-deterjorament fil-profittabbiltà tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza, tliet siti tal-ħażna tal-gass naturali tqiegħdu taħt riżerva fl-2014 u fl-2015 (ara l-premessa (10)). Franza għalhekk identifikat riskju reali li l-operaturi jkomplu jnaqqsu l-kapaċità tal-ħażna offruta fis-suq, u jqiegħdu f'riżerva siti tal-ħażna addizzjonali.

(273) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li r-rata tat-tagħbija fis-siti tal-ħażna naqset. Tabilħaqq, ir-rata ta' sottoskrizzjoni għall-kapaċitajiet ta' ħażna osservata kienet biss ta' 63 % fl-2017-2018. It-tnaqqis fir-rata ta' sottoskrizzjoni għalhekk wassal għal tnaqqis ulterjuri fid-dħul għall-operaturi.

(274) Bħala riżultat tar-riforma, ir-rati ta' sottoskrizzjoni żdiedu għal rata ta' sottoskrizzjoni osservata tal-kapaċità ta' ħażna ta' 93 % għall-perjodi 2018-2019 u 2019-2020.

(275) F'xenarju kontrofattwali, mingħajr l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju, kien ikun hemm riskju ta' tnaqqis sinifikanti fl-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza. Minn mindu ġiet implimentata r-riforma, id-dħul awtorizzat u l-obbligu tal-operaturi tal-ħażna li jagħmlu l-kapaċitajiet ta' ħażna tagħhom disponibbli permezz tal-irkanti b'hekk rawmu l-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-operaturi tal-ħażna.

(276) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-mekkaniżmu regolatorju jiffaċilita l-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza.

#### 6.3.2.2. Il-konformità tal-iskema ta' għajnuna mad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt tal-Unjoni

(277) Il-Kummissjoni tinnota li l-miżura inkwistjoni u l-attività ekonomika żviluppata jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

([96]) Is-Sentenza tat-22 ta' Settembru 2020 fil-Kawża C-594/18 P, *L-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, (Hinkley Point C), EU:C:2020:742, punt 19.
([97]) Kif ikkonfermat mis-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Settembru 2020, *L-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2020:742.

(278) Fil-qasam tal-enerġija, kwalunkwe taxxa li l-għan tagħha huwa li tiffinanzja miżura ta' għajnuna mill-Istat trid tikkonforma b'mod partikolari mal-Artikoli 30 u 110 tat-TFUE. F'dan il-każ, l-ispiża tal-ħażna għandha rabta vinkolanti mal-appoġġ mogħti lill-operaturi tal-ħażna (ara l-premessa (246)). Taxxa imposta fuq prodotti nazzjonali importati abbażi ta' kriterji identiċi tista' madankollu tkun ipprojbita mit-Trattat FUE meta d-dħul minn tali tassazzjoni jkun intiż li jikkontribwixxi għal attivitajiet li jibbenefikaw speċifikament prodotti nazzjonali intaxxati.

(279) F'dan il-każ, minn naħa waħda, l-ispiża tal-ħażna titħallas mit-trasportaturi li diġà jużaw in-netwerk ta' trażmissjoni tal-gass naturali, li huwa kważi kollu importat, irrispettivament minn jekk it-trasportaturi humiex Franċiżi jew le (ara l-premessi (98) sa (100)). Min-naħa l-oħra, il-benefiċjarji huma l-operaturi tal-infrastrutturi tal-ħażna tal-gass naturali. It-trasportaturi Franċiżi u barranin għandhom aċċess mhux diskriminatorju għall-irkantijiet organizzati mill-operaturi tal-infrastrutturi tal-ħażna tal-gass naturali (ara l-premessa (20)). Għaldaqstant, din ma hijiex sitwazzjoni fejn it-tassazzjoni tibbenefika speċifikament lill-prodotti nazzjonali intaxxati. L-Artikoli 30 u 110 tat-TFUE huma għalhekk osservati.

(280) Barra minn hekk, kif deskritt fil-premessa (12), l-Artikolu 33 tad-Direttiva 2009/73/KE jipprevedi espliċitament il-possibbiltà li Stat Membru jimplimenta regolament tal-infrastrutturi tal-ħażna. Il-ħażna tal-gass naturali hija wkoll parti mill-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2017/1938, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament, b'mod partikolari l-obbligu li tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment lill-klijenti nazzjonali filwaqt li jitqies il-funzjonament xieraq u kontinwu tas-suq intern tal-gass naturali.

6.3.2.3. Il-konklużjoni dwar il-kontribut għall-iżvilupp ta' attività ekonomika

(281) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza, skont id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi Ewropea.

### 6.4. L-effetti negattivi tal-għajnuna ma jaffettwawx b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jmur kontra l-interess komuni

(282) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-effetti negattivi tal-għajnuna jaffettwawx b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jmur kontra l-interess komuni. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni tispjega l-effetti pożittivi tal-għajnuna filwaqt li tqis ukoll l-interess komuni u, fit-tieni stadju, tivvaluta l-elementi li jillimitaw l-effetti negattivi tal-għajnuna fuq il-kummerċ, jiġifieri n-neċessità, l-adegwatezza, il-proporzjonalità u t-trasparenza tal-għajnuna. Fid-dawl ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni tidentifika l-impatt li jifdal fuq il-kummerċ, qabel ma tibbilanċja l-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna fuq is-suq intern.

6.4.1. *L-effetti pożittivi tal-għajnuna*

(283) Kif indikat fil-premessi (270) sa (276), l-iskema ta' għajnuna għandha effetti pożittivi fuq il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza.

(284) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-ħażna tal-gass naturali għandu effetti pożittivi f'termini ta' sigurtà tal-forniment tal-gass naturali fi Franza għal żmien medju u twil. Il-ħażna hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-kapaċità tan-netwerk biex tiġi ssodisfata d-domanda matul il-perjodi ta' kesħa kbira u biex jiġi żgurat is-servizz ta' trażmissjoni fuq in-netwerk ta' trażmissjoni matul il-konġestjonijiet.

(285) Fir-rigward tal-perjodi ta' kesħa kbira, Franza wettqet simulazzjonijiet tal-livell tad-domanda għall-gass naturali u l-kapaċità tal-forniment tal-gass naturali għal żmien medju u fit-tul. Id-domanda għall-gass naturali kienet għalhekk stmata għal perjodi ta' kesħa kbira minn jum sa 30 jum, bħal kif jirriżulta darba kull 50 snin fi Franza (ara l-premessa (25)). L-awtoritajiet Franċiżi qiesu għadd ta' suppożizzjonijiet dwar l-evoluzzjoni tal-konsum tal-gass naturali matul l-10 snin li ġejjin. Fl-aħħar nett, huma assumew li l-konsum jonqos bi 2 % għall-perjodu 2018-2028 (ara l-premessa (26)). Huma stmaw ukoll l-effetti tal-miżuri ta' interruzzjoni li, madankollu, għadhom ma ġewx implimentati (ara l-premessa (28)).

(286) Fir-rigward tal-provvista, l-awtoritajiet Franċiżi qiesu l-parametri ta' disponibbiltà tas-sorsi differenti ta' gass naturali. B'mod partikolari, huma assumew użu ta' 100 % tal-kapaċitajiet kostanti tal-interkonnetturi eżistenti, kif ukoll il-forniment ta' LNG mit-terminali tal-metan bi żmien ta' kunsinna tat-tagħbijiet ġodda ta' 10 ijiem (ara l-premessi (33) sa (38)).

(287) Din il-metodoloġija tidher li hija konsistenti mad-*data* storika u mal-previżjonijiet tad-disponibbiltà fiż-żmien tal-analiżi mwettqa.

(288) L-istimi tal-awtoritajiet Franċiżi enfasizzaw il-ħtieġa ta' ħażna ta' gass naturali li tammonta, minn naħa, għal 2 376 GWh/d f'rata ta' estrazzjoni għall-mili ta' 45 % tal-volum utli biex ilaħħaq mal-perjodu ta' kesħa kbira bejn l-2019 u l-2025.

(289) Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (10), it-tnaqqis fil-firxiet osservat mill-2009 wassal għal tnaqqis fir-rata ta' sottoskrizzjoni tal-kapaċitajiet ta' ħażna taħt il-livell meħtieġ biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment, kif ukoll it-tqegħid f'riżerva ta' tliet siti, anke fil-preżenza ta' obbligu għall-fornituri li jżommu l-ħażniet tal-gass naturali.

(290) Konsegwentement, jidher li l-funzjonament normali tas-suq tal-ħażna tal-gass ma jippermettix li tiġi żgurata l-manutenzjoni tal-infrastrutturi tal-ħażna meqjusa neċessarji sabiex jiġi żgurat il-livell ta' sigurtà tal-forniment meħtieġa minn Franza. Għalhekk, l-għan tal-iskema ta' għajnuna huwa li tiffaċilita l-iżvilupp tal-attività tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza, li ma tkunx tista' titwettaq biss bil-funzjonament normali tas-suq.

6.4.2. *Il-limitazzjoni tal-impatt negattiv tal-iskema ta' għajnuna fuq is-suq intern*

(291) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-iskema ta' għajnuna stabbilita mill-awtoritajiet Franċiżi jista' jkollha impatt fuq is-swieq li ġejjin: (i) il-fornituri tal-gass naturali Franċiżi u dawk ta' Stati Membri oħra, (ii) minn naħa waħda, l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali u, min-naħa l-oħra, l-operaturi tal-LNG u l-operaturi tal-interkonnetturi u (iii) l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali Franċiżi u dawk ta' Stati Membri oħra.

(292) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fatturi li jistgħu jikkontribwixxu biex jillimitaw l-impatt negattiv tal-miżura inkwistjoni, jiġifieri n-neċessità, l-adegwatezza u l-proporzjonalità ta' dak il-mekkaniżmu, kif ukoll it-trasparenza tiegħu.

(a) In-neċessità tal-iskema ta' għajnuna

Il-Kummissjoni tqis li intervent mill-Istat huwa meħtieġ fejn, f'sitwazzjoni partikolari, tali intervent jista' jwassal għal titjib sinifikanti li l-funzjonament normali tas-suq waħdu ma jwassalx, pereżempju, billi jikkoreġi falliment tas-suq definit sew.

(293) Kif imsemmi fil-premessa (10), il-firxiet naqsu mill-2009 u l-operaturi tal-ħażna ma setgħux jibqgħu jkopru l-ispejjeż tagħhom. L-attività ekonomika tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza x'aktarx li tonqos b'mod sinifikanti. Min-naħa l-oħra, sa mill-implimentazzjoni tar-riforma, ir-rata tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza żdiedet.

(294) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-riforma kienet meħtieġa biex tiffaċilita l-iżvilupp tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza.

(b) L-adegwatezza tal-iskema ta' għajnuna

(295) L-għajnuna hija strument ta' intervent xieraq biex tiġi ffaċilitata attività ekonomika fejn ma jkunx possibbli li jinkiseb l-istess riżultat permezz ta' strumenti ta' intervent oħrajn li joħolqu inqas distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(296) Diversi strumenti alternattivi ġew previsti minn Franza, iżda dawn ma jiffaċilitawx l-iżvilupp tal-attività ekonomika tal-ħażna tal-gass naturali fi Franza bl-istess mod u lanqas ma jiggarantixxu l-istess livell ta' sigurtà tal-forniment għar-raġunijiet li ġejjin.

(297) L-ewwel nett, iż-żamma tas-sistema preċedenti tal-obbligi ta' ħażna imposti fuq il-fornituri ma kinitx tiżgura s-sigurtà tal-forniment. Hekk kif il-firxa saret ferm aktar baxxa mill-ispiża tal-kapaċitajiet ta' ħażna, l-inċentivi tal-fornituri biex jirriżervaw il-kapaċità naqsu b'mod sinifikanti, bir-riżultat li tqiegħdu tliet siti f'riżerva. Riżervi oħra kienu jkunu problematiċi peress li l-valutazzjoni tal-ħtieġa għall-ħażna wriet li l-installazzjonijiet kollha kienu meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-forniment f'każ ta' perjodu kiesħa twil. Barra minn hekk, l-ispiża globali tal-ħażna skont is-sistema tal-obbligi tal-ħażna kienet ogħla ([EUR 5 sa 8/MWh fl-2016 u fl-2017]) milli taħt il-mekkaniżmu regolatorju (EUR 5,6/MWh wara r-riforma).

(298) It-tieni nett, it-tisħiħ tan-netwerk tal-gass u tal-interkonnetturi ma jkunx alternattiva kredibbli lanqas minħabba l-ispiża għolja ta' dawn il-miżuri meta mqabbla mal-użu tal-infrastrutturi tal-ħażna eżistenti. Fi kwalunkwe każ, dan it-tip ta' investiment ma jindirizzax in-nuqqasijiet potenzjali ta' gass naturali fil-każ ta' perjodu ta' kesħa kbira u ma jkunx disponibbli għal żmien medju.

(299) Bl-istess mod, mill-informazzjoni mibgħuta minn Franza jidher li ż-żieda fl-użu tal-LNG ma tidhirx li hija alternattiva kredibbli għall-iżgurar tas-sigurtà tal-forniment. Effettivament, it-terminali ta' likwefazzjoni eżistenti joperaw f'livell qrib il-kapaċità massima tagħhom sabiex jikkumpensaw l-ispiża sinifikanti tal-investiment. Barra minn hekk, it-total kważi kollu tal-merkanzija tal-LNG huwa suġġett għal kuntratti fit-tul minħabba l-intensità tal-kapital ta' dawn il-proġetti u għalhekk ikun diġà mibjugħ qabel il-produzzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-ispiża aktar baxxa tal-ħażna tal-gass naturali f'forma ta' gass tispjega l-iżvilupp baxx tal-ħażna tal-LNG madwar id-dinja. Għalhekk, il-kwantitajiet ta' LNG disponibbli għal żmien qasir huma baxxi.

(300) It-tielet nett, Franza spjegat li sistema purament amministrattiva ta' sanzjonijiet imposti fuq il-fornituri għal nuqqas ta' forniment ta' gass naturali lill-klijenti finali lanqas ma tista' titqies bħala alternattiva sodisfaċenti. Effettivament, sistema bħal din tippreżenta problema ta' fattibbiltà peress li l-ibbilanċjar tas-swieq tal-gass Ewropej iseħħ ta' kuljum. Il-miżuri għat-tnaqqis tat-tagħbija implimentati mill-operatur tan-netwerk fil-każ ta' tnaqqis kritiku fil-pressjoni fin-netwerk iwasslu għal kummerċ sussegwenti tal-gass naturali li jagħmilha estremament diffiċli biex jiġi identifikat il-fornitur inizjalment inadempjenti. Bl-istess mod, il-konsumaturi b'tagħbija mnaqqsa mhumiex neċessarjament il-klijenti tal-fornitur inadempjenti. F'dan il-kuntest, Franza tikkonferma li l-miżuri *ex ante* huma preferibbli minn sanzjonijiet *ex post*.

(301) Ir-raba' nett, l-istess japplika għall-miżuri li jwaqqgħu t-tagħbija jew li jinterrompu. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, it-tnaqqis tat-tagħbija huwa miżura ta' kontinġenza f'każ ta' kriżi fil-forniment u mhux mekkaniżmu ta' flessibbiltà, li l-effettività tiegħu tiddependi fuq il-konformità tal-konsumatur mal-ordni tat-tneħħija tat-tagħbija mogħtija mill-operatur tan-netwerk, peress li mhuwiex possibbli li ssir tneħħija awtomatika tat-tagħbija mill-bogħod. Il-mekkaniżmu regolatorju tal-infrastrutturi essenzjali tal-ħażna huwa mfassal biex jevita kriżijiet fil-forniment li jeħtieġu l-użu ta' tnaqqis tat-tagħbija. Il-miżuri ta' interruzzjoni, li jindirizzaw riskji ta' periklu għoli u probabbiltà baxxa ta' kesħa kbira, kienu għadhom qed jiġu definiti fiż-żmien tar-riforma u tqiesu għall-valutazzjoni tad-domanda għall-gass naturali. Min-naħa l-oħra, il-miżuri ta' interruzzjoni ma jkunux xierqa biex jindirizzaw ir-riskji ta' konġestjoni kkaratterizzati minn periklu aktar baxx iżda probabbiltà ogħla.

(302) Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, il-Kummissjoni tqis li l-mekkaniżmu regolatorju huwa strument xieraq biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-attività tal-ħażna tal-gass naturali u biex jiżgura s-sigurtà tal-forniment.

(c) Il-proporzjonalità tal-iskema ta' għajnuna

(303) L-għajnuna għandha titqies proporzjonali meta l-ammont tagħha jkun limitat għall-minimu neċessarju biex jiġu limitati l-effetti fuq is-suq intern.

(304) F'dan il-każ, skont il-mekkaniżmu regolatorju, l-operaturi tal-ħażna jibbenefikaw minn dħul garantit. Sabiex tiġi vvalutata l-proporzjonalità tal-mekkaniżmu regolatorju, jeħtieġ li tiġi vvalutata l-proporzjonalità tal-metodu għall-kalkolu tad-dħul awtorizzat tal-operaturi tal-ħażna deskritt fil-premessi (59) sa (81).

(305) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-proċess ta' valutazzjoni ekonomika indipendenti, mwettqa mis-CRE, tal-valur tas-suq tal-BAR fiż-żmien li fih ġie implimentat il-mekkaniżmu regolatorju. Dan seta', skont il-Kummissjoni, ipoġġi f'dubju l-proporzjonalità tal-iskema ta' għajnuna.

(306) Għalkemm din il-valutazzjoni hija prinċipalment ibbażata fuq il-valur kontabilistiku gross u d-deprezzament tal-assi, Franza u l-benefiċjarji kienu kapaċi juru li s-CRE wettqet rivalutazzjoni bir-reqqa tal-BAR inizjali fil-31 ta' Diċembru 2016. Is-CRE vverifikat li l-perjodi ta' deprezzament mitluba mill-operaturi kienu jikkorrispondu għall-perjodi indikati fil-kontijiet storiċi tagħhom u mad-*data* standard tal-industrija, li setgħet tiġi osservata f'pajjiżi oħra. B'mod partikolari, is-CRE xeħtet dubju fuq il-perjodu ta' deprezzament tal-cushion gas. Kif imsemmi fil-premessa (73), is-CRE ċaħdet it-talba għal perjodu ta' deprezzament ta' 250 sena u użat perjodu ta' deprezzament għall-cushion gas ta' 75 sena. Fl-analiżi tagħha, is-CRE kienet assistita wkoll minn konsulenti ekonomiċi esterni biex jiddeterminaw il-BAR inizjali. Il-Kummissjoni tinnota li, wara dawn l-analiżijiet, is-CRE għażlet BAR inizjali għat-tliet operaturi ta' EUR 4,8 biljun, tnaqqis ta' 13 % meta mqabbel mal-BAR mitlub mill-operaturi (ara t-Tabella 4 fil-premessa (77)).

(307) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-applikazzjoni ta' metodi alternattivi, bħall-valur tal-operaturi tal-ħażna fil-kontijiet tal-azzjonisti tagħhom, il-valuri li tqiesu fi tranżazzjonijiet riċenti jew l-użu tal-approċċ tal-fluss tal-flus skontat użat fl-istudju dwar Teréga mwettaq minn PwC, iwasslu għal valuri tal-assi simili (ara l-premessi (76), (129) u (160)).

(308) Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' valur ibbażat fuq il-firxiet ma tinkludix il-valur li tirrappreżenta l-ħażna tal-gass naturali għas-sistema f'termini ta' sigurtà tal-forniment. Għalhekk, dan l-indikatur ma jirrappreżentax b'mod suffiċjenti l-iżviluppi għal żmien medju u twil sabiex ikun utli bħala indikatur għal mekkaniżmu regolatorju bħal dak f'dan il-każ, intiż sabiex jiżgura s-sigurtà tal-forniment għal żmien medju u twil.

(309) Fil-kummenti li rċeviet il-Kummissjoni matul il-proċedura, kien dettaljat li rikostruzzjoni storika tal-introjtu tal-operaturi ma tkunx neċessarjament kompluta fin-nuqqas ta' *data* disponibbli u tmur kontra l-prinċipji ġenerali tal-liġi.

(310) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li t-tariffa tal-ħażna hija maħsuba biex tikkumpensa lill-operaturi għall-ispejjeż tagħhom, sa fejn dawk l-ispejjeż jikkorrispondu għal dawk ta' "operaturi effiċjenti". Għal dan il-għan, is-CRE tirrevedi l-kumpens mitlub mill-operaturi fil-bidu ta' kull perjodu tariffarju u tivverifika l-investimenti previsti mill-operaturi fuq bażi annwali (ara l-premessa (82)). Il-kumpens fih ukoll element li jirregola l-imposti u d-dħul annwali. Il-Kummissjoni tinnota li, għas-snin 2018-2019, is-CRE qieset biss l-ispejjeż meqjusa bħala effiċjenti u li mill-ATS 2, ħafna entrati kienu suġġetti għal inċentiv biex l-ispejjeż jinżammu taħt kontroll: regolamentazzjoni tal-inċentivi biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż operattivi u l-infiq kapitali kif ukoll regolamentazzjoni tal-inċentivi tal-kwalità tas-servizz (ara l-premessi (60), (61), (65), (83), (84) u (85)).

(311) Fl-aħħar nett, il-metodoloġija li tiddetermina d-WACC tas-siti tal-ħażna tal-gass naturali u l-aġġustament fir-rigward tar-rata ta' referenza GRTgaz huma adegwati.

(312) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-metodu ta' rimunerazzjoni stabbilit mis-CRE, u l-valutazzjoni tal-assi regolati b'mod partikolari, iwasslu għal kumpens proporzjonat biex jiġi limitat l-impatt tal-iskema ta' għajnuna fuq is-suq intern.

(d) It-trasparenza tal-iskema ta' għajnuna

(313) Il-Kummissjoni tqis li l-impenji ta' Franza elenkati fil-premessa (111) jiżguraw it-trasparenza tal-iskema ta' għajnuna.

### 6.4.3. *Il-prevenzjoni tal-effetti negattivi tal-iskema ta' għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ*

(314) Il-Kummissjoni tqis li miżura ta' għajnuna timminimizza l-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri meta dawk l-effetti jkunu limitati biżżejjed biex il-bilanċ globali tal-miżura jkun pożittiv.

(315) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi l-fatt li l-mekkaniżmu jista' jintroduċi distorsjonijiet tal-kompetizzjoni lil hinn mill-effetti negattivi minimi ġġustifikati mill-introduzzjoni tal-iskema ta' għajnuna bejn (i) il-fornituri tal-gass naturali Franċiżi u dawk ta' Stati Membri oħra, (ii) minn naħa waħda, l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali u, min-naħa l-oħra, l-operaturi tal-LNG u l-operaturi tal-interkonnetturi u (iii) l-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali Franċiżi u dawk ta' Stati Membri oħra.

(316) F'dan il-każ, l-ewwel nett, fir-rigward tas-swieq tal-forniment tal-gass naturali, il-Kummissjoni ma tqisx li l-iskema ta' għajnuna toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri Franċiżi u l-fornituri tal-gass naturali minn Stati Membri oħra peress li l-irkanti huma miftuħa għall-fornituri kollha tal-gass naturali, taħt kundizzjonijiet simili, kemm jekk jinsabu fi Franza kif ukoll jekk jinsabu fi Stat Membru ieħor. Il-kummenti tal-partijiet ikkonċernati kkonfermaw ukoll li għall-istess servizz ta' trasport, l-istess tariffa għall-użu tan-netwerks ta' trażmissjoni hija applikata għall-fornituri Franċiżi u għall-fornituri minn Stati Membri oħra. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħet issib l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-fornituri tal-gass naturali Franċiżi u dawk minn Stati Membri oħra.

(317) It-tieni nett, fir-rigward tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-ħażna u l-fornituri ta' strumenti ta' flessibbiltà alternattivi fi Franza, l-awtoritajiet Franċiżi u l-partijiet ikkonċernati jqisu li l-istrumenti l-oħra huma sostituti imperfetti għall-ħażna tal-gass naturali sa fejn dawn joperaw f'perjodi ta' żmien differenti u jistgħu jkunu meħtieġa f'sitwazzjonijiet differenti. Pereżempju, fil-każ ta' perjodu kiesaħ, il-kapaċitajiet tat-terminali tal-metan jistgħu jiġu mobilizzati biss skont id-disponibbiltà tal-LNG fit-tankijiet. Din il-kapaċità limitata ma setgħetx tiġi

mobilizzata għal aktar minn ħamest ijiem taħt l-aħjar kundizzjonijiet possibbli. Madankollu, dan il-perjodu huwa iqsar mit-tul ta' żmien medju ta' perjodu kiesaħ, u b'hekk ma jipprovdix biżżejjed żmien biex timmobilizza l-wasla tal-merkanzija malajr biżżejjed biex tiġi evitata interruzzjoni fl-emissjonijiet. Barra minn hekk, f'każ ta' konġestjoni fin-netwerk, l-effiċjenza tat-terminali tal-LNG tiddependi fuq il-prossimità ġeografika tagħhom għall-punti tal-konsum.

(318) Diversi partijiet terzi indikaw ukoll li l-abbonamenti tat-terminali tal-metan u l-ħażniet tal-gass naturali ma jkunux f'kompetizzjoni. Huma jispjegaw li l-importazzjonijiet tal-LNG fl-Ewropa u fi Franza żdiedu b'mod sinifikanti mill-introduzzjoni tal-iskema ta' għajnuna fl-2018. Il-livell ta' importazzjoni ta' ~21,5 Bcm ta' LNG fi Franza fl-2019 kien rekord.

(319) Sa fejn huma kkonċernati l-interkonnetturi, fil-kummenti li waslu huwa sostnut li dawn huma primarjament strumenti ta' importazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati jinnutaw li fin-nuqqas ta' ħażna, ikun meħtieġ li d-daqs tal-interkonnetturi jiġi ddisinjat sabiex ikun jista' jiġi ggarantit il-forniment ta' gass naturali matul il-konsum massimu. Din is-sitwazzjoni ma tkunx effettiva. Fid-dawl tat-tnaqqis previst fil-konsum tal-gass naturali fi Franza, mhuwiex ippjanat li jinbnew interkonnetturi ġodda. L-ispejjeż tal-kostruzzjoni ta' interkonnetturi addizzjonali u tat-tisħiħ tan-netwerk ikunu tabilħaqq ogħla minn dawk tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni.

(320) Barra minn hekk, il-ħażna tal-gass naturali ma taffettwax il-volum totali ta' gass naturali li jgħaddi mill-interkonnetturi, li jiddependi fuq il-volum ta' gass naturali kkunsmat fi Franza. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jikkwotaw rapport ([98]) mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER") li jenfasizza l-fatt li l-abbundanza tal-gass naturali maħżun timminimizza l-importazzjonijiet bil-livelli massimi tal-konsum li normalment iseħħu meta l-prezz tal-gass naturali jkun l-iktar għoli.

(321) Kif indikat mill-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni ripetutament ikkunsidrat, mingħajr ma ddeċidiet, l-eżistenza ta' suq rilevanti għall-infrastrutturi ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jinkludi b'mod partikolari l-interkonnetturi, il-ħażna tal-gass naturali, it-terminali tal-LNG u l-infrastrutturi tar-rigassifikazzjoni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-istrumenti ta' flessibbiltà differenti jistgħu jipprovdu servizzi komplementari mingħajr ma jeskludu kompletament l-impatt tal-ħażna tal-gass naturali fuq it-terminali tal-LNG u l-interkonnetturi. Madankollu, il-Kummissjoni ma setgħetx issib distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni.

(322) It-tielet nett, l-iskema ta' għajnuna tista' twassal ukoll għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-operaturi tal-ħażna fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari Stati Membri ġirien ta' Franza. Minħabba l-interkonnetturi, dan ir-riskju huwa, fil-prinċipju, partikolarment importanti għall-Belġju u l-Ġermanja.

(323) Is-CREG fil-Belġju informat lill-Kummissjoni li, wara l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu regolatorju, ir-rata tat-tagħbija tal-uniku sit tal-ħażna Belġjan Loenhout naqas minn 84 % (xitwa 2017-2018) għal 54 % (xitwa 2018-2019). Ir-rata tat-tagħbija mbagħad żdiedet għal livell ta' 97 % għax-xitwa 2019-2020. Ir-rata tat-tagħbija fl-2018-2019 kienet tikkorrispondi għall-kuntratti fit-tul. Is-CREG jindika l-eżistenza ta' impatt minħabba l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' rimunerazzjoni fi Franza (ara l-premessi (195) sa (200)). Għalkemm ir-rati tat-tagħbija reġgħu żdiedu fix-xitwa ta' wara, din l-evoluzzjoni ma tippermettix lill-Kummissjoni teskludi impatt fuq il-ħażna tal-gass naturali fil-pajjiżi ġirien. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li Fluxys, l-operatur ta' Loenhout, ma jsemmix il-fatt li l-mekkaniżmu regolatorju għandu impatt sinifikanti fuq l-attivitajiet tiegħu (ara l-premessa (212)).

(324) Fi żmien qasir, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi fl-Istati Membri ġirien huma limitati mil-livell sinifikanti tar-rata ta' sottoskrizzjoni (pereżempju, aktar minn 90 % fil-Ġermanja, 60 % fil-Belġju), abbażi ta' kuntratti fit-tul. Madankollu, dawn il-kuntratti jiskadu fl-2022-2023. Għalhekk, il-mekkaniżmu regolatorju jista' jkollu effett fuq il-kundizzjonijiet kummerċjali futuri meta dawn il-kuntratti fit-tul jiġu nnegozjati mill-ġdid kemm f'termini ta' prezzijiet u rati ta' sottoskrizzjoni kif ukoll, fl-aħħar nett, fuq il-profittabbiltà tal-operaturi tal-ħażna fi Stati Membri ġirien. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiżgura li l-valutazzjoni tagħha dwar dan il-punt tibqa' valida wara l-iskadenza tal-kuntratti fit-tul, l-awtoritajiet Franċiżi impenjaw ruħhom sabiex jipprovdu rapport lill-Kummissjoni qabel tmiem l-2024 li jkun fih *data* dwar l-impatt tal-miżura fuq il-kompetizzjoni (ara l-premessa (111)).

(325) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li Fluxys tindika li jkun mixtieq li jiġi implimentat mudell xieraq fil-livell tal-Unjoni biex iwieġeb għall-iżviluppi tas-suq (ara l-premessa (212)). Operaturi oħra tal-ħażna esprimew il-fehmiet pożittivi tagħhom dwar ir-riforma introdotta fi Franza, filwaqt li fl-istess ħin jippromwovu approċċ armonizzat fl-Unjoni (ara l-premessi (224) u (229)).

([98]) Ir-rapport tal-ACER tas-6 ta' April 2020, *The internal gas market in Europe: The role of transmission tariffs*, punt 174.

### 6.5. L-ibbilanċjar tal-effetti pożittivi u negattivi tal-għajnuna fuq is-suq intern

(326) Skema ta' għajnuna mill-Istat trid tiżgura li l-bilanċ globali tal-effetti tagħha jkun pożittiv billi tevita li taffettwa ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

(327) Il-Kummissjoni tfakkar li f'dan il-każ l-iskema ta' għajnuna tiffaċilita l-iżvilupp ta' attività ekonomika, jiġifieri l-ħażna tal-gass naturali fi Franza. Hija tinnota wkoll li l-mekkaniżmu regolatorju jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-forniment tal-gass naturali. Barra minn hekk, l-adegwatezza, in-neċessità u l-proporzjonalità tal-għajnuna jillimitaw l-impatt tagħha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ. Il-Kummissjoni tikkonkludi li anke jekk impatt fuq il-kompetizzjoni bejn l-operaturi Franċiżi tal-ħażna tal-gass naturali u dawk minn Stati Membri oħra ma jistax jiġi eskluż, jidher li l-effetti negattivi tal-għajnuna huma limitati biżżejjed biex il-bilanċ globali tal-iskema ta' għajnuna jkun pożittiv sa tmiem il-PPE attwali fl-2028, sakemm ma jkunx hemm bidliet sinifikanti fil-kompetizzjoni fis-swieq tal-gass naturali elenkati fil-premessa (110) ([99]).

(328) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-impatt pożittiv tal-għajnuna fuq l-iżvilupp tal-attività ekonomika inkwistjoni jegħleb l-effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, mill-inqas sal-2028. Il-kompetizzjoni u l-kummerċ għalhekk ma jiġux affettwati b'mod li jmur kontra l-interess komuni sa dak il-ħin.

## 7. KONKLUŻJONIJIET

(329) Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li Franza implimentat b'mod illegali l-miżura inkwistjoni bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE sal-31 ta' Diċembru 2028, meta jintemm il-perjodu attwali tal-PPE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza lill-operaturi tal-ħażna tal-gass naturali hija kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Membru tal-Kummissjoni*

([99]) Jekk il-Kummissjoni tqis li għajnuna eżistenti mhijiex jew m'għadhiex kompatibbli mas-suq intern, hija tista' tibda l-proċedura stabbilita fil-Kapitolu IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/445

## tal-15 ta' Marzu 2022

## li temenda l-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim Monetarju tat-30 ta' Ġunju 2011 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni u Andorra ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2012.

(2) L-Artikolu 8(1) tal-Ftehim jobbliga lill-Prinċipat ta' Andorra biex jimplimenta l-atti tal-Unjoni dwar ir-regoli dwar karti tal-flus u muniti tal-euro, is-settur bankarju u l-liġi finanzjarja, il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-prevenzjoni tal-frodi u l-falsifikazzjoni tal-flus u ta' mezzi ta' ħlas mhux bi flus, medalji u tokens u rekwiżiti ta' rappurtar statistiku. Dawn l-atti huma elenkati fl-Anness tal-Ftehim Monetarju.

(3) L-Anness jenħtieġ li jiġi emendat mill-Kummissjoni kull sena sabiex jiġu kkunsidrati l-atti legali u r-regoli ġodda rilevanti tal-Unjoni u l-emendi għal dawk eżistenti.

(4) Xi atti legali u regoli tal-Unjoni ma għadhomx rilevanti u għalhekk jenħtieġ li jitħassru mill-Anness, filwaqt li ġew adottati jew emendati atti legali u regoli rilevanti oħra tal-Unjoni u jenħtieġ li jiżdiedu mal-Anness.

(5) Għalhekk, l-Anness tal-Ftehim Monetarju jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 1.

*ANNESS*

*"ANNESS*

| | DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI | SKADENZA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI |
|---|---|---|
| | Il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus | |
| 1 | **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI** tas-17 ta' Ottubru 2000 li tikkonċerna l-arranġamenti għall-koperazzjoni bejn l-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni (ĠU L 271, 24.10.2000, p. 4) | |
| 2 | **Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI** tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1) | |
| 3 | **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/212/ĠAI** tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49) | il-31 ta' Marzu 2015 ([1]) |
| 4 | **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI** tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103) | |
| 5 | **Id-Direttiva 2014/42/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39) | l-1 ta' Novembru 2016 ([2]) |
| 6 | **Ir-Regolament (UE) 2015/847** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1) | l-1 ta' Ottubru 2017 ([3]) |
| 7 | **Id-Direttiva (UE) 2015/849** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73)<br><br>Emendata bi: | l-1 ta' Ottubru 2017 ([3]) |
| 8 | Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43)<br><br>Issupplimentata minn: | il-31 ta'Diċembru 2020 ([4]) |
| 9 | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi (ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1)<br><br>Emendata bi: | il-1 ta' Diċembru 2017 ([5]) |
| 10 | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/105 tas-27 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675, fir-rigward taż-żieda tal-Etjopja mal-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir fit-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L 19, 24.1.2018, p. 1) | il-31 ta' Marzu 2019 ([6]) |

| | | |
|---|---|---|
| **11** | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/212 tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward taż-żieda tas-Sri Lanka, Trinidad u Tobago u t-Tuneżija fit-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L 41, 14.2.2018, p. 4) | il-31 ta' Marzu 2019 (6) |
| **12** | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1467 tas-27 ta' Lulju 2018 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward taż-żieda tal-Pakistan mat-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L 246, 2.10.2018, p. 1) | il-31 ta'Diċembru 2020 (7) |
| **13** | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/855 tas-7 ta' Mejju 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-inklużjoni tal-Bahamas, il-Barbados, il-Botswana, il-Kambodja, il-Ghana, il-Ġamajka, il-Mauritius, il-Mongolja, il-Myanmar/Burma, in-Nikaragwa, il-Panama u ż-Żimbabwe fit-tabella fil-punt I tal-Anness u t-tneħħija tal-Bożnija-Ħerzegovina, l-Etjopja, il-Guyana, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Laos, is-Sri Lanka u t-Tuneżija minn din it-tabella (ĠU L 195, 19.6.2020, p. 1) | il-31 ta'Diċembru 2022 (9) |
| **14** | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/37 tas-7 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tat-tneħħija tal-Mongolja mit-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L 14, 18.1.2021, p. 1) | il-31 ta'Diċembru 2023 (9) |
| **15** | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/758 tal-31 ta' Jannar 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-azzjoni minima u t-tipi ta' miżuri addizzjonali li jridu jittieħdu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji sabiex irażżnu r-riskju mill-ħasil tal-flus u mill-finanzjament tat-terroriżmu f'ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 125, 14.5.2019, p. 4) | |
| **16** | **Ir-Regolament (UE) 2018/1672** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 (ĠU L 284, 12.11.2018, p. 6) | il-31 ta'Diċembru 2021 (7) |
| **17** | **Id-Direttiva (UE) 2018/1673** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali. (ĠU L 284, 12.11.2018, p. 22) | il-31 ta'Diċembru 2021 (7) |
| | ***Il-prevenzjoni tal-frodi u tal-iffalsifikar*** | |
| **18** | **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001** tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6) | fit-30 ta' Settembru 2013. |
| | Emendata bi: | |
| **19** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1) | |
| **20** | **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/887/ĠAI** tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (ĠU L 329, 14.12.2001, p. 1) | fit-30 ta' Settembru 2013. |
| **21** | **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/861/KE** tat-8 ta' Diċembru 2003 li tikkonċerna l-analiżi u l-koperazzjoni fir-rigward ta' muniti foloz tal-euro (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 44) | fit-30 ta' Settembru 2013. |
| **22** | **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004** tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1) | fit-30 ta' Settembru 2013. |

| | | |
|---|---|---|
| | Emendata bi: | |
| **23** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 5) | |
| **24** | **Id-Direttiva 2014/62/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI (ĠU L 151, 21.5.2014, p. 1) | it-30 ta' Ġunju 2016 [2] |
| **25** | **Id-Direttiva (UE) 2019/713** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI (ĠU L 123, 10.5.2019, p. 18) | il-31 ta' Diċembru 2021 [7] |
| | ***Regoli dwar il-karti u l-muniti tal-euro*** | |
| | Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1a(2) u (3), u l-Artikoli 4a, 4b, u 4c: | |
| **26** | **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98** tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 4) | it-30 ta' Settembru 2014 [4] |
| | Emendata bi: | |
| **27** | Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/159 tas- 27 ta' Jannar 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2532/98 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU L 27, 3.2.2015, p. 1) | il-31 ta' Diċembru 2020 [8] |
| **28** | **Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 1999** dwar is-sistema għall-immaniġġjar tal-kwalità għall-muniti tal-euro | fil-31 ta' Marzu 2013. |
| **29** | **Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2001/C 318/03 tat-22 ta' Ottubru 2001** dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tad-disinn tal-wiċċ komuni tal-muniti tal-euro **(COM(2001) 600 final)** (ĠU C 318, 13.11.2001, p. 3) | fil-31 ta' Marzu 2013. |
| **30** | **Il-Linja ta' gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew ECB/2003/5** tal-20 ta' Marzu 2003 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus euro (ĠU L 78, 25.3.2003, p. 20) | fil-31 ta' Marzu 2013. |
| | Emendata bi: | |
| **31** | Il-Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2013/11 tad-19 ta' April 2013 li temenda l-Linja gwida BĊE/2003/5 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 43) | it-30 ta' Settembru 2014 [4] |
| **32** | Il-Linja Gwida (UE) 2020/2091 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2003/5 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (BĊE/2020/61) (ĠU L 423, 15.12.2020, p. 65) | it-30 ta' Settembru 2022 [9] |
| **33** | **Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2010/14** tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkolazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 267, 9.10.2010, p. 1) | fit-30 ta' Settembru 2013. |
| | Emendata bi: | |
| **34** | Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2012/19 tas-7 ta' Settembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/14 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkolazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 253, 20.9.2012, p. 19) | it-30 ta' Settembru 2014 [4] |

| | | |
|---|---|---|
| 35 | Id-Deċiżjoni (UE) 2019/2195 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/14 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkolazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (BĊE/2019/39) (ĠU L 330, 20.12.2019, p. 91) | il-31 ta' Diċembru 2021 ([8]) |
| 36 | **Ir-Regolament (UE) Nru 1210/2010** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 339, 22.12.2010, p. 1) | fil-31 ta' Marzu 2013. |
| 37 | **Ir-Regolament (UE) Nru 1214/2011** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar it-trasport transkonfinali professjonali tal-euro fi flus kontanti bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro (ĠU L 316, 29.11.2011, p. 1) | il-31 ta' Marzu 2015 ([1]) |
| 38 | **Ir-Regolament (UE) Nru 651/2012** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 135) | it-30 ta' Settembru 2014 ([1]) |
| 39 | **Id-Deċiżjoni** tal-Bank Ċentrali Ewropew **BĊE/2013/10** tad-19 ta' April 2013 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 37)<br><br>Emendata bi: | it-30 ta' Settembru 2014 ([1]) |
| 40 | Id-Deċiżjoni (UE) 2019/669 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' April 2019 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/10 dwar id-denominazzjonijiet, speċifikazzjonijiet, riproduzzjoni, skambju u rtirar ta' karti tal-flus tal-euro (ĠU L 113, 29.4.2019, p. 6) | il-31 ta' Diċembru 2020 ([7]) |
| 41 | Id-Deċiżjoni (UE) 2020/2090 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/10 dwar id-denominazzjonijiet, l-speċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (BĊE/2020/60) (ĠU L 423, 15.12.2020, p. 62) | it-30 ta' Settembru 2022 ([9]) |
| 42 | **Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014** tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (Riformulazzjoni) (ĠU L 194, 2.7.2014, p. 1) | it-30 ta' Settembru 2014 ([2]) |
| | ***Leġiżlazzjoni Bankarja u Finanzjarja*** | |
| 43 | **Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE** tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1)<br><br>Emendata bi: | fil-31 ta' Marzu 2016. |
| 44 | Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 86/635/KEE fir-rigward tar-regoli ta' valutazzjoni għall-kontijiet annwali u kkonsolidati ta' ċerti tipi ta' kumpaniji kif ukoll ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28) | |
| 45 | Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE, 86/635/KEE u 91/674/KEE fuq il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċertu kumpaniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16) | |
| 46 | Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1) | |

| | | |
|---|---|---|
| 47 | **Id-Direttiva tal-Kunsill 89/117/KEE** tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-obbligi ta' fergħat stabbiliti fi Stat Membru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom l-uffiċċji ewlenin tagħhom barra dak l-Istat Membru rigward il-pubblikazzjoni tad-dokumenti tal-kontijiet annwali (ĠU L 44, 16.2.1989, p. 40) | fil-31 ta' Marzu 2018. |
| 48 | **Id-Direttiva 97/9/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22) | fil-31 ta' Marzu 2018. |
| 49 | **Id-Direttiva 98/26/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45)<br>Emendata bi: | fil-31 ta' Marzu 2018. |
| 50 | Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37). | |
| 51 | Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120) | |
| 52 | Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1) | fit-30 ta' Settembru 2019. |
| 53 | Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1) | il-31 ta' Marzu 2018 ħlief għall-Artikolu 3(1): l-1 ta' Frar 2023 u mill-1 ta' Frar 2025 ([3]) |
| 54 | Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investiment u d-Direttiva 98/26/KE (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 296) | il-31 ta' Diċembru 2022 ([8]) |
| 55 | **Id-Direttiva 2001/24/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15)<br>Emendata bi: | fil-31 ta' Marzu 2018. |
| 56 | Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190) | |
| 57 | **Id-Direttiva 2002/47/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43)<br>Emendata bi: | fil-31 ta' Marzu 2018. |

| | | |
|---|---|---|
| **58** | Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37). | |
| **59** | Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190) | il-31 ta' Marzu 2018 ([2]) |
| **60** | Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1) | il-31 ta' Diċembru 2024<br>(bl-eċċezzjoni ta':<br>l-Artikolu 95 -<br>il-31 ta' Diċembru 2022,<br>l-Artikolu 87(2) -<br>il-31 ta' Diċembru 2023,<br>l-Artikolu 9(1), 9(2), 9(3), 9(4), 9(6), 9(7), 9(9), 9(10), 9(12), 9(13), 9(16), 9(17), 9(18), 9(19),<br>l-Artikolu 10(1), 10(2), 10(3), 10(8), 10(9), 10(10), 10(11), 10(12) u<br>l-Artikolu 11 -<br>il-31 ta' Diċembru 2024,<br>l-Artikolu 9(14) u<br>l-Artikolu 20 -<br>il-31ta'Diċembru2025)([9]) |
| **61** | **Id-Direttiva 2002/87/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1) u l-miżuri ta' livell 2 relatati kif xieraq<br><br>Emendata bi: | fil-31 ta' Marzu 2018. |
| **62** | Id-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/675/KEE, 92/49/KEE u 93/6/KEE u d-Direttivi 94/19/KE, 98/78/KE, 2000/12/KE, 2001/34/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sabiex tiġi stabbilita struttura organizzattiva ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9) | |
| **63** | Id-Direttiva 2008/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2002/87/KE dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 40) | |
| **64** | Id-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120) | |

| | | |
|---|---|---|
| **65** | Id-Direttiva 2011/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li temenda d-Direttivi 98/78/KE, 2002/87/KE, 2006/48/KE u 2009/138/KE fir-rigward tas-superviżjoni supplimentari tal-entitajiet finanzjarji f'konglomerati finanzjarji (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 113) | |
| **66** | Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338) | |
| **67** | Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64) | il-31 ta' Diċembru 2023 (8) |
| **68** | **Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001 (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11)<br><br>Emendat bi: | fil-31 ta' Marzu 2018. |
| **69** | Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22) | |
| **70** | **Id-Direttiva 2009/110/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7)<br><br>Emendata bi: | fil-31 ta' Marzu 2016. |
| **71** | Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338) | it-30 ta' Settembru 2017 (3) |
| **72** | Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35) | it-30 ta' Settembru 2018 (4) |
| **73** | **Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)<br><br>Emendata bi: | fil-31 ta' Marzu 2016. |
| **74** | Ir-Regolament (UE) Nru 1022/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 5) | |

| | | |
|---|---|---|
| **75** | Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34) | |
| **76** | Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190) | il-31 ta' Marzu 2018 ([2]) |
